

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 54



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 61

13 ta' Frar 2018

Werrej

I Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet

RIŻOLUZZJONIJIET

Il-Kumitat tar-Reġjuni

Il-125 Sessjoni Plenarja tad-9, l-10 u l-11 ta' Ottubru 2017

2018/C 054/01	Riżoluzzjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Is-Semestru Ewropew 2017 u fid-dawl tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2018	1
2018/C 054/02	Riżoluzzjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar ir-rakkomandazzjonijiet lill-Kapjiet ta' Stat jew ta' Gvern li se jiltaqgħu fi Brussell fl-24 ta' Novembru 2017 għall-Ħames Summit tas-Sħubija tal-Lvant	5

OPINJONIJIET

Il-Kumitat tar-Reġjuni

Il-125 Sessjoni Plenarja tad-9, l-10 u l-11 ta' Ottubru 2017

2018/C 054/03	Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Il-finanzjament tal-azzjoni klimatika: għodda essenzjali għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi	9
2018/C 054/04	Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Il-futur tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa — Trasport	14
2018/C 054/05	Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar Analiżi tal-Implimentazzjoni Ambjentali	21
2018/C 054/06	Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Strateġija Ewropea dwar is-Sistemi tat-Trasport Intelliġenti u Kooperattivi	27
2018/C 054/07	Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Insaħħu r-reżiljenza territorjali: l-għoti tas-setgħa lir-reġjuni u lill-bliet biex jaffaċċjaw il-globalizzazzjoni	32
2018/C 054/08	Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Approċċ strateġiku għar-reżiljenza fl-azzjoni esterna tal-UE	38

MT

2018/C 054/09	Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Il-bini ta' ekonomija Ewropea tad- <i>data</i>	43
2018/C 054/10	Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni — Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u d-Dokument ta' Riflessjoni dwar id-dimensjoni soċjali tal-Ewropa	48
2018/C 054/11	Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Politika Ewropea dwar l-adattament antisismiku tal-istokk tal-bini u tal-infrastruttura	62
2018/C 054/12	Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Strategġija spazjali għall-Ewropa	66
2018/C 054/13	Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Ir-riforma tar-riżorsi proprji tal-UE fi ħdan il-QFP li jmiss wara l-2020	72
2018/C 054/14	Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Il-protezzjoni tat-tfal migranti	76

III *Atti preparatorji*

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Il-125 Sessjoni Plenarja tad-9, l-10 u l-11 ta' Ottubru 2017

2018/C 054/15	Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Il-pakkett tas-servizzi: ekonomija tas-servizzi li taħdem favur l-Ewropej	81
---------------	--	----

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

RIŻOLUZZJONIJIET

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

IL-125 SESSJONI PLENARJA TAD-9, L-10 U L-11 TA' OTTUBRU 2017

Riżoluzzjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Is-Semestru Ewropew 2017 u fid-dawl tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2018

(2018/C 054/01)

Imressaq mill-gruppi politiċi tal-PPE, il-PSE, l-ALDE, l-AE u l-KRE

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI (KtR),

- wara li kkunsidra d-dokumenti tas-Semestru Ewropew 2017, jiġifieri l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, ir-Rapporti tal-Pajjiżi, il-Programmi Nazzjonali ta' Riforma u r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi;
- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu dwar l-Istħarriġ Annwali tal-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tkabbir 2017 (RESOL-VI/019) adottata fit-8 ta' Frar 2017;
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Parlament Ewropew dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2017 (2016/2306 (INI));

Tnedija mill-ġdid tal-investimenti

1. jenfasisza li 55 % tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi kollha maħruġa fl-2017 jindirizzaw l-ostakli għall-investiment li jstgħu jingħelbu bl-għajjnuna tal-awtoritajiet lokali u reġjonali⁽¹⁾; ifakkar fil-ħtieġa li tiġi indirizzata d-diskrepanza bejn il-funzjonijiet u r-riżorsi finanzjarji tal-gvernijiet lokali u reġjonali;
2. jinsisti li l-politika ta' koeżjoni għandha tibqa' l-għodda ewlenija ta' investiment għall-UE. Madankollu, jikkunsidra li l-governanza u l-interazzjonijiet tagħha mas-Semestru Ewropew għandhom jittejjbu biex jiżjed aktar l-effett multiplikatur tal-infiq ta' koeżjoni u l-kontribut tiegħu għal tkabbir inklużiv u sostenibbli;
3. filwaqt li jilqa' l-introduzzjoni f'Jannar 2015 ta' marġnijiet ta' flessibilità fi ħdan il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, il-KtR jappella għal aktar miżuri biex tingħata spinta lill-investiment pubbliku, speċjalment fl-infrastruttura u l-inklużjoni soċjali, billi jiġi eskluż il-kofinanzjament nazzjonali, reġjonali jew lokali fil-kuntest tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej mill-mekkaniżmu ta' kontabilità tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, l-istess kif isir fil-każ tal-kofinanzjament marbut mal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, billi tiġi stabbilita tipoloġija fil-livell tal-UE għall-kwalità tal-investiment pubbliku fil-kontijiet tal-infiq pubbliku skont l-effetti fit-tul tiegħu, billi jsir rieżami tal-metodoloġija għall-kalkolu tad-"defiċit strutturali"

⁽¹⁾ Il-KtR, Semestru Ewropew 2016, Analiżi territorjali tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi, Rapport tal-Kumitat ta' Tmexxja tal-Pjattaforma għall-Monitoraġġ tal-Ewropa 2020.

sabiex jitqiesu l-karatteristiċi intrinżiċi tal-ekonomiji nazzjonali u d-differenzi strutturali tal-infiq pubbliku, u billi jiġi propost li indikatur relatat mar-rata tal-investment jiġi inkluż fit-tabella ta' valutazzjoni makroekonomika;

4. jinnota li l-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali (LRAs) huma involuti f'madwar 25 % tal-proġetti mill-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) ifffinanzjati mill-BEI, iżda, kif ħareġ minn studju reċenti kkummissjonat mill-KtR, għad hemm sfidi sinifikanti fl-involviment tagħhom, minħabba kapaċità amministrattiva, kumplessità intrinżika tal-FEIS u nuqqas ta' sensibilizzazzjoni dwaru fil-bliet u fir-reġjuni ⁽²⁾; jenfasizza li aktar sensibilizzazzjoni, appoġġ tekniku, konsultazzjoni u sinerġji ma' sorsi ta' finanzjament Ewropej oħra huma neċessarji biex jissaħħaħ l-involviment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali (LRAs) fl-implimentazzjoni tal-FEIS u jkun assigurat bilanċ ġeografiku aħjar bejn il-proġetti tal-FEIS;

5. jaqsam il-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-fatt li l-FEIS għadu "l bogħod milli jilħaq il-potenzjal sħiħ tiegħu biex i-żvilupp tal-kapital uman jingħata spinta. Għandhom jintużaw sforzi addizzjonali għat-tfassil ta' strumenti adattati għal dan is-settur u biex jiġi żgurat li atturi soċjali u finanzjarji jikkooperaw iktar mill-qrib" ⁽³⁾;

6. jissottolinja l-importanza tar-riformi strutturali kontinwi fil-livelli kollha ta' gvern u t-tneħħija tal-burokrazija li takkumpanja l-investimenti attwali sabiex jgħinu biex jitjiebu l-ambjenti tan-negozju u l-attrazzjoni għall-investment tal-ekonomiji tagħna;

7. jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-aċċess għall-finanzjament għadu sfida kbira għall-SMEs, in-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu (scale-ups) fl-Ewropa; jilqa' miżuri bħalma huwa l-Fond Ewropew ta' Kapital ta' Riskju; jistieden lill-Kummissjoni, b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali, biex tieħu aktar miżuri li jsaħħu l-investment privat u jipromwovu sorsi differenti ta' finanzjament;

It-tkomplija tar-riformi strutturali u politiki fiskali responsabbli

8. itenni s-sejħa tiegħu għal koordinazzjoni aktar b'saħħitha bejn il-miżuri Ewropej kollha għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet u s-semplifikazzjoni tal-fondi tal-UE; jenfasizza li 53 % tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi (CSRs) tal-2017 għandhom jindirizzaw kwistjonijiet ta' kapaċità amministrattiva, b'mod partikolari fil-livell sottonazzjonali;

9. jemmen li l-baġit tal-UE għandu jappoġġja lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex jimplimentaw riformi strutturali u jneħħu l-burokrazija żejda li takkumpanja l-investimenti attwali, u japprova għalhekk id-deċiżjoni meħuda f'Mejju 2017 dwar il-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali (2017-2020), b'valur ta' EUR 142,8 miljun li se jkun ta' kontribut għar-riformi istituzzjonali, amministrattivi u strutturali mmirati lejn l-iffinanzjar ta' azzjonijiet ta' valur miżjud Ewropew biex jissaħħu l-kompetittività, il-produttività, it-tkabbir, l-impjegi, il-kożjoni u l-investment;

10. itenni s-sejħa tiegħu lill-Kummissjoni sabiex tikkunsidra li tipproponi kapaċità fiskali għaż-żona tal-euro li taf tkun ta' għajnuna għall-istabilizzazzjoni taż-żona tal-euro jekk u meta meħtieġ;

11. jistieden lill-Kummissjoni biex tevalwa d-diffikultajiet li l-awtoritajiet reġjonali u lokali jistgħu jaffaċċjaw meta japplikaw id-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku u jenfasizza l-ħtieġa għal strumenti fil-livell lokali u reġjonali, bħal pereżempju ċentri ta' għarfien bħala mezz biex tittejjeb il-kapaċità amministrattiva fil-livelli kollha tal-gvern fir-rigward tal-akkwist pubbliku u l-għajnuna mill-Istat billi tingħata assistenza teknika u gwida;

12. jenfasizza l-ħtieġa għal tkabbir inklużiv u t-titjib tad-dimensjoni soċjali tal-UE permezz tal-implimentazzjoni ta' Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ⁽⁴⁾ permezz ta' aġenda soċjali Ewropea b'saħħitha, li fiha l-kompetittività u l-ġustizzja soċjali jikkomplementaw lil xulxin, u li jkunu jipprevedu fost l-oħrajn rwol akbar għall-indikaturi soċjali fis-Semestru Ewropew u konverġenza reali fil-pagi, b'konformità mal-produttività;

⁽²⁾ http://cor.europa.eu/en/documentation/studies/Documents/Implementation-EFSI/implementation_EFSI_pdf.pdf.

⁽³⁾ Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Semestru Ewropew 2017: Valutazzjoni tal-progress dwar riformi strutturali, il-prevenzjoni u l-korrezzjoni ta' żbilanċi makroekonomiċi, u riżultati tal-analiżijiet fil-fond skont ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 COM/2017/0090.

⁽⁴⁾ Opinjoni tal-KtR dwar "Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u d-dokument ta' riflessjoni dwar id-dimensjoni soċjali tal-Ewropa", relatur: Mauro D'Attis (PPE/IT), adottata mill-KtR fil-11 ta' Ottubru 2017 (SEDEC-VI/027).

13. jenfasizza fl-isfond tad-dokument ta' riflessjoni tal-Kummissjoni dwar "L-Utilizzazzjoni tal-Globalizzazzjoni" ⁽⁵⁾, il-ħtieġa li jkun hemm aktar benefiċjarji tal-benefiċċji tal-globalizzazzjoni, il-ħtieġa li l-kunċett ta' reżiljenza territorjali jiġi żviluppat aktar u li tiegħu il-promozzjoni ta' "riforzi strutturali fil-għama" u – li jinbena l-isforz tal-UE għall-utilizzazzjoni tal-globalizzazzjoni fuq tliet assijiet ewlenin: *strateġija proattiva* għat-titjib tal-ħiliet, l-għarfien, l-infrastruttura, *strateġija ta' mitigazzjoni* inkluż l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) u strumenti ta' politika oħrajn, u *strateġija ta' parteċipattiva* biex iċ-ċittadini Ewropej ikunu involuti aħjar fil-proċess ta' tfassil tal-politika tal-UE; jappella wkoll għal aġġornament tal-FEG billi jiżdied il-baġit tiegħu; – u jiġi integrat fil-QFP; – jitnaqqsu b'mod sinifikanti l-kriterji għall-attivazzjoni tal-FEG, – jiġu żgurati sinerġiji mal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej;

14. jinsisti li l-pressjonijiet globali attwali jirrikjedu strateġija industrijali tal-UE komprensiva u bbażata fuq il-post ⁽⁶⁾, li tinkludi l-koordinazzjoni strateġika bejn il-politiki u l-istrumenti rilevanti tal-UE;

Dwar is-Semestru Ewropew 2017 u fid-dawl tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabir 2018

15. jenfasizza li 76 % tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi kollha għall-Pajjiżi għall-2017 huma relatati mat-territorju, għaliex dawn jindirizzaw sfidi li jikkonċernaw xi reġjuni jew bliet aktar minn oħrajn, u l-implimentazzjoni tagħhom tiddependi fuq il-livelli sottonazzjonali tal-gvern; jinnota li 62 % ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet huma direttament indirizzati lejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali, u dan jenfasizza r-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fit-twettiq ta' riformi strutturali;

16. jenfasizza li żewġ terzi tal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma 2017 jagħrfu l-eżistenza tad-differenzi reġjonali, li kollha jirreferu għall-involvement tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-implimentazzjoni tal-PNR u li 70 % minnhom jirreferu għall-involvement tagħhom fit-tnejn tal-PNR, għalkemm primarjament, xorta waħda bi f'it li xejn konsultazzjoni;

17. jenfasizza li l-involvement fi stadju bikri tal-awtoritajiet lokali u reġjonali bħala msieħba fit-tfassil konġunt tal-PNR, u l-adozzjoni sistematika ta' approċċ ta' governanza f'diversi livelli, iżidu b'mod sinifikanti r-rata ta' implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet, jgħinu biex jiġu indirizzati d-disparitajiet reġjonali u jiffavorixxu responsabbiltà akbar fil-prattika, filwaqt li tissaħħaħ il-fiducia fi ħdan l-Istati Membri u bejniethom;

18. jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE biex jimplementaw il-proposta tal-KtR dwar Kodiċi ta' Kondotta għall-involvement tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fis-Semestru Ewropew ⁽⁷⁾ u jilqa' l-fatt li din ġiet approvata mill-Parlament Ewropew ⁽⁸⁾;

19. jirrakkomanda li l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabir 2018 jinkludi kapitolu speċifiku dwar l-istat tar-reġjuni u jindirizza r-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, u jitlob lill-Istati Membri biex jagħmlu l-istess fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom; jilqa' l-appoġġ li ntwerha għas-sejħa biex tingħata dimensjoni territorjali fir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea biex tiltaqa' mar-rappreżentanti tal-awtoritajiet lokali u reġjonali meta żżur il-pajjiżi fil-bidu tas-Semestru. Sabiex tiġi appoġġjata l-inklużjoni ta' dimensjoni territorjali fis-Semestru Ewropew, jenfasizza l-opportunità li wieħed mill-elementi inkorporati jkun it-tibdil demografiku, u b'hekk jintrabat mas-Semestru Ewropew, kif intqal fl-Opinjoni tal-KtR dwar ir-reazzjoni tal-UE għall-isfida demografika;

20. meta titqies id-diskrepanza attwali bejn il-proċess annwali tal-ħruġ tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi u l-approċċ għall-ipprogrammar għal perjodu medju u fit-tul mitlub mill-FEIS, itenni ⁽⁹⁾ l-konvinzjoni tiegħu li l-inklużjoni tal-politika ta' koeżjoni fil-programmi nazzjonali ta' riforma trid titfassal mill-ġdid b'tali mod li jinżammu d-dimensjoni territorjali u l-approċċ deċentralizzati ibbażat fuq l-ishubij;

⁽⁵⁾ Opinjoni tal-KtR dwar id-dokument ta' riflessjoni tal-Kummissjoni dwar "L-Utilizzazzjoni tal-Globalizzazzjoni", relatur: Micaela Fanelli (PSE/IT), adottata mill-KtR fl-10 ta' Ottubru 2017 (ECON-VI/024).

⁽⁶⁾ Opinjoni fuq inizjattiva proprja tal-KtR dwar "Strateġija Ewropea għall-industrija: ir-rwol u l-perspettiva tal-awtoritajiet lokali u reġjonali" qiegħda tiġi abbozzata bħalissa minn Heinz Lehmann (PPE/DE).

⁽⁷⁾ Opinjoni tal-KtR dwar "It-titjib tal-governanza tas-Semestru Ewropew: Kodiċi ta' Kondotta għall-involvement tal-awtoritajiet lokali u reġjonali", relatur Rob Jonkman (KRE/NL), adottata fil-11 ta' Mejju 2017.

⁽⁸⁾ Ara r-Riżoluzzjoni tal-PE dwar is-Semestru Ewropew 2016 adottata fis-26 ta' Ottubru 2016.

⁽⁹⁾ Opinjoni tal-KtR dwar "Il-futur tal-politika ta' koeżjoni wara l-2020 – Għal politika ta' koeżjoni Ewropea b'saħħitha u effettiva wara l-2020" relatur Michael Schneider (PPE/DE), adottata fil-11 ta' Mejju 2017.

21. jinnota li ħafna Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi ilhom imtennija għal diversi snin minħabba l-fatt li riformi kumplessi jieħdu ż-żmien biex jiġu implimentati; jinsab kuntent dwar il-fatt li l-Kummissjoni Ewropea taqşam is-suġġeriment, mogħti mill-KiR, li l-progress fl-implimentazzjoni ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet għandu jitkejjel fuq bażi pluriennali minflok annwali; jinnota li l-Kummissjoni sabet li, abbażi ta' dan, "madwar żewġ terzi tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi maħruġa sal-2016 ġew implimentati b'tal-inqas f'it progress"⁽¹⁰⁾ (meta mqabbla mat-43 % tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi kollha maħruġa fl-2016); jitlob lill-Kummissjoni biex tippubblika b'mod trasparenti l-elementi kollha ta' tali valutazzjoni;
22. jenfasizza li s-Semestru Ewropew jeħtieġ qafas ta' politika fit-tul; f'dan il-kontest jirrikonoxxi l-isforzi tal-Kummissjoni biex torbot l-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) mal-Istrateġija Ewropa 2020 u b'hekk mal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej. Madankollu, minħabba l-kumplessità u n-numru kbir ta' oqfsa ta' referenza differenti, jenfasizza l-ħtieġa għal koerenza fil-politiki, għal integrazzjoni u għal qafas ta' governanza konsistenti u jistenna li l-Kummissjoni toħroġ bi proposti rilevanti f'dan ir-rigward mill-aktar fis possibbli;
23. jenfasizza li l-kriżi Ewropea tar-refuġjati u l-migranti, li bdiet fl-2015, għadha problema serja ħafna għal ħafna reġjuni u awtoritajiet lokali. Għalhekk tirrikjedi rispons sinifikanti u konkret fil-livell Ewropew, anke mil-lat ta' fondi ġodda;
24. jiġbed l-attenzjoni, bi tħassib, għal-livell għoli ta' qgħad fit-tul, b'mod partikolari fost iż-żgħażaġh li jaffettwa l-ekonomiji ta' diversi Stati Membri tal-UE, jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jitħaffu l-miżuri neċessarji kollha sabiex jiġi appoġġjat is-suq tax-xoġhol;
25. jagħti struzzjonijiet lill-President sabiex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-President tal-Kunsill Ewropew u lill-Presidenza Estonjana tal-Kunsill tal-UE.

Brussell, il-11 ta' Ottubru 2017.

Il-President
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni
Karl-Heinz LAMBERTZ

⁽¹⁰⁾ Il-Komunikazzjoni tal-KE li takkumpanja r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi għall-2017, COM(2017) 500 final (https://ec.europa.eu/info/files/2017-european-semester-communication-country-specific-recommendations_mt)

Riżoluzzjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar ir-rakkomandazzjonijiet lill-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern li se jiltaqgħu fi Brussell fl-24 ta' Novembru 2017 għall-Ħames Summit tas-Sħubija tal-Lvant

(2018/C 054/02)

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI (KtR)

- wara li kkunsidra l-impenn kondiviż favur id-dritt internazzjonali u l-valuri fundamentali, inklużi d-demokrazija, l-istat tad-dritt, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali u l-ugwaljanza bejn is-sessi, kif ukoll favur l-ekonomija tas-suq, l-iżvilupp sostenibbli u l-governanza tajba, li fuqhom hija bbażata s-Sħubija tal-Lvant;
- wara li kkunsidra l-fatt li l-kunflitti armati u d-destabilizzazzjoni f'ħafna pajjiżi u reġjuni fil-viċinat tal-UE qed jimpedixxu l-iżvilupp ta' sħubijiet dejjiema ⁽¹⁾;
- wara li kkunsidra l-approċċ ibbażat fuq id-drittijiet, implimentat mill-UE sa mill-2016, li jinkludi d-drittijiet kollha tal-bniedem, kemm ekonomiċi, politiċi, ċivili, kulturali u soċjali, bħala wieħed mill-prinċipji gwida tal-assistenza finanzjarja tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat, u r-rwol importanti tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-ħarsien tad-drittijiet ewlenin fil-livell lokali u reġjonali, fost l-oħrajn il-protezzjoni tal-minoranzi;
- wara li kkunsidra l-prinċipji fundamentali tal-awtonomija lokali, li jirrappreżentaw valur Ewropew kodifikat fil-qafas tal-Karta Ewropea dwar l-Awtonomija Lokali;
- wara li kkunsidra l-importanza tal-involviment tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, iż-żgħażaġh u l-awtoritajiet lokali, b'mod partikolari fl-implimentazzjoni ta' oqfsa ġodda speċifiċi għall-pajjiż għal kooperazzjoni bilaterali, fil-forma ta' Aġendi ta' Assoċjazzjoni u Prijoritajiet tas-Sħubija aġġornati, b'mod li jikkontribwixxi għat-trasformazzjoni demokratika u ekonomika tal-pajjiżi msieħba ⁽²⁾ u jsaħħaħ ir-relazzjonijiet tagħhom mal-UE;
- wara li kkunsidra r-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fit-tisħiħ tar-reżiljenza, definita bħala kunċett wiesa' li jinkludi s-soċjetà kollha kemm hi, li tinkludi d-demokrazija, il-fiduċja fl-istituzzjonijiet, l-iżvilupp sostenibbli, u l-kapaċità ta' riforma ⁽³⁾;
- wara li kkunsidra r-rwol tal-Konferenza tal-Awtoritajiet Reġjonali u Lokali għas-Sħubija tal-Lvant (CORLEAP), kif rikonoxxut fir-Rapport dwar l-Implimentazzjoni tar-Rieżami tal-Politika Ewropea tal-Viċinat u d-Dokument ta' Ħidma Konġunt tal-Persunal dwar l-istadji importanti tas-Sħubija tal-Lvant lejn l-2020;
- wara li kkunsidra l-impenn tal-CORLEAP fir-rigward tal-ksib tal-oġettivi tas-Sħubija tal-Lvant skont il-Politika Ewropea tal-Viċinat rieżaminata u l-Istrateġija Globali tal-UE dwar il-Politika Barranija u ta' Sigurtà, biex tippromovi u timplimenta, fil-livell lokali, il-valuri universali li fuqhom hija msejsa l-UE, u ssaħħaħ il-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet lokali u reġjonali, l-assoċjazzjonijiet u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tagħhom, għall-benefiċċju taċ-ċittadini kollha;
- wara li kkunsidra r-rapport tal-CORLEAP dwar *L-iżvilupp tal-parteċipazzjoni ċivika bħala mod kif tissaħħaħ id-demokrazija lokali fil-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant* u r-rakkomandazzjonijiet fih;
- wara li kkunsidra r-rapport tal-CORLEAP dwar *L-effiċjenza enerġetika: ir-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali* u r-rakkomandazzjonijiet fih;
- wara li kkunsidra t-tnejdja ta' inizjattivi ġodda fil-qasam tal-iżvilupp muniċipali sostenibbli, bħalma huma s-Sindki għat-Tkabbir Ekonomiku u t-tieni fażi tal-Patt tas-Sindki tal-Lvant, li huma mudelli ta' governanza minn isfel għal fuq li kapaċi jstimulaw l-involviment tal-awtoritajiet lokali maċ-ċittadini u l-istituzzjonijiet internazzjonali u lokali;

⁽¹⁾ Opinjoni tal-KtR dwar ir-Rieżami tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, Ottubru 2016.

⁽²⁾ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sħubija tal-Lvant, Novembru 2016.

⁽³⁾ Komunikazzjoni Konġunta dwar Approċċ Strateġiku għar-Reżiljenza fl-azzjoni esterna tal-UE.

- wara li kkunsidra r-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-assistenza tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat għall-2014-2017;
- wara li kkunsidra aktar tisħiħ tal-kooperazzjoni mal-osservaturi permanenti ⁽⁴⁾ tal-CORLEAP u msieħba istituzzjonali oħra;

L-ambjent strateġiku

1. jenfasisza li l-awtoritajiet lokali u reġjonali qed ikomplu jiżviluppaw bħala atturi u dawk li jfasslu l-politika fi ħdan l-arkitektura tas-Sħubija tal-Lvant, billi ħafna mir-riżultati ewlenin tas-Sħubija tal-Lvant huma bbażati fuq il-kisbiet u l-isforzi kontinwi fil-livell sottonazzjonali, u jinħtieġ aktar appoġġ biex jippermettilhom jikbru fir-rwol tagħhom;
2. jilqa' r-rwol imsaħħaħ tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-implimentazzjoni tal-politiki, l-istrateġiji u l-inizjattivi ewlenin tas-Sħubija tal-Lvant, inkluż l-involvement akbar tagħhom fil-ħidma tal-pjattaformi multilaterali u l-bordijiet tagħhom;
3. jilqa' b'mod partikolari d-dibattiti fuq it-tisħiħ tad-demokrazija lokali u reġjonali fi ħdan il-Pjattaforma 1 tas-Sħubija tal-Lvant dwar id-demokrazija, il-governanza tajba u l-istabbiltà;
4. jirrakkomanda li jkun hemm impenn strutturat mal-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-assoċjazzjonijiet tagħhom bħala element trasversali ta' kull wieħed mill-erba' oqsma ta' prijorità tas-Sħubija tal-Lvant, filwaqt li jenfasisza li l-kuntatti bejn in-nies huma importanti daqs il-konnessjonijiet ekonomiċi u dawk tal-enerġija;
5. jenfasisza li l-involvement tal-awtoritajiet lokali u reġjonali huwa essenzjali fil-kuntest ta' struttura multilaterali aktar effiċjenti u effettiva tas-Sħubija tal-Lvant u jitlob għal korrelazzjoni mtejbja max-xogħol li twettaq il-CORLEAP;
6. jinsisti fuq il-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali tal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant fl-abbozzar ta' rakkomandazzjonijiet ta' politika u ta' leġislazzjonijiet, kif ukoll fuq l-involvement attiv tagħhom fin-negozjati mal-awtoritajiet ċentrali dwar il-proġetti u d-deċiżjonijiet ta' interess għal-livelli lokali u reġjonali;
7. jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta tal-Kummissjoni "20 Deliverables for 2020" bħala pass importanti sabiex jintlaħqu riżultati konkreti għaċ-ċittadini fil-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant, u jimpenja ruħu b'mod attiv li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' dawn il-miri tanġibbli;
8. jitlob appoġġ politiku, finanzjarju u tekniku adegwat għall-pajjiżi kollha tas-Sħubija tal-Lvant fi ħdan il-qafas ta' sħubijiet aktar effettivi u mmirati mal-UE, sabiex jiġi ggwidat aħjar il-proċess ta' riforma tagħhom, u bil-ħsieb li jiġu kkonsolidati d-demokrazija lokali u l-iżvilupp territorjali;

Id-demokrazija lokali u l-governanza tajba

9. jafferma mill-ġdid li l-għanijiet ġenerali tad-demokrazija lokali u r-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, inkluż permezz ta' proċess ta' deċentralizzazzjoni, għadhom fil-qalba tal-kontribut tal-CORLEAP għall-implimentazzjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat fil-livell lokali u reġjonali, irrispettivament mil-livell magħżul ta' sħubija mal-UE fi ħdan il-qafas ta' politika riveduta;
10. jistqarr li l-effikaċja tal-involvement tal-UE mal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant teħtieġ l-ogħla grad ta' parteċipazzjoni tal-komunitajiet lokali, li qed isiru dejjem aktar attivi;
11. jenfasisza li l-elezzjonijiet lokali huma essenzjali f'termini tal-involvement taċ-ċittadini u għandhom ikunu akkumpanjati minn proċess ta' riflessjoni dwar ħidma aktar effettiva għall-pubbliku;
12. iqis li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jinsabu f'pożizzjoni tajba biex jappoġġjaw l-iżvilupp ta' soċjetà ċivili b'saħħitha u biex jiġu żgurati d-demokratizzazzjoni u l-modernizzazzjoni tal-komunitajiet lokali;
13. jitlob li l-iskemi ta' finanzjament eżistenti tal-UE, partikolarment TAIEX u Twinning, ikomplu jiġu adattati sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-partijiet interessati lokali u reġjonali;
14. jinkoraġġixxi approċċ li jinvolvi diversi partijiet interessati għall-iżvilupp lokali u reġjonali fil-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant ibbażat fuq kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u ċ-ċittadini, b'rabta ma' diversi attivitajiet bħall-appoġġ għall-isport, l-assoċjazzjonijiet taż-żgħażaġh u l-anzjani, u ċ-ċentri taċ-ċittadini;

⁽⁴⁾ Forum tas-Soċjetà Ċivili, l-Assemblea Parlamentari tal-Euronest u l-Kungress tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali tal-Kunsill tal-Ewropa.

15. jappella biex ir-riformi effiċjenti ta' deċentralizzazzjoni jkunu akkumpanjati minn miżuri effettivi kontra l-korruzzjoni fil-livelli kollha ta' gvern, sabiex tiġi żgurata governanza aktar b'saħħitha b'impatt pożittiv fuq il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini;
16. jappella għal rwol akbar u riżorsi adegwati għall-assoċjazzjonijiet tal-awtoritajiet lokali u reġjonali biex jgħinu lill-awtoritajiet lokali u reġjonali sabiex jipparteċipaw fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' strateġiji u politiki nazzjonali/settorjali/reġjonali li jolqtuhom, u fil-provvista ta' servizzi;
17. jenfasizza l-ħtieġa għal djalogu miftuħ dwar l-amministrazzjoni pubblika inklużiva u r-riformi tal-gvern lokali, inkluż bħala parti mir-riformi territorjali, u dwar il-promozzjoni ta' kultura ta' sħubija bejn l-awtoritajiet lokali u dawk ċentrali;
18. jitlob għal approċċ dinamiku rigward it-trasparenza, l-integrità u kontra l-korruzzjoni fil-livelli kollha ta' governanza, inkluż fil-livell lokali, biex b'hekk tinbena l-fiduċja taċ-ċittadini fl-awtoritajiet pubbliċi u jittejeb l-ambjent għall-iżvilupp ekonomiku;
19. jippromovi approċċ imfassal apposta u multinazzjonali, sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet reali f'kull pajjiż, fl-aħjar interessi tal-komunitajiet lokali u reżiljenza aktar b'saħħitha fil-livell lokali;
20. jirrakkomanda qafas regolatorju trasparenti u sostenibbli li jippermetti lill-awtoritajiet lokali u reġjonali jsaħħu l-kapaċitajiet organizzattivi u istituzzjonali tagħhom;
21. itenni t-talba tiegħu għal aċċess semplifikat għall-fondi Ewropej għall-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili f'kooperazzjoni mal-gvernijiet sottonazzjonali;
22. jappella għal strateġiji, programmi u kurrikuli ta' bini tal-kapaċità, kemm għar-rappreżentanti lokali eletti kif ukoll għall-amministrazzjonijiet lokali, sabiex l-awtoritajiet lokali u reġjonali jkunu jistgħu jassumu responsabbiltà sħiħa għall-ġestjoni tas-servizzi li jipprovdu;
23. jitlob li l-kwistjonijiet marbuta mal-ugwaljanza bejn is-sessi jiġu kkunsidrati fir-riformi lokali u reġjonali kollha li għaddejjin sabiex jipprevjenu kwalunkwe diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess;
24. jitlob lill-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant biex jirrispettaw id-dritt ta' minoritajiet nazzjonali għal edukazzjoni fil-lingwi tagħhom konformi mal-Konvenzjoni Qafas għall-Ħarsien tal-Minoranzi Nazzjonali.
25. itenni t-talba tiegħu li r-rapporti annwali individwali tal-UE dwar il-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant għandhom jinkludu valutazzjonijiet tal-progress fl-iżvilupp ekonomiku reġjonali, il-proċess ta' deċentralizzazzjoni, l-awtonomija lokali u l-kooperazzjoni territorjali, bil-għan li jkompli jiġi adattat u mmirat l-appoġġ tal-UE;
26. jiġbed l-attenzjoni lejn is-sit web dwar it-Tqassim tas-Setgħat⁽⁵⁾, ospitat u żviluppat mill-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, li jipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-livelli istituzzjonali u fiskali tad-deċentralizzazzjoni fl-UE u fil-pajjiżi ġirien, u li jista' jappoġġja analiżi regolari bħal din;
27. jiġbed l-attenzjoni għar-rwol pożittiv li jaqdu l-KtR permezz tal-programm U-LEAD u t-Task Force tal-Ukrajna, li għinu biex jinxtered l-għarfien espert u t-tagħrif bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali mill-UE u l-Ukrajna;

L-effiċjenza enerġetika u l-iżvilupp ekonomiku lokali

28. jilqa' l-fatt li waħda mill-prijoritajiet ewlenin tas-Sħubija tal-Lvant hija li tipprovdi għajnuna lill-pajjiżi msieħba għal politiki li jiffokaw fuq l-effiċjenza enerġetika;
29. jistieden lill-gvernijiet nazzjonali sabiex iżidu l-appoġġ finanzjarju tagħhom u l-kompetenzi attribwiti lill-komunitajiet, li huma meħtieġa biex jiġu żviluppati strateġiji lokali tal-enerġija;
30. jappoġġja l-programmi speċifiċi tal-Kummissjoni Ewropea għall-awtoritajiet lokali u reġjonali tas-Sħubija tal-Lvant;
31. jistieden lill-Kummissjoni taħdem flimkien mad-delegazzjonijiet tal-UE sabiex iżżid b'mod sostanzjali l-viżibbiltà tal-programmi ta' kooperazzjoni fil-livell reġjonali u lokali, u ssaħħaħ il-bini tal-kapaċità fil-livell sottonazzjonali;

⁽⁵⁾ www.cor.europa.eu/divisionofpowers.

32. jirrakkomanda l-promozzjoni u t-tisħiħ tal-inizjattivi reġjonali u lokali bil-għan li jittejbu l-kundizzjonijiet tal-investiment fil-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant, bħal sħubijiet politiċi u ekonomiċi bejn ir-reġjuni u l-bliet, l-assoċjazzjonijiet intraprenditorjali u n-netwerks tal-UE u tas-Sħubija tal-Lvant;
33. jirrakkomanda li jintlaħaq qbil dwar proġetti pilota settorjali fi ħdan ir-riżultati għall-2020, li l-implimentazzjoni tagħhom tkun fidejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali, sabiex tkun tista' tinkiseb l-esperjenza fil-proċessi ta' deċentralizzazzjoni;
34. jemmen li huwa essenzjali li jkun hemm aktar riżorsi disponibbli għall-kooperazzjoni transkonfinali, b'enfasi partikolari fuq il-kuntatti bejn in-nies, is-sħubijiet bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali, u l-iskambji xjentifiċi, kulturali u taż-żgħażaġh; l-estensjoni tal-Fond għal Proġetti Żgħar għall-pajjiżi fil-viċinat tista' tagħti spinta lill-kooperazzjoni fil-livell lokali;
35. jistieden lill-gvernijiet nazzjonali sabiex jiffaċilitaw ir-reġistrazzjoni tal-proġett u, fejn rilevanti, l-involviment tar-Raggruppamenti Ewropej ta' Kooperazzjoni Territorjali (REKT) u r-reġjuni jew il-bliet rispettivi tagħhom fi programmi ta' kooperazzjoni transkonfinali, bil-għan li jiġu implimentati proġetti bbażati fuq il-bżonnijiet territorjali;
36. jinsisti li l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom ikunu involuti fl-eżerċizzju ta' programmazzjoni relatat mal-programmi bilaterali ta' assistenza ġodda fil-qafas tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat għall-2017-2020.

Brussell, il-11 ta' Ottubru 2017.

Il-President
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni
Karl-Heinz LAMBERTZ

OPINJONIJIET

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

IL-125 SESSJONI PLENARJA TAD-9, L-10 U L-11 TA' OTTUBRU 2017

Opinjoni tal-Kumitat Eropew tar-Reġjuni — Il-finanzjament tal-azzjoni klimatika: għodda essenzjali għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi

(2018/C 054/03)

Relatur: Marco Dus (IT/PSE), Membru tal-Kunsill Muniċipali ta' Vittorio Veneto, Treviso**Dokument ta' referenza:** Opinjoni fuq inizzjattiva proprja**RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA**

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

1. ifakkar li attwalment teżisti evidenza xjentifika indiskutibbli dwar it-tisħin globali u li dan it-tibdil se jkollu effetti sinifikanti u dejjem jikbru fuq l-ekonomija u fuq is-soċjetà b'mod ġenerali. B'mod partikolari, it-tibdil fil-klima għandu impatt kbir fuq it-territorju mmexxi mill-awtoritajiet lokali u reġjonali. Ħafna drabi l-awtoritajiet lokali u reġjonali jkunu minn ta' quddiem nett sabiex itaffu l-ħsara kkawżata minn fenomeni naturali li qed isiru dejjem aktar estremi u sabiex jinvestu f'miżuri ta' adattament;
2. jinsab imħasseb dwar l-effetti tat-tibdil fil-klima anke lil hinn mill-konfini tal-UE, fejn ta' spiss huma f'tit il-kapaċitajiet sabiex jiġu indirizzati avvenimenti ambjentali estremi u sabiex it-territorju jiġi adattat għat-tibdil attwali, u jfakkar li dan jista' jkollu effetti diretti anke fuq il-fenomeni migratorji;
3. iqis li, minkejja xi diffikultajiet marbuta mal-limitazzjonijiet baġitarji, mal-kapaċitajiet ta' ppjanar fit-tul u mal-ġestjoni ta' proġetti kumplessi, l-awtoritajiet lokali u reġjonali tal-UE għandhom margniet tajbin sabiex itejbu l-kapaċità tagħhom li jwettqu investimenti (u sabiex jattirawhom minn barra) fil-qasam tat-tibdil fil-klima; Dan l-impenn huwa essenzjali biex titjeb aktar il-prestazzjoni ġenerali tajba tal-UE li bħalissa hija responsabbli għal 9,6 % tal-emissjonijiet globali ta' CO₂;
4. jenfasizza li l-investimenti meħtieġa sabiex jiġu indirizzati l-isfidi marbuta mat-tibdil fil-klima huma kbar ħafna u ma jistgħux jiġu koperti b'riżorsi lokali u reġjonali u lanqas b'riżorsi pubbliċi biss. Għaldaqstant jilqa' b'sodisfazzjon l-inizzjattivi internazzjonali, Ewropej u nazzjonali li għandhom l-għan li jimmobilizzaw l-investimenti privati.

L-azzjonijiet internazzjonali

5. jisħaq għal darb'oħra, li l-problema tat-tibdil fil-klima hija waħda globali, iżda sabiex tiġi indirizzata bl-aktar mod effettiv huwa meħtieġ approċċ ta' governanza f'diversi livelli u bil-parteċipazzjoni ta' diversi partijiet ikkonċernati. Fid-dawl ta' dan, jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tirrakkomanda, anke fir-rigward tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC), li r-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali jiġi rikonoxxut u sfruttat sabiex l-oġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi jintlaħqu b'mod aktar effettiv;

6. minkejja l-ambizzjonijiet relattivament impressjonanti u l-impenn muri minn xi pajjiżi li qed jiżviluppaw, mhuwiex aktar aċċettabbli l-progress kajman fil-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi min-naħa ta' xi pajjiżi u lanqas mhuwa aċċettabbli li l-Istati Uniti tal-Amerika jirtiraw mill-impenni meħuda. Il-Kumitat tar-Regġuni jtenni bis-sħiħ li ż-żamma tal-obiettivi tal-Ftehim mhijiex għażla iżda bżonn. Għalhekk, iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa kollha sabiex l-UE tkun tista' tkun il-mexxej internazzjonali veru fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, filwaqt li tilqa' bis-sħiħ l-oportunitajiet ta' innovazzjoni u żvilupp relatati ma' tranżizzjoni gradwali lejn mudell ekonomiku u finanzjarju ġdid;

7. iqis neċessarju li l-COP23 li jmiss f' Bonn ma tillimitax ruħha sabiex tkun laqgħa bejn esperti iżda li tkun tista' tikkonkludi bi progress sostanzjali lejn l-implimentazzjoni sħiħa tal-Ftehim ta' Pariġi, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-aspetti relatati mal-finanzjamenti għall-azzjoni klimatika (il-bżonn li jiġi stimolat il-finanzjament għall-klima fit-tul, revizzjoni tal-mekkaniżmu finanzjarju, eċċ.);

8. jipproponi li matul il-perkors ta' aġġustament lejn il-COP24 futura f'Katowice, tinbeda diskussjoni internazzjonali fi ħdan l-UNFCCC dwar liema indikaturi jistgħu eventwalment jintrabtu mal-kunċett tal-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra sabiex titressaq azzjoni kontra t-tibdil fil-klima li tkun aktar effikaċi;

9. iqis li, f'kuntest internazzjonali fejn xi pajjiżi diġà wrew ambizzjoni limitata, ir-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali huwa fundamentali biex jinvolvu u jagħmlu l-popolazzjoni konxja dwar is-suġġett tat-tibdil fil-klima, sabiex jiġi attirat l-investment kif ukoll sabiex jiġu implimentati proġetti konkreti. Madankollu, sabiex dan l-impenn jitwettaq, huwa meħtieġ li jkun hemm għarfien, disponibbiltà u kapaċità ta' ġestjoni finanzjarja diretta min-naħa tal-awtoritajiet lokali u reġjonali. F'dan ir-rigward, il-Kumitat jenfasizza r-riżultati tajbin li qed jikseb il-Patt tas-Sindki u l-ftuħ riċenti tiegħu lil hinn mill-konfini tal-UE. Għalhekk il-Kumitat jistieden lill-Kummissjoni Ewropea ssaħħaħ l-inizjattiva u tippromovi kemm jista' jkun il-Patt Globali tas-Sindki, billi ttiprovdi assistenza finanzjarja u teknika, speċjalment fil-pajjiżi li fihom jidher ċar li l-ambizzjoni nazzjonali mhix biżżejjed;

10. jirrikonoxxi li parti mis-soluzzjoni hija marbuta ma' funzjonament aktar effiċjenti tas-swieq finanzjarji globali. Għalhekk iqis li hija prijorità li l-investituri jkunu jafu aħjar ir-riskji u l-oportunitajiet marbuta mat-tibdil fil-klima, b'mod li jkunu jstgħu jindirizzaw ruħhom lejn investimenti aktar sostenibbli, u jilqa' bi pjaċir ir-rakkomandazzjonijiet finali tal-grupp ta' ħidma għat-trasparenza tal-informazzjoni dwar l-espożizzjoni finanzjarja relatata mat-tibdil fil-klima tal-Kunsill għall-istabbiltà finanzjarja. Madankollu, il-Kumitat tar-Regġuni jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tivvaluta l-effetti tal-iżvelar tar-riskji tal-klima sabiex f'dan il-qasam tkun tista' tintuża għodda ta' mitigazzjoni tal-ispejjeż għall-awtoritajiet lokali u reġjonali pereżempju, fil-każ li l-ispejjeż tal-assigurazzjoni jżidiedu b'rata mgħaġġa;

11. jilqa' l-inizjattiva tal-OECD li tibni s-Centre on Green Finance and Investment (Ċentru dwar il-Finanzi u l-Investimenti Ekoloġiċi) bl-objettiv li tappoġġja t-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika, b'livell baxx ta' emissjonijiet u reżiljenti għat-tibdil fil-klima, u jistenna bil-ħerqa koordinazzjoni bejn l-inizjattivi internazzjonali u l-inizjattivi Ewropej.

L-azzjonijiet Ewropej

12. jirrikonoxxi li l-UE tat bidu għal bosta inizjattivi xierqa dwar is-suġġett tal-finanzjamenti għall-klima bħat-tnejja min-naħa tal-Kummissjoni Ewropea tal-grupp ta' esperti ta' livell għoli rigward il-finanzi sostenibbli, il-Fond Ewropew għall-effiċjenza fl-enerġija, l-obbligi ekoloġiċi (Bond għal Kuxjenza Dwar il-Klima) tal-Bank Ewropew tal-Investment, il-mekkaniżmu ta' assistenza Ewropea għall-Enerġija lokali (ELENA), iddedikat sabiex jipprovdi assistenza teknika, l-istrumenti finanzjarji tal-programm LIFE, u ħafna oħrajn. B'mod partikolari, il-Kumitat jilqa' b'sodisfazzjon ir-referenzi għas-suġġett tas-sostenibbiltà ambjentali fil-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni Ewropea għall-Unjoni tas-Swieq Kapitali (CMU); Filwaqt li dawn l-inizjattivi kollha huma valutati b'mod pożittiv ħafna, il-KtR jirrakkomanda li tiġi evitata kull sovrappożizzjoni u li jittieħed kont sħiħ tal-koordinazzjoni bejn il-politiki u l-inizjattivi kollha fil-livell Ewropew;

13. b'mod partikolari, sabiex ikun hemm titjib fil-koordinazzjoni tal-inizjattivi attwali u biex tiġi ggarantita aktar koerenza tal-politiki Ewropej, jagħti parir lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tivvaluta s-sinerġiji possibbli bejn il-grupp ta' esperti ta' livell għoli dwar il-finanzi sostenibbli u l-grupp ta' esperti ta' livell għoli li nħoloq reċentament "Support to Circular Economy Financing" (Appoġġ għall-Finanzjament tal-Ekonomija Ċirkolari);

14. jipproponi, fid-dawl tad-diskussjoni dwar il-qafas finanzjarju pluriennali ġdid (QFP) tal-UE li se jibda jopera wara l-2020, li s-suġġetti tat-tibdil fil-klima u tas-sostenibbiltà jsiru karatteristika dominanti trasversali għall-programmi kollha ta' finanzjament, b'obiettivi ta' livelli ta' allokkazzjonijiet minimi li huma indirizzati għall-klima kemm għall-QFP fl-intier tiegħu

kif ukoll għall-programmi ewlenin ta' finanzjament (mill-fondi strutturali sal-programm qafas ġdid għar-riċerka u l-innovazzjoni) u jappella sabiex dawn il-prijoritajiet ikunu konformi mal-għanijiet tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-UE;

15. jissuġġerixxi li l-valutazzjoni ta' impatt ex-ante tal-proposti leġislattivi tal-UE tkun dejjem akkumpanjata minn valutazzjoni tal-impatt klimatiku u tal-kontribut sabiex jintlaħqu l-oġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi. Din l-attività għandha tkun il-prekursur għall-iżvilupp ta' strateġija għal perjodu fit-tul omoġena u sostenibbli rigward il-klima li tippermetti aktar investiment fl-adattament għall-klima, kif innotat ukoll reċentement il-Qorti Ewropea tal-Awdituri ⁽¹⁾;

16. jitlob li l-Kummissjoni Ewropea tagħti mandat lill-Awtorità Bankarja Ewropea sabiex fl-iqsar żmien possibbli (iżda wara l-konsultazzjoni adegwata tal-partijiet interessati rilevanti u jiġi inkluż is-settur privat kif xieraq) tħejji klassifikazzjoni preċiża ta' assi sostenibbli li tkun tinkludi definizzjonijiet ċari u vinkolanti ta' "finanzi għall-klima", "finanzi ekoloġiċi", "finanzi sostenibbli" u "finanzi ċirkolari", fejn il-punt tat-tluq ikunu l-inizjattivi eżistenti (bħal, pereżempju l-obbligi ekoloġiċi tal-BEI). Barra minn hekk, tassonomija komuni Ewropea, għandha tkun akkumpanjata minn linji gwida għall-investituri u minn tikkettar adatt, abbażi ta' indikaturi xierqa ta' prestazzjoni, sabiex b'hekk tista' tingħata valutazzjoni sintetika u sempliċi tal-kwalità tal-assi;

17. jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet lokali u reġjonali, biex joħlqu sistema regolatorja stabbli u prevedibbli għal investimenti relatati mat-tibdil fil-klima. Dan huwa ta' importanza kbira biex jitravwem l-involviment tas-settur privat fil-finanzjament għall-klima;

18. ihegġegħ lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sabiex, meta jirrevedu r-regolamentazzjoni prudenzjali bankarja, iqisu serjament il-possibbiltà li jinkludu "fattur ta' sostenn ekoloġiku" fuq il-mudell tal-fattur ta' sostenn infrastrutturali propost mill-Kummissjoni Ewropea fir-reviżjoni attwali tar-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital (CRR), sabiex ir-riżorsi jkunu jistgħu jintużaw għall-investimenti privati bi tnaqqis fl-obbligi tal-kapital għal istituzzjonijiet li jippermettu self għall-investimenti sostenibbli u għall-klima;

19. jirrikonoxxi li suq effikaċi u effiċjenti tal-permessi ta' emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra, u li jkun regolat mill-iskema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS), huwa parti mis-soluzzjoni għall-problema tat-tibdil fil-klima, jekk jiġi implimentat flimkien ma' politika ambizzjuża dwar l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u l-enerġija rinnovabbli. Għalhekk jiddispuja li l-proposta biex tiġi emendata l-iskema ETS ippreżentata mill-Kummissjoni Ewropea fl-2015 għadha ma kisbitx l-approvazzjoni finali, filwaqt li l-prezzijiet għall-permessi ta' emissjonijiet għandhom baxxi wisq. Il-kumitat itenni li perċentwal minimu ta' dħul mill-irkant tal-ETS għandu jiġi amministrat direttament mill-awtoritajiet lokali u reġjonali sabiex jinvestu fit-tiġib tar-reżiljenza lokali. Il-kumitat jistieden ukoll lill-Kummissjoni tivvaluta miżuri eċċezzjonali, bħal pereżempju tistabbilixxi livell minimu tal-prezzijiet tal-karbonju jew terġa' tivvaluta taxxa Ewropea fuq il-karbonju;

20. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea biex tiċċara l-inċertezzi rigward l-investiment fil-bijokarburanti – minħabba l-fatt li għal dawn tal-aħħar, il-Kummissjoni tat biss derogi temporanji mir-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat f'dak li għandu x'jaqsam ma' taxxi fuq l-enerġija u taxxi fuq il-karbonju – u huwa daqstant importanti li jitnaqqas il-piż amministrattiv relatat mal-enerġija rinnovabbli, sabiex jiġi evitat li dawn huma ogħla minn dawk għal karburanti fossili;

21. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea ssaħħaħ il-kwota tal-baġit immirata għall-azzjonijiet tal-klima u għas-sostenibbiltà ambjentali fil-programmi tagħha ta' għajjnuna għall-iżvilupp u li huma mmirati għall-pajjiżi terzi, fuq il-bażi ta' dak li ġie approvat reċentement mill-Parlament Ewropew fir-Regolament li jwaqqaf il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD) li stabbilixxa mira ta' 28 % tal-baġit totali għall-investimenti klimatiki. Barra minn hekk, jitlob li l-proġetti jipprevedu parteċipazzjoni akbar min-naħa tal-awtoritajiet lokali u reġjonali tal-UE bl-għan li dawn jikkondividu l-esperjenzi tagħhom ta' suċċess mal-awtoritajiet lokali u reġjonali ta' pajjiżi terzi u, fl-istess waqt, iżidu l-għarfien. Il-prinċipji tal-"ġustizzja klimatika" għandhom ikunu fil-qalba tal-impenji li jsiru flivell internazzjonali sabiex jiġi żgurat li l-investimenti jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem u jgħinu l-komunitajiet l-aktar vulnerabbli għat-tibdil fil-klima, anke billi tinholqu klima ta' kooperazzjoni bejn atturi pubbliċi u privati, f'konformità ma' dak li hemm stabbilit fl-Oġettiv 17 tal-Għanijiet tal-Iżvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti ⁽²⁾;

⁽¹⁾ "Landscape review: EU action on energy and climate change 2017." <http://www.eca.europa.eu/en/Pages/DocItem.aspx?did=41824>

⁽²⁾ Goal 17: Revitalize the global partnership for sustainable development: <http://www.un.org/sustainabledevelopment/globalpartnerships/>

22. jenfasizza li, xi minn daqqiet, il-leġislażżjoni dwar l-għajnuna mill-Istat u/jew l-istandards Ewropej tal-Kontabbiltà għall-awtoritajiet pubbliċi, li ta' spiss huma stretti, jistgħu jikkumplikaw aktar l-investimenti ambjentali u dawk relatati mal-klima. Għaldaqstant, jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tivverifika jekk hemmx spazju għall-immanuvrar sabiex dawn l-investimenti jsiru aktar favorevoli mil-lat tal-kontabbiltà;

23. iqis utli l-ħolqien ta' għodda ad hoc biex ittejjeb il-kapaċità tal-awtoritajiet lokali u reġjonali sabiex jindirizzaw l-inizjattivi eżistenti diversi, jaċċessaw finanzjamenti għall-klima u jiksbu assistenza teknika xierqa. Għalhekk, il-KtR joffri l-appoġġ xieraq tiegħu lill-Kummissjoni Ewropea għat-tfassil ta' manwal operattiv li joffri mmappjar sempliċi u komplut tal-opportunitajiet ta' finanzjament fil-livell Ewropew u internazzjonali mmirat għall-awtoritajiet lokali u reġjonali. jissuġġerixxi wkoll li sinteżi tal-immappjar tista' tkun disponibbli għall-partijiet interessati kollha permezz ta' portal web, b'mod li tkun tista' toffri sors ta' informazzjoni uniku li jiġbor fil-qosor il-fondi disponibbli kollha sabiex jiġu finanzjati azzjonijiet għall-klima;

L-azzjonijiet nazzjonali u lokali

24. jitlob lill-Istati Membri jinvolvu aktar l-awtoritajiet lokali u reġjonali fid-definizzjoni tal-pjani nazzjonali għall-enerġija u l-klima bl-għan li tissaħħaħ il-koordinazzjoni bejn il-pjani nazzjonali u dawk lokali u reġjonali, f'konformità mal-Artikolu 4 tal-Ftehim ta' Pariġi li jirregola l-kontributi ddeterminati fil-livell nazzjonali sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra;

25. ifakkar fil-proposta tiegħu biex jittejjeb l-involviment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, li hija indikata fl-Opinjoni tiegħu dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea "It-twassil tal-benefiċċji tal-politiki ambjentali tal-UE permezz ta' Analiżi regolari tal-Implimentazzjoni Ambjentali – COM(2016)316⁽³⁾" li fiha jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tikkollabora mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali kompetenti, mal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni nnifsu, mal-Patt tas-Sindki tal-UE, mal-Patt Globali tas-Sindki għall-klima u l-enerġija u mal-Kunsill Internazzjonali għall-Inizjattivi Ambjentali Lokali (ICLEI) fir-rigward tal-iżvilupp tal-kunċett ta' "kontributi stabbiliti fil-livell lokali u reġjonali" u tal-metodi sabiex jiġu introdotti dawn il-kontributi. L-awtoritajiet lokali u reġjonali pijunieri f'dan il-qasam jiġu involuti fuq bażi volontarja ta' "prova tal-validità tal-kunċett".

26. jissuġġerixxi li l-pjani nazzjonali għall-enerġija u l-klima jinkludu programmi ta' investimenti klimatiċi fuq medda ta' żmien medju dwar l-azzjonijiet ewlenin ipplanati, identifikati skont il-livell (nazzjonali jew sottonazzjonali) u skont l-appoġġ meħtieġ sabiex tiġi indirizzata kull lakuna fil-finanzjament, anke sabiex għal dan il-għan jiġu vvalutati l-użu ta' għodod finanzjarji innovattivi;

27. fid-dawl tal-importanza tal-pjani ta' azzjoni għall-enerġija sostenibbli sabiex jintlaħqu l-kontributi ddeterminati fil-livell nazzjonali u tal-UE għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra, jipproponi li wieħed jipprova jinvolvi b'mod effettiv l-awtoritajiet lokali u reġjonali filwaqt li jiġu ssemplifikati l-implimentazzjoni ta' dawn il-pjani, il-proċess ta' rappurtar u s-sistema ta' monitoraġġ tagħhom; L-allinjament bejn strateġiji nazzjonali u l-Pjani ta' Azzjoni għall-Enerġija Sostenibbli u l-Klima (SECAP) tal-awtoritajiet lokali għandu jitqies f'dan ir-rigward. Ir-riżorsi għal SECAPs, f'konformità mal-metodoloġija tal-Patt tas-Sindki, għandhom jiġu promossi aktar mill-Kummissjoni u appoġġjati mill-gvernijiet nazzjonali;

28. jirrikonoxxi li l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jiġu meħjuna sabiex ikollhom fehim ċar tar-riskji klimatiċi fit-territorju tagħhom sabiex ikunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet bl-aħjar mod possibbli. Li jittejbu l-valutazzjoni soċjoekonomika, ir-rappurtar u l-komunikazzjoni jgħin biex jiġi artikolat l-impatt tal-azzjoni klimatika fuq is-soċjetà, l-informazzjoni għat-teħid tad-deċiżjonijiet u l-allokazzjoni tar-riżorsi. L-immappjar tar-riskji ambjentali disponibbli permezz tal-pjattaforma Ewropea dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima (Climate-ADAPT)⁽⁴⁾ hija inizjattiva pożittiva u utli, minkejja li mhijiex daqstant magħrufa u, f'dak li għandu x'jaqsam mad-data reġjonali u lokali, hija magħmula minn informazzjoni frammentata. Hemm b'żonn ġenerali biex titqajjem kuxjenza dwar l-azzjoni tal-UE u l-għodod għall-adattament tal-klima fil-livell lokali. Għalhekk il-Kumitat jistieden lill-Kummissjoni Ewropea żżid l-appoġġ għall-pjattaforma sabiex tikkompleta d-data u xxerred ir-riżultati b'aktar attenzjoni mogħtija lil-livell reġjonali u dak lokali bħala l-ewwel intervent fi kriżi;

⁽³⁾ Abbozz ta' Opinjoni ENVE-VI/021, li se tiġi vvutata fil-plenarja ta' Ottubru 2017, bit-titolu Rieżami tal-Implimentazzjoni Ambjentali (EIR).

⁽⁴⁾ <http://climate-adapt.eea.europa.eu/>

29. jixtieq jenfasizza wkoll l-importanza li jiġu żviluppati strumenti bħalma huma l-bonds ekoloġiċi u l-garanziji kollettivi sabiex jiġi ffaċilitat il-finanzjament. Dawn jistgħu jiġu żviluppati mill-awtoritajiet lokali u reġjonali bil-kooperazzjoni jew bl-appoġġ ta' istituzzjonijiet nazzjonali u Ewropej. Bħalissa hemm bosta eżempji tajbin ta' dan;

30. jistieden lill-Istati Membri jippremjaw l-azzjonijiet ta' finanzjament għall-klima mmexxija mill-awtoritajiet lokali permezz ta' programmi speċifiċi (kif previst pereżempju mill-Patt dwar il-Klima tal-Lussemburgu ⁽⁵⁾), li jiggwarantixxi riżorsi addizzjonali għall-awtoritajiet lokali li qed jimpenjaw ruħhom sabiex jimplementaw ċerti azzjonijiet ta' effiċjenza fl-enerġija), jew itaffu restrizzjonijiet interni li jista' jkun hemm rigward finanzi pubbliċi, jew, aktar minn hekk, jagħtu forom oħra ta' appoġġ;

31. ihegġegħ lil dawk kollha li jfasslu l-politika u b'mod partikolari l-gvernijiet nazzjonali jipproponu u jimplementaw miżuri kuraġġużi, li fl-ewwel lok ma jħarsux lejn il-gwadann elettorali ta' qasir żmien iżda lejn il-konsegwenzi tal-azzjonijiet (jew in-nuqqas ta' azzjonijiet) għall-ġenerazzjonijiet futuri, kemm f'termini ta' saħħa u kwalità ambjentali kif ukoll f'termini ekonomiċi. Għaldaqstant jissuġġerixxi li s-sussidji għall-attivitajiet ekonomiċi b'impatt ambjentali għoli (u b'hekk ikkaratterizzati minn emissjonijiet għoljin) u filwaqt li jitqiesu r-riskji ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, jitnaqqsu gradwalment sal-punt li jispiċċaw għalkollox fi żmien raġonevolment qasir u fi kwalunkwe każ sal-2035.

32. jirrakkomanda li jiġu żviluppati pakketti ta' miżuri ġenerali komuni u integrati fil-qasam tat-titjib tal-effiċjenza enerġetika u t-tnaqqis tal-marka tal-karbonju kemm għal binjiet antiki kif ukoll għal dawk ġodda, jiġi applikat rekwiżit minimu ta' effiċjenza u ta' prestazzjoni tal-enerġija għal bini ġdid, kif ukoll jiġu mmobilizzati l-finanzjamenti meħtieġa biex tizzied l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija fil-bini eżistenti.

Brussell, l-10 ta' Ottubru 2017.

Il-President
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni
Karl-Heinz LAMBERTZ

⁽⁵⁾ <http://www.pacteclimat.lu/fr>

Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Il-futur tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa — Trasport

(2018/C 054/04)

Relatur: Ximo PUIG I FERRER (ES/PSE), President tal-Gvern Reġjonali ta' Valenzja

RAKKOMANDEZZJONIJIET TA' POLITIKA**IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI****Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa b'perspettiva reġjonali**

1. ifakkar li, sa mill-bidu, il-proċess ta' integrazzjoni tal-Unjoni Ewropea kien ikkaratterizzat minn żieda kostanti tar-relazzjonijiet u s-sħubijiet ekonomiċi, politiċi u soċjali bejn ir-reġjuni li jagħmlu parti minnha. It-trasport huwa kontributur ewlieni għall-prosperità ekonomika u soċjali fl-UE billi jgġenera l-kummerċ, irawwem it-*tkabbir ekonomiku* u jipprovdi miljuni ta' impjiegi. Politika Ewropea moderna għall-infrastruttura tat-trasport tappoġġja l-ksib tal-għanijiet ewlenin tal-Unjoni Ewropea kif definiti fl-Istrateġija Ewropa 2020, "il-White Paper tal-2011 dwar it-*Trasport*", u l-10 prioritajiet tal-Kummissjoni Juncker, bħal ngħidu aħna l-funzjoni tajba tas-suq intern u t-tiħiħtal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali;
2. jirrikonoxxi li l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li ġiet adottata fl-2013, bħala qafas legali komuni u strument ta' finanzjament għas-settur tat-trasport, tirrappreżenta element fundamentali għall-iżvilupp tan-*Netzwerk* tat-*Trasport Trans-Ewropew (TEN-T)* u, għaldaqstant, għall-progress integrali lejn viżjoni aktar deċiżivament Komunitarja. L-adozzjoni tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa kienet maħsuba bħala strument ta' kofinanzjament essenzjali għat-*tnedija* u l-*ikkompletar* tal-*infrastrutturi* u s-*servizzi* tat-*TEN-T*. Għal din ir-raġuni, għandha tiġi assoċjata mal-*benesseri soċjali*, il-*koeżjoni*, il-*ħolqien tal-impjiegi* ⁽¹⁾, it-*tkabbir ekonomiku* u s-*sostenibbiltà ambjentali* ⁽²⁾; għaldaqstant, għal Ewropa mingħajr *TEN-T* u mingħajr Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa l-*ispiża* mġarrba tkun akbar mill-finanzjament attwalment allokat għalihom ⁽³⁾;
3. jilqa' b'*sodisfazzjon* l-*isforzi* li saru matul din l-*evalwazzjoni* ta' nofs it-terminu mil-lat tat-*trasparenza* u l-*parteċipazzjoni*, il-*għbir* ta' *proposti* mill-*partijiet interessati* u l-*konsultazzjoni* tal-Kumitat tar-Reġjuni (KtR) ⁽⁴⁾;
4. jemmen li, fil-kuntest tal-*evalwazzjoni* ta' nofs it-terminu tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, ser ikun neċessarju li nippromovu *ż-żamma* u t-*titjib* tas-*sisien tagħha* u l-*importanza tagħha* mil-lat tal-*kompetittività*. Għandhom jitjiebu wkoll il-*kapital soċjali* tal-Ewropa u l-*koeżjoni territorjali* Ewropea, kif ukoll l-*idea* ta' *ċittadinanza Ewropea* kondiviża bil-*moviment liberu* tal-*persuni* u l-*merkanzija*, li jirrappreżenta l-*essenza* tal-*proġett Ewropew*. Dan it-*titjib* ifisser li huwa neċessarju li l-Faċilità tiġi riveduta mil-lat tal-*allokazzjoni baġitarja*, il-*proċeduri*, il-*kriterji* u l-*proċeduri* tal-*għażla* tal-*proġetti*, il-*għestjoni*, il-*monitoraġġ* u l-*valutazzjoni tagħhom*;

⁽¹⁾ "TEN- Corridors: Forerunners of a forward-looking European Transport System (2016), P. Balázs, P. Cox, C. Trautmann, P. Wojciechowski, L. Brinkhorst, M. Grosch, u K. Peijs: <http://www.europarl.europa.eu/cmsdata/116220/tent-issues-papers.pdf>

⁽²⁾ TEN- Corridors: Forerunners of a forward-looking European Transport System, 2016.

⁽³⁾ The cost of non-completion of the TEN-T (2016), Fraunhofer Institut für System und Innovationsforschung (ISI): <https://ec.europa.eu/transport/sites/transport/files/2015-06-fraunhofer-cost-of-non-completion-of-the-ten-t.pdf>.

⁽⁴⁾ Mid-term evaluation of the Connecting Europe Facility (MCE): <https://ec.europa.eu/energy/en/consultations/mid-term-evaluation-connecting-europe-facility-cef>.

5. barra minn hekk, iwissi li xi wħud mill-kunsiderazzjonijiet magħmula mill-KtR għadhom validi, sa mill-adozzjoni tagħhom fl-2013⁽⁵⁾. Uħud mill-aspetti li jistgħu jittejjbu jirrigwardaw allokkazzjoni baġitarja insuffiċjenti, id-dubji dwar il-koordinazzjoni tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u fondi oħra, il-kumplessità proċedurali tal-istrument, ir-rwol insuffiċjenti tal-gvernijiet lokali u reġjonali u n-nuqqas tas-sussidjarjetà fil-fażijiet distinti tal-ippjanar u tat-twettiq tal-proġetti kofinanzjati⁽⁶⁾;

6. josserva li l-Unjoni Ewropea, fil-linji gwida tagħha għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport, tfakkar fl-importanza tal-politiki integrati, u tosserva l-ħtieġa li jiġu żgurati “l-aċċessibilità u l-konnettività tar-reġjuni kollha fl-Unjoni, inklużi r-reġjuni mbegħdin, insulari u ultraperiferiċi”; għaldaqstant, il-KtR jitlob li dawn ir-reġjuni li, sfortunatament, huma esklużi min-netwerk prinċipali, ikunu eliġibbli għal azzjonijiet fil-qafas tal-awtostradi tal-baħar;

7. jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni Ewropea li d-dinja qed tesperjenza bidliet radikali fir-relazzjoni bejn l-iżvilupp ekonomiku u territorjali, kif ukoll rigward il-ħolqien ta' tip ġdid ta' sistema urbana u makroreġjonali li topera fil-livell globali u lokali fl-istess ħin⁽⁷⁾. Għal din ir-raġuni, kwalunkwe riforma tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għandha tikkunsidra d-dibattiti dwar kif l-infrastrutturi strateġiċi Ewropej tat-trasport jistgħu jikkontribwixxu għar-rilokazzjoni tal-attività industrijali fl-Ewropa⁽⁸⁾; kif ir-riskju ġeopolitiku globali jolqot it-tqassir tal-ktajjen ta' valur; l-importanza tal-kwalità tal-istrutturi ta' ġestjoni tal-gvernijiet reġjonali; il-proċessi ta' integrazzjoni teknoloġika u ż-żieda fl-inugwaljanzi reġjonali intrastatali (reċentement ir-reġjuni qed jissemmew fil-proċessi ta' diverġenza tal-PDG per capita u tal-koeżjoni intrastatali marbuta ma' proċessi ta' konverġenza bejn l-Istati⁽⁹⁾). Fl-istess ħin, rigward id-dinamika negattiva, għandu jiġi nnotat li l-proċessi ta' aġġustament baġitarju obligaw lir-reġjuni jnaqqsu l-investimenti tagħhom speċjalment f'setturi relatati mal-infrastrutturi tat-trasport⁽¹⁰⁾. Barra minn hekk, filwaqt li fl-2014 l-investiment pubbliku kien qiegħed jirkupra bil-mod fil-gvernijiet ċentrali bl-użu wkoll tad-defiċit pubbliku⁽¹¹⁾, it-tnaqqis ippersista fl-oqsma sottonazzjonali, li wassal biex żdiedu d-disparitajiet reġjonali u ssaħħet iċ-ċentralizzazzjoni. Fir-reviżjoni futura tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għandu jiġi kkunsidrat dan il-kuntest il-ġdid u jiġu kkunsidrati wkoll miżuri biex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-infrastruttura strateġika tat-trasport Ewropew sabiex jitnaqqsu r-riskji identifikati fl-oqsma industrijali u ġeopolitiċi, tiġi kkompensata ż-żieda tad-disparitajiet reġjonali u jitreggħu lura x-xejriet negattivi fl-investiment pubbliku;

Il-finanzjament

8. jirrikonxxi x-xewqa tal-Kummissjoni li t-TEN-T jiġi ffinanzjat permezz tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa. Il-baġit inizjali allokat ta' EUR 33,2 miljun irrikjeda impenn finanzjarju sinifikanti; barra minn hekk, l-intenzjonijiet tal-mekkaniżmu li jkollu l-appoġġ tal-kapital u tal-inizjattivi privati jirrikjedi impenn konsiderevoli mil-lat tal-kofinanzjament⁽¹²⁾;

⁽⁵⁾ Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar “Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa” (CdR 648/2012 fin) tal-Kumitat tar-Reġjuni, adottata fis-96 sessjoni plenarja tat-18 u d-19 ta' Lulju 2012.

⁽⁶⁾ *Results of the OECD-CoR consultation of sub-national governments. Infrastructure planning and investment across levels of government: current challenges and possible solutions* (2016): <http://cor.europa.eu/en/documentation/brochures/Documents/Results%20of%20the%20OECD-CoR%20consultation%20of%20sub-national%20governments/2794-brochureLR.pdf>.

⁽⁷⁾ *Macro-regional strategies in changing times* (2016) u *The State of European Cities 2016: Cities leading the way to a better future* (2016).

⁽⁸⁾ Eurofound. *ERM annual report 2016: Globalisation slowdown? Recent evidence of offshoring and reshoring in Europe* (2017), J. Hurley, D. Storrie and E. Perruffo: <https://www.eurofound.europa.eu/publications/annual-report/2017/erm-annual-report-2016-globalisation-slowdown-recent-evidence-of-offshoring-and-reshoring-in-europe>.

⁽⁹⁾ “OECD Regional Outlook 2016. Productive regions for inclusive societies” (2016): <http://www.oecd.org/publications/oecd-regional-outlook-2016-9789264260245-en.htm>.

⁽¹⁰⁾ “OECD Regions at a Glance 2016” (2016) (http://www.oecd-ilibrary.org/governance/oecd-regions-at-a-glance-2016_reg_glance-2016-en).

⁽¹¹⁾ Kapitulu 2 “Using the fiscal levers to escape the low-growth traps”: <https://www.oecd.org/eco/public-finance/Using-the-fiscal-levers-to-escape-the-low-growth-trap.pdf>

⁽¹²⁾ *Assessment of Connecting Europe Facility: in-depth analysis* (2016), J. Papi, M. Sanz and Blomeyer, R. (2016): [http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/IDAN/2016/572677/IPOL_IDA\(2016\)572677_EN.pdf](http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/IDAN/2016/572677/IPOL_IDA(2016)572677_EN.pdf)

9. jiddispcjati, madankollu, dwar il-limiti baġitarji mġarrba bħala riżultat tal-politiki ta' aġġustament implimentati matul dawn l-aħħar għaxar snin. It-tnaqqis esperjenzat matul l-ewwel snin ta' applikazzjoni tagħhom jista' jfisser li ma jkunux jistgħu jintlaħqu l-miri stabbiliti għall-perjodu 2020, 2030 (network ewlieni) jew 2050 (network komprensiv);
10. ifakkar, f'dan ir-rigward u fil-kuntest tar-reviżjoni tal-programm pluriennali, li l-miri stabbiliti fir-Regolamenti (UE) Nru 1345/2013 u (UE) Nru 1216/2013 huma impenji Komunitarji vinkolanti;
11. jitlob, għalhekk, li jiġu analizzati bir-reqqa l-possibiltajiet li tiżdied l-allokazzjoni attwali tiegħu, billi tingħata attenzjoni partikolari għall-ħtiġijiet espressi mill-atturi lokali, metropolitani u reġjonali, biex isir titjib tal-koordinazzjoni tad-diversi fondi (il-FEIS, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, il-Fondi ta' Koeżjoni) jew strumenti oħrajn proposti mill-BEI – filwaqt li jiġi evitat li l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa ma titnaqqasx aspejjeż tal-FEIS għal darb'oħra – u għal kjarifika tal-iskeda ta' sejħiet speċifiċi – u biex dan isir b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà (approċċ minn isfel għal fuq); Dawn is-sejħiet jistgħu jiġu ppubblikati fil-bidu tal-perjodu tal-perspettivi finanzjarji u jippermettu pjanar aħjar u, għaldaqstant, il-partijiet interessati jkunu jistgħu jantiċipaw il-pubblikazzjoni tagħhom;
12. jenfasizza li l-finanzjament mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u mill-faċilitajiet l-oħrajn relatati m'għandux ikun f'kompetizzjoni mal-FEIS jew mal-istrateġija tiegħu bbażata fuq is-suq, li għandha l-għan li tlaqqa' flimkien fondi ġodda u timmobilizza kapital inattiv. Għalhekk jemmen li l-FEIS u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għandhom għanijiet differenti, u għalhekk m'għandhomx jitqiesu bħala sostituti ta' xulxin. Madankollu, f'każijiet fejn jista' jkun hemm sinerġiji bejn iż-żewġ fondi, tkun mixtieqa l-aqwa taħlita possibbli ta' dawn ir-riżorsi biex jiġi stimulat l-investiment fl-UE;
13. jirrakkomanda, barra minn hekk, li fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (il-Brexit), il-Kummissjoni tnedi l-għodod politiċi u leġislattivi meħtieġa biex tiżgura allokazzjoni baġitarja suffiċjenti għall-politika tat-trasport TEN-T, b'allokazzjonijiet baġitarji provviżorji u flessibbli li jistgħu jiżdiedu f'każ ta' bżonn;
14. jinnota li kwalunkwe dewmien fl-implimentazzjoni tal-elementi tan-network TEN-T ser iwassal għal anqas opportunitajiet ta' tkabbir għar-reġjuni involuti fil-proġett u ser jillimita l-impatt tal-kooperazzjoni tan-network interreġjonali;
15. huwa tal-fehma li, fid-dawl tal-ħtieġa biex tiżdied l-attività tal-pajjiżi ta' koeżjoni, iżda wkoll biex tinżamm il-komplementarjetà bejn il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u l-fond ta' koeżjoni, għandha tinżamm l-allokazzjoni baġitarja għall-pajjiżi ta' koeżjoni;

L-għażla, il-ġestjoni tal-proġetti u l-governanza

16. jistieden lill-Kummissjoni tagħmel sforz deċiżiv għat-titjib f'dak li jirrigwarda l-għażla, il-ġestjoni tal-proġetti, il-governanza u s-sorveljanza tal-attivitàjiet relatati mal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa permezz ta' inizjattivi bħal:
- azzjoni biex is-sejħiet għal proġetti jkunu aktar prevedibbli;
 - emenda tan-natura mhux vinkolanti, b'konformità mal-Artikolu 17(3) tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013, tal-implimentazzjoni tal-proġetti prijoritarji f'Parti I tal-Anness I imsemmi;
 - l-iżvilupp tal-idea ta' "valur miżjud Ewropew" bħala kriterju għall-għoti tal-proġetti, filwaqt li jitqies il-kuntest partikolari tar-reġjuni ultraperiferiċi;
 - is-semplifikazzjoni tal-proċeduri ta' applikazzjoni kif ukoll l-għoti ta' assistenza teknika speċjalizzata fir-rigward tat-tfassil u l-ġestjoni tal-proġetti;
 - l-istabbiliment ta' mekkaniżmi b'żewġ jew tliet fażijiet li jinkoraġġixxu l-preżentazzjoni ta' proposti semplifikati fl-ewwel fażi, li jitolbu proposti aktar elaborati biss fit-tieni jew it-tielet fażi fejn diġà jkun hemm ċertezza finanzjarja akbar;
 - l-istabbiliment ta' metodoloġija ċara u trasparenti permezz ta' parametri pubbliċi għall-għażla u l-iffirmar tal-proġetti;
 - l-inklużjoni ta' kriterji ta' ġestjoni komuni tal-proġetti kif ukoll il-konsultazzjoni tar-reġjuni fl-istadju tal-valutazzjoni tal-proġetti;
 - il-kjarifika tal-proċessi u l-kriterji għall-monitoraġġ u l-kontroll tal-proġetti kofinanzjati;

- l-iżvilupp ta' prinċipji dwar il-politika dwar l-informazzjoni fl-istadji kollha tal-għażla, l-approvazzjoni u l-implimentazzjoni tal-proġetti;
- it-tiżhij tar-rwol tal-forums Ewropej tal-kuritur trans-Ewropej b'tali mod li tittejjeb il-kapaċità tat-teħid ta' deċiżjonijiet tagħhom fir-rigward tal-iżvilupp ta' infrastruttura strateġika, essenzjali għall-funzjonament tajjeb u ċ-ċirkolazzjoni tal-flussi fil-kuritur bħar-rotot transkonfinali, il-konġestjoni tat-traffiku, nodi urbani portwarji ⁽¹³⁾ u konnessjonijiet neqsin ⁽¹⁴⁾ (missing links), fost l-oħrajn;
- perjodu itwal li matulu jinżammu miftuħa s-sejħiet għal proposti;

17. huwa tal-fehma li l-finanzjament tat-TEN-T permezz ta' strument kondiviż mal-enerġija u t-telekomunikazzjonijiet huwa artifiċjali. Il-politika tat-trasport ġiet stabbilita b'mod ċar, u għalhekk il-KtR jirrakkomanda li jkollha l-istrumenti proprji tagħha;

18. iwissi li l-Istati Membri, speċjalment dawk li huma benefiċjarji tal-Fond ta' Koeżjoni, għandhom jagħmlu aktar użu mill-għajjnuna teknika li hija disponibbli għall-programmi operattivi sabiex jittejjeb l-kapaċitajiet tal-korpi lokali u reġjonali u ta' parteċipanti oħrajn li jassorbu l-fondi tal-UE. Fil-qafas tal-istrument tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, huwa partikolarment importanti li l-Istati Membri l-anqas żviluppatti jħejju wkoll proġetti ta' kwalità bl-għajjnuna ta' riżorsi ta' assistenza teknika u b'hekk ikunu kandidati ugwali fuq l-istess livell ta' Stati Membri oħrajn huma u japplikaw għas-sejħiet għall-proposti għal kofinanzjament mill-UE;

19. huwa tal-fehma li l-finanzjament tal-proġetti tat-trasport permezz tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għandu jibbaża prinċipalment fuq għotjiet iżda s-self, il-garanziji u l-fondi proprji jistgħu wkoll ikunu adatti;

Ir-rwol tar-reġjuni u l-bliet

20. jinnota l-livell għoli ta' responsabilità tar-reġjuni u tal-awtoritajiet lokali fil-fażi tal-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-investimenti pubbliċi b'mod ġenerali. Fl-2014, il-gvernijiet sottonazzjonali tal-OECD kienu responsabbli għal 40 % tal-infiq pubbliku, 50 % tal-akkwist pubbliku, 59 % tal-investment pubbliku u 63 % tal-infiq fuq il-persunal pubbliku ⁽¹⁵⁾;

21. għandu jifakkar, f'dan ir-rigward, li l-Unjoni Ewropea tistabbilixxi livelli varjabbli ta' fiduċja fl-istituzzjonijiet skont il-qasam territorjali tal-gvern (ġeneralment livell oġhla ta' fiduċja aktar kemm l-istituzzjoni tkun qrib iċ-ċittadin) ⁽¹⁶⁾. Illum, il-fiduċja tal-pubbliku fl-amministrazzjoni sottonazzjonali hija akbar milli fl-awtoritajiet pubbliċi fl-livell oġhla ⁽¹⁷⁾. Barra minn hekk, ir-reġjuni u l-gvernijiet lokali huma l-livell fejn l-aħjar li jispikkaw il-ħtiġijiet u r-riżorsi, tiġi inkorporata b'mod aktar faċli l-kooperazzjoni pubblika-privata u l-ġestjoni hija aktar suxxettibbli li tkun soġġetta għall-obbligu ta' rendikont u t-trasparenza. Għalhekk, ir-reviżjoni li jmiss tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għandha tiġi trattata mill-perspettiva tal-"koproduzzjoni" tat-TEN-T bejn amministrazzjonijiet b'diversi livelli ⁽¹⁸⁾;

22. f'dan ir-rigward, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-pjani infrastrutturali tal-Istati Membri jinkorporaw l-għanijiet tat-TEN-T, filwaqt li jagħtu prijorità lill-proġetti tal-Istati Membri li huma b'konformità mat-TEN-T;

23. għalhekk jitlob li l-Kummissjoni tiddeċentralizza kemm il-proċessi tal-għażla tal-proġetti, kif ukoll il-ġestjoni, il-monitoraġġ u l-kontroll tagħhom permezz ta' parteċipazzjoni akbar mir-reġjuni fil-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li tinvolvi:

⁽¹³⁾ Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Bliet portwarji u żoni tal-portijiet", adottata fil-121 sessjoni plenarja, 8 u 9 ta' Frar 2017.

⁽¹⁴⁾ Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Konnessjonijiet neqsin fit-trasport fir-reġjuni tal-fruntiera" (ĊDR 4294/2016), adottata fil-121 sessjoni plenarja, 8 u 9 ta' Frar 2017.

⁽¹⁵⁾ Ara n-nota 10 ta' qiegħ il-paġna.

⁽¹⁶⁾ "Political trust and multilevel government", J. Muñoz, f'"Handbook on Political Trust" (2017) editat minn S. Zmerli & T. W. G. van der Meer: <http://doi.org/10.4337/9781782545118>

⁽¹⁷⁾ Mistoqsija "QA8a" Ewrobarometru standard 86 (Novembru, 2016): <http://ec.europa.eu/COMMFrontOffice/publicopinion/index.cfm/Survey/getSurveyDetail/instruments/STANDARD/surveyKy/2137>

⁽¹⁸⁾ *Europe as a multilevel federation* (2017), M. Keating, fil-Journal of European Public Policy, 24 (4), *El poder de lo próximo: las virtudes del municipalismo* (2016) J. Subirats; *Las ciudades ante el cambio de era: la nueva gobernanza urbana: actores e instrumentos* (2016) J.M. Pascual u J. Subirats.

- l-eliminazzjoni tal-hteġa ta' approvazzjoni statali meta jiġu ffirmati l-proġetti (favur kriterju bbażat iktar fuq is-sussidjarjetà), u b'hekk ir-reġjuni jkunu jistgħu jiffirmaw il-proġetti;
- l-in klużjoni, għaldaqstant, tal-awtoritajiet lokali u r-reġjuni fost il-partijiet li huma intitolati taħt l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 1316/2013 billi jkunu awtorizzati biex jippreżentaw u jaqblu dwar it-tressiq ta' proposti;
- id-diversità fil-kompetenzi tar-reġjuni skont l-ordni kostituzzjonali ta' kull Stat Membru għandha tippermetti l-parteċipazzjoni, mingħajr l-ebda restrizzjoni, tar-reġjuni fil-laqgħat tal-Forums Ewropej dwar il-kurituri tat-TEN. F'dawn il-laqgħat għandhom jissaħħu kemm l-istrumenti ta' koordinazzjoni vertikali bejn il-livelli tal-gvern kif ukoll l-istrumenti ta' koordinazzjoni orizzontali bejn il-gvernijiet sottonazzjonali;
- l-implimentazzjoni ta' kooperazzjoni bejn il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u t-TEN-T bi strateġiji territorjali ġodda bħall-istrateġiji makroreġjonali tal-UE (għall-Baħar Baltiku, 2009; għad-Danubju, 2010; għar-Reġjun Adrijatiku u Joniku, 2014; u għall-Alpi, 2015) u inizjattivi oħra ta' bażi ġeografika, li jikkoordinaw azzjonijiet bi strumenti bħar-Raggruppamenti Ewropej ta' Kooperazzjoni Territorjali (REKT) u forums bħan-Nordregio, VASAB, eċċ. Barra minn hekk, f'żoni fejn qed jiżviluppaw il-makroreġjuni u dawn għandhom strateġiji u dokumenti tekniċi għat-trasport u s-servizzi tal-loġistika, huwa rrakkomandat li dawn jiġu inklużi wkoll;
- l-inklużjoni tar-reġjuni fid-definizzjoni u t-fassil tal-programmi ta' ħidma, qabel is-sejħiet għall-offerti;

Il-livell lokali-reġjonali b'rabta ma' dak globali

24. jinsisti fuq il-benefiċċji ġenerali li jirrappreżenta l-ikkompletar tat-TEN-T għall-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini tal-UE. Għaldaqstant, biex tingħata viżibbiltà akbar lill-proġett kollu fil-livell Ewropej u biex jiġu ffaċilitati l-istrateġiji tat-trasport Ewropej, jirakkomanda li l-awtoritajiet pubbliċi jagħmlu mod li n-netwerk kollu tat-TEN-T jagħtuh viżibbiltà b'mod uniformi madwar l-Unjoni Ewropea, filwaqt li jidentifikaw l-infrastrutturi tan-netwerks, in-nodi u l-kurituri ewlenin u komprensivi, u jirakkomanda li l-awtoritajiet pubbliċi jittrattaw b'mod speċifiku n-nodi tan-netwerk bħala punti ta' aċċess b'rabtiet ċari u speċifikati tajjeb ma' netwerks sekondarji u terzjarji tat-trasport. F'dan ir-rigward, jipproponi li l-Istati Membri u r-reġjuni jqisu t-TEN-T għat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-flussi lokali tat-toroq u l-ferroviji reġjonali, bil-għan li tiġi żgurata perspettiva integrata li twassal għal mobilità akbar u aħjar għaċ-ċittadini kollha, fattur kruċjali għall-inklużjoni soċjali u għall-ħarsien tal-ambjent; bl-istess mod jirakkomanda li jiġu kkunsidrati b'mod speċifiku r-reġjuni insulari sabiex jiġu stabbiliti b'mod adegwat il-konnessjonijiet neċessarji fl-ajru u fil-baħar, li jiggarrantixxu l-aċċess taċ-ċittadini u l-merkanzija għan-netwerk ewleni taħt l-inqas kundizzjonijiet onerużi possibbli;

25. jiġbed l-attensjoni għall-bżonn li tiġi stabbilita l-infrastruttura meħtieġa fil-livell lokali u reġjonali fir-reġjuni fejn jeżistu problemi fir-rigward tal-ferroviji, sabiex jiġi żgurat li dawn ikunu jistgħu jużaw it-trasport ferrovjaru taħt kundizzjonijiet simili għal dawk li jeżistu fi Stati Membri oħra;

26. f'dan ir-rigward jirakkomanda li jiġu eżaminati fid-dettall il-kwistjonijiet marbuta mal-komunikazzjoni tal-kisbiet u t-trasparenza tal-għanijiet u r-riżultati. Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u l-mapep tat-TEN-T għandhom jitqarrbu lejn iċ-ċittadini b'punti ta' informazzjoni, infografika u dokumenti;

27. jinnota li, attwalment, hemm nuqqas ta' koordinazzjoni effettiva u rabta tal-investimenti ewlenin fil-qasam tat-trasport identifikati fid-dokumenti ta' strateġija fil-livell Ewropej, nazzjonali u reġjonali. L-awtoritajiet reġjonali ma ġewx inklużi fil-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jillimita l-opportunitajiet għall-valutazzjoni tal-valur miżjud, il-koerenza u l-komplementarjetà tal-investimenti ppjanati li jużaw sorsi differenti ta' finanzjament. Jista' jkun hemm funzjoni ta' koordinazzjoni permezz tal-istrateġiji makroreġjonali tal-UE;

28. josserva li l-finanzjament disponibbli għandu jkun ikkonċentrat primarjament fuq in-netwerk ewleni primarju prijoritarju, filwaqt li tiġi kkunsidrata l-possibbiltà li jissaħħu l-interkonnessjonijiet modali (portwarji u ferrovjarji). Kwalunkwe fond li jifdal jista' jintuża għal appoġġ sekondarju iżjed robust għal proġetti fuq skala teknika u baġitarja iżgħar, b'inqas possibbiltajiet ta' aċċess għal finanzjament privat addizzjonali (minħabba inqas qligħ ekonomiku fuq perjodu qasir ta' żmien), bil-kundizzjoni li jkollhom "valur miżjud Ewropej" qawwi, pereżempju konnessjonijiet naturali man-netwerk ewleni jew li jikkomplementawh b'elementi ta' importanza reġjonali jew interreġjonali, dejjem bil-kundizzjoni li jissodisfaw

kriterji ta' natura strateġika, f'perjodu qasir ta' żmien. Dan għandu jiġi żviluppat f'qafas futur ta' reviżjoni bidirezzjonali: proġetti li jikkontribwixxu għal fluwidità akbar tat-tranżitu tal-merkanzija u tal-passiġġieri mill-kuraturi prijoritarji u proġetti li jżidu valur ċar ta' aċċessibilità, konnettività u koeżjoni territorjali;

29. huwa tal-fehma li għandha tiġi kkunsidrata d-dimensjoni "esterna" tat-TEN-T, speċjalment fir-rigward ta' pajjiżi terzi u oqsma ta' kooperazzjoni strateġika, bħall-Mediterran, ir-reġjun tal-Baħar Baltiku, il-Viċinat tal-Lvant, iż-Żona Ekonomika Ewropea attwali u futura u reġjuni oħra ta' interess ġeopolitiku u ekonomiku partikolari;

Il-prijoritajiet

30. jikkonferma t-tliet għanijiet u persentaġġi speċifiċi tat-trasport għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, imsemmija fil-Parti IV tal-Anness I. Madankollu, jitlob li jiġi emendat l-Artikolu 10 tar-Regolament li jindirizza l-ispejjeż eliġibbli, filwaqt li jitlob li dawn jiżdiedu għall-azzjonijiet fin-nodi urbani prijoritarji, il-portijiet, it-trasport marittimu, u l-pjattaformi u l-konnessjonijiet multimodali (bħan-netwerks ta' trasport ferrovjarju u bit-triq ikkombinat) u tal-"aħħar mil";

31. jipproponi li nimxu lejn definizzjoni ta' standard tekniku komuni tal-proġetti eliġibbli taħt il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa sabiex tinkiseb armonizzazzjoni, fi ħdan l-Unjoni, tal-veloċità, il-prestazzjoni, l-affidabbiltà, u l-gejġ tal-linji ferrovjarji tal-Unjoni Internazzjonali Ferrovjarja (UIC) tal-kuraturi tat-TEN-T, kif ukoll tal-istandards li jirregolaw l-istazzjonijiet tal-iċċarġjar tagħhom għal karburanti alternattivi;

32. iqis li t-trasport transkonfinali għandu jkun prijorità: dawn il-partijiet tan-netwerk huma l-inqas interessanti għall-Istati Membri u mingħajr dubju jipprovdu valur miżjud Ewropew;

33. jipproponi li l-Aġenda Urbana tal-Unjoni Ewropea tnedi sħubija ġdida dwar in-nodi tat-trasport li tikkomplementa s-sħubija diġà fis-seħħ dwar il-mobbiltà urbana. Ikkollha l-għan li tanalizza netwerks tat-TEN-T li jgħaddu min-nodi urbani u metropolitani u l-integrazzjoni tagħhom fil-kuntesti urbani, il-loġistika urbana u b'mod speċjali l-proġetti tal-"ewwel u l-aħħar mil", kif tafferma mill-ġdid ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Jannar 2017 dwar il-loġistika u t-trasport multimodali fil-kuraturi tat-TEN-T⁽¹⁹⁾. Kif tindika din ir-Riżoluzzjoni, huwa fin-nodi urbani li hemm il-parti l-kbira tal-modi tat-trasport u fejn iseħħu t-trażbordi u d-distribuzzjonijiet tal-aħħar mil, fatturi ewlenin fil-katina loġistika, u huwa minħabba dawn iż-żoni li jeħtieġ li jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet neċessarji għall-interkonnessjoni tan-netwerks;

34. Barra minn hekk, għandu jitqies it-tisħiħ tal-koeżjoni territorjali permezz tal-implimentazzjoni sħiħa tal-gejġ tal-UIC fin-netwerk ferrovjarju tal-UE, filwaqt li tiġi enfasizzata l-importanza tar-rotot ranskonfinali – biex b'hekk pereżempju s-suq intern tal-vetturi ferrovjarji jsir aktar kompetittiv – u billi jissaħħu l-bilanċi territorjali bl-inklużjoni ta' kriterji għall-"aċċessibilità" u l-"konnettività" għar-reġjuni kollha tal-Unjoni għal wara l-2020;

Sostenibbiltà fit-trasport

35. ifakkar fl-importanza kruċjali tas-sostenibbiltà ambjentali għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u konsegwentement jirrakkomanda żieda fil-fondi għal dan is-suġġett fl-allokazzjoni, filwaqt li jitqiesu l-effetti tat-tibdil fil-klima. F'dan ir-rigward jitlob li jkun hemm appoġġ akbar permezz ta' mekkaniżmi ewlenin għall-allokazzjoni tal-proġetti, għall-istrumenti, bħall-"Awtostradi tal-Baħar", relatati mal-multimodalità fit-trasport – b'effetti importanti f'dak li jirrigwarda d-dekarbonizzazzjoni – kif ukoll proġetti oħra fl-istess vena li jipromovu s-sostenibbiltà ekonomika, soċjali u ambjentali u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima: l-estensjoni tan-netwerks ferrovjarji elettriċi u stradali tal-iċċarġjar għal karburanti alternattivi u l-isfruttar tal-potenzjal tat-teknoloġiji diġitali fis-settur tat-trasport u miżuri għall-adattament tal-faċilitajiet portwarji. Huwa jirreferi wkoll għall-Opinjoni tiegħu dwar "Strateġija Ewropea għal mobbiltà b'emissjonijiet baxxi"⁽²⁰⁾;

36. ir-reviżjoni tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għandha tikkunsidra t-tendenzi l-ġodda tal-konsum marbutin mal-ekonomija ċirkolari fil-mudelli tal-mobbiltà u l-produzzjoni.

⁽¹⁹⁾ <http://www.europarl.europa.eu/sides/getDoc.do?pubRef=-//EP//TEXT+REPORT+A8-2016-0384+0+DOC+XML+V0//MT>

⁽²⁰⁾ COTER-VI/021.

37. jipproponi li jiġu aċċellerati l-miżuri ta' appoġġ għat-trasport sostenibbli, filwaqt li jiġu analizzati l-possibbiltajiet li joffru miżuri bħalma huma l-ekobonus Ewropew, it-tariffi possibbli tal-infrastrutturi u r-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Eurovignette; il-fondi li jinġabru mill-imposti differenti jistgħu jikkontribwixxu għall-baġit tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa;
38. jinnota li, meta jkunu qed jiġu analizzati d-diversi soluzzjonijiet tan-netwerk tat-TEN-T, għandha titqies il-kwistjoni tal-iżvilupp sostenibbli kemm fil-livell soċjali, kif ukoll dak ekonomika u ambjentali. Għal dan il-għan, m'għandhomx jiġu traskurati l-konnessjonijiet tar-reġjuni bi problemi differenti, bħal-lokazzjoni remota jew insulari tgħhom, jew l-iżbilanċi ekonomiċi, demografiċi u migratorji.

Brussell, l-10 ta' Ottubru 2017.

Il-President
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni

Karl-Heinz LAMBERTZ

Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar Analiżi tal-Implimentazzjoni Ambjentali

(2018/C 054/05)

Relatur:	Andrew Varah Cooper (UK/AE), Membru tal-Kunsill ta' Kirklees
Dokument ta' referenza:	Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar It-twassil tal-benefiċċji tal-politiki ambjentali tal-UE permezz ta' Analiżi regolari tal-Implimentazzjoni Ambjentali
	COM(2016) 316 final

RAKKOMANDEZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

A. Kummenti ġenerali

1. jappoġġja l-idea li l-Analiżi tal-Implimentazzjoni Ambjentali għandha l-għan li ttejjeb l-għarfien komuni dwar id-diskrepanzi eżistenti fl-implimentazzjoni fir-rigward tal-politika u tal-liġi ambjentali tal-UE f'kull Stat Membru, tipprovdi soluzzjonijiet ġodda biex jakkumpanjaw lill-infurzar legali, tindirizza l-kawżi ewlenin sottostanti u spiss transsettorjali ta' dawn id-diskrepanzi, u tipprova tistimula l-iskambji tal-aħjar prattiki;
2. jirrikonoxxi li l-pakkett tal-Analiżi tal-Implimentazzjoni Ambjentali ppubblikat fi Frar 2017 ⁽¹⁾ jipprovdi l-ewwel ħarsa ġenerali komprensiva li qatt saret lejn kif il-politiki u l-liġijiet ambjentali tal-UE huma applikati fil-livell lokali fl-Istati Membri, bi 28 rapport dwar il-pajjiżi. Dan juri li l-politiki ambjentali jaħdmu imma li hemm diskrepanzi kbar ta' konsistenza fil-mod kif dawn ir-regoli u politiki jitqiegħdu fil-prattika madwar l-Ewropa;
3. jenfasizza li l-implimentazzjoni b'suċċess tal-politika ambjentali tal-UE teħtieġ kooperazzjoni mill-qrib bejn il-livelli kollha ta' governanza, mil-livell lokali sal-livell Ewropew; għaldaqstant, jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tirriferi b'mod espliċitu għal kooperazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni, iżda jfakkar li aktar titjib huwa meħtieġ f'ħafna Stati Membri sabiex jiżguraw l-involvement effettiv tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-analiżi u u t-titjib tal-implimentazzjoni;
4. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri biex jagħmlu l-aħjar użu mill-Analiżi tal-Implimentazzjoni Ambjentali biex jiġi appoġġjat li l-kunsiderazzjonijiet ambjentali jitqiesu fil-prijoritajiet makroekonomiċi tal-proċess tas-Semestru Ewropew, u biex jiġi appoġġjat it-tweġiq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tal-Aġenda tal-2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli;
5. jenfasizza l-hteġġa għal djalogu strutturat ta' implimentazzjoni ma' kull Stat Membru matul l-2017 u l-2018 u l-involvement adegwat tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, bil-għan li jirriflettu dwar kif jiġu indirizzati l-kwistjonijiet strutturali u l-hteġġijiet tal-Istati Membri partikolari;
6. jirrakkomanda li l-Kummissjoni Ewropea tkun aktar inċiżiva fl-analiżi tal-Analiżi tal-Implimentazzjoni Ambjentali u tittejjeb il-komparabbiltà bejn l-Istati Membri. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tipprovdi indikazzjoni trasparenti u faċli tintfiehem tal-progress li sar fl-isfidi ewlenin ta' implimentazzjoni mill-Istati Membri individwali matul il-perjodu li jmiss tal-Analiżi tal-Implimentazzjoni Ambjentali, li madankollu m'għandhiex twassal f'rappurtar addizzjonali mill-Istati Membri, ir-reġjuni jew il-bliet;
7. iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri biex ikomplu jsaħħu r-rwol tal-IMPEL u jiżviluppaw aktar in-networks nazzjonali tal-IMPEL li jinvolvu esperti minn awtoritajiet reġjonali u lokali fl-iskambju tal-aħjar prattiki ⁽²⁾;

⁽¹⁾ Id-dokumenti kollha jinsabu fuq http://ec.europa.eu/environment/eir/index_en.htm.

⁽²⁾ IMPEL huwa n-Netwerk tal-Unjoni Ewropea għall-Implimentazzjoni u l-Infurzar tal-Liġi Ambjentali. Dan jopera madwar l-Istati Membri tal-UE.

8. iqis li, fejn possibbli u mixtieq, il-proċess tal-Analiżi tal-Implimentazzjoni Ambjentali għandu jorbot ma' mekkaniżmi ta' evalwazzjoni diġà eżistenti, li huma relatati wkoll mal-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni Ewropea, bħall-programm Make it Work, l-attivitajiet fi ħdan in-netwerk tal-IMPEL u l-programm REFIT;

9. jilqa' l-Avviż tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-Access għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali ⁽³⁾ u jantiċipa wkoll inizjattiva speċifika mill-Kummissjoni Ewropea fl-2017 biex tappoġġja implimentazzjoni aħjar tal-liġi ambjentali ⁽⁴⁾;

10. jappoġġja r-Rapport tal-Kummissjoni Ewropea dwar Azzjonijiet għas-Simplifikazzjoni tar-Rappurtar Ambjentali ⁽⁵⁾, bħala riżultat tal-Kontroll tal-Idoneità tal-Kummissjoni Ewropea ta' Rappurtar u Monitoraġġ tal-Politika Ambjentali tal-UE ⁽⁶⁾, li għalih il-KtR ikkontribwixxa bl-Opinjoni ta' Prospettiva COR-2015-05660-00-00-AC-TRA. Il-KtR itenni l-appell tiegħu għal approċċ orizzontali mill-Kummissjoni Ewropea lejn il-monitoraġġ u r-rappurtar ambjentali u għalhekk jistenna li l-Kummissjoni Ewropea konsegwentement tapplika l-azzjonijiet 1 u 2 tar-rapport, u tipproponi emendi leġislattivi għall-obbligi ta' rappurtar definiti f'biċċiet ta' leġislazzjoni eżistenti jew ġdida, bil-għan li tkompli tarmonizza u tissemplifika dawn l-obbligi.

B. Ir-rwol tal-KtR fiċ-ċiklu ta' politika tal-Analiżi tal-Implimentazzjoni Ambjentali fi ħdan il-kuntest interistituzzjonali

11. joffri lill-Kummissjoni Ewropea kooperazzjoni mill-qrib u strutturata għaċ-ċiklu kollu tal-Analiżi tal-Implimentazzjoni Ambjentali, inklużi l-attivitajiet tal-Pjattaforma Teknika Konġunta għall-Kooperazzjoni dwar l-Ambjent ⁽⁷⁾, b'enfasi fuq l-isfidi individwali strutturali ta' implimentazzjoni differenti għall-awtoritajiet lokali u reġjonali u soluzzjonijiet għalihom, kif enfasizzat fit-taqsim D tal-Opinjoni. Dan jinkludi wkoll li jiġu esplorati l-mezzi biex il-KtR jikkontribwixxi biex jissostanza r-rapporti speċifiċi għall-pajjiż dwar l-Analiżi tal-Implimentazzjoni Ambjentali u l-linji gwida għall-Istati Membri billi jipprovdi dimensjoni territorjali, waqt li titqies l-esperjenza li l-KtR kiseb mill-kontributi tiegħu għaċ-ċiklu ta' governanza Ewropa 2020 permezz ta' valutazzjoni regolari tas-semestru Ewropew minn perspettiva lokali/reġjonali;

12. jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Kummissjoni Ewropea fil-Komunikazzjoni tagħha tindika li l-Analiżi tal-Implimentazzjoni Ambjentali tikkomplementa l-isforzi eżistenti ta' implimentazzjoni, bħalma huma l-monitoraġġ tal-konformità u l-proċeduri ta' ksur;

13. iqis li huwa importanti li s-sistema tal-Analiżi tal-Implimentazzjoni Ambjentali tiġi evalwata wara żewġ ċikli (erba' snin) biex tiġi vvalutata l-effettività tal-mekkaniżmu;

14. jemmen li l-Analiżi tal-Implimentazzjoni Ambjentali toffri opportunità għal kooperazzjoni mmirata bejn il-KtR u l-Parlament Ewropew, bi skambji dwar sfidi u soluzzjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-liġi tal-UE dwar l-ambjent, kif ukoll jitlaqqgħu l-interessi tal-koleġislatur u l-esperjenzi ta' dawh li jieħdu d-deċiżjonijiet fost l-awtoritajiet inkarigati mill-implimentazzjoni. Il-Kumitat jistieden lill-Parlament Ewropew biex jikkoopera mill-qrib fir-rigward taż-żewġ kwistjonijiet diskussi mill-Kumitat ENVI – l-Analiżi tal-Implimentazzjoni Ambjentali u l-isfidi ewlenin ta' implimentazzjoni u l-kawżi fundamentali identifikati – u fir-rapporti ta' implimentazzjoni rilevanti futuri tal-Parlament Ewropew, inkluż billi jiġu organizzati laqgħat konġunti tal-Kummissjoni ENVE tal-KtR u l-Kumitat ENVI tal-PE dwar dawn is-suġġetti;

15. jenfasizza li jinsab lest jikkontribwixxi għal diskussjonijiet fil-futur organizzati mill-Kunsill u relatati mal-Analiżi tal-Implimentazzjoni Ambjentali, għal laqgħat informali tal-Ministri tal-Ambjent jew għal attivitajiet oħrajn tal-Presidenza tal-Kunsill relatati mal-Analiżi tal-Implimentazzjoni Ambjentali; joffri l-appoġġ tiegħu matul il-preparamenti għal dawn id-diskussjonijiet u l-attivitajiet, b'mod partikolari permezz ta' opinjonijiet immirati tal-KtR kif mitluba mill-Presidenzi tal-Kunsill, u permezz ta' laqgħat tal-Pjattaforma Teknika konġunta tal-KtR/KE għall-Kooperazzjoni dwar l-Ambjent;

16. jissuġġerixxi li tiġi esplorata l-possibbiltà li jiġu organizzati laqgħat speċifiċi għal kwistjoni waħda, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet lokali u reġjonali u r-rappreżentanzi nazzjonali tal-Kummissjoni Ewropea u tal-PE f'partijiet differenti tat-territorju tal-UE; dawn l-avvenimenti jistgħu jservu biex jiġu diskussi sfidi speċifiċi rigward l-implimentazzjoni lokali u għaldaqstant jistgħu jikkontribwixxu għar-rapporti tal-pajjiżi;

⁽³⁾ C(2017) 2616 final

⁽⁴⁾ CDR 5660/2015

⁽⁵⁾ COM(2017) 312 final

⁽⁶⁾ SWD(2017) 230 final

⁽⁷⁾ http://ec.europa.eu/environment/legal/platform_en.htm

C. L-inklużjoni ta' iktar oqsma ta' politika

17. jiddispijaċi li l-Kummissjoni Ewropea llimitat il-fokus inizjali tal-Analiżi tal-Implimentazzjoni Ambjentali għall-oqsma tal-ġestjoni tal-iskart, il-protezzjoni tan-natura u tal-bijodiversità, il-kwalità tal-arja, it-tniġġis akustiku u l-kwalità u l-ġestjoni tal-ilma ⁽⁸⁾;

18. ihegġegħ lill-Kummissjoni Ewropea biex tagħmel it-tibdil fil-klima element importanti fiċ-ċikli li jmiss tal-Analiżi tal-Implimentazzjoni Ambjentali u biex tinkludi l-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima filwaqt li tiżgura l-kompatibilità mad-dispożizzjonijiet tal-governanza tal-unjoni tal-enerġija; ifakkar fir-rwol kruċjali tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-indirizzar tat-tibdil fil-klima u jhegġegħ f'dan ir-rigward it-tfassil u l-allokazzjoni ta' miri reġjonali u lokali għat-tibdil fil-klima, apparti l-kontributi determinati fil-livell nazzjonali, bħala karatteristika importanti għat-twettiq tal-obbligi ta' Pariġi dwar it-tibdil fil-klima;

19. jenfasizza l-hteġġa li l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali tiġi inkorporata fil-fażi li jmiss tal-Analiżi. F'dan ir-rigward, in-netwerk IMPEL jenhtiegħ li jkollu rwol aktar prominenti fil-proċess sabiex tiġi appoġġjata l-ġabra ta' Prattika tajba għall-2019;

20. jirrakkomanda wkoll li tiġi integrata l-politika tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi, li hija pedament tal-politika ambjentali tal-UE. L-Analiżi tal-Implimentazzjoni Ambjentali għandha tenfasizza nuqqasijiet u esperjenzi pożittivi fir-rigward tar-reġistrazzjoni, l-evalwazzjoni u l-awtorizzazzjoni tas-sustanzi kimiċi.

D. Il-kawżi ewlenin ta' implimentazzjoni ħażina tal-politika

21. jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni Ewropea li ttejjeb l-għarfien speċifiku għall-pajjiż dwar il-kwalità tal-amministrazzjoni pubblika u l-governanza u d-diviżjoni tal-kompetenzi bejn l-awtoritajiet nazzjonali/reġjonali/lokali fl-implimentazzjoni tal-liġi tal-UE dwar l-ambjent;

22. jirrikonoxxi li flimkien mal-analiżijiet aktar kompluti tad-diskrepanzi fl-implimentazzjoni fis-setturi ambjentali tradizzjonali, l-Analiżi tal-Implimentazzjoni Ambjentali tipprovd, għall-ewwel darba fil-qasam ambjentali, sejbiet preliminari dwar il-kawżi ewlenin possibbli ta' implimentazzjoni dgħajfa;

23. jirrakkomanda li l-Analiżijiet tal-Implimentazzjoni Ambjentali tiffoka fuq il-koordinazzjoni ineffettiva bejn l-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali, sabiex jiġu indirizzati: tqassim mhux ċar tal-kompetenzi u r-responsabbiltajiet, nuqqas ta' kapaċità amministrattiva, finanzjament insuffiċjenti u użu ta' strumenti bbażati fuq is-suq, nuqqas ta' politika ta' integrazzjoni u koerenza politika, nuqqas ta' għarfien u data u Mekkaniżmi insuffiċjenti ta' assigurazzjoni tal-konformità ⁽⁹⁾.

Koordinazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali

24. ihegġegħ lill-Kummissjoni Ewropea tiżviluppa metodoloġija komuni għall-djalogi nazzjonali dwar l-Analiżi tal-Implimentazzjoni Ambjentali u tipprovd linji gwida sabiex tiżgura l-parteċipazzjoni sħiħa tal-awtoritajiet lokali u reġjonali matul il-proċess kollu;

25. jenfasizza l-interazzjoni bejn it-titjib fl-implimentazzjoni u t-titjib fir-regolazzjoni: l-istrumenti użati mill-UE, il-koerenza u l-konsistenza tal-leġislażzjoni tal-UE u l-piż amministrattiv jehtiegħ li jkunu eżaminati wkoll f'każ li l-oġġettivi tal-politika ambjentali mhux qed jiġu ssodisfati;

26. jitlob lill-Istati Membri jiffaċilitaw l-istabbiliment tal-Analiżijiet tal-Implimentazzjoni Ambjentali Lokali u Reġjonali li jkunu jikkorrespondu għall-analiżijiet nazzjonali;

27. jirrakkomanda li l-Istati Membri jikkooperaw aktar mill-qrib mal-awtoritajiet lokali u reġjonali saħansitra sa mill-istadju tal-iżvilupp tal-politika u ta' traspożizzjoni legali u, kif inkoraġġit fis-7 Programm ta' Azzjoni Ambjentali, pereżempju fil-qafas tat-timijiet vertikali tad-dossiers transgovernattivi;

⁽⁸⁾ Għal sommarju dettaljat tar-riżultati tal-oqsma ta' politika differenti ara: It-tgħarrif tal-EPRS (Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew) 03/2017: Analiżi tal-Implimentazzjoni Ambjentali. Maħruġ fuq it-talba tal-KtR fil-qafas tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Parlament u l-KtR.

⁽⁹⁾ Ara wkoll l-istudju tal-KtR ta' Settembru 2017 dwar "Effective multi-level environmental governance for a better implementation of EU environment legislation" [Governanza ambjentali f'diversi livelli u effettiva għal implimentazzjoni aħjar tal-leġislażzjoni ambjentali tal-UE], imwettaq minn Milieu Ltd. Disponibbli fuq <http://cor.europa.eu/en/documentation/studies/Pages/studies.aspx>

28. jenfasizza l-ħtieġa li l-Istati Membri jiżviluppaw aktar il-mekkaniżmi biex itejbu l-koordinazzjoni vertikali effettiva, inkluża diviżjoni ċara tar-responsabbiltajiet bejn livelli differenti tal-gvern;

29. ihegġegħ lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali jkomplu jnaqqsu l-frammentazzjoni, inkluż bit-teħid ta' aktar passi b'hal pereżempju billi jintroduċu permessi ambjentali integrati li jikkombinaw id-diversi permessi ambjentali settorjali, u billi jissempifikaw il-proċeduri tal-VIA u tal-VAS ⁽¹⁰⁾.

It-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva f'rabta mal-implimentazzjoni tal-politika ambjentali

30. jenfasizza, kif ikkonfermat mill-Analiżi tal-Implimentazzjoni Ambjentali, li hemm nuqqas ta' riżorsi finanzjarji, umani u tekniċi biex tiġi implimentata kif xieraq il-leġislazzjoni ambjentali tal-UE fi ħdan ħafna awtoritajiet lokali jew reġjonali u li b'mod partikolari municiplalitajiet iżgħar spiss ikollhom riżorsi limitati sabiex jiżviluppaw l-għarfien espert tekniċu tagħhom stess fuq ir-rekwiżiti regolatorji; jenfasizza għalhekk il-ħtieġa għal iktar għajjnuna mil-livell tal-UE, kemm direttament kif ukoll billi l-Istati Membri jiġu mħeġġa jipprovdu appoġġ, sabiex l-awtoritajiet lokali u reġjonali jikkooperaw b'mod orizzontali (fl-Istati Membri u b'mod transkonfinali) sabiex jiġu aggregati l-proġetti, isir skambju tal-aħjar Prattika u jiġu żviluppati proċessi u proċeduri komuni;

31. jitlob lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali jiżguraw li r-riżorsi finanzjarji u umani allokatu lill-amministrazzjonijiet lokali u reġjonali ambjentali huma proporzjonati mal-kompiti (trasferiti) tagħhom;

32. ihegġegħ lill-Kummissjoni Ewropea biex tagħmel il-linji gwida tal-UE disponibbli f'faktar lingwi, u lill-Istati Membri biex jipproduċu standards komuni, mudelli, listi ta' kontroll, u programmi ta' taħriġ f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet reġjonali u lokali sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tal-implimentazzjoni u tar-rappurtar;

33. jitlob lill-awtoritajiet reġjonali u lokali biex janalizzaw il-kwalità tal-proċeduri, biex jissempifikaw il-ħruġ ta' permessi ambjentali u biex jikkondividu r-riżorsi ma' dipartimenti oħra, u b'hekk jiksbu ekonomiji ta' skala u jindirizzaw problemi ambjentali li ma jirrispettawx il-konfini amministrattivi, filwaqt li u jagħmlu użu mill-Għodod tal-UE għall-Kwalità tal-Amministrazzjoni Pubblika ⁽¹¹⁾;

34. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali biex jipromovu l-involviment ta' esperti lokali u reġjonali fin-netwerk IMPEL, u fl-għodod bejn il-pari tal-Analiżi tal-Implimentazzjoni Ambjentali li jmiss;

35. jitlob lill-Kummissjoni Ewropea u, b'mod partikolari, lill-Istati Membri sabiex jinvolvu esperti lokali u reġjonali fl-iżvilupp ta' linji gwida tal-UE, kif ukoll linji gwida nazzjonali relatati, biex ikun hemm aktar ċarezza u flessibilità fl-implimentazzjoni tagħhom;

36. ihegġegħ lill-Kummissjoni Ewropea biex talloka baġit suffiċjenti għall-għodda l-għdida bejn il-pari tal-Analiżi tal-Implimentazzjoni Ambjentali. Il-Kummissjoni għandha tiżgura wkoll il-komplementarjetà tagħha mal-attivitajiet bejn il-pari mwettqa mill-IMPEL, u mal-iskambju ta' kwistjonijiet ambjentali mill-awtoritajiet maniġerjali taħt l-għodda TAIEX REGIO PEER 2 PEER.

Isir użu aħjar mill-finanzjament Ewropew għall-implimentazzjoni tal-acquis ambjentali

37. ihegġegħ lill-awtoritajiet lokali u reġjonali, bl-appoġġ mill-Istati Membri, biex jagħmlu użu mill-ghajjnuna teknika disponibbli taħt l-Objettiv Tematiku 11 tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE) biex tiżdied il-kapaċità istituzzjonali u amministrattiva tad-dipartimenti tagħhom tal-ambjent u l-kapaċità tagħhom li jassorbu l-finanzjament tal-FSIE b'mod partikolari għal infrastrutturi ambjentali fuq skala kbira (Objettiv 6). Barra minn hekk ihegġegħom jużaw il-Programm ta' Appoġġ għar-Riformi Strutturali tal-UE biex itejbu l-amministrazzjoni tal-ambjent tagħhom;

38. jappoġġja l-idea li Stati Membri addizzjonali jistabbilixxu netwerks ta' esperti mill-awtoritajiet maniġerjali tal-politika ta' koeżjoni ddedikati għall-promozzjoni ta' investimenti ambjentali;

39. jitlob lill-UE, matul it-tħejjijiet tagħha għall-QFP li jmiss, biex tesplora totalment l-għażliet għal żieda fil-finanzjament tal-UE għall-implimentazzjoni ta' leġislazzjoni ambjentali, inkluża l-għażla li tiġi delimitata ċerta perċentwali għal dan l-għan.

⁽¹⁰⁾ Il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali (VIA) u l-Valutazzjoni Ambjentali Strateġika (VAS).

⁽¹¹⁾ Kummissjoni Ewropea, 2015: "Quality of Public Administration – A Toolbox for Practitioners" (Il-Kwalità tal-Amministrazzjoni Pubblika – Għodod għall-Prattikanti).

Integrazzjoni u koerenza ta' politika

40. jirrikonoxxi li l-integrazzjoni insuffiċjenti tat-tħassib ambjentali f'oqsma ta' politika oħrajn hija l-kawża ewlenija oħra tal-implimentazzjoni fqira tal-leġislazzjoni ambjentali u għalhekk ifakkar fil-ħtieġa li jiġu integrati l-oġettivi ta' politika ewlenin dwar l-ambjent u t-tibdil fil-klima matul il-firxa kollha tal-attivitatiet tal-UE;

41. jitlob lill-awtoritajiet lokali u reġjonali biex tkun żgurata l-koordinazzjoni xierqa fil-livell politiku u strateġiku, billi jadottaw strateġiji lokali/reġjonali ta' żvilupp sostenibbli u jiżguraw li t-tħassib ambjentali jiġi inkorporat fi stadju bikri tal-ippjanar spazjali tagħhom biex jitnaqqsu l-kunflitti. Jappella wkoll li t-tħassib ambjentali jiġi integrat tajjeb fi stadju bikri billi jiġu applikati l-Valutazzjonijiet Ambjentali Strateġiċi;

42. iħeġġeġ lill-awtoritajiet lokali u reġjonali jippromovu ftehimiet settorjali volontarji ma' setturi industrijali ewlenin, u "kuntratti" bejn awtoritajiet pubbliċi u partijiet ikkonċernati tas-soċjetà, bil-għan li tiġi pprovduta l-informazzjoni, jiġu identifikati l-problemi u jinstabu s-soluzzjonijiet;

43. jenfasizza l-fatt li l-UE jeħtieġ issegwi politiki aktar b'saħħithom u aktar effettivi bbażati fis-sors f'ħafna oqsma ta' politika ambjentali li mingħajrhom ser tkun impossibbli l-konformità ma' diversi partijiet ta' leġislazzjoni tal-UE dwar l-istandards ta' kwalità ambjentali fil-livell lokali jew reġjonali;

44. jitlob lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri biex jassistu aħjar lill-awtoritajiet lokali u reġjonali kompetenti biex jintlaħqu dawn l-istandards u l-miri;

45. jitlob li l-Kummissjoni Ewropea taħdem mal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti, il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, il-Patt tas-Sindki tal-UE, il-Patt tas-Sindki Globali għall-Klima u l-Enerġija u l-ICLEI biex tiżviluppa l-kunċett u l-metodoloġiji biex jiġu introdotti l-kontributi determinati fil-livell lokali u reġjonali, u b'hekk tikkontribwixxi lejn il-miri relatati mat-tibdil fil-klima maqbula taħt il-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima tal-COP21. L-awtoritajiet lokali u reġjonali ta' gwida inizjalment jiġu involuti fuq bażi volontarja ta' "prova tal-kunċett".

Titjib tal-aċċessibilità tal-għarfien u d-data

46. jirrikonoxxi li d-disponibbiltà limitata ta' data għadha toħloq problemi ta' implimentazzjoni flivelli differenti ta' governanza f'ħafna Stati Membri u li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jista' jkollhom rwol ewlieni biex jiġbru l-għarfien u d-data u jipprovdu l-informazzjoni lill-pubbliku, waqt li jħeġġu aktar sensibilizzazzjoni fost iċ-ċittadini;

47. jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Analiżi tal-Implimentazzjoni Ambjentali għandha tkun imsejsa fuq data eżistenti u li dan għandu jwassal għal użu aħjar u "cross-referencing" ta' din id-data, kif ukoll it-titjib tal-aċċessibilità tagħha, mhux l-inqas għall-awtoritajiet lokali u reġjonali;

48. jappoġġja dibattitu strutturat dwar l-allokazzjoni xierqa tar-responsabbiltajiet u tar-riżorsi fl-Istati Membri bejn il-muniċipalitajiet, ir-reġjuni u l-livell nazzjonali, sabiex ikun żgurat li r-rapporti u l-indikaturi relatati mal-qagħda tal-ambjent ikunu konsistenti, effettivi u affidabbli;

49. iħeġġeġ lill-Istati Membri, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti lokali u reġjonali, biex jiżviluppaw aktar l-Oqfsa Strutturati ta' Implimentazzjoni u Informazzjoni għal-liġijiet ambjentali ewlenin kollha tal-UE;

50. jitlob li l-Kummissjoni Ewropea tiżgura li l-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali u reġjonali tagħhom jimplementaw kif xieraq ir-rekwiżiti minimi eżistenti li jinsabu fid-Direttiva dwar l-aċċess għall-informazzjoni;

51. jitlob lill-awtoritajiet lokali u reġjonali jseguw politika attiva ta' tagħrif. Dan għandu jkun bidirezzjonali (inklużi l-mekkaniżmi ta' rispons) u jipprovdi informazzjoni aktar orjentata lejn iċ-ċittadini, bħal għodod onlajn ibbażati fuq il-mapep, apps u kampanji edukattivi;

52. jappoġġja l-involvement tal-NGOs fil-għbir u t-tixrid tal-informazzjoni ambjentali liċ-ċittadini u l-użu ta' "xjenza taċ-ċittadini" biex tinġabar id-data dwar l-ambjent;

53. ihegġegħ lill-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri biex jappoġġjaw lill-awtoritajiet fl-użu ta' soluzzjonijiet elettroniċi u tal-Gvern elettroniku biex itejbu l-monitoraġġ u r-rapportar ambjentali tagħhom; pereżempju permezz tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Gvern Elettroniku 2016-2020, il-programm LIFE, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u l-programm Orizzont 2020 u fil-kuntest tat-tnejdija ta' Reportnet 2.0 mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent ⁽¹²⁾;

54. jitlob li jsiru sforzi fil-livelli kollha sabiex tiġi żgurata l-kondiviżjoni elettronika tad-data ambjentali u l-iżvilupp ulterjuri ta' INSPIRE ⁽¹³⁾. L-involvement tal-awtoritajiet reġjonali u lokali fil-proċess ta' INSPIRE għandu jissaħħa ukoll.

Mekkaniżmi ta' assigurazzjoni tal-konformità suffiċjenti

55. huwa mħasseb li l-analiżi tal-Valutazzjoni Ambjentali Strateġika tindika li l-monitoraġġ u l-infurzar tal-konformità ta' spiss huma kawża ta' tħassib, minħabba s-sazzjonijiet u l-interazzjonijiet ineffettivi bejn l-ispetturi u l-prosekuturi. L-awtoritajiet lokali u reġjonali jistgħu jiffaċċjaw problemi fl-interpretazzjoni u fl-integrazzjoni ta' dispożizzjonijiet inkoerenti tal-UE meta jwettqu attivitajiet ta' assigurazzjoni ta' konformità. Ħafna amministrazzjonijiet ta' awtoritajiet lokali huma żgħar wisq biex jiżguraw l-infurzar professjonali tal-liġi ambjentali;

56. jitlob lill-awtoritajiet lokali u reġjonali jiżguraw deżinjazzjoni u allokkazzjoni ċari tas-setgħat u professjonaliżmu tal-awtoritajiet kompetenti; jikkoordinaw b'mod effettiv mal-awtoritajiet nazzjonali (jiġifieri l-pulizija, id-dwana, is-servizzi tal-prosekuzzjoni) u jesploraw il-ħolqien ta' aġenziji tal-infurzar ambjentali reġjonali konġunti fil-każ ta' setgħat ta' spezzjoni proprji limitati;

57. ihegġegħ lill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali biex japplikaw approċċ ibbażat fuq ir-riskju għall-assigurazzjoni tal-konformità waqt li tiġi żgurata l-aħjar taħlita ta' monitoraġġ, promozzjoni u infurzar, u prijoritizzazzjoni aħjar tal-użu tar-riżorsi limitati tagħhom;

58. jitlob lill-awtoritajiet lokali u reġjonali, minħabba li jinsabu qrib in-negozji u ċ-ċittadini, jinvolvu ruħhom f'attivitajiet ta' promozzjoni tal-konformità li jinvolvu l-kooperazzjoni mal-komunitajiet kummerċjali regolati, mal-NGOs rilevanti u maċ-ċittadini;

59. jitlob lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali japplikaw miżuri rapidi ta' infurzar u jadottaw sanzjonijiet proporzjonati u dissważivi għal ksur tal-liġi tal-UE dwar l-ambjent, u li konsegwentement japplikaw id-Direttiva 2008/99/KE dwar ir-reati ambjentali;

60. ihegġegħ lill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali biex jindirizzaw il-korruzzjoni u jiżguraw il-funzjonament xieraq tas-sistemi tal-ġustizzja fil-qasam tal-ambjent, waqt li jikkonfermaw id-drittijiet proċedurali mogħtija liċ-ċittadini mil-leġislazzjoni ambjentali tal-UE ⁽¹⁴⁾;

61. jappoġġja l-inizjattivi kollha tal-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali u l-assoċjazzjonijiet tal-awtoritajiet lokali biex iżidu l-għarfien tagħhom billi jiskambjaw l-aħjar Prattiki Żviluppanti minn networks Ewropej bħall-IMPEL, in-Netzwerk Ewropew tal-Prosekuturi għall-Ambjent u n-Netzwerk tal-uffiċjali tal-pulizija;

62. ihegġegħ lill-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri biex ikomplu jsaħħu r-rwol tal-IMPEL u jiżviluppaw aktar in-networks nazzjonali tal-IMPEL li jinvolvu esperti minn awtoritajiet reġjonali u lokali fl-iskambju tal-aħjar Prattiki.

Brussell, l-10 ta' Ottubru 2017.

*Il-President
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni*

Karl-Heinz LAMBERTZ

⁽¹²⁾ Azzjoni 3 tal-COM(2017) 312 final

⁽¹³⁾ Direttiva 2007/2/KE.

⁽¹⁴⁾ L-effikaċja globali tas-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali hija indirizzata mit-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE u mis-Semestru Ewropew (https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/european-semester_thematic-factsheet_effective-justice-systems_en.pdf).

Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Strateġija Ewropea dwar is-Sistemi tat-Trasport Intelliġenti u Kooperattivi

(2018/C 054/06)

Relatur: Bouke Arends (NL/PSE, Membru tal-Kunsill Muniċipali ta' Emmen)**Dokument ta' referenza:** Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Strateġija Ewropea dwar is-Sistemi tat-Trasport Intelliġenti u Kooperattivi: l-ewwel pass importanti lejn mobbiltà kooperattiva, konnessa u awtomatizzata

COM(2016) 766 final

RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

INTRODUZZJONI

1. jafferma li l-istrateġija Ewropea dwar sistemi tat-trasport intelliġenti u kooperattivi hija pass importanti lejn approċċ għal mobbiltà kooperattiva, konnessa u awtomatizzata. L-implimentazzjoni integrata tas-sistemi tat-trasport intelliġenti u kooperattivi fl-arranġamenti tat-traffiku, kemm fil-bliet u r-reġjuni kif ukoll bejniethom, tista' toffri benefiċċji kbar għas-soċjetà, pereżempju sigurtà mtejba, ambjent aktar nadif, titjib fl-aċċessibbiltà, l-inklużjoni soċjali jew impjiegi addizzjonali.
2. jitlob li apparti l-miżuri elenkati fil-Komunikazzjoni, jittieħdu miżuri oħra li jħarsu aktar 'il bogħod biex jisfruttaw bis-sħiħ il-possibbiltajiet offruti mis-sistemi tat-trasport intelliġenti u kooperattivi u jiksbu l-miri ulterjuri: trasport multimodali għalkollox awtomatizzata u b'rati baxxi ta' emissjonijiet u mobbiltà maħsuba bħala servizz u trasport minn bieb sa bieb, anke f'dal-każ f'perspettiva rilevanti essenzjali tal-inklużjoni soċjali;
3. jirrikonoxxi li jinħtieġu elementi fundamentali oħrajn fit-triq lejn l-għanijiet aħħarin. Dawn qed jiġu żviluppati mill-Kummissjoni f'diversi pakketti ta' miżuri, kultant fl-istess perjodu bħal dak inkwistjoni, u kultant warajh, bħal pereżempju d-dispożizzjonijiet għal trasport b'emissjonijiet baxxi jew l-identifikazzjoni ta' adattamenti li għandhom jitwettqu fl-infrastruttura fiżika;
4. jemmen li l-UE għandha rwol ta' koordinazzjoni fl-iżvilupp ta' sistema interoperabbli fir-rigward tal-istandards u r-regoli fil-qasam tas-sistemi u t-teknoloġiji ta' komunikazzjoni li jikkonċernaw it-trasport;
5. jaħseb li huwa indispensabbli li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jieħdu sehem fl-implimentazzjoni tal-istadji intermedji kollha biex jinkisbul-objettivi finali u li l-Kummissjoni għandha tkun involuta b'mod aktar attiv u usa' f'dan il-proċess;
6. jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jifhmu aħjar kif ir-regoli differenti tal-UE huma relatati ma' xulxin, kif ukoll ir-riżultati li dawn għandhom jagħtu. Dan jeħtieġ li toħroġ komunikazzjoni indirizzata lilhom u li tkun aktar koerenti u mmirata dwar il-pakketti differenti ta' miżuri. Huwa b'din il-kundizzjoni biss li ser ikunu jistgħu jissodisfaw ir-rwol assenjat lilhom biex jiksbu l-objettivi stabbiliti u jippermettu interoperabbiltà bejn id-diversi reġjuni u bliet;
7. jitlob li l-Kummissjoni tnedi, inkluż permezz tal-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, attivitajiet speċifiċi intiżi qabel kollox biex tinkiseb l-aċċettazzjoni tal-pubbliku, peress li dan huwa meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet aħħarin ta' trasport awtomatizzata b'emissjonijiet baxxi. L-appoġġ tal-pubbliku huwa indispensabbli mhux biss sabiex ikun possibbli li jsir skambju tad-data meħtieġa għas-sistemi tat-trasport intelliġenti u kooperattivi iżda wkoll u fuq kollox biex jaċċettaw trasport li gradwalment ser isir aktar awtomatizzata. F'dan il-kuntest, it-teknoloġija għandha tkun għas-servizz tal-utenti;

ATTIVITAJIET EWROPEJ LI JIPPERMETTU T-TNEDIJA TA' MOBILTÀ KOOPERATTIVA, KONNESSA U AWTOMATIZZATA

8. jinnota li l-parti l-kbira tal-movimenti taċ-ċirkolazzjoni u t-trasport issir fuq distanzi qosra, fi ħdan ir-reġjuni. Skont il-kalkoli li saru abbażi ta' data tal-Eurostat, mill-merkanzija kollha trasportata bit-triq (espressa f'tunnellati), aktar minn nofs ġiet trasportata distanza ta' inqas minn 50 km; u fi tliet kwarti tal-każijiet d-distanza kienet ta' anqas minn 150 km. Ġeneralment, il-vjaġġi jkunu ħafna iqsar fir-rigward tat-trasport tal-persuni;
9. Għalhekk, jitlob ukoll għal miżuri speċifiċi u biex is-sistemi tat-trasport intelliġenti u kooperattivi jintużaw barra min-*Network Trans-Ewropew* tat-*Trasport*;
10. jinsisti li fil-loġika ta' riskedar li seħħet fil-qafas tal-*Orizzont 2020*, fejn ir-riċerka issa tiffoka fuq l-integrazzjoni tal-modi tat-trasport u r-rabta mal-awtomazzjoni, il-Kummissjoni tnedi approċċ speċifiku bil-għan li jintroduċi sistemi tat-trasport intelliġenti u kooperattivi f'nodi intermodali taċ-ċirkolazzjoni u t-trasport. Dan l-approċċ għandu jseħħ flimkien ma' dak adottat fil-kuritur, b'mod li tinħoloq sistema ta' ċirkolazzjoni integrata;
11. jinnota li fir-rigward tal-pożizzjoni tagħhom, dawn in-nodi intermodali jippreferu ż-żoni urbani u l-bliet u li huwa hemmhekk li s-sistemi tat-trasport intelliġenti u kooperattivi u t-trasport intermodali jistgħu jkunu tal-akbar benefiċċji biex inaqqsu l-effetti dannużi taċ-ċirkolazzjoni u tat-traffiku, bħalma huma l-konġestjoni, it-tniġġis tal-arja, il-fastidju marbut mal-ipparkjar u n-nuqqas ta' sigurtà fit-toroq. L-ivvjaġġar bir-rota huma wkoll parti mit-traffiku multimodali u huwa ta' natura lokali u reġjonali per eċċellenza;
12. jinnota li s'issa, il-Kummissjoni interessat ruħha ħafna fiċ-ċirkolazzjoni fit-toroq bil-karozzi iżda jinnota li huma wkoll previsti u żviluppati sistemi awtomatizzati għat-trasport pubbliku, in-navigazzjoni interna, bl-ajru u l-ferroviji, pereżempju fil-forma ta' drones jew il-*Hyperloop*;
13. għalhekk jeħtieġ li jiġu promossi l-ewwel nett, permezz ta' miżuri mmirati, il-konnessjoni u l-interoperabilità tal-modi differenti tat-trasport bejniethom u mas-sistemi tat-trasport pubbliku;
14. jinnota li l-Kummissjoni beħsiebha wkoll, għustament, tiegħu miżuri favur il-partijiet interessati vulnerabbli taċ-ċirkolazzjoni iżda dan l-aspett jitlob ukoll aktar attenzjoni għas-sitwazzjonijiet lokali u reġjonali differenti;
15. jitlob miżuri konkreti għall-utenti kollha tat-triq li huma vulnerabbli, jiġifieri, minbarra l-persuni li jkunu mexjin u ċ-ċiklisti, is-sewwieqa ta' roti elettriċi, skuters, muturi u vetturi ħfief (tal-elettriku) għall-persuni b'diżabbiltà;
16. jirrikonoxxi li id-densità kbira tat-traffiku u n-nisġa stretta tal-infrastruttura fir-reġjuni urbani jagħtu stampa kumplessa tat-traffiku, li toħloq rekwiżiti speċifiċi għas-sistemi tat-trasport intelliġenti u kooperattivi. Għaldaqstant, tnedew testijiet u proġetti f'dan it-tip ta' żoni biex dawn ikunu jistgħu wkoll jiġu implimentati b'suċċess f'tali ambjenti;
17. jinnota li l-introduzzjoni ta' sistemi tat-trasport intelliġenti u kooperattivi fir-reġjuni urbanizzati u speċjalment fil-bliet hija iktar ikkumplikata, u għaldaqstant inqas attraenti li jiġu żviluppati każijiet ta' negozju;
18. jindirizza lill-Kummissjoni t-talba li jieħu passi li jbaxxu l-limiti għall-introduzzjoni tas-sistemi tat-trasport intelliġenti u kooperattivi fir-reġjuni urbani u l-bliet;
19. jitlob ukoll miżuri biex jiġi żgurat li s-sistemi li se jiġu żviluppati u ttestjati jkunu marbuta sew mad-dispożizzjonijiet fir-rigward tat-traffiku u t-trasport fuq distanzi itwal, bejn il-pajjiżi u bejn ir-reġjuni;
20. jemmen li s-sistemi tat-trasport intelliġenti u kooperattivi, bħala komponent tat-trasport awtomatizzat, il-mobbiltà maħsuba bħala servizz u t-trasport minn bieb sa bieb, jistgħu wkoll jikkontribwixxu għall-inklużjoni soċjali. Din l-evalwazzjoni tapplika għall-possibbiltà ta' aċċess għal impjegi, kif ukoll għall-mobbiltà tal-persuni li, bħalma huma l-anzjani u l-persuni b'diżabbiltà, għandhom diffikultajiet biex jużaw is-sistemi tat-trasport disponibbli llum, jew saħansitra ma jkunux jistgħu jagħmlu dan. Huwa qabel kolloxx fiż-żoni rurali, fejn it-trasport pubbliku huwa soġġett għal pressjoni estensiva sakemm ma jkunx diġà għeb, li s-sistemi tat-trasport intelliġenti u kooperattivi jistgħu, fuq tul ta' żmien, jikkontribwixxu biex itejbu l-opportunitajiet tat-trasport. It-trasport awtomatizzat imfassal apposta jista' jiġi kkunsidrat fir-reġjuni b'densità baxxa tal-popolazzjoni;

21. jinnota li għaż-żoni rurali, b'densità baxxa tal-popolazzjoni, huwa wkoll iżjed diffiċli li jiġu żviluppati strutturi ta' negozji mingħajr l-għajjnuna tal-gvernijiet reġjonali u lokali;

22. jistieden lill-Kummissjoni, għaldaqstant, tinkoraġġixxi lill-awtoritajiet lokali u reġjonali u tiffaċilitathom il-kompitu tal-implimentazzjoni ta' sistemi tat-trasport intelliġenti u kooperattivi fir-reġjuni periferiċi u ultraperiferiċi, anqas żviluppati, gżejjer u reġjuni oħrajn b'densità baxxa tal-popolazzjoni;

IT-TRIQ LEJN L-IMPLIMENTAZZJONI TA' SISTEMI TAT-TRASPORT INTELLIĠENTI U KOOPERATTIVI FL-2019

Il-prijoritajiet sabiex jiġu implimentati s-sistemi tat-trasport intelliġenti u kooperattivi

23. jinnota li l-istrateġija għas-sistemi tat-trasport intelliġenti u kooperattivi għadha essenzjalment immarata lejn l-istadji intermedji fuq terminu medju lejn it-trasport awtomatiku;

24. jitlob li l-Kummissjoni tfassal ukoll xenarji u miżuri għall-iżvilupp f'perspettiva itwal, fid-direzzjoni ta' trasport kompletament awtomatiku, peress li fl-aħħar mill-aħħar dan huwa qasam li, fit-tul, ser ikun l-aktar ta' benefiċċju għas-soċjetà u l-ekonomija;

25. jitlob li l-fondi neċessarji għal dan l-għan ikunu disponibbli wkoll wara l-2019;

26. jitlob lill-Kummissjoni biex flimkien mal-miżuri elenkati fil-Komunikazzjoni, li huma kompletament orjentati lejn it-trasport bit-triq u bi skadenzi qosra ħafna, għandhom jiġu previsti wkoll dispożizzjonijiet relatati ma' modi oħra tat-trasport, l-intermodalità u applikazzjoni usa' għal perjodu itwal;

27. jeħtieġ li l-Kummissjoni tfassal approċċ fit-tul, usa' u aktar komprensiv, imsejjes fuq il-kunċetti tal-“mobilità bħala servizz”, it-“trasport minn bieb sa bieb” u tal-impatt pożittiv tagħhom fuq l-iżvilupp ekonomiku, l-inklużjoni soċjali, kif ukoll rigward it-“trasport b'livell baxx ta' emissjonijiet”;

28. jitlob lill-Kummissjoni tiddikjara liema huma, b'mod konkret, l-istadji li għandhom jitwettqu u l-miżuri li għandhom jittieħdu fid-diversi xenarji;

29. jitlob li l-Kummissjoni tiżviluppa programm ta' komunikazzjoni biex jintrebaħ l-appoġġ tal-opinjoni pubblika;

30. jixtieq li l-bliet u r-reġjuni kif ukoll ir-rappreżentanti tagħhom, bħall-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, jiġu involuti fl-iżviluppi ulterjuri tal-politika Ewropea b'rabta mas-sistemi tat-trasport intelliġenti u kooperattivi;

L-interoperabbiltà fil-livelli kollha

31. huwa tal-fehma li l-interoperabilità bejn il-modi differenti ta' trasport tirrikjedi azzjonijiet komplementari, kemm għat-trasport tal-merkanzija kif ukoll għat-trasport tal-persuni. Il-flussi tal-informazzjoni għandhom ikunu jistgħu jiġu konnessi flimkien iżda biex jinkiseb dan hemm bżonn li mhux biss jiġu kkoordinati s-sistemi ta' komunikazzjoni (5G jew oħrajn tal-istess tip): jeħtieġ ukoll li tiġi identifikata d-data tat-tipi differenti ta' trasport. F'dan il-proċess, kemm l-awtoritajiet lokali u reġjonali kif ukoll entitajiet privati (manifatturi tal-vetturi, operaturi tas-sistema ta' navigazzjoni, fornituri tas-servizz ta' mobbiltà, eċċ.) jiksbu data, iżda dawn tal-aħħar mhumiex mitluba jagħmlu d-data tagħhom disponibbli f'forma anonima għal utenti oħra, bħall-operaturi tal-infrastruttura. Madankollu, sabiex tiġi żgurata ġestjoni tat-traffiku sikura u effettiva u biex iħaddmu l-infrastruttura tagħhom, l-operaturi tal-infrastruttura – li f'ħafna każijiet huma awtoritajiet lokali u reġjonali – huma dipendenti fuq informazzjoni li hija kompleta u aġġornata kemm jista' jkun. Il-Komunikazzjoni ma tindirizzax dan l-element ewlieni ta' żvelar reċiproku u disponibbiltà tad-data, li bħalissa japplika biss għall-għoti ta' data minn awtoritajiet pubbliċi lil entitajiet privati (Direttiva 2003/98/KE dwar l-użu mill-ġdid ta' informazzjoni tas-settur pubbliku);

32. jeħtieġ li flimkien ma' daww il-miżuri li l-Komunikazzjoni telenka fil-qasam tat-teknoloġiji tal-komunikazzjoni, jiġu previsti wkoll miżuri għall-organizzazzjoni ta' ktajjen ta' informazzjoni. Fil-fatt, mhuwiex biss il-mod ta' komunikazzjoni li huwa importanti iżda wkoll, u fuq kollox, il-kontenut tal-komunikazzjoni;

33. jinnota li fl-aħħar mill-aħħar, ċerti aspetti tal-ktajjen tal-informazzjoni, bħall-aċċessibbiltà jew id-disponibbiltà tad-data dwar il-vetturi, biex nieħdu dawn l-eżempji biss, jistgħu jiġu indirizzati biss fil-livell internazzjonali jew Ewropew,

34. jinnota barra minn hekk li huwa madankollu wkoll, u fuq kollox, l-appoġġ tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-kooperazzjoni tagħhom li huma indispensabbli jekk irridu niżguraw id-disponibbiltà tal-informazzjoni minn sistemi lokali u reġjonali tal-ġestjoni tat-traffiku;

35. jinnota li l-interoperabbiltà teżiġi mhux biss li jittieħdu dispożizzjonijiet fil-qasam tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni iżda wkoll li jitwettqu adattamenti fl-infrastruttura fiżika;

36. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tippovdi informazzjoni f'waqtha lill-awtoritajiet lokali u reġjonali dwar din il-kwistjoni. Għandu jsir investiment fl-infrastruttura lokali u reġjonali b'tali mod li tissodisfa r-rekwiżiti tas-sistemi tat-trasport intelliġenti u kooperattivi. Barra minn hekk, tinħtieġ uniformità akbar għall-finijiet tal-interoperabbiltà;

37. jinnota li l-interoperabilità bejn il-modi differenti ta' trasport fl-Ewropa teħtieġ li l-UE tagħti attenzjoni akbar lill-importanza li għandhom in-nodi tat-trasport għas-sistemi tat-trasport intelliġenti u kooperattivi, bħalma huma l-istazzjonijiet u t-terminals, u josserva li dawn huma lokalizzati fuq kolloxx fiż-żoni urbani u l-bliet;

38. jitlob lill-Kummissjoni biex f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet lokali u reġjonali (u r-rappreżentanti tagħhom), tidentifika u tillokalizza l-punti ta' konġestjoni li jirrapreżentaw in-nodi tat-trasport meta mqabbla mas-sistemi tat-trasport intelliġenti u kooperattivi u tiżviluppa miżuri biex teliminahom;

Qafas legali

39. jappoġġja l-idea li sabiex tinkiseb sistema interoperabbli, huwa mixtieq li l-UE tfassal leġiżlazzjoni fil-qasam tal-istandards u li tilleġisla u tirregola fil-qasam tas-sistemi ta' komunikazzjoni u tekniċi;

40. jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li l-awtoritajiet lokali u reġjonali (jew ir-rappreżentanti tagħhom) jiġu involuti mill-qrib fit-tfassil tal-qafas leġiżlattiv, fid-dawl tal-importanza tar-rwol tagħhom għat-tnedija tas-sistemi tat-trasport intelliġenti u kooperattivi;

41. iqis li kemm biex jiġu implimentati s-sistemi tat-trasport intelliġenti u kooperattivi kif ukoll biex jintlaħqu l-għanijiet finali tal-implimentazzjoni ta' trasport awtomatizzat sostenibbli, tal-mobbiltà bħala servizz u t-trasport minn bieb sa bieb, huwa indispensabbli li, flimkien mad-dispożizzjonijiet regolatorji, jittieħdu wkoll u fuq kolloxx, il-miżuri li ġejjin fil-livell Ewropew:

- koordinazzjoni: jeħtieġ li tiġi żgurata koordinazzjoni akbar bejn id-diversi pakketti ta' miżuri tal-UE li huma marbuta flimkien, kif ukoll bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-awtoritajiet lokali u reġjonali;
- faċilitar tal-ħolqien u l-esperimentazzjoni: jekk, sa ċertu punt, l-iżviluppi attwali lejn is-sistemi tat-trasport intelliġenti u kooperattivi huma mqanqla mis-suq u mit-teknoloġija, jeħtieġ li l-awtoritajiet pubbliċi jwettqu attivitajiet komplementari fil-livelli kollha biex dawn is-sistemi tat-trasport intelliġenti u kooperattivi jiġu estiżi f'sitwazzjonijiet tat-traffiku u modi tat-trasport differenti;
- riċerka: din tikkonċerna kemm l-adattamenti indispensabbli għall-infrastruttura fiżika kif ukoll l-iżvilupp ta' xenarji differenti, minkejja l-livell għoli ta' inċertezza fir-rigward tal-iżvilupp ta' perspettivi fil-perjodu twil;
- monitoraġġ u evalwazzjoni: għall-passi li jmiss, wara l-2019, jeħtieġ li jiġu definiti minn issa r-regoli li skonhom ser jiġu monitorjati u evalwati l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-lista ta' Jum 1 u Jum 1.5, l-aċċettazzjoni mis-suq u mill-pubbliku ġenerali, l-iżvilupp tekniku u l-istat attwali skont it-tipi differenti ta' reġjuni (urbani u rurali), it-tipi differenti ta' infrastruttura (nazzjonali jew internazzjonali, reġjonali u lokali) u l-modalitajiet (bit-triq, bil-ferrovija, bl-ajru), kif ukoll fi ħdan it-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri;
- il-monitoraġġ għandu jkun kontinwu, bil-għan li jiġi identifikat minn fost ix-xenarji possibbli, dak li effettivament iseħħ;
- komunikazzjoni: biex tinħoloq l-aċċettazzjoni, tinħtieġ komunikazzjoni mmirata, flimkien mal-feedback li timmira lill-awtoritajiet lokali u reġjonali, biex tinkiseb l-interoperabbiltà bejn ir-reġjuni, u, bl-għajnuna tagħhom, timmira wkoll il-pubbliku ġenerali;

Kooperazzjoni internazzjonali

42. jinnota li filwaqt li l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tikkunsidra b'mod ġustifikat il-kooperazzjoni internazzjonali bejn l-Istati, għadd tajjeb ta' azzjonijiet neċessarji biex jinkisbu s-sistemi tat-trasport intelliġenti u kooperattivi jseħħu – jew għandhom iseħħu – fil-livell lokali u reġjonali. Jinħtieġ għalhekk li d-deċizzjonijiet jittieħdu flivelli differenti u minn awtoritajiet differenti. Dawn għandhom jittieħdu bir-reqqa, u għalhekk tinħtieġ komunikazzjoni kontinwa u ta' kwalità bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-awtoritajiet lokali u reġjonali;

43. jitlob għal miżuri li jipprovdu protezzjoni xierqa tad-data personali u l-privatezza tal-utenti, li huma fatturi determinanti għas-suċċess tat-tneġġija ta' vetturi kooperattivi, konnessi u awtomatizzati;
44. jitlob għaldaqstant li l-Kummissjoni ttejjeg il-kooperazzjoni internazzjonali bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali minn pajjiżi differenti, sabiex kemm jista' jkun ikunu jistgħu jgħolqu interkonnessjoni bejn il-proġetti, it-testijiet u l-esperimenti tagħhom u jaqsmu l-għarfien tagħhom;
45. jitlob li jiġi żviluppat u propost approċċ speċifiku għal dan l-għan, pereżempju abbażi tal-mudell tal-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu, fejn l-intrapriżi u l-awtoritajiet lokali u reġjonali impenjati b'mod attiv ikunu f'kooperazzjoni appoġġjata mill-Kummissjoni Ewropea.

Brussell, l-10 ta' Ottubru 2017.

Il-President
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni

Karl-Heinz LAMBERTZ

Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Insaħħu r-reżiljenza territorjali: l-għoti tas-setgħa lir-reġjuni u lill-bliet biex jaffaċċjaw il-globalizzazzjoni

(2018/C 054/07)

Relatur ġenerali: Micaela Fanelli (IT/PSE) Sindku ta' Riccia fil-Provinċja ta' Campobasso

Dokument ta' referenza: Dokument ta' Riflessjoni dwar il-ġestjoni tal-globalizzazzjoni

COM(2017) 240 final

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

I. KUMMENTI ĠENERALI

1. jilqa' bi pjaċir il-fatt li bil-preżentazzjoni tad-Dokument ta' Riflessjoni dwar il-ġestjoni tal-globalizzazzjoni, il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-globalizzazzjoni bħala element essenzjali tal-proċess ta' riflessjoni dwar il-futur tal-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾. Tabilħaqq, il-kapaċità tal-UE sabiex tinfluwenza l-globalizzazzjoni u tindirizza l-impatt tagħha hija kruċjali fid-dibattitu pubbliku dwar il-futur tal-Ewropa u l-leġittimità tagħha f'termini tal-istennijiet taċ-ċittadini mill-UE;
2. jirrikonoxxi li s'issa l-Kummissjoni ħadet approċċ komprensiv u informat dwar din il-kwistjoni, notevolment billi, fl-14 ta' Settembru 2017, ippreżentat miżuri ta' segwitu rapidu dwar id-Dokument ta' Riflessjoni f'forma ta' pakkett dwar il-kummerċ li jippreżenta qafas Ewropew li jiskrinja l-investiment dirett barrani kif ukoll qorti tal-investiment multilaterali permanenti. Dan il-pakkett dwar il-kummerċ ser ikun is-suġġett ta' opinjoni separata mill-KtR. Jinsisti madankollu dwar il-ħtieġa li l-Kummissjoni ssegwi approċċ olistiku fir-rigward tal-globalizzazzjoni, li jinkludi, b'mod partikolari, il-politika soċjali u l-politiki dwar il-kapital uman u l-innovazzjoni kif ukoll il-migrazzjoni internazzjonali, it-tibdil demografiku u l-effetti tiegħu marbutin mal-ispazju;
3. jilqa' b'sodisfazzjon ukoll ir-rappreżentazzjoni bilanċjata tal-isfidi u l-opportunitajiet tal-globalizzazzjoni fid-Dokument ta' Riflessjoni dwar il-ġestjoni tal-globalizzazzjoni. Il-globalizzazzjoni kkontribwiet għat-tkabbir ekonomiku f'ħafna reġjuni tad-dinja, u b'hekk tejbet ukoll l-istandard tal-għajxien ta' ħafna ċittadini Ewropej. Iżda mhux ir-reġjuni kollha u s-sezzjonijiet kollha tal-popolazzjoni bbenefikaw bl-istess mod mill-effetti tal-globalizzazzjoni. Barra minn hekk, ħafna persuni mhumix ċerti dwar il-bidliet kbar li qed iseħħu. L-UE għandha tkompli taqdi rwol attiv fit-tiswir tal-proċess tal-globalizzazzjoni u tagħmel użu attiv mill-opportunitajiet li toffri. L-għan għandu jkun li tiġi żgurata distribuzzjoni aktar ġusta tal-opportunitajiet tal-globalizzazzjoni, kemm fi ħdan l-UE kif ukoll globalment;
4. jenfasizza r-rwol ewlieni li jaqdu l-kunsiderazzjonijiet strateġiċi dwar il-finanzi, il-pilastru soċjali u l-politika ta' koeżjoni sabiex jippermettu lill-Kummissjoni twieġeb b'mod aktar kostruttiv għall-isfidi tal-globalizzazzjoni, u jenfasizza l-urġenza għal koordinazzjoni akbar u aħjar ta' dawk l-aspetti;
5. jappoġġja l-intenzjoni tal-Kummissjoni li taħdem flimkien mal-imsieħba internazzjonali biex issaħħaħ il-governanza globali għal distribuzzjoni aktar ġusta tal-opportunitajiet tal-globalizzazzjoni. L-aċċettazzjoni ta' politiki internazzjonali teħtieġ li tiġi mtejba permezz ta' involviment akbar fid-diskussjonijiet demokratiċi, proċess li jieħu ż-żmien u jirrikjedi tfassil adatt. F'dan ir-rigward, l-UE tista' tagħmel użu tajjeb tal-esperjenzi tagħha tal-proċess ta' integrazzjoni Ewropea, u jahtaħdem favur ordni dinji, paċifiku u multilaterali bbażat fuq regoli robusti;
6. ifaħħar il-fatt li l-Kummissjoni tirrikonoxxi d-dimensjoni reġjonali qawwija fl-oqsma ta' politika differenti marbutin mal-globalizzazzjoni, l-impatt tal-globalizzazzjoni li jvarja skont it-territorji ⁽²⁾ u r-responsabbiltà konġunta tal-livelli kollha ta' gvern biex jagħmlu l-ekonomija Ewropea aktar kompetittiva, sostenibbli u reżiljenti għall-globalizzazzjoni, u jiżguraw li, kif enfasizzat fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir (SAT) 2017, il-benefiċċji tal-globalizzazzjoni "jitqassmu b'mod ġust fost gruppi differenti fis-soċjetà, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ, u li tħassib dwar l-ugwaljanza, il-ġustizzja u l-inklużività jitolbu sensibilizzazzjoni fil-livelli kollha dwar l-impatt tal-politiki u r-riformi dwar id-distribuzzjoni tad-dħul ⁽³⁾";

⁽¹⁾ COR-2017-03202-00-02-PAC-TRA (IT) 10/103 B'segwitu għar-Riżoluzzjoni tal-KtR dwar "Il-White Paper tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa – Riflessjonijiet u xenarji għall-UE27 sal-2025" adottata fit-12 ta' Mejju 2017, il-KtR nieda konsultazzjoni li r-riżultati tagħha se jiġu ppreżentati f'opinjoni li għandha tiġi adottata f'nofs l-2018.

⁽²⁾ Dokument ta' riflessjoni dwar il-ġejjieni tal-finanzi tal-UE, p. 16.

⁽³⁾ COM(2016) 725 final, 16.11.2016.

7. jenfasisza, madankollu, li meta jiġu diskussi l-effetti inugwali tal-globalizzazzjoni fuq is-swieq tax-xogħol, id-dokument ma jindirizzax b'mod adatt kwistjonijiet ta' kif dawn l-effetti jvarjaw madwar ir-reġjuni tal-Unjoni, l-interazzjonijiet tagħhom mal-kriżi u mal-politiki ta' awsterità, u r-rilevanza tal-fenomeni ta' "skills-inflation" u nuqqas ta' impjieg tas-saffi tal-forza tax-xogħol li għandhom livelli ta' edukazzjoni superjuri – speċjalment fost il-ġenerazzjonijiet żgħira – u kif dan jorbot mat-tnaqqis fl-impjieg fost il-ħaddiema b'livell ta' ħliet aktar baxx;

8. jenfasisza li huwa essenzjali li tinżamm il-kapaċità tal-awtoritajiet lokali u reġjonali li jinvestu bħala fattur ta' reżiljenza għall-globalizzazzjoni. Itenni għalhekk it-talba li n-nefqa pubblika mill-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-qafas tal-kofinanzjament tal-Fondi SIE u l-BEI m'għandhiex tiġi inkluża man-nefqa strutturali kif iddefinit fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST), peress li tali investimenti huma bħala definizzjoni ta' interess Ewropew ġenerali u għandhom effett ta' ingranaġġ approvat fir-rigward tat-trawwim ta' tkabbir ekonomiku ⁽⁴⁾;

9. itenni l-fehma qawwija tiegħu li t-tkabbir ma jistax jimxi id f'id mal-inugwaljanzi u l-esklużjoni soċjali, u jfakkar li l-Artikolu 3(3) tat-TUE tal-UE għandu impenn li jibni ekonomija tas-suq soċjali kompetittiva ħafna, bl-għan ta' impjieg għal kulħadd u progress soċjali; madankollu, jenfasisza, li l-Artikolu 9 tat-TFUE, jiġifieri, "il-klawsola soċjali" orizzontali ta' dak it-Trattat, titlob lill-UE tqis ir-rewiżiti marbuta mal-garanzija ta' livell adatt ta' protezzjoni soċjali u l-għieda kontra l-esklużjoni soċjali fil-politiki u l-attivitajiet kollha tagħha;

10. jirrimarka li, skont studji li saru dan l-aħħar, l-ispejjeż tal-protezzjoni soċjali mhumiex ta' ħsara għall-kompetittività u li, għaldaqstant, is-sistemi tas-sigurtà soċjali nazzjonali għandhom minflok jitqiesu bħala fattur produttiv u mhux piż fuq l-ekonomija, u f'dan ir-rigward jinnotta li, għall-ewwel darba, anke l-OSKE ⁽⁵⁾ tqis l-inklużjoni bħala objettiv primarju flimkien mal-produttività u l-impjieg, filwaqt li tfakkar fil-ħtieġa li l-gvernijiet jagħtu aktar attenzjoni lill-gruppi soċjali l-iktar esposti għall-ispejjeż tar-riformi;

11. itenni t-tħassib li r-regoli fiskali Ewropej xi kultant jagħmluha diffiċli għar-ridistribuzzjoni tal-benefiċċji tal-globalizzazzjoni għas-sezzjonijiet żvantaġġati tas-soċjetà iżda spiss anke jżidu d-diffikultà tagħhom peress li l-mekkaniżmi tal-protezzjoni soċjali u r-ridistribuzzjoni tal-ġid tnaqqsu; jenfasisza r-rwol fundamentali li jaqdu l-awtoritajiet lokali u reġjonali sabiex jipprovdu servizzi pubbliċi ⁽⁶⁾ u jinnotta b'dispaċir kbir id-diffikultajiet dejjem akbar li jsibu meta jiġu biex jiżguraw l-innovazzjoni f'dawk is-servizzi u ż-żamma tal-kwalità għolja tagħhom, bħala riżultat tal-istess regoli fiskali; Jistenna għalhekk rikonoxximent akbar b'mod partikolari fil-proċess tas-Semestru Ewropew tar-rwol li jaqdu l-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-implimentazzjoni tal-Għan 11 tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fir-rigward l-inklużività, is-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà;

12. jilqa' bi pjaċir id-Dokument ta' Riflessjoni tal-Kummissjoni dwar id-dimensjoni soċjali tal-Ewropa ⁽⁷⁾ u l-proposta tagħha dwar Pilastru Ewropew tad-drittijiet soċjali, u jqis li ż-żewġ inizjattivi huma passi deċiżivi fil-proċess għal konverġenza akbar lejn kundizzjonijiet ta' xogħol u għajxien aħjar fl-Ewropa, u għal tqassim aħjar tal-benefiċċji tal-globalizzazzjoni; jappoġġja l-idea ta' tabella ta' valutazzjoni soċjali u huwa tal-opinjoni li għandhom jiġu inklużi miri soċjali ta' natura vinkolanti;

13. jissuġġerixxi li ma tibqax issir promozzjoni ta' "riformi strutturali li jinjoraw l-ispazju" filwaqt li titfassal strateġija tal-UE għall-isfruttar tal-globalizzazzjoni mibnija fuq tliet assi prinċipali: *strateġija proattiva* ċara dwar it-titjib tal-ħliet, l-għarfien, l-infrastruttura, u b'hekk il-kompetittività reġjonali sabiex it-territorji kollha tal-UE jiġu mgħejjuna jisfruttaw l-opportunitajiet tal-globalizzazzjoni, *strateġija għall-migrazzjoni* li tinkludi Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) u strumenti oħrajn ta' politika soċjali, u *strateġija parteċipatorja* mibnija fuq ir-responsabbiltà fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali u lokali għal involviment aħjar taċ-ċittadini fit-tfassil tal-politiki tal-UE;

⁽⁴⁾ Opinjoni tal-KtR dwar "Il-promozzjoni tal-kwalità tal-infiq pubbliku fi kwistjonijiet soġġetti għal azzjoni tal-UE"; BUDG-V-009, ref.: COR-2014-04885, relatur: Catuscia Marini (IT/PSE); Opinjoni tal-KtR dwar "L-aħjar użu tal-flessibbiltà fir-regoli eżistenti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir"; ECON-VI/002, ref.: COR-2015-01185, relatur: Olga Zrihen (BE/PSE); Opinjoni tal-KtR dwar "It-Tnaqqis tad-Distakk fl-Investment: Kif għandhom jiġu indirizzati l-Isfidi?"; ECON-VI/014, relatur: Markku Markkula (FI/PPE), 8 u 9 ta' Frar 2017.

⁽⁵⁾ OECD, *Going for Growth*, 2017.

⁽⁶⁾ Kummissjoni Ekonomika, Is-sitt rapport dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, 2014.

⁽⁷⁾ Bħalissa qed titħejja Opinjoni tal-KtR dwar "Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u d-Dokument ta' Riflessjoni dwar id-dimensjoni soċjali tal-Ewropa" (relatur: Mauro D'Attis (IT/PPE), u mistennija tiġi adottata fil-plenarja tal-KtR tad-9-11 ta' Ottubru 2017).

14. itenni l-importanza ta' approċċ imġedded u msaħħaħ ibbażat fuq il-post għall-politiki Ewropej li jippermetti governanza effikaċi tal-proċessi ta' riorganizzazzjoni u ta' agglomerazzjoni territorjali ikkawżati mill-integrazzjoni ġenerali tas-swieq. Din ir-rorjentazzjoni, li hija diġà ċentrali għall-politika ta' koeżjoni, hija essenzjali biex timmitiga ż-żieda fl-inugwaljanzi soċjoterritorjali li seħħew fiż-żoni metropolitani u urbani u bejn dawn iż-żoni u dawk rurali; l-impatt negattiv ta' dawn l-inugwaljanzi fuq il-livelli ta' benessri soċjali jistgħu jipperikolaw l-ekwilibriju politiku u istituzzjonali tal-Unjoni.

II. RAKKOMANDEZZJONIJIET TA' POLITIKA

Fir-rigward tal-politika kummerċjali

15. jenfasizza li l-kummerċ mhuwiex għan aħħari fih nnifsu, iżda għandu jitqies bħala mezz biex jintlaħqu l-oġġettivi ġenerali tal-UE, kif stabbilit fl-Artikolu 3 tat-TUE, kif ukoll fl-Istrateġija Ewropa 2020, l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli ⁽⁸⁾;

16. jilqa' bi pjaċir l-impenn tal-Kummissjoni biex tiżdied it-trasparenza fil-proċessi ta' negozjati kummerċjali. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea biex tiżgura li, meta tkun involuta f'negozjati u fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet relatati ma' ftehimiet kummerċjali, tkun f'kuntatt b'mod effettiv mal-livelli kollha tal-gvern u mal-partijiet interessati meta tkun qed tistabbilixxi pożizzjoni komuni tal-UE u tikkomunika r-riżultati tan-negozjati b'mod effettiv. Jistieden ukoll lill-Istati Membri biex minn issa jżidu t-trasparenza fl-istadju meta l-għanijiet tal-politika tal-kummerċ jiġu fformulati għal negozjati kummerċjali speċifiċi;

17. jirrimarka li skont l-Artikolu 3(1) tat-TFUE, il-politika kummerċjali komuni hija fost il-kompetenzi esklużivi tal-UE. Madankollu, fejn in-negozjati tal-kummerċ ikopru wkoll oqsma ta' kompetenzi kondiviżi mal-Istati Membri, it-tqasim tal-kompetenzi f'dawk il-kompetenzi għandu jiġi ċċarat ukoll fl-iktard stadju kmieni possibbli anke b'referenza għall-prinċipju tas-sussidjarjetà;

18. iqis li l-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri biex jiżguraw li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jiġu involuti fil-proċessi ta' negozjar kummerċjali

19. jenfasizza li, f'tit jiem wara r-rilaxx tad-Dokument ta' Riflessjoni tal-Kummissjoni (10 ta' Mejju 2017), fis-16 ta' Mejju 2017, il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja ppreżentat l-Opinjoni tagħha 2/2015 dar il-ftehim ta' kummerċ ħieles ma' Singapore, li tasal għall-konklużjoni li dan it-tip ta' ftehim jaqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-UE, bl-eċċezzjoni tad-dispożizzjonijiet relatati mal-protezzjoni tal-investment, li jikkonċernaw kompetenza kondiviżiva bejn l-UE u l-Istati Membri. Għalhekk, il-Kummissjoni jista' jkollha t-tendenza li fil-ġejjieni ttipponi ftehimiet ta' kummerċ li jkopru biss oqsma ta' kompetenzi esklużivi tal-UE. Madankollu, dan l-approċċ ma għandux iwassal biex il-Kummissjoni tnaqqas l-ambizzjonijiet tagħha f'termini ta' trasparenza u inklużività fir-rigward tal-livelli kollha tal-gvern. Il-KtR għalhekk jistenna li l-Kummissjoni tipprevedi rappreżentanza tal-KtR fi ħdan il-Grupp Konsultattiv dwar in-negozjati kummerċjali tal-UE li l-istabbiliment tiegħu tħabbar fil-Komunikazzjoni tagħha tat-13 ta' Settembru 2017 dwar "Politika tal-Kummerċ Ibbilanċjata u Progressiva biex tiġi sfruttata l-Globalizzazzjoni" ⁽⁹⁾;

20. jistieden lill-Kummissjoni tikseb il-miri tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli permezz tal-Konsensus Ewropew ġdid dwar il-politiki tal-iżvilupp. Il-ġlieda kontra l-kawżi strutturali tal-faqar u l-inugwaljanzi globali li dejjem qed jikbru tista' tikkontribwixxi wkoll biex jitnaqqsu l-kawżi tal-migrazzjoni

21. jinnota li l-akbar sehem tat-tkabbir dinji se jiġi minn barra l-UE fil-futur. Fl-istess ħin, l-ostakli tariffarji diġà tnaqqsu b'mod konsiderevoli permezz ta' ftehimiet multilaterali u bilaterali. Jistenna għaldaqstant li ssir aktar pressjoni fuq l-ostakli nontariffarji (ONT) u kwistjonijiet regolatorji. Madankollu, id-dritt tal-awtoritajiet Ewropej u l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali li jirregolaw fl-interess pubbliku, kif ukoll ir-rwol u d-diskrezzjoni wiesgħa tal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali fl-organizzazzjoni u l-provvediment ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, xorta għandhom jiġu rrispettati b'mod sħiħ. Il-kooperazzjoni regolatorja m'għandhiex iddghajef il-proċessi leġislattivi demokratiċi;

22. jilqa' bi pjaċir l-approċċ tal-Kummissjoni biex tippromovi t-tkabbir sostenibbli u l-ħolqien ta' impjegi f'pajjiżi li qed jiżviluppaw permezz tat-tisħiħ tal-kooperazzjoni mas-settur privat fil-qafas tal-Pjan ta' Investment Estern propost, li jagħmel parti mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli. F'dan il-kuntest, għandhom jinħolqu strumenti adegwati biex jiġi żgurati li l-investment privat ikollu impatt sostenibbli u ġust, fl-interessi wkoll tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw u mhux orjentati biss għal skopijiet ta' qligħ;

⁽⁸⁾ L-Opinjoni tal-KtR dwar "Il-passi li jmiss għal ġejjieni Ewropew sostenibbli – Azzjoni Ewropea għas-sostenibbiltà", CIVEX-VI/020, relatur: Franco Iacop (IT/PSE), 6 ta' April 2017.

⁽⁹⁾ COM(2017) 492.

23. jenfasizza li fl-Opinjoni tagħha 2/2015, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li “(...) il-liberalizzazzjoni (...) tal-kummerċ (hija) soġġetta għall-kundizzjoni li l-Partijiet jikkonformaw mal-obbligi internazzjonali rigward il-protezzjoni soċjali tal-ħaddiem u l-protezzjoni ambjentali” (paragrafu 166). Iqis għalhekk li d-direttivi ta' negozjati għan-negozjar ta' ftehimiet ta' kummerċ ħieles għandhom iżommu r-rekwiżit ta' Valutazzjonijiet tal-Impatt dwar is-Sostenibbiltà li jsiru minn qabel. Il-ftehimiet kummerċjali għandhom jirrispettaw l-istandards regolatorji eżistenti u l-liġijiet tax-xogħol li għandhom ikunu soġġetti għal kapitoli distint fl-FTAs tal-futur;

24. jappoġġja lill-Kummissjoni fl-għan tagħha li taħdem favur ordni dinji paċifiku, multilaterali u bbażat fuq regoli robusti. Dan jinkludi l-implimentazzjoni effettiva u l-iżvilupp ulterjuri trasparenti ta' ftehimiet kummerċjali u l-konformità magħhom sabiex tkun żgurata kompetizzjoni ġusta, jissaħħu d-drittijiet fundamentali tax-xogħol f'konformità mat-tmien standards ewlenin tax-xogħol tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), u jiġu ssalvagwardjati l-istandards Ewropej għoljin tal-protezzjoni, partikolarment fir-rigward tan-Nofsinar Globali;

25. jistieden lill-Kunsill biex jilħaq ftehim malajr dwar ir-riforma tal-istrumenti għad-difiża tal-kummerċ u b'mod partikolari dwar il-metodoloġija ġdida tal-antidumping. Barra minn hekk, abbażi tal-Artikolu XXI tal-Ftehim dwar l-Anti-Dumping (GATT agreement), kif ukoll l-Artikoli 65 u 346 tat-TFUE, jitlob l-armonizzazzjoni tal-kriterji għad-definizzjoni ta' “investimenti strateġiċi” f'termini ta' valur (livelli limiti tal-intervent) u ta' setturi, meta s-sigurtà pubblika tkun mhedda u meta l-imsieħba kummerċjali ma jiggerantixxux ir-riċiproċità; Jilqa' f'dan il-kuntest il-filosofija tal-proposta għal Regolament ippreżentata mill-Kummissjoni fit-13 ta' Settembru dwar l-iskrinjar tal-investiment barrani f'setturi strateġiċi tal-UE bħala pass importanti lejn kundizzjonijiet ekwi fl-Ewropa u protezzjoni aħjar, b'mod partikolari fil-każ ta' akkwisti korporattivi fl-UE minn intrapriżi kkontrollati mill-istat ta' pajjiż terz;

26. jinnota li fil-konklużjoni ta' ftehimiet ta' kummerċ ħieles ulterjuri għandha tingħata attenzjoni biex jiġu rispettati l-istandards għoljin applikati fl-UE, bħal fl-oqsma tal-protezzjoni tal-konsumatur, il-protezzjoni ambjentali u tan-natura, jew il-protezzjoni tad-data;

27. jenfasizza li bħala ekonomija orjentata lejn l-esportazzjoni, l-UE tista' biss tiggwadanja meta tinkludi l-akkwist pubbliku fil-ftehimiet ta' kummerċ internazzjonali. L-UE diġà hija waħda mill-iktar ekonomiji miftuħin fid-dinja f'dan il-qasam minħabba l-Ftehim tad-WTO dwar l-Akkwisti tal-Gvern. Il-ftuħ asimmettriku ulterjuri tas-swieq tal-akkwist pubbliku ma jkunx jagħmel sens. Madankollu, id-diskrepanza kbira bejn il-ftuħ tas-swieq tal-akkwist pubbliku tal-UE u l-prattiki restrittivi mill-imsieħba kummerċjali ewlenin u l-fatt li ma hi garantita ebda riċiproċità fil-ftuħ, ifissru li għandha titqies inizjattiva volontarja u mhux vinkolanti fi ħdan l-UE simili għall-Karta “Buy from European Regions Charter” (Karta dwar l-akkwist minn reġjuni Ewropej), li tkun tappoġġja l-prodotti lokali u reġjonali ta' kwalità għolja fl-Ewropa. Inizjattiva bħal din tista', pereżempju, tikkjarifika kif jistgħu jiġu inkoraġġiti l-prodotti “Made in European Regions”. Il-KtR itenni wkoll it-talba li ilu jagħmel lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta leġislattiva dwar l-estensjoni tal-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika għal prodotti mhux agricoli;

28. jenfasizza li l-persentaġġ ta' SMEs involuti f'attivitajiet internazzjonali għadu baxx ħafna; jirrikonoxxi l-importanza ta' diplomazija ekonomika tal-UE sabiex isir użu sħiħ ta' dan il-potenzjal mhux sfruttat u jenfasizza l-ħtieġa għal koordinazzjoni aħjar bejn l-UE, l-Istati Membri, l-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-istituzzjonijiet finanzjarji bħall-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) sabiex jingħelbu ostakli persistenti għall-aċċess għas-suq u għal użu aħjar tan-netwerk ta' Delegazzjonijiet tal-UE fid-dinja kif ukoll il-Kmamar Ewropej tal-kummerċ u l-industrija;

29. iqis li l-UE għandha tistabbilixxi t-trasparenza, il-korrettezza u l-effiċjenza tat-taxxa fost l-ogħla prijoritajiet tal-politika kummerċjali tagħha u tiżgura li jkun hemm armonizzazzjoni dinjija fl-implimentazzjoni ta' standards komuni bħal dawk proposti mill-OECD permezz tal-inizjattiva dwar l-Erożjoni tal-Bażi u Trasferiment tal-Profit (BEPS);

30. jappoġġja wkoll it-talba fdak li għandu x'jaqsam ma' politika fiskali li fil-kuntest tal-kontinwità tal-proposti tal-Kummissjoni għal Direttivi dwar Bażi għat-Taxxa Korporattiva Konsolidata Komuni, il-Kummissjoni għandha tipproponi li tiġi stabbilita l-hekk imsejħa “equalisation tax” fuq il-fatturat miksub minn kumpaniji diġitali fl-Ewropa, li tkun iġġudata fuq l-Artikolu 116 TFUE, sabiex tiġi evitata distorsjoni tal-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni fis-suq uniku;

31. jesprimi tħassib, minkejja l-analiżi konsiderevoli li saret mill-Eurofound partikolarment permezz tal-Osservatorju Ewropew tar-Rilokalizzazzjoni (European Reshoring Monitor), dwar in-nuqqas ta' għodod adatti biex, permezz ta' data konkreta, jitkejjel l-impatt possibbilment asimmetriku tal-globalizzazzjoni fil-livell reġjonali u, għalhekk, itenni s-sejħa tiegħu biex, qabel it-tnedija tan-negozjati kummerċjali, isiru valutazzjonijiet sistematiċi tal-impatt territorjali mill-Kummissjoni f'kooperazzjoni mal-KtR u ċ-Ċentru ta' Għarfien dwar Politiki Territorjali tal-JRC;

Fir-rigward tal-politiki interni

32. kien jistenna li d-Dokument ta' Riflessjoni jipproponi miżuri konkreti għal aġġornament tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG), filwaqt li jindirizza n-nuqqasijiet tiegħu, fost oħrajn: l-kamp ta' applikazzjoni baġitarju limitat tiegħu (EUR 150 miljun fis-sena għall-perjodu 2014-2020); il-proċeduri li jieħdu fit-tul minħabba l-fatt li mhux parti mill-Qafas Finanzjarju Pluriennali tal-UE (QFP); il-proporzjon għoli ta' kofinanzjament li jintalab mill-Istati Membri (minimu ta' 40 %). Għalhekk jappella: għall-ikkomplementar tal-FEG b'fergħa preventiva; li jiżded il-baġit tiegħu għal mill-inqas EUR 500 miljun fis-sena; l-integrazzjoni tiegħu fil-QFP; li l-kriterji għall-iskattar tal-FEG jonqsu b'mod sinifikanti⁽¹⁰⁾; jiġu żgurati sinerġiji mal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej; tiġi żgurata flessibilità akbar sabiex ikunu jistgħu jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi tar-reġjuni u t-territorji;

33. huwa konvint li l-persjonijiet globali attwali jirrikjedu strateġija industrijali tal-UE komprensiva u bbażata fuq il-post⁽¹¹⁾, li tkopri l-koordinazzjoni strateġika bejn il-politiki u l-istrumenti rilevanti tal-UE;

34. jenfasizza li, kif iddikjarat fid-dokumenti tal-Kummissjoni, it-trasformazzjoni ekonomika ewlenija ssir fil-livell lokali, fejn jinteraġixxu l-industrija u l-persuni. Għalhekk il-priorità għandha tkun li niffukaw fuq il-ħtiġijiet ta' investiment fil-livell lokali u reġjonali bil-għan li r-reġjuni kollha jkunu jstgħu jibbenefikaw mis-suq intern u jkunu ppreparati aħjar sabiex jindirizzaw l-isfidi tal-globalizzazzjoni. Il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, b'mod partikolari l-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi, għandhom ikunu kkoordinati biex ir-reġjuni jiġu meġhuna fl-istrateġiji tagħhom ta' speċjalizzazzjoni "intelliġenti", u jkunu effettivament aċċessibbli għar-reġjuni kollha permezz ta' proċess gradwali ta' innovazzjoni, li għandu jinkludi lill-atturi kollha tat-territorju;

35. jišhaq li l-UE, li issa hija l-akbar importatriċi u esportatriċi dinjija tal-ikel, żiedet id-dipendenza tagħha fuq pajjiżi terzi. Il-prezzijiet agrikoli fl-Ewropa qed isiru dejjem aktar marbutin mal-prezz tal-irħas offerent fis-suq dinji u li l-bdiewa Ewropej huma għalhekk soġġetti għal kompetizzjoni akbar, minkejja li huma obbligati jirrispettaw standards ambjentali, soċjali u sanitarji aktar rigorużi; Iż-żieda fid-dipendenza tal-UE fuq l-importazzjonijiet tikkontradixxi wkoll l-għan tagħha tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gass b'effett ta' serra. Barra minn hekk, l-esportazzjonijiet tal-UE ta' kwantitajiet żejda bi prezzijiet orħos mill-kost ta' produzzjoni fl-Ewropa jhedded l-għajxien tal-bdiewa fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u jħeġġeġ lill-popolazzjonijiet rurali biex jemigraw, li jmur kontra l-impenn tal-UE għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU (SDG). Tenni, għalhekk, l-appell tiegħu għal riforma tal-PAK b'tali mod li din issir aktar ġusta u aktar sostenibbli⁽¹²⁾;

36. jesprimi tħassib dwar it-telf ta' impjiegi, li jirriżulta mir-rilokazzjoni ta' intrapriżi Ewropej lejn territorji l-barra mill-Ewropa b'rekwiżiti mnaqqsa fl-oqsma soċjali, fiskali u ambjentali;

37. jenfasizza li l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jista' jikkontribwixxi għat-titjib tal-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol u l-ġlieda kontra l-faqar jekk dan jissarraf f'miżuri konkreti ta' segwitu leġiżlattiv u jekk ir-rwol u l-profil tal-indikaturi soċjali jissaħħu fi ħdan is-Semestru Ewropew;

38. jenfasizza li l-kwistjoni tal-migrazzjoni internazzjonali hija ta' importanza kruċjali fil-formulazzjoni ta' strateġija Ewropea dwar il-globalizzazzjoni, u jtenni⁽¹³⁾ l-appoġġ tiegħu għall-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni 2015, filwaqt li jinnota b'mod partikolari l-ħtieġa li jiġu segwiti l-impenji li saru b'rabta mal-adozzjoni ta' politika komuni b'saħħitha fil-qasam tal-asil u l-migrazzjoni legali, mal-bini ta' sħubiji ma' pajjiżi terzi li fihom jiġi rikonoxxut ir-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, u mat-tnedija ta' pjan ta' investiment internazzjonali bħala parti mill-isforzi fl-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp tan-NU;

⁽¹⁰⁾ Jitqies b'mod partikolari li l-programm ekwivalenti tal-Istati Uniti ("Għajnuna għal Aġġustament Kummerċjali / TAA") ma jipprevedi l-ebda limitu minimu ta' sensji li għandu jintlaħaq.

⁽¹¹⁾ Opinjoni fuq inizjattiva proprja tal-KtR dwar "Strateġija Ewropea għall-industrija: ir-rwol u l-perspettiva tal-awtoritajiet lokali u reġjonali" qiegħda tiġi abbozzata bħalissa (relatur: Heinz Lehmann (PPE/DE)).

⁽¹²⁾ Ara l-opinjoni tal-KtR dwar "Il-PAK wara l-2020", minn Guillaume Cros (PSE/FR) adottata fit-12 ta' Lulju 2017 AC NAT-VI/21, ĠU C 342, 12.10.2017, p. 10.

⁽¹³⁾ Ara l-Opinjoni tal-KtR dwar "Qafas ta' sħubija ma' pajjiżi terzi dwar l-Aġenda Ewropea dwar il-migrazzjoni", relatur: Peter Bossman (SL/PSE), adottata fid-9 ta' Frar 2017, COR-2016-04555-00-00-AC-TRA.

39. filwaqt li l-migrazzjoni legali ta' ħaddiema tas-sengħa minn pajjiżi terzi tikkontribwixxi għat-tkabbir sostenibbli tal-ekonomija tal-UE, huwa importanti li jitqies l-impatt negattiv li dan l-eżodu ta' m'huw għandu fuq l-iżvilupp ekonomiku futur tal-pajjiżi msieħba;

40. itenni l-ħtieġa li tissaħħa il-kapaċità tal-politika ta' koeżjoni kemm biex timmitiga l-effetti negattivi tal-globalizzazzjoni madwar l-Ewropa kif ukoll biex tiżviluppa l-effetti pożittivi permezz tat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' strateġiji ta' żvilupp li jgħinu biex l-ekonomija tal-Ewropa issir aktar kompetittiva, sostenibbli u reżiljenti; għal dan il-għan, jenfasizza l-ħtieġa għal investiment fir-rwol tal-awtoritajiet lokali u fil-kapaċità tagħhom biex jimmobilizzaw ir-riżorsi essenzjali – l-informazzjoni, l-għarfien espert u l-leġittimità – sabiex jiġu żviluppati dawn l-istrateġiji, b'attenzjoni partikolari għar-reġjuni li huma l-aktar vulnerabbli għall-isfidi mill-kompetizzjoni internazzjonali (id-dritt territorjali għall-globalizzazzjoni);

41. jenfasizza l-kontribut li jsir mill-migranti lejn l-ekonomiji tal-pajjiżi ospitanti tagħhom; jappella għal aktar enfasi fuq l-integrazzjoni tagħhom b'mod effettiv permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali;

42. jiddispjaċih li fid-dokument, il-ħtieġa li tittejjeb il-kapaċità istituzzjonali fil-livelli kollha ta' gvern mhix speċifikata bħala prerekwiżit fundamentali għal implimentazzjoni effettiva tal-istrumenti kollha li għandhom l-għan li jrawmu l-iżvilupp territorjali, u jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-analiżi tal-KtR turi li 53 % tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2017 iqisu din il-kwistjoni ta' kapaċità, u li l-progress fl-implimentazzjoni kien partikolarment baxx f'dan il-qasam. Itenni l-appell tiegħu għal Kodiċi ta' Kondotta li jagħti dimensjoni territorjali lis-Semestru Ewropew, li huwa l-għodda prinċipali għal koordinazzjoni tal-politika ekonomika u fiskali fil-livell tal-UE, iżda li ma jrendix dak li wiegħed minħabba l-implimentazzjoni batuta tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż u sens ta' sjieda dgħajfef;

43. jenfasizza l-kontribut li l-Aġenda Urbana għall-UE – il-Patt ta' Amsterdam – toffri sabiex jiġu żviluppati l-politiki dwar l-iżvilupp reġjonali, u jissuġġerixxi li jissaħħa aktar l-istrumenti għall-implimentazzjoni tagħha (URBACT, l-Azzjonijiet Innovattivi Urbani, il-Patt tas-Sindki, Bliet u Komunitajiet Intelliġenti) u fl-istess ħin jistieden lill-Kummissjoni tiżgura użu akbar tal-istrumenti ewlenin tal-politika ta' koeżjoni bħalma huma l-Investment Territorjali Integrat (ITI) u l-Iżvilupp Lokali Mmexxi mill-Komunità (CLLD), li rari ntużaw sal-lum;

44. jistieden lill-Kummissjoni, biex meta tkun qed tiżviluppa aktar il-FEG, tagħti attenzjoni partikolari lir-reġjuni u l-muniċipalitajiet li qed jintlaqtu partikolarment ħażin mill-effetti negattivi tal-globalizzazzjoni, sabiex ma jibqgħux lura bħala "telliefa tal-proċess tal-globalizzazzjoni. L-iżviluppi li ggħib magħha l-globalizzazzjoni għandhom ikunu ta' benefiċċju għaċ-ċittadini kollha tal-UE;

45. jenfasizza li, f'konformità mar-riforma tal-politika ta' koeżjoni⁽¹⁴⁾, hemm bżonn ta' approċċi divrenzjati u riforma abbażi tal-livell lokali, li, fost oħrajn, jisfruttaw il-karatteristiċi u l-potenzjal taż-żoni rurali, sabiex jiġi stabbilit mudell ta' żvilupp aktar sostenibbli, abbażi tal-preservazzjoni tal-bilanċ ambjentali u demografiku Ewropew u b'użu sħiħ tar-riżorsi⁽¹⁵⁾;

46. jistieden lill-Kummissjoni biex tiżviluppa aktar il-kunċett ta' "reżiljenza territorjali" filwaqt li tippreżenta paradigma Ewropea li gradwalment tinfluwenza l-politiki individwali tal-Unjoni Ewropea. Fl-iżvilupp ta' din il-paradigma għandhom jiġu kkunsidrati kwistjonijiet ewlenin bħalma huma d-diversifikazzjoni tal-bażijiet territorjali u ekonomiċi tal-produzzjoni, l-iżvilupp ta' relazzjonijiet istituzzjonali bejn iż-żoni urbani, suburbani u rurali, it-trasformazzjoni sostenibbli taċ-ċikli tar-riżorsi, il-kapaċità ta' reazzjoni għal riskji u sfidi emerġenti bħat-tibdil fil-klima, u l-iżvilupp proattiv tal-kapital soċjali fil-livell lokali.

Brussell, l-10 ta' Ottubru 2017.

Il-President
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni
Karl-Heinz LAMBERTZ

⁽¹⁴⁾ Fabrizio Barca, "Position paper: EU cohesion policy, a forward-looking perspective. The European Union's great opportunity". Is-7 Forum dwar il-Koeżjoni, Brussell, 26-27 ta' Gunju 2017.

⁽¹⁵⁾ Bħala eżempju, ara l-istrateġija nazzjonali Taljana dwar "iż-żoni interni"(www.agenziacoessione.gov.it/it/arint/).

Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Approċċ strateġiku għar-reżiljenza fl-azzjoni esterna tal-UE

(2018/C 054/08)

Relatur Ġenerali: Marcin Ociepa (PL/KRE), President tal-Kunsill Muniċipali ta' Opole**Dokument ta' referenza:** Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill — Approċċ Strateġiku għar-Reżiljenza fl-azzjoni esterna tal-UE

JOIN(2017) 21 final

RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA**IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI**

1. jilqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Approċċ Strateġiku għar-Reżiljenza fl-azzjoni esterna tal-UE (JOIN (2017) 21 final), u b'mod partikolari l-enfasi fuq ir-rwol importanti tal-awtoritajiet lokali u reġjonali bħala atturi ewlenin fit-tisħiħ tar-reżiljenza fil-viċinat tal-UE abbażi tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità; jinnota madankollu li l-enfasi fuq ir-rwol tagħhom għandha tissarraf fmiżuri politiċi tanġibbli mill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, billi pereżempju l-awtoritajiet lokali u reġjonali tal-pajjiżi msieħba tal-UE, kif ukoll l-assoċjazzjonijiet tagħhom, jiġu involuti fl-azzjoni esterna tal-UE, filwaqt li jiġi appoġġjat il-bini tal-kapaċità tal-awtoritajiet lokali u reġjonali f'diversi oqsma ta' politika, eċċ.
2. Jaqbel mad-definizzjoni ta' reżiljenza stipulata fid-dokument dwar l-Istrateġija Globali tal-UE (EUGS), iżda jistieden lill-Kummissjoni biex tagħraf li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jibnu soċjetajiet reżiljenti u huma l-pedament ta' demokrazija stabbli, fejn il-pajjiżi jiġu megħjuna jsiru aktar reżiljenti. Jemmen li l-approċċ strateġiku tal-UE għandu josserva l-prinċipju minn isfel għal fuq u għandu wkoll jassisti u jiffaċilita l-iskambju ta' prattiki tajba fost l-Istati Membri tal-UE u l-awtoritajiet lokali u reġjonali tal-pajjiżi ġirien.
3. jappoġġja bis-sħiħ l-estensjoni tal-miżuri għat-tisħiħ tar-reżiljenza, b'konformità mal-Istrateġija Globali tal-UE, b'enfasi partikolari primarjament fuq ir-relazzjonijiet mal-viċinat tal-Lvant u tan-Nofsinhar tal-UE, iżda wkoll fuq ir-relazzjonijiet ma' daww il-pajjiżi terzi li magħhom l-Istati Membri tal-UE għandhom rabta ta' kooperazzjoni preferenzjali.
4. jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żviluppati strumenti adegwati, effiċjenti u flessibbli ta' għajnuna finanzjarja u teknika għat-tibdil li qiegħed iseħħ, u li ħafna minnhom jeħtieġ li jintużaw sabiex jiġu implimentati miżuri konkreti li għandhom l-għan li jsaħħu r-reżiljenza minflok ikopru l-ispejjeż amministrattivi tal-programm.
5. jenfasizza l-importanza ta' kooperazzjoni effiċjenti bejn l-Unjoni Ewropea u l-organizzazzjonijiet imsieħba bħan-Nazzjonijiet Uniti u l-Fond Monetariju Internazzjonali, peress li lkoll jaqsmu l-għan li jsaħħu r-reżiljenza.
6. jappoġġja l-erba' elementi kostitwenti (analiżi mtejba tar-riskji u l-kawżi tan-nuqqas ta' reżiljenza; monitoraġġ aħjar tal-pressjoni esterna sabiex tkun tista' tittieħed azzjoni minn kmieni; l-integrazzjoni tar-reżiljenza fl-ipprogrammar u l-iffinanzjar tal-azzjoni esterna; l-iżvilupp ta' strateġiji u prattiki internazzjonali dwar ir-reżiljenza) kif ukoll l-10 prinċipji gwida, stabbiliti fl-anness, għal approċċ strateġiku għar-reżiljenza, li jiżguraw li dan l-approċċ jintrobat mal-azzjoni esterna tal-UE u li jidentifikaw l-awtoritajiet lokali u reġjonali bħala atturi indispensabbli, li mingħajrhom ma jkunx possibbli li jingħata kontribut effettiv għall-iżvilupp tal-istrateġija, ta' djalogu dwar il-politika, l-ippjanar tal-għajnuna u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet.
7. jinnota li l-kwistjoni tar-reżiljenza għandha tkun inkorporata fil-kuntest rilevanti — il-politiki tal-iżvilupp, l-investiment u l-edukazzjoni — kif ukoll fil-ftehimiet dwar il-kooperazzjoni internazzjonali, u b'hekk ikunu jistgħu jiġu ppjanati aħjar il-miżuri li jsaħħu r-reżiljenza, inkluż miżuri lokali, reġjonali u transkonfinali.

8. jaqbel li t-tisħiħ tar-reżiljenza esterna hija mezz biex jintlaħaq għan, u mhux għan fih innifsu. Għaldaqtant jinħtieġu miżuri fit-tul li jinkludu l-istituzzjonijiet statali, tas-soċjetà u lokali tal-Istati Membri tal-UE kif ukoll tal-pajjiżi msieħba u dan sabiex tissaħħa is-sigurtà u jinkiseb l-oġettiv ta' stabbiltà dejjiema.

9. Jenfasizza li sabiex tinbena r-reżiljenza, l-implimentazzjoni tal-istrategġi u l-pjani nazzjonali, reġjonali u lokali tal-ġestjoni tar-riskju jridu jiġu mħeġġa; analiżi tal-konformità tagħhom mal-Qafas Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju tad-Diżastri 2015-2030 ⁽¹⁾ għandha tiġi promossa wkoll. Jenfasizza wkoll l-importanza tal-iżvilupp tal-kooperazzjoni bejn il-bliet u r-reġjuni u r-rwol li għandhom f'dan ir-rigward mill-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għat-Tnaqqis tar-Riskju tad-Diżastri u l-kampanja "Making Cities Resilient".

10. huwa tal-opinjoni li l-miżuri fil-qasam tal-migrazzjoni għandhom jiġu kkunsidrati b'mod komprensiv fil-kuntest tar-relazzjoni politika ġenerali tagħna mal-pajjiżi msieħba. Dawn il-miżuri għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipji ta' awtoregolazzjoni tal-imsieħba, il-kooperazzjoni u r-rispett sħiħ tad-dritt umanitarju u dwar ir-refuġjati kif ukoll l-obbligi tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-dritt għall-protezzjoni.

11. jinnota l-pożizzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar id-dimensjoni tal-ġeneru u s-setturi partikolarment vulnerabbli, iżda jiġbed l-attenzjoni għall-bżonn li tissaħħa b'mod aktar effettiv ir-reżiljenza ta' dawk l-aktar vulnerabbli. L-aktar setturi u gruppi vulnerabbli jistgħu jvarjaw skont il-post fejn jgħixu u anke l-livell ta' theddid jista' jvarja bejniethom. Għalhekk, dawn is-setturi u l-gruppi soċjali sikwit ikollhom bżonn attenzjoni akbar bħala parti mill-isforzi għat-tisħiħ tar-reżiljenza.

12. jistenna li jissaħħu l-miżuri bil-għan li tiġi aċċellerata l-implimentazzjoni tal-Istrategġija Globali tal-UE u jenfasizza l-importanza ta' approċċ ibbażat fuq il-post li jinvolvi lill-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-implimentazzjoni tal-għanijiet tal-Istrategġija Globali tal-UE b'rabta mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, bħala parti mill-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli.

L-AWTORITAJIET LOKALI U REĠJONALI BĦALA MSIEĦBA EWLENIN FIT-TISĦIĦ TAR-REŻILJENZA ESTERNA TAL-UE

13. jenfasizza r-rwol importanti li jaqdu l-awtoritajiet lokali u reġjonali fit-tisħiħ tar-reżiljenza, peress li huma l-ewwel livell fejn jittieħdu d-deċiżjonijiet u jifasslu reazzjonijiet f'każ ta' riskju jew theddid; huma wkoll il-livell ta' gvern li huwa l-eqreb taċ-ċittadini u li għandhom jipprovdu bażi għal governanza u demokrazija tajba. L-awtoritajiet lokali huma responsabbli għas-servizzi ta' emerġenza (pulizija, servizzi tat-tifi tan-nar, servizzi mediċi) u għandhom l-aktar għarfien estensiv taż-żona u l-komunità lokali, għaldaqtant għandhom influwenza kbira fuq ir-robustezza u l-kwalità tar-reżiljenza.

14. jirrimarka li l-miżuri kollha mmirati lejn it-tisħiħ tar-reżiljenza kif ukoll il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jitwettqu f'konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità;

15. jiġbed l-attenzjoni b'mod partikolari għall-importanza tal-kapaċità tal-atturi lokali fl-oqsma tal-komunikazzjoni, il-prevenzjoni u r-rispons f'każ ta' periklu kif ukoll fl-irkupru sussegwenti — dan jgħodd kemm għall-familji, l-assoċjazzjonijiet u l-knejjes kif ukoll għal-livelli kollha tal-awtoritajiet lokali u reġjonali.

16. jiġbed l-attenzjoni għar-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tar-riskji. Permezz ta' mekkaniżmi għall-ġestjoni tal-kriżijiet li jkunu żvilulppati sew u ttestjati, adatti għall-kundizzjonijiet u l-karatteristiċi tal-komunità lokali, l-awtoritajiet lokali u reġjonali jistgħu jidentifikaw b'mod rapidu u effettiv it-theddid u r-riskji li jirrappreżentaw. Għaldaqstant, għandha tingħata aktar attenzjoni lir-rapporti u l-analiżi tar-reġjuni u l-muniċipalitajiet fl-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tar-riskji.

17. jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-esperjenza tal-awtoritajiet lokali u reġjonali għandha tiġi kkunsidrata sabiex tissaħħa il-kooperazzjoni bejn l-atturi tal-UE (fil-qasam politiku, tal-għanjuna umanitarja u tal-iżvilupp) bil-għan li jintemmu l-kriżijiet fit-tul fil-viċinat tal-UE, fost affarijiet oħra permezz ta' netwerk ta' kuntatti, il-prattiki tajba, il-promozzjoni tad-dialogu, eċċ. F'dan ir-rigward, l-UE għandha potenzjal enormi li għandha tisfrutta, li ġej mill-esperjenza miksuba mir-reġjuni tal-Lvant u tan-Nofsinhar tagħha jew mir-reġjuni ultraperiferiċi, li minħabba s-sitwazzjoni ġeostrateġika tagħhom ilhom snin jikkooperaw mill-qrib mal-pajjiżi ġirien tagħhom.

⁽¹⁾ CDR 5035/2016 — Relatur: Adam Banaszak (KRE/PL); 2646/2014 — Relatur: Harvey Siggs (KRE/UK).

18. jenfasizza li l-kapaċitajiet tal-muniċipalitajiet fil-qasam tal-ġestjoni tar-riskju u r-rispons bikri għandhom jissaħħu b'mod kontinwu.
19. jitlob li jittieħdu miżuri biex jgħinu lill-awtoritajiet lokali u reġjonali jwettqu l-kompiti tagħhom fil-qasam tal-protezzjoni tal-infrastruttura kritika, fejn il-finanzjament ta' din il-protezzjoni, kif ukoll l-allokazzjoni ta' riżorsi u mezzi rilevanti ta' appoġġ jingħataw attenzjoni partikolari.
20. Jinnota li għandu jingħata aktar appoġġ lill-ħidma tad-diversi istituzzjonijiet transkonfinali u tal-Ewroreġjuni — b'mod partikolari dawk li jinsabu fil-fruntieri esterni tal-UE — sabiex tissaħħaħ ir-reżiljenza billi jiġu implimentati proġetti transkonfinali reġjonali fil-qasam tal-infrastruttura, tas-sigurtà, dak soċjali, tal-edukazzjoni, dak ekonomiku u kulturali.
21. jinnota wkoll li hemm bżonn li jittieħdu aktar miżuri favur l-ġhoti aktar effiċjenti ta' informazzjoni dwar it-theddid u x-xokkijiet, li jistgħu jinfluenzaw b'mod negattiv ir-reżiljenza. L-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom ikunu assolutament involuti fil-miżuri ta' informazzjoni f'dan il-qasam.
22. jenfasizza li s-soluzzjonijiet, il-proċeduri u l-aħjar Prattiki ttestjati fir-reġjuni mill-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jiġu trasferiti fil-livell nazzjonali u jkun xieraq li tiffassal lista tal-aħjar Prattiki tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u li tkun għad-dispożizzjoni tar-reġjuni u l-muniċipalitajiet tal-UE kif ukoll ir-reġjuni li jagħmlu parti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat.
23. Jirrakkomanda li tingħata attenzjoni partikolari lill-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali dwar l-edukazzjoni, li hija kruċjali biex jinbnew soċjetajiet reżiljenti. Iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet tal-UE biex jappoġġjaw lill-awtoritajiet lokali u reġjonali f'dan il-qasam, filwaqt li jirrispettaw il-prinċipju tas-sussidjarjetà.
24. jirrakkomanda li jittieħdu miżuri biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni tal-komunitajiet lokali tat-theddid potenzjali — b'mod partikolari t-theddid ibridu kif ukoll it-theddid relatat mas-sigurtà tal-enerġija — u kif l-ambjent lokali jista' jħejji għal dan it-theddid. Dawn il-miżuri għandhom jitwettqu f'kooperazzjoni mill-qrib mal-istituzzjonijiet u l-kumpaniji xjentifiċi fir-reġjun, l-awtoritajiet tas-sigurtà kompetenti kif ukoll l-awtoritajiet lokali u reġjonali;
25. Jenfasizza r-rwol tas-soċjetà ċivili bħala fattur ewlieni għall-bini tar-reżistenza. Jiġbed l-attenzjoni b'mod partikolari għall-appoġġ u l-kollaborazzjoni tal-NGOs. L-involviment ċiviku u l-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ jagħmluha possibbli li jitfasslu u jiġu implimentati kampanji u attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni moderni u kreattivi u l-għajnuna umanitarja, kif ukoll l-iżvilupp ta' attitudnijiet ta' interess ġenerali fis-soċjetà ta' pajjiżi msieħba, b'mod partikolari f'dawk il-pajjiżi b'riskju għoli ta' theddid ibridu.
26. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu intensifikati l-isforzi sabiex tiġi miġġielda l-propaganda ostili minn pajjiżi terzi bħala parti mill-gwerra ibrida. Jiqla' l-istabbiliment tat-Task Force East StratCom fi ħdan is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u jirrakkomanda li tiġi żviluppata kooperazzjoni bejn dan il-grupp ta' ħidma u l-awtoritajiet lokali u reġjonali u nazzjonali.
27. jindika li l-kooperazzjoni mal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-qasam tal-prevenzjoni tal-kunflitti u l-bini tal-paċi għandha tissaħħaħ. L-awtoritajiet lokali u reġjonali huma l-livell ta' gvern li jinsab l-eqreb taċ-ċittadini u għalhekk, apparti li jikkostitwixxu l-livell li l-aktar jaf il-komunità lokali, jaqdu wkoll rwol importanti fit-tmexxija u r-rappreżentazzjoni ta' dawn il-komunitajiet.

IR-RWOL TAL-AMBJENT INTERNAZZJONALI FIL-BINI TAR-REŻILJENZA

28. jenfasizza l-esperjenza proprja tal-kooperazzjoni internazzjonali fi ħdan l-Assemblea Reġjonali u Lokali Ewro-Mediterranja (ARLEM) u l-Konferenza tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali għas-Sħubija tal-Lvant (CORLEAP), kif ukoll fil-kumitati konsultattivi konġunti u l-gruppi ta' ħidma; jirrakkomanda li dawn il-pjattaformi u l-esperjenzi tagħhom jintużaw fit-tisħiħ tar-reżiljenza tal-pajjiżi koperti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat.
29. Jenfasizza l-importanza tal-kondiviżjoni tal-ġharfien, kif ukoll il-kompetenza esperta u l-aħjar Prattiki, bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali mill-UE u minn pajjiżi terzi, kemm fil-livell politiku kif ukoll fil-livell amministrattiv. Jenfasizza r-rwol pożittiv li jaqdi l-KtR f'dan ir-rigward b'rabta mal-Libja (permezz tal-Inizjattiva ta' Nikosija) u l-Ukrajna (permezz tal-programm U-LEAD).

30. Jaqbel mal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni li l-kooperazzjoni mal-OSKE jeħtieġ li tiġi żviluppata aktar sabiex jiġu evitati kunflitti armati. Jindika wkoll il-ħtieġa għal kooperazzjoni aktar mill-qrib man-NU, l-Unjoni Afrikana u msieħba internazzjonali oħrajn sabiex tinbena r-reżiljenza.

31. jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-UE ser tiżgura li l-aħjar prattiki u standards tal-UE, inklużi dawk li jirriżultaw mix-xogħol u l-esperjenza tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, jiġu riflessi fi strumenti u approċċi politiki multilaterali rilevanti, inkluż fi ħdan l-ILO, id-WHO u l-G20.

32. jaqbel li l-bini tar-reżiljenza huwa komputu multidimensjonali. Il-KtR iqis bħala prijoritarji l-miżuri fl-oqsma tal-infrastruttura, is-sigurtà, l-ekonomija, l-affarijiet soċjali u l-edukazzjoni, li jippermettu żvilupp sostenibbli inklużiv mil-lat soċjali. Ma hemmx dubju dwar ir-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali f'dawn l-oqsma. Fir-rigward taż-żona ġeografika, il-KtR jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-imsieħba tal-Mediterran u tas-Sħubija tal-Lvant għandhom jingħataw prijorità. Fl-istess ħin għandhom jiġu kkunsidrati r-rwol u l-influenza tal-pajjiżi tal-Lvant Nofsani u l-Asja Ċentrali fir-rigward tar-reżiljenza tal-UE.

33. huwa tal-fehma li r-riċerka fi ħdan il-programm Orizzont 2020 għandha titwettag fid-dawl tat-tisħiħ tar-reżiljenza, b'mod partikolari fir-rigward tal-kwistjonijiet tas-sigurtà, l-ekonomija, ix-xjenzi soċjali, il-provvista sikura tal-ikel u l-ilma, il-migrazzjoni u ċ-ċaqliq sfurzat tal-popolazzjoni. Il-KtR jinnota li l-istituzzjonijiet akkademiċi lokali, li huma ċ-ċentri xjentifiċi tar-reġjuni, għandhom ikunu involuti aktar f'din il-ħidma. Għal dan l-għan, jinħtieġu miżuri msaħħa għall-promozzjoni fil-livell istituzzjonali u soċjali.

34. jaqbel mal-fehma li l-komunikazzjoni strateġika hija għodda effettiva fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-movimenti estremisti u għall-protezzjoni kontra ċ-ċiberkriminalità. Il-KtR jemmen li huwa essenzjali li l-UE u l-pajjiżi msieħba jiġu protetti mill-aktar fis possibbli mill-influenza ta' miżuri esterni ta' diżinformazzjoni li għandhom l-għan li jiskreditaw is-sistemi politiċi u soċjali li jikkostitwixxu l-bażi tal-identità tagħna, is-sigurtà u l-istabbiltà.

35. jinnota li l-kapaċità tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-qasam tar-reżiljenza u l-analiżi tar-riskju għandha taqdi rwol ikbar bil-għan li tissaħħaħ ir-reżiljenza. B'mod partikolari dan huwa l-każ għar-reġjuni mal-konfini tal-UE. Dawn il-miżuri se jwasslu għal iktar sensibilizzazzjoni dwar il-kunflitti fil-viċinat immedjat tal-UE kif ukoll jagħmlu possibbli l-iżvilupp ta' metodi mtejba għall-valutazzjoni tan-natura u l-impatt tar-riskji, il-persjoni u l-vulnerabbiltà għax-xokkijiet tal-pajjiżi msieħba.

MIŻURI SETTORJALI U SPEĊIFIĊI FIL-KUNTEST PARTIKOLARI TAL-BINI TAR-REŻILJENZA

36. l-integrazzjoni kuntestwali tar-reżiljenza teħtieġ li tiġi kkunsidrata fil-miżuri settorjali tal-UE fil-livelli differenti (tal-pajjiż, tar-reġjun u tal-komunità). Fil-qafas ta' approċċ speċifiku, li jikkunsidra ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali tas-sitwazzjoni u l-oqsma ta' applikazzjoni, il-politiċi settorjali individwali jkunu jistgħu jikkontribwixxu b'mod effettiv għat-tisħiħ tal-bini tar-reżiljenza.

37. jenfasizza li l-indirizzar tal-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari (il-faqar, l-inugwaljanza, it-tkabbir tal-popolazzjoni, in-nuqqas ta' opportunitajiet ta' impjieg, l-edukazzjoni u l-ekonomija, l-instabbiltà, il-kunflitti, i-traffikar tal-bnedmin, il-kriminalità organizzata, it-tibdil fil-klima, il-ħsara ambjentali u l-konsegwenzi fit-tul taċ-ċaqliq sfurzat) hu wieħed mill-fatturi li jikkontribwixxu għall-bini tar-reżiljenza. Għaldaqstant, wieħed għandu jżomm f'moħħu wkoll li l-appoġġ għall-komunitajiet l-aktar dgħajfa u vulnerabbli huwa l-aktar effettiv jekk jingħata fil-postijiet l-aktar milquta mit-theddid.

38. jirrakkomanda l-iżvilupp ta' qafas speċifiku għall-impjegi u x-xogħol deċenti kif ukoll li jiġu kkunsidrati r-rwol u l-post tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-oqsma ta' politika tal-impjegi u l-affarijiet soċjali, abbażi tal-ħidma tal-Konferenza Internazzjonali dwar ix-Xogħol.

39. jenfasizza li għandha tingħata attenzjoni partikolari lis-sigurtà tal-infrastruttura kritika tat-trasport, komputu fejn għandhom jiġu kkunsidrati b'mod partikolari l-awtoritajiet lokali u reġjonali peress li sikwit ikunu direttament responsabbli għall-qagħda tal-infrastruttura u tat-territorji, li minnhom jgħaddu infrastrutturi kritiċi tat-trasport.

40. Jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni hija impenjata biex taħdem mal-awtoritajiet lokali u reġjonali biex itejbu r-reżiljenza f'żoni urbani li qed jikbru malajr u fejn nuqqas ta' ppjanar u investiment f'miżuri għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u r-riskji ġeofiżiċi jista' jwassal biex ix-xokkijiet u l-persjoni jheddu li jikkawżaw dannu kbir lill-popolazzjoni u dannu ekonomiku. L-eliminazzjoni tal-fatturi ta' riskju prinċipali permezz ta' investiment pubbliku u privat (abbażi tal-identifikazzjoni tar-riskju) hija aktar kosteffikaċi milli wieħed jistrieħ biss fuq ir-rispons ta' wara d-diżastru. Jenfasizza l-importanza partikolari tal-għajnuna umanitarja f'każijiet ta' katastrofi ambjentali u naturali u avvenimenti oħra li jkunu jeħtieġu din l-għajnuna.

41. Jenfasizza l-importanza partikolari ta' għajnuna umanitarja fir-rigward ta' diżastri, katastrofi naturali u avvenimenti oħra li jeħtieġu din l-għajnuna. L-għajnuna umanitarja trid tingħata b'rispett sħiħ lejn il-prinċipji fundamentali tal-umanitarjaniżmu, in-newtralità, l-imparzjalità u l-indipendenza, kif ukoll b'rispett għad-drittijiet tal-bniedem skont il-Konvenzjoni ta' Ġinevra u l-Protokoll Addizzjonali.

Brussell, l-10 ta' Ottubru 2017.

Il-President
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni
Karl-Heinz LAMBERTZ

Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Il-bini ta' ekonomija Ewropea tad-*data*

(2018/C 054/09)

Relatur: Kieran McCarthy (IE/AE), Kunsill tal-Belt ta' Cork

Dokument ta' referenza: Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill- Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — “Il-Bini ta' Ekonomija Ewropea tad-*Data*”

COM(2017) 9 final

RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

Il-Bini ta' Ekonomija Ewropea tad-Data: l-isfida li jmiss

1. jenfazizza r-rwol ċentrali tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tas-Suq Uniku Diġitali, fl-għoti ta' servizzi diġitali għaċ-ċittadini u fil-ħolqien u l-ġestjoni tal-infrastruttura diġitali bħalma hi l-ġenerazzjoni tad-*data*. Is-servizzi diġitali jirrappreżentaw ukoll il-mutur tat-tkabbir ekonomiku fil-livell lokali u reġjonali filwaqt li joffru opportunitajiet wiesgħa għall-innovazzjoni, il-ħolqien tal-SMEs u l-intraprenditorija, il-ħolqien tal-impjiegi u l-progress soċjetali;
2. jikkondividi l-fehma tal-Kummissjoni Ewropea li l-UE u l-Istati Membri għandhom ikunu minn ta' quddiem biex jagħtu spinta lill-isforzi fil-livell Ewropew, nazzjonali u lokali b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet lokali u reġjonali bil-għan li tinkiseb trasformazzjoni akbar fil-proċeduri u l-istrutturi tal-gvern bl-użu tal-ICT u l-ġenerazzjoni tad-*data* biex jittiebu r-rilevanza, il-kwalità u l-produttività tal-ħidma u l-effiċjenza tal-awtoritajiet pubbliċi u biex titnaqqas il-burokrazija għall-pubbliku ġenerali u għan-negozju;
3. jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-attivajiet ta' finanzjament tagħhom, billi tkompli tawtorizza l-iskjerament bi prijorità tal-Fondi SIE għall-infrastruttura diġitali bħall-iżvilupp tad-*data* u l-iżvilupp tal-ħiliet fir-reġjuni Ewropej kollha, u billi tirrikonoxxi l-ostakli teknoloġiċi għal proġetti ta' żvilupp diġitali fiż-żoni rurali, muntanjużi, gżejjer u żoni skarsament popolati, li għandhom jitqiesu bħala servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali;
4. jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li r-reġjuni żvantaġġati m'għandhomx infrastruttura bażika u l-għarfien espert neċessarji għall-ħolqien ta' ekonomija bbażata fuq id-*data* u jirrakkomanda f'dan ir-rigward li jiġi pprovdut appoġġ regolatorju għal dawn ir-reġjuni bl-għan li jiffavorixxi l-aċċess tagħhom għas-suq uniku diġitali Ewropew;
5. jirrikonoxxi li l-għbir tad-*data* huwa element importanti tas-Suq Uniku Diġitali. Din it-tendenza globali emerġenti għandha potenzjal enormi għall-awtoritajiet lokali u reġjonali u għan-negozji f'għadd ta' oqsma, li jvarjaw mis-saħħa, l-ambjent, is-sigurtà tal-ikel, il-klima u l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi, sal-enerġija, is-sistemi intelliġenti tat-trasport u l-bliet u r-reġjuni intelliġenti;
6. jilqa' bi pjaċir it-tħabbira tal-Kummissjoni li se tindirizza r-restrizzjonijiet fuq il-moviment liberu tad-*data* għal raġunijiet oħrajn minbarra l-protezzjoni tad-*data* personali fl-UE u r-restrizzjonijiet mhux iġġustifikati fuq il-post tad-*data* għall-finijiet tal-ħżin jew tal-ipproċessar;
7. jaqbel li l-iskambju tad-*data* attwalment għadu limitat. Bil-mod qed ifiġġu swieq tad-*data*, imma mhumiex użati b'mod wiesa' mis-settur pubbliku jew privat jew permezz ta' shubbijiet pubbliċi-privati. L-utenti potenzjali jistgħu ma jkunux mgħammra bl-għodda u bil-ħiliet it-tajba biex jikkwantifikaw il-valur ekonomiku tad-*data* tagħhom, u jistgħu jibzġghu li jtitlfu jew jikkompromettu l-vantaġġ kompetittiv tagħhom meta d-*data* ssir disponibbli għall-kompetituri. Is-sid tad-*data* ma jitlef xejn billi jikkondividi d-*data*: għall-kuntrarju, il-kondiviżjoni tal-għarfien iżżid il-valur tad-*data*;

8. jinnota d-diversità ta' sorsi u tipi ta' *data* li jiġu ġġenerati minn magni jew proċessi bbażati fuq teknoloġiji emerġenti, bħalma huwa l-Internet tal-Oġġetti. Dawn joffru ħafna opportunitajiet għal tipi differenti ta' atturi fis-suq biex ikabbru t-teknoloġiji abilitanti tal-Internet tal-Oġġetti, l-ideat u l-prodotti — bħal pereżempju manifatturi, riċerkaturi u fornituri tal-infrastruttura u b'mod partikolari bliet u reġjuni intelliġenti li qed jiġu żviluppati taħt il-kompetenza tal-awtoritajiet lokali u reġjonali;
9. jinsisti li l-ftuħ ta' *data* li tinqara minn magna ttejjeb il-kondiviżjoni tad-*data* u tnaqqas il-ħtieġa għal talbiet għal *data* ad hoc u li ta' spiss jiswew il-flus. Is-settijiet ta' indikaturi komprensivi jipprovdu għarfien fid-dibattitu pubbliku u jtejbu t-teħid ta' deċiżjonijiet fuq livell lokali, u jistgħu jibdlu b'mod pożittiv kif tiġi żviluppata, implimentata, ġestita u mmonitorjata l-politika fuq livell ta' awtorità lokali u reġjonali;
10. jenfasizza li l-bliet u r-reġjuni għandhom rwol ewlieni x'jaqdu fil-ħolqien ta' bażijiet ta' *data* ta' informazzjoni pubblika, fil-provvediment tas-sigurtà tad-*data*, fl-iżvilupp tal-ħiliet diġitali meħtieġa, u fl-iżgurar u l-iffaċilitar tal-finanzjament għan-netwerks u l-infrastruttura tal-broadband. L-ambjent adatt għall-iskambju transreġjonali u transkonfinali tas-servizzi onlajn jista' jappoġġja b'mod sostanzjali l-ħolqien ta' servizzi ta' livell għoli u l-ekonomija tad-*data*;
11. jenfasizza l-kontribut li l-livell lokali u reġjonali jista' jagħmel ukoll fl-istadji kollha tal-ġbir tad-*data* u tal-provvediment ta' servizzi liċ-ċittadini u lin-negozji. Dan jinkludi l-appoġġ għall-ħiliet diġitali u intraprenditorjali biex isir użu sħiħ minn teknoloġiji ġodda, tiġi analizzata l-big *data*, jiġu mifhuma l-kwistjonijiet taċ-ċibersigurtà, tizzied l-impjegabbiltà tagħhom, u biex jinħolqu opportunitajiet ġodda ta' negozju. Dan jista' jiġi osservat fil-prattika fl-ibliet u fir-reġjuni tal-Ewropa bl-eżempji tajbin tagħhom ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazżjonali u ċ-ċentri ta' riċerka fil-qasam tal-innovazzjoni u l-interoperabbiltà tas-settur pubbliku;
12. jilqa' bi pjaċir il-programm tal-Azzjonijiet Urbani Innovattivi tal-UE mmexxi mill-Kummissjoni u ffinanzjat mill-FEŻR li permezz tiegħu l-ibliet jidentifikaw u jittestjaw soluzzjonijiet innovattivi bħall-ġenerazzjoni tad-*data* għal żvilupp urban sostenibbli;
13. jirrimarka li l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jinfluwenzaw b'mod estensiv u effettiv il-liġijiet li se jaffettwaw il-kompetenzi tal-ekonomija tad-*data* tagħhom; kwalunkwe Regolament ġdid jista' joħloq burokrazija u spejjeż bla bżonn għall-muniċipalitajiet u r-reġjuni li fil-fehma tal-Kumitat mhumieħ ġustifikati mill-benefiċċji għaċ-ċittadini;

Il-bilanċ bejn it-trasparenza u r-restrizzjoni

14. jenfasizza li ċ-ċittadini jistennew standards ta' protezzjoni tad-*data* b'saħħithom u effettivi, speċjalment fis-suq uniku diġitali. Il-protezzjoni tad-*data* qatt ma għandha titqies bħala ostaklu iżda bħala parti integrali tas-suq uniku diġitali. Qafas legali ċar u adattat tal-protezzjoni tad-*data* għall-ekonomija tad-*data* huwa għalhekk kruċjali;
15. jenfasizza li huwa importanti li ssir dinstinzjoni jekk din id-*data* ġġenerata mill-magni tkunx personali (jiġifieri relatata ma' persuna ħajja) u għaldaqstant tkun soġġetta għar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (GDPR), mhux personali jew tabilħaqq tirrappreżenta taħlita tat-tnejn;
16. jitlob li l-qafas regolatorju tal-UE jibqa' adatta għall-iskop tiegħu fl-ambjent diġitali biex jappoġġja l-innovazzjoni, u biex jisfrutta l-potenzjal sħiħ tas-Suq Uniku, u tal-investment fl-ekonomija tal-UE;
17. jappoġġja l-ħtieġa li tingħata ċertezza kemm lill-utenti kif ukoll lill-manifatturi tal-apparat li jiġġenera d-*data* fir-rigward tar-responsabbiltà potenzjali tagħhom;
18. jappoġġja l-punt li l-UE jeħtieġ li tiżgura li d-*data* timxi bejn il-fruntiera u bejn is-setturi, u li tkun tista' tiġi aċċessata u użata mill-ġdid b'mod ottimali. L-approċċ Ewropew koordinat huwa essenzjali għall-iżvilupp tal-ekonomija tad-*data* bħala parti mis-suq uniku diġitali;
19. jilqa' bi pjaċir il-viżjoni tal-Kummissjoni li tuża l-ftehimiet kummerċjali tal-UE biex tistabbilixxi regoli għall-kummerċ elettroniku u għall-flussi tad-*data* transkonfinali, u li tindirizza forum ġodda ta' protezzjoniżmu diġitali mingħajr preġudizzju għar-regoli tal-protezzjoni tad-*data* tal-UE u f'konformità sħiħa magħhom;

20. jirrikonoxxi li sabiex jintlaħaq il-potenzjal sħiħ tal-ekonomija tad-*data* Ewropea, kwalunkwe azzjoni minn Stat Membru li taffettwa l-ħżin jew l-ipproċessar tad-*data* għandha tkun iggwidata minn "prinċipju ta' moviment liberu tad-*data* fl-UE", bħala konsegwenza tal-obbligi tagħhom skont id-dispożizzjonijiet tal-moviment liberu tas-servizzi u tal-libertà tal-istabbiliment tat-Trattat u leġislazzjoni sekondarja rilevanti;

It-trawwim tal-potenzjal tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data

21. jilqa' bi pjaċir ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (GDPR) u jaqbel li t-tħassib dwar il-privatezza huwa leġittimu. Ir-regoli b'saħħithom dwar il-protezzjoni tad-*data* joħlqu l-fiduċja li se tippermetti lill-ekonomija diġitali tiżviluppa fis-suq intern kollu, jiġu indirizzati forom ta' vulnerabbiltà tal-ICT u ta' kriminalità virtwali potenzjali, u jinħolqu strateġiji preventivi effettivi u koerenti;

22. jappoġġja d-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika riveduta li hija proposta biex tiżgura livell għoli ta' protezzjoni f'koerenza sħiħa mal-GDPR;

23. jirrakkomanda li d-disponibbiltà tad-*data* għal finijiet regolatorji jew superviżorji, li ma tkunx iddebitata bl-ebda mod, tkun żgurata aħjar permezz tat-titjib tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali u l-awtoritajiet lokali u reġjonali, jew bejn dawn l-awtoritajiet u s-settur privat, aktar milli permezz ta' restrizzjonijiet fuq il-lokalizzazzjoni;

24. jirrikonoxxi li l-faċilitaturi reali tal-ħżin u l-ipproċessar siguri tad-*data* huma l-aħjar prattiki fil-ġestjoni tal-ICT l-aktar avvanzati fuq skala ferm akbar minn sistemi individwali;

25. jenfasizza li l-pakkett il-ġdid għandu jgħin biex jittejbu l-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u r-rispons għal inċidenti ċibernetiċi u għandu jwassal għal skambju aħjar tal-informazzjoni u koordinazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni fil-konfront ta' inċidenti ċibernetiċi ewlenin. Sabiex dan jinkiseb ser ikun hemm b'żonn ta' sħubija ġenwina li taħdem u tinvolvi lill-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tal-UE, l-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-settur privat u s-soċjetà ċivili;

26. jemmen li peress li l-ksur tas-sigurtà jikkostitwixxi theddida għas-servizzi pubbliċi, pereżempju n-netwerks tat-trasport, l-ilma lokali, il-grilja elettrika, l-enerġija, u peress lil-awtoritajiet lokali u reġjonali jużaw u jipposjedu ħafna prodotti u servizzi ta' informazzjoni diġitali, u minħabba li l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom rwol ewleni x'jaqdu fl-indirizzar taċ-ċiberkriminalità, il-ġbir ta' *data* relatata mal-ispazju ċibernetiku u l-protezzjoni tas-sigurtà tad-*data*;

27. jenfasizza li l-attakki ċibernetiċi għandhom tendenza jisfruttaw waħda mill-ħames vulnerabbiltajiet ewlenin tat-teknoloġiji diġitali li huma ċentrali għall-bliet u r-reġjuni intelliġenti. Dawn jinkludu dgħufija fis-sigurtà tas-software u fil-kriptaġġ tad-*data*, l-użu ta' sistemi ta' legat mhux siguri u manutenzjoni fqira, ħafna interdipendenzi u superfiċje vulnerabbli għall-attakk kbira u kumplessa, effetti kaskata, fejn entitajiet ferm interkonnessi jittrażmettu b'mod rapidu konsegwenzi negattivi lil xulxin, u vulnerabbiltajiet multipli li jirriżultaw minn żbalji umani u minn abbużi deliberati tal-impjegati;

28. jenfasizza li l-vulnerabbiltajiet tas-sigurtà fil-ġenerazzjoni tad-*data* jfissru li l-attakki ċibernetiċi fuq infrastruttura urbana importanti u fuq sistemi tal-ġestjoni tal-belt qed jiżdiedu b'implikazzjonijiet għas-sigurtà tal-bniedem u għas-sigurtà. Huwa meħtieġ sett usa' ta' interventi sistemiċi u koordinati li jkopru l-mitigazzjoni, il-prevenzjoni, u jiżguraw l-implimentazzjoni kemm permezz ta' inizjattivi mmexxija mis-suq u regolamentazzjoni mmexxija mill-governanza kif ukoll permezz tal-infurzar;

29. jenfasizza li s-sigurtà tal-Internet tal-Oġġetti hija varjabbli ħafna, b'xi sistemi neqsin mill-kriptaġġ jew minn ismijiet tal-utent u passwords, u oħrajn suxxettibbli għall-infezzjoni minn malwer u għall-modifikazzjoni tal-firmwer. L-interdipendenzi kumplessi tal-Internet tal-Oġġetti jfissru li għandu superfiċje vulnerabbli għall-attakk kbira u vulnerabbiltajiet multipli;

30. jinnota li fil-gvern lokali u reġjonali u fi ħdan il-fornituri tas-servizz /infrastruttura pubbliċi, għandu jiġi żviluppat u implimentat taħriġ avvanzat fis-sigurtà fl-organizzazzjonijiet kollha, imma b'mod speċjali għal dawk involuti fl-akkwist elettroniku, fit-tnedija u fit-tħaddim ta' kuljum tat-teknoloġiji ta' belt intelliġenti;

31. jippromovi t-tweġġi u l-approfondiment ta' strateġġi ta' mitigazzjoni biex jinkludu s-sigurtà permezz tad-disinn b'ħala approċċ *de facto* għall-akkwist mill-bliet u r-reġjuni intelliġenti futuri kollha. Dawn l-istrateġġi għandhom jinkludu l-valutazzjoni komprensiva tal-infrastrutturi urbani u s-sistemi tal-informazzjoni eżistenti u l-patching jew is-sostituzzjoni tas-sigurtà b'ħala rimedju, il-formazzjoni ta' timijiet ta' rispons f'emerġenza relatata mas-sigurtà prinċipali u mal-kompjuters fl-amministrazzjonijiet tal-belt b'ħiliet speċjalizzati u responsabbiltajiet lil hinn minn amministrazzjoni ġenerali tal-IT, u bidla gradwali tat-taħriġ fis-sigurtà u tal-iżvilupp professjonali kontinwu kemm fis-setturi pubbliċi kif ukoll f'dawk kummerċjali;

L-iżvilupp tal-ġenerazzjoni ta' flussi tad-data

32. jenfasizza li l-ġenerazzjoni tad-data personali tqajjem mistoqsijiet fl-oqsma kollha tal-politika tal-gvern lokali u reġjonali. L-awtoritajiet lokali u reġjonali huma kontrolluri u żviluppaturi tad-data — din id-data hija qasam transsettorjali li jikkonċerna l-politika tas-sigurtà u dik tal-ġustizzja kif ukoll is-setturi tal-ekonomija, il-komunikazzjonijiet, l-edukazzjoni, is-saħħa, l-amministrazzjoni, trasport, l-ambjent u l-protezzjoni tal-konsumatur;

33. jenfasizza l-ħtieġa għat-traċċabbiltà u għall-identifikazzjoni ċara tas-sorsi tad-data b'ħala prekondizzjoni għall-kontroll reali tad-data fis-suq. Jistgħu jkunu meħtieġa protokollu affidabbli u possibbilment standardizzati għal identifikazzjoni persistenti tas-sorsi tad-data biex tinħoloq il-fiducia fis-sistema;

34. jappoġġja l-idea li l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jingħataw aċċess għad-data meta dan ikun fl-"interess ġenerali" u jtejjeb b'mod konsiderevoli l-funzjonament tas-settur pubbliku, pereżempju, l-ottimizzazzjoni tas-sistemi tal-ġestjoni tat-traffiku fuq il-bażi ta' data f'ħin reali minn vetturi privati;

35. jaqbel mal-prijoritizzazzjoni li kwalunkwe miżura politika għandha tqis din ir-realtà ekonomika u l-qafas legali dwar il-protezzjoni tad-data personali, filwaqt li tirrispetta d-drittijiet fundamentali tal-individwi;

36. jenfasizza li b'ħalissa ma jeżistix oqfsa ta' politika komprensivi fil-livell lokali, nazzjonali jew tal-UE fir-rigward ta' data mhux ipproċessata ġġenerata mill-magni li ma tikkwalifikax b'ħala data personali, jew fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-isfruttar u tan-negożjabbiltà ekonomika tagħhom;

37. iwissi wkoll kontra l-impożizzjoni ta' restrizzjonijiet eċċessivi fuq l-individwi fl-eżerċizzju tad-dritt tagħhom li jikkontrollaw l-informazzjoni tagħhom stess sabiex tiżdied il-protezzjoni tad-data personali, li jċaħħduhom mill-possibbiltà li jaġhtu l-kunsens, b'mod partikolari fir-rigward tal-awtoritajiet lokali u reġjonali;

38. jinnota r-responsabbiltà ewlenija tal-awtoritajiet indipendenti tal-protezzjoni tad-data fir-rigward tal-protezzjoni ta' data personali, u l-ħtieġa għal strumenti ta' iċċentiv addizzjonali għall-proċessuri biex jiġu ppremjati l-isforzi għall-protezzjoni tad-data, jiġifieri billi jiġi ffaċilitat il-piż tal-provi għall-proċessuri li joqogħdu għal standards jew kodiċijiet ta' kondotta esiġenti ta' awtoregolamentazzjoni;

39. jitlob li jiġu indirizzati l-inċertezzi legali dwar id-data mhux ipproċessata ġġenerata mill-magni u n-nuqqas ta' drittijiet ta' proprjetà intelletwali. Jista' jittieħed vantaġġ mid-distakki fil-qafas regolatorju, jew mill-inċertezzi legali deskritti hawn fuq, billi jiġu imposti termini tal-kuntratt standard mhux ġusti fuq l-utenti jew permezz ta' mezzi tekniċi, b'ħal formati jew kriptaġġ proprjetarji;

Titjib fl-interoperabbiltà

40. jaqbel li l-kwistjonijiet emerġenti fl-ekonomija tad-data huma l-portabbiltà ta' data mhux personali, l-interoperabbiltà tas-servizzi biex jippermettu l-iskambju tad-data, u standards tekniċi adatti għall-implimentazzjoni ta' portabbiltà sinifikanti;

41. jirrikonoxxi l-impenn biex jiġu appoġġjati standards adatti biex itejbu l-interoperabbiltà, il-portabbiltà u s-sigurtà tas-servizzi tal-cloud, billi jiġi integrat aħjar ix-xogħol ta' komunitajiet tas-sors miftuħ fil-proċess tal-issettjar ta' standards fil-livell Ewropew;

42. jilqa' l-approċċ robust għar-regoli tal-portabbiltà kodifikati permezz ta' standards. Jinnota l-kamp ta' applikazzjoni għal approċċi sperimentali speċifiċi għas-settur li se jitnedew u jitlob li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jkunu involuti fil-kollaborazzjoni bejn diversi partijiet ikkonċernati, li jinkludu dawki li jissettjaw l-istandards, l-industrija, u l-komunità teknika;

43. jinsisti li fehim usa' tal-interoperabbiltà bħala xi ħaġa rilevanti mhux biss għall-amministrazzjoni pubblika iżda għas-setturi kollha huwa essenzjali għall-iskjerament tal-Internet tal-Oġġetti u l-fluss mingħajr xkiel ta' *data* mar-reġjuni kollha. Id-disponibbiltà ta' formats, standards u speċifikazzjonijiet komuni hija rekwiżit ċar li r-reġjuni jikkontribwixxu billi jimpenjaw ruħhom biex jimplementaw fil-kuntesti proprji tagħhom ta' governanza kif stipulat fid-direttivi dwar l-informazzjoni tas-settur pubbliku u b'mod partikolari kif definit fil-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà (European Interoperability Framework) reċenti;

44. jenfasizza li ż-żieda fil-konsum tad-*data* u ż-żieda fl-użi simultanji, it-tendenzi ta' upload/download b'veloċità għolja, kif ukoll il-ħtieġa għal trasferimenti f'ħin reali, immedjati u kullimkien li jkunu wkoll affidabbli, se jirrikjedu provvista ta' networks u infrastruttura tal-broadband b'kapaċità għolja, dejjem aktar u aktar viċin tal-utenti aħħarin madwar l-Ewropa;

45. iqis li l-Kummissjoni għandha tieħu miżuri sabiex il-clouds li jeżistu diġà jew li qeġhdin jiġu żviluppatti jkunu interkonnessi u interoperabbli fil-livell nazzjonali, reġjonali u eventwalment lokali, billi jiġi sfruttat il-potenzjal għal standardizzazzjoni; fl-istess ħin jenfasizza l-importanza tal-miżuri implimentattivi fil-livell lokali sabiex jiżguraw l-effettività tal-ispeċifikazzjonijiet tal-applikazzjonijiet tal-cloud.

46. iħeġġeġ li l-portabbiltà sinifikanti għal *data* mhux personali tkun tqis ukoll kunsiderazzjonijiet usa' tal-governanza tad-*data* li jinkludu t-trasparenza għall-utenti, l-aċċess ġestit u l-interoperabbiltà sabiex pjattaformi differenti jintrabtu flimkien b'modi li jstimolaw l-innovazzjoni;

Konklużjonijiet

47. jitlob li jkun hemm approċċ koordinat b'saħħtu għall-valutazzjoni tar-riskji tal-ġenerazzjoni tad-*data*, b'mod speċjali dawk meqjusa detrimental għall-iżvilupp tal-ekonomija tad-*data* tal-UE u għall-operat tas-servizzi tad-*data* u tat-teknoloġiji transkonfinali fis-suq intern;

48. jinsisti li kwalunkwe soluzzjoni fil-futur għandha tqis ukoll l-interessi leġittimi tal-parteċipanti tas-suq inklużi l-awtoritajiet lokali u reġjonali li jinvestu fl-iżvilupp tal-prodotti, jiżguraw redditu ġust fuq l-investimenti tagħhom u b'hekk jikkontribwixxu għall-innovazzjoni. Fl-istess ħin, kwalunkwe soluzzjoni futura għandha tiżgura kondivizzjoni ġusta tal-benefiċċji bejn id-detenturi tad-*data*, il-proċessuri u l-fornituri tal-applikazzjoni fil-katini tal-valur;

49. jenfasizza li l-awtoritajiet lokali u reġjonali huma f'pożizzjoni li jrawmu l-innovazzjoni u l-kompetittività fl-ekonomija tad-*data* permezz ta' soluzzjonijiet imfassla apposta għad-domanda u l-provvista, inkluża l-introduzzjoni tal-broadband, l-ekonomija diġitali, l-inklużjoni elettronika u l-gvern elettroniku. Barra minn hekk, jipprovdu faċilitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ, jimplementaw inizjattivi għall-finanzjament mill-UE u jiffaċilitaw il-kooperazzjoni vantaġġuża u l-iskambju ma' awtoritajiet pubbliċi oħra inkluż bejn il-fruntieri;

50. jitlob li jkun hemm Pjattaforma tal-UE għas-Sistemi tal-Ġenerazzjoni tad-*Data*, simili għall-pjattaformi emerġenti tal-Gvern Elettroniku u tal-Broadband;

51. jikkonkludi li għandu jingħata rikonoxximent akbar lill-bliet u lir-reġjuni tal-UE fl-iskjerament sostenibbli tal-Aġenda Diġitali u fil-bini tal-ekonomija tad-*data* tal-UE. L-awtoritajiet lokali u reġjonali huma fost l-udjenza ewlenija fil-mira tar-rakkomandazzjonijiet tal-aġenda u għandhom jitqiesu bħala xpruni u msieħba ewlenin fl-implimentazzjoni tagħha.

Brussell, il-11 ta' Ottubru 2017.

Il-President
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni

Karl-Heinz LAMBERTZ

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni — Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u d-Dokument ta' Riflessjoni dwar id-dimensjoni soċjali tal-Ewropa

(2018/C 054/10)

Relatur:	Mauro D'Attis (IT/PPE), Membru tal-Kunsill Eżekuttiv tal-Komun ta' Roccafiorita (Messina)
Dokumenti ta' referenza:	Proposta ta' Proklamazzjoni Interistituzzjonali dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali
	COM(2017) 251 final.
	Dokument ta' Riflessjoni dwar id-Dimensjoni Soċjali tal-Ewropa
	COM(2017) 206 final.

I. RAKKOMANDEZZJONIJIET SABIEX JITRESSQU EMENDI

Emenda 1

Proposta ta' proklamazzjoni
Preambolu (5) – Ibdel it-test kif ġej:

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ipproklamata għall-ewwel darba fil-Kunsill Ewropew ta' Nizza fis-7 ta' Diċembru 2000, tissalvagwardja u tippromwovi numru ta' prinċipji fundamentali li huma essenzjali għall-mudell soċjali Ewropew. Id-dispożizzjonijiet ta' din il- Karta huma intiżi għall-istituzzjonijiet, għall-korpi u għall-aġenziji ta' l-Unjoni fir-rispett tal-prinċipju ta' sussidjarjetà u għall-Istati Membri wkoll biss meta jkunu qed jimplementaw il-liġi tal-Unjoni.	Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ipproklamata għall-ewwel darba fil-Kunsill Ewropew ta' Nizza fis-7 ta' Diċembru 2000, tissalvagwardja u tippromwovi numru ta' prinċipji fundamentali li huma essenzjali għall-mudell soċjali Ewropew. Id-dispożizzjonijiet tal- Karta tad-Drittijiet Fundamentali huma intiżi għall-istituzzjonijiet, għall-korpi u għall-aġenziji ta' l-Unjoni fir-rispett tal-prinċipju ta' sussidjarjetà u għall-Istati Membri wkoll biss meta jkunu qed jimplementaw il-liġi tal-Unjoni.

Raġuni

L-emenda tispeċifika li s-silta kollha tirreferi għall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

Emenda 2

Proposta ta' proklamazzjoni

Preambolu (7) – Ibdel it-test kif ġej:

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Il-Parlament Ewropew appella għal Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali solidu biex isahha id-drittijiet soċjali u jkollu impatt pożittiv fuq il-ħajja tan-nies fi żmien qasir u medju u jippermetti l-appoġġ għall-kostruzzjoni Ewropea fis-seklu 21. Il-Kunsill Ewropew enfasizza li jeħtieġ li tiġi indirizzata l-insigurtà ekonomika u soċjali bħala kwistjoni ta' prijorità u talab għall-ħolqien ta' futur promettenti għal kulħadd, li jissalvagwardja l-istil tal-għajxien tagħna u li jipprovdi opportunitajiet aħjar liż-żgħażaġh. Il-mexxejja tas-27 Stat Membru u tal-Kunsill Ewropew, tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni Ewropea, fl-Aġenda ta' Ruma impenjaw ruħhom li jaħdmu lejn Ewropa soċjali. L-impenn huwa msejjes fuq il-prinċipji tat-tkabbir sostenibbli u tal-promozzjoni tal-progress ekonomiku u soċjali, kif ukoll fuq il-koeżjoni u l-konverġenza, filwaqt li jhars l-integrità tas-suq intern. Is-sħab soċjali impenjaw ruħhom li jkomplu jikkontribwixxu għal Ewropa li ttiprovdi għall-ħaddiema u għall-intrapriżi tagħha.</p>	<p>Il-Parlament Ewropew appella għal Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali solidu biex isahha id-drittijiet soċjali u jkollu impatt pożittiv fuq il-ħajja tan-nies fi żmien qasir u medju u jippermetti l-appoġġ għall-kostruzzjoni Ewropea fis-seklu 21. Il-Kunsill Ewropew enfasizza li jeħtieġ li tiġi indirizzata l-insigurtà ekonomika u soċjali bħala kwistjoni ta' prijorità u talab għall-ħolqien ta' futur promettenti għal kulħadd, li jissalvagwardja l-istil tal-għajxien tagħna u li jipprovdi opportunitajiet aħjar liż-żgħażaġh. Il-mexxejja tas-27 Stat Membru u tal-Kunsill Ewropew, tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni Ewropea, fl-Aġenda ta' Ruma impenjaw ruħhom li jaħdmu lejn Ewropa soċjali. L-impenn huwa msejjes fuq il-prinċipji tat-tkabbir sostenibbli u tal-promozzjoni tal-progress ekonomiku u soċjali, kif ukoll fuq il-koeżjoni u l-konverġenza, filwaqt li jhars l-integrità tas-suq intern u b'kont meħud tad-diversità tas-sistemi nazzjonali u r-rwol ewlieni tal-imsieħba soċjali. Is-sħab soċjali impenjaw ruħhom li jkomplu jikkontribwixxu għal Ewropa li ttiprovdi għall-ħaddiema u għall-impjegaturi tagħha.</p>

Raġuni

Il-frażi addizzjonali tikkjarifika l-prinċipji stabbiliti fid-Dikjarazzjoni ta' Ruma (punt 3), inkluż ir-rispett għad-diversità tas-sistemi nazzjonali.

Emenda 3

Proposta ta' proklamazzjoni

Preambolu (7) – Żid paragrafu ġdid:

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	<p>Fix-xogħol tagħhom fuq il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, il-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew għandhom jirrispettaw il-ftehim interistituzzjonali dwar leġiżlazzjoni aħjar.</p>

Raġuni

Huwa importanti li l-Kummissjoni tirrispetta l-ftehim tagħha mal-Kunsill u l-Parlament Ewropew li m'għandu jkun hemm l-ebda regolazzjoni fil-livell tal-UE jekk ma jkunx hemm bżonnha.

Emenda 4

Proposta ta' proklamazzjoni

Preambolu (11) – Żid paragrafu ġdid:

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	<p><i>L-istabbiliment ta' Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-implimentazzjoni gradwali ta' aġenda soċjali Ewropea għandhom jippromovu l-ħolqien ta' Ewropa sostenibbli u inklużiva, isaħħu l-ġlieda kontra l-inugwaljanzi soċjali u territorjali u jikkontribwixxu għall-kisba ta' ekonomija soċjali tas-suq.</i></p>

Raġuni

Il-Kumitat tar-Regġuni jenfasizza l-oġettivi fit-tul tat-twaqqif tal-pilastru tad-drittijiet soċjali li għandhom jibnu Ewropa aktar koeżiva u attenta għall-ħtiġijiet taċ-ċittadini fid-dimensjoni soċjali tagħhom.

Emenda 5

Proposta ta' proklamazzjoni

Preambolu (11) – Żid paragrafu ġdid:

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	<p><i>Il-pilastru Ewropew tad-drittijiet soċjali huwa l-qofol ta' aġenda soċjali Ewropea b'saħħitha, li fiha l-kompetittività u l-ġustizzja soċjali jikkomplementaw lil xulxin. Wieħed mill-elementi essenzjali ta' dan, filwaqt li jiġu rispettati t-tradizzjonijiet u l-prattiki tal-Istati Membri rispettivi, jikkostitwixxi li jiġu żgurati pagi ġusti li jevitaw il-faqar fost dawk li jaħdmu, jiggarrantixxu standard tal-għajxien deċenti u jkunu favur il-produttività.</i></p>

Raġuni

Il-Kumitat tar-Regġuni, filwaqt li jikkunsidra l-kompetenza esklużiva fir-rigward tal-Istati Membri, diġà enfasizza l-importanza ta' aġenda soċjali Ewropea b'saħħitha li element essenzjali tagħha jkun dak tal-pagi ġusti⁽¹⁾.

⁽¹⁾ Opinjoni tal-KtR dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (CdR 2868/2016).

Emenda 6

Proposta ta' proklamazzjoni

Preambolu (12) – Żid paragrafu ġdid:

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	<i>Fid-dawl taż-żieda fil-qgħad fost iż-żgħażaġh u n-numru ta' persuni fqar jew f'riskju ta' faqar f'dawn l-aħħar snin, il-pilastru Ewropew tad-drittijiet soċjali jqis il-ħtieġa li b'mod sostenibbli jitnaqqas il-faqar, tiġi promossa l-inklużjoni soċjali u jiġi miġġieled il-qgħad fost iż-żgħażaġh.</i>

Raġuni

Il-Kumitat tar-Regġuni diġà enfasizza l-importanza ta' intervent li għandu jiġi affermat mill-ġdid u jiġi kkunsidrat ukoll f'azzjoni ta' programmazzjoni aktar fit-tul bħall-pilastru kkonċernat ⁽²⁾.

Emenda 7

Proposta ta' proklamazzjoni

Preambolu (17) – Ibdel it-test kif ġej:

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
It-twettiq tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali hu impenn u responsabbiltà kondiviża bejn l-Unjoni, l-Istati Membri tagħha u s-sħab soċjali. Il-prinċipji u d-drittijiet stabbiliti mill-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali għandhom ikunu implimentati kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll f'dak tal-Istati Membri fi ħdan il-kompetenzi rispettivi tagħhom u skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà.	It-twettiq tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali hu impenn u responsabbiltà kondiviża bejn l-Unjoni, l-Istati Membri tagħha, <i>l-awtoritajiet lokali u reġjonali</i> , u s-sħab soċjali. Il-prinċipji u d-drittijiet stabbiliti mill-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali għandhom ikunu implimentati kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll f'dak tal-Istati Membri fi ħdan il-kompetenzi rispettivi tagħhom u skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà, <i>filwaqt li jitqiesu d-diversità tas-sistemi nazzjonali u r-rwol fundamentali tas-sħab soċjali.</i> <i>L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri għandhom jikkollaboraw biex jiżguraw ir-riżorsi finanzjarji meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Pilastru tad-Drittijiet Soċjali.</i>

Raġuni

Peress li jiġu ttrattati kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza diretta tal-awtoritajiet lokali u reġjonali l-impenn u r-responsabbiltà tagħhom ma jistgħux jiġu injorati, u għandha titqies id-diversità nazzjonali. Barra minn hekk, għandhom ikunu garantiti riżorsi finanzjarji adattati għall-implimentazzjoni.

⁽²⁾ Opinjoni tal-KtR dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (CdR 2868/2016).

Emenda 8

Proposta ta' proklamazzjoni

Preambolu (17) – Żid paragrafu ġdid:

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	<i>L-awtoritajiet lokali u reġjonali huma appoġġjati, f'konformità mal-proposta reċenti tal-Kummissjoni, fl-isforzi tagħhom biex jimplimentaw politiki tal-impjieġ u soċjali adatti, inkluż l-appoġġ u l-iżvilupp ta' politiki li għandhom l-għan li jsibu bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, kif ukoll l-aċċess għas-suq tax-xogħol.</i>

RaġuniReferenza ovvja għal dak li diġà esprima l-Kumitat tar-Reġjuni f'Opinjoni preċedenti ⁽³⁾.**Emenda 9**

Proposta ta' proklamazzjoni

Preambolu (20) – Żid paragrafu ġdid:

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	<i>Il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tappoġġja b'mod sinifikanti l-implimentazzjoni tal-pilastru soċjali, billi tikkostitwixxi waħda mill-politiki l-aktar importanti u komprensivi tal-UE peress li, permezz tas-solidarjetà, tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-tisħiħ tal-UE kollha.</i>

RaġuniReferenza ovvja għal dak li diġà esprima l-Kumitat tar-Reġjuni f'Opinjoni preċedenti ⁽⁴⁾.**Emenda 10**

Proposta ta' proklamazzjoni

Kapitolu I, Punt 1 – Ibdel it-test kif ġej:

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Kulħadd għandu d-dritt għal edukazzjoni, taħriġ u taġlim tul il-ħajja ta' kwalità u inklussivi sabiex iżomm u jakkwista ħiliet li jippermettulu jipparteċipa b'mod sħiħ fis-soċjetà u jimmaniġġja b'suċċess tranżizzjonijiet fis-suq tax-xogħol.	a. Kulħadd għandu d-dritt għal edukazzjoni, taħriġ u taġlim tul il-ħajja ta' kwalità u inklussivi sabiex iżomm u jakkwista ħiliet li jippermettulu jipparteċipa b'mod sħiħ fis-soċjetà u jimmaniġġja b'suċċess tranżizzjonijiet fis-suq tax-xogħol.

⁽³⁾ Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-futur tal-politika ta' koeżjoni wara l-2020 (CDR 1814/2016).⁽⁴⁾ Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-futur tal-politika ta' koeżjoni wara l-2020 (CDR 1814/2016).

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	<p>b. It-tfal u ż-żgħażaġh li ġejjin minn ambjenti soċjoekonomiċi aktar vulnerabbli huma intitolati għal miżuri speċifiċi bil-għan li jippromovu s-suċċess akkademiku tagħhom, u jikkontribwixxu għal opportunitajiet indaqs aħjar fil-livell akkademiku u dak soċjali.</p> <p>c. Kull persuna għandha dritt għal internships u/jew apprendistati ta' kwalità, b'salarju ġust u kopertura xierqa tal-assigurazzjoni.</p>

Raġuni

L-emenda żżid referenza għal miżuri speċifiċi biex jittejjeb is-suċċess akkademiku tat-tfal u ż-żgħażaġh li jistgħu jaġixxu b'mod antisosċjali. Din tindirizza wkoll il-kwistjoni kruċjali tal-ħolqien ta' kundizzjonijiet ġusti għal interns u apprendisti.

Emenda 11

Proposta ta' proklamazzjoni

Kapitolu I, Punt 4c – l-bdel it-test kif ġej:

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>In-nies qiegħda għandhom id-dritt għal appoġġ personalizzat, kontinwu u konsistenti. Dawk qiegħda fit-tul għandhom id-dritt għal valutazzjoni individwali fil-fond sa mhux aktar tard minn 18-il xahar ta' qgħad.</p>	<p>In-nies qiegħda għandhom id-dritt għal appoġġ personalizzat, kontinwu u konsistenti, fil-forma ta' taħriġ adattat għall-ħiliet, l-esperjenza personali u professjonali, il-kwalifiki u l-motivazzjoni tagħhom. Dawk qiegħda fit-tul għandhom id-dritt għal valutazzjoni individwali fil-fond sa mhux aktar tard minn 18-il xahar ta' qgħad.</p>

Raġuni

Evidenti.

Emenda 12

Proposta ta' proklamazzjoni

Kapitolu II, Punt 5d – l-bdel it-test kif ġej:

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Għandhom jiġu evitati relazzjonijiet tax-xogħol li jwasslu għal kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji, inkluż bil-proj-bizzjoni ta' abbuż ta' kuntratti atipiċi. Kwalunkwe perjodu ta' probazzjoni għandu jkun ta' durata raġonevoli.</p>	<p>Għandhom jiġu promossi r-relazzjonijiet tax-xogħol kollha li jinvolvu kundizzjonijiet tax-xogħol regolati u perjodi ta' probazzjoni ta' durata raġonevoli, u b'hekk jiġi evitat it-tixrid ta' forom prekarji ta' xogħol.</p>

Raġuni

Ma hemm l-ebda definizzjoni ta' x'inhu mfisser b'"kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji". Il-muniċipalitajiet u r-reġjuni, bħala impjegaturi li huma meħtieġa jipprovdu servizz tajjeb, jistgħi jiġu taħt pressjoni konsiderevoli jekk jiġu pprojbti x-xogħol part-time, fuq terminu fiss u x-xogħol ta' provvista.

Emenda 13

Proposta ta' proklamazzjoni

Kapitolu II, Punt 6 – Żid punt ġdid wara l-paragrafu 6(a):

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	<i>Jingħata appoġġ lill-miżuri biex jiġi ggarantit l-iżvilupp tal-pagi reali f'konformità mal-produttività, f'konformità mal-prattiki ta' kull Stat Membru.</i>

Raġuni

Il-Kumitat tar-Reġjuni diġà enfasizza l-importanza ta' aġenda soċjali Ewropea b'saħħitha li element essenzjali tagħha jkun dak tal-pagi⁽⁵⁾. F'dan is-settur l-UE għandha b'mod esklużiv kompetenzi ta' koordinazzjoni, iżda tista' tappoġġja l-implimentazzjoni.

Emenda 14

Proposta ta' proklamazzjoni

Kapitolu II, Punt 6b – Ibdel it-test kif ġej:

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Għandhom jiġu żgurati pagi minimi adegwati, b'mod li jipprovdu għas-sodisfazzjon tal-bżonnijiet tal-ħaddiem u tal-familja tiegħu / tagħha fid-dawl tal-kundizzjonijiet ekonomiċi u soċjali nazzjonali , filwaqt li jiġi ssalvagwardjat l-aċċess għall-impjiegi u l-inċentivi biex ifittex xogħol. Għandu jiġi evitat il-faqar fost dawk li jaħdmu.	Għandhom jiġu żgurati pagi minimi adegwati, b'kont meħud tad-diversità tas-sistemi nazzjonali u r-rwol ewlieni tas-sħab soċjali , filwaqt li jiġi ssalvagwardjat l-aċċess għall-impjiegi u l-inċentivi biex ifittex xogħol. Għandu jiġi evitat il-faqar fost dawk li jaħdmu.

Raġuni

Il-ħtiġijiet tal-familji jistgħu jvarjaw b'mod konsiderevoli. Il-pagi m'għandhomx ikunu stabbiliti skont il-ħtiġijiet jew id-dħul ta' membri oħra tal-familja. Il-kriterju ewlieni għandu jkun li l-impjegati jirċievu paga li tikkorrispondi mal-kundizzjonijiet tas-suq attwali, kemm ekonomiċi kif ukoll soċjali.

⁽⁵⁾ Opinjoni tal-KtR dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (CdR 2868/2016).

Emenda 15

Proposta ta' proklamazzjoni

Kapitolu II, Punt 6c – Ibdel it-test kif ġej:

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Il-pagi kollha għandhom ikunu stabbiliti b'mod trasparenti u prevedibbli skont il-politiki nazzjonali u jirrispettaw l-awtonomija tas-sħab soċjali.	Il-pagi kollha għandhom ikunu stabbiliti b'mod trasparenti u prevedibbli skont il-politiki nazzjonali u jirrispettaw l-awtonomija tas-sħab soċjali. Id-diskrepanza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel għandha tiġi evitata.

Raġuni

Id-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sessi rigward il-pagi għandha tiġi indirizzata.

Emenda 16

Proposta ta' proklamazzjoni

Kapitolu II, Punt 9 – Ibdel it-test kif ġej:

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Bilanċ bejn il-ħajja privata u x-xogħol</p> <p>Ġenituri u nies b'responsabbiltajiet ta' kura għandhom id-dritt għal liv xieraq, arranġamenti tax-xogħol flessibbli u aċċess għal servizzi ta' kura. In-nisa u l-irġiel għandu jkollhom aċċess ugwali għal liv speċjali sabiex jissodisfaw ir-responsabbiltajiet ta' kura tagħhom u għandhom jiġu mħeġġa jużawhom b'mod bilanċjat.</p>	<p>Bilanċ bejn il-ħajja privata u x-xogħol</p> <p>Ġenituri u nies b'responsabbiltajiet ta' kura għandhom id-dritt għal liv xieraq, arranġamenti tax-xogħol flessibbli u aċċess għal servizzi ta' kura. In-nisa u l-irġiel għandu jkollhom aċċess ugwali għal liv speċjali sabiex jissodisfaw ir-responsabbiltajiet ta' kura tagħhom u għandhom jiġu mħeġġa jużawhom b'mod bilanċjat.</p> <p>Il-miżuri biex iħeġġu l-paternità u biex jiżiedu r-rati ta' twelid jingħataw appoġġ⁽⁶⁾.</p>

Raġuni

Huwa importanti li ma ninjorawx l-ostakli għall-formazzjoni tal-familja u l-ħtieġa li jingħata appoġġ lir-rata tat-twelid fl-Ewropa fil-kuntest tal-isfida demografika attwali, kif analizzat ukoll f'Opinjoni preċedenti tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni.

⁽⁶⁾ Opinjoni tal-KtR dwar ir-reazzjoni tal-UE għall-isfida demografika (CDR 40/2016).

Emenda 17

Proposta ta' proklamazzjoni

Kapitolu II, Punt 10 – Żid punt ġdid wara punt 10(c)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	<i>d. Il-ħaddiema għandhom id-dritt li ma jinvolvux ruħhom f'komunikazzjonijiet elettroniċi relatati max-xogħol barra mill-ħinijiet tax-xogħol.</i>

Raġuni

L-iżviluppi teknoloġiċi qed jagħmlu l-limiti bejn il-ħinijiet tal-ħajja tax-xogħol u dawk barra mix-xogħol inqas ċari, huwa għal din ir-raġuni li d-dritt għal skonnessjoni huwa aspett importanti tad-drittijiet tax-xogħol.

Emenda 18

Proposta ta' proklamazzjoni

Kapitolu III, Punt 15(a) – Ibdel it-test kif ġej:

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
a. Il-ħaddiema u l-ħaddiema għal rashom li rtiraw għandhom id-dritt għal pensjoni proporzjonali għall-kontribuzzjonijiet tagħhom u li tiżgura introjtu adegwat. Innisa u l-irġiel għandu jkollhom opportunitajiet indaqs biex jakkwistaw id-drittijiet għall-pensjoni.	a. Il-ħaddiema u l-ħaddiema għal rashom li rtiraw għandhom id-dritt għal pensjoni proporzjonali għall-kontribuzzjonijiet tagħhom u li tiżgura introjtu adegwat. Innisa u l-irġiel għandhom opportunitajiet indaqs li jiksbu drittijiet tal-pensjoni u d-distakk fil-pensjoni abbażi tal-ġeneru għandu jkun indirizzat permezz ta' miżuri li jindirizzaw l-inugwaljanzi ta' kuljum li jimpedixxu linnisa milli jikkontribwixxu daqs l-irġiel lejn l-iskemi tal-pensjoni.

Raġuni

Kompromess

Emenda 19

Proposta ta' proklamazzjoni

Kapitolu III, Punt 19 – Żid punt ġdid:

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	Integrazzjoni tar-refuġjati u tal-migranti regolari <i>Jingħata appoġġ għall-integrazzjoni effettiva tar-refuġjati, tal-minorenni mhux akkumpanjati u tal-migranti residenti legalment bħala kompitu essenzjali għal Ewropa soċjali moderna li tiffunzjona sew, permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali biex jiġi identifikat il-potenzjal tal-persuni u tittejjeb l-integrazzjoni tagħhom.</i>

Raġuni

Fil-pilastru ma ssir l-ebda referenza għar-refuġjati, għall-minorenni mhux akkumpanjati u għall-migranti residenti legalment li għalihom għandu jiġi enfasizzat l-impenn għall-integrazzjoni effettiva tagħhom.

Emenda 20

Proposta ta' proklamazzjoni

Kapitolu III, Punt 20 – Ibdel it-test kif ġej:

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Aċċess għas-servizzi essenzjali</p> <p>Kulħadd għandu d-dritt li jkollu aċċess għal servizzi essenzjali ta' kwalità tajba, inkluż l-ilma, is-sanitazzjoni, l-enerġija, it-trasport, is-servizzi finanzjarji u l-komunikazzjonijiet diġitali. Għandu jkun disponibbli l-appoġġ għall-aċċess għal dawn is-servizzi għal dawk fil-bżonn.</p>	<p>Aċċess għal servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali u għas-servizzi essenzjali</p> <p>a. Kulħadd għandu d-dritt li jkollu aċċess għal servizzi ta' kwalità tajba u affordabbli ta' interess ekonomiku ġenerali bħas-servizzi soċjali, mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Istati Membri sabiex jipprovd, jikkummissjonaw u jorganizzaw dawn is-servizzi. Għandu jkun disponibbli l-appoġġ għall-aċċess għal dawn is-servizzi għal dawk fil-bżonn.</p> <p>b. Kulħadd għandu d-dritt li jkollu aċċess <i>affordabbli</i> għal servizzi essenzjali ta' kwalità tajba, inkluż l-ilma, is-sanitazzjoni, l-enerġija, it-trasport, is-servizzi finanzjarji u l-komunikazzjonijiet diġitali. Għandu jkun disponibbli l-appoġġ għall-aċċess għal dawn is-servizzi għal dawk fil-bżonn.</p>

Raġuni

L-għoti ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali huwa għodda essenzjali għall-koeżjoni soċjali.

Emenda 21

Proposta ta' proklamazzjoni

Kapitolu III, Punt 20 – Żid punt ġdid:

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	<p>Aċċess għall-arti u l-kultura</p> <p>Kull persuna għandha dritt li jkollha aċċess għall-arti u l-kultura.</p>

Raġuni

Fil-pilastru ma ssir l-ebda referenza għall-aċċessibilità għall-arti u l-kultura li jikkostitwixxu element fundamentali għall-koeżjoni soċjali u huma kruċjali fil-ġlieda kontra l-marġinalizzazzjoni u l-faqar. L-aċċess liberu għall-arti u l-kultura jiffavorixxi wkoll il-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni.

II. RAKKOMANDEZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

Kummenti ġenerali

1. jilqa' b'sodisfazzjon l-istabbiliment ta' pilastru soċjali bħala l-komplement neċessarju tal-unjoni politika, ekonomika u monetarja u bħala fattur għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-klawżola soċjali orizzontali⁽⁷⁾; permezz tal-istabbiliment tiegħu tista' tinkiseb Ewropa sostenibbli u inklużiva li ssahħha il-pożizzjoni taċ-ċittadini tagħha u tippromovi l-opportunitajiet indaqs;
2. jinnota b'dispaċir li l-Kummissjoni indikat espressament li t-tweqqif tal-obiettivi tal-Pilastru jiddependi mir-responsabbiltà kondiviża bejn l-Unjoni, l-Istati Membri u l-imsieħba soċjali⁽⁸⁾, u injorat kompletament ir-responsabbiltà u l-kompetenza tal-awtoritajiet lokali u reġjonali;
3. itenni l-importanza ta' Aġenda soċjali Ewropea b'saħħitha, li fiha l-kompetittività u l-ġustizzja soċjali jikkomplementaw lil xulxin⁽⁹⁾, biex tiġi evitata kwalunkwe forma ta' dumping soċjali u jiġu ggarantiti rati ogħla ta' impjieg. Ifakkar f'dan ir-rigward l-impenn fil-preambolu tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, biex "jippromwovu l-progress ekonomiku u soċjali għall-popli tagħhom" u "tassigura li l-avvanzi fl-integrazzjoni ekonomika jkunu akkompanjati bil-progress parallel f'oqsma oħra";
4. jissottolinja l-valur miżjud li jġibu magħhom l-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politiki soċjoekonomiċi biex jikkontribwixxu għal konverġenza 'l fuq akbar, u jtenni t-talba tiegħu li l-pilastru Ewropew jappoġġja lill-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-isforzi tagħhom ta' implimentazzjoni tal-politiki adegwati tal-impjieg u dawk soċjali⁽¹⁰⁾;
5. jilqa' l-għan tal-Kummissjoni li tagħti kunsiderazzjoni akbar lill-obiettivi tal-politika soċjali meta tfassal politiki tal-UE u tfassal standards (minimi) tal-politika soċjali li għandhom jiġu ssodisfati mill-UE u mill-Istati Membri skont is-setgħat rispettivi tagħhom;
6. itenni t-talba għal koordinazzjoni adatta tal-politiki ekonomiċi u soċjali bejn il-livell tal-UE u dak nazzjonali⁽¹¹⁾, filwaqt li tiġi ggarantita rappreżentanza aħjar tad-dimensjoni territorjali⁽¹²⁾;
7. josserva li l-għoti ta' spinta 'l quddiem lid-dimensjoni soċjali se jsahħha il-proġett tal-UE u jinvolvi liċ-ċittadini fi proġett imġedded biex ikunu jistgħu jħossu livell ogħla ta' identifikazzjoni;
8. josserva li l-politiki ekonomiċi u soċjali tal-UE għandhom iżidu l-potenzjal ta' tkabbir fit-tul, permezz tal-appoġġ għall-produttività u l-kompetittività tan-negozji Ewropej u għall-ħiliet tal-ħaddiema;
9. jenfasizza li l-pilastru soċjali għandu jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-faqar, l-esklużjoni soċjali u l-qgħad, b'mod partikolari fost iż-żgħażaġh, filwaqt li jiġġieled kull inguwaljanza soċjali possibbli⁽¹³⁾, inklużi l-inugwaljanzi abbażi tal-ġeneru. Dan il-qafas għandu jinkludi l-iskema ta' assigurazzjoni Ewropea kontra l-qgħad⁽¹⁴⁾, bħala waħda mill-ewwel strumenti komuni li jiġġieldu l-kriżijiet okkupazzjonali;
10. ifakkar li l-kriżi okkupazzjonali wasslet għal żieda sinifikanti ta' qgħad fit-tul, fir-rigward ta' liema għandha tittieħed azzjoni adegwata permezz ta' politiki attivi xierqa, b'taħriġ immirat lejn it-tiġdid tal-ħiliet ta' dawn il-ħaddiema u b'appoġġ finanzjarju, fejn meħtieġ;

⁽⁷⁾ Artikolu 9 tat-TFUE

⁽⁸⁾ COM(2017) 251 final, Preambolu (17).

⁽⁹⁾ Opinjoni tal-KtR dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (CdR 2868/2016).

⁽¹⁰⁾ Opinjoni tal-KtR dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (CdR 2868/2016).

⁽¹¹⁾ Opinjoni tal-KtR dwar id-dimensjoni soċjali tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja (CdR 6863/2013).

⁽¹²⁾ Riżoluzzjoni dwar il-Programm ta' Ħidma tal-2016 tal-Kummissjoni Ewropea (CDR-2015-5929).

⁽¹³⁾ Opinjoni tal-KtR dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (CdR 2868/2016).

⁽¹⁴⁾ Proposta tal-gvern Taljan ta' sussidju Ewropew kontra l-qgħad.

11. jissottolinja li l-politika għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, peress li tikkostitwixxi waħda mill-politiki l-aktar importanti u komprensivi tal-UE ⁽¹⁵⁾, għandha tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-implimentazzjoni tal-pilastru soċjali.
12. itenni li l-investment soċjali jirrappreżenta investment fil-futur u ma għandux ikun interpretat biss bħala spiża għall-finanzi pubbliċi;
13. jenfasizza l-hteġa għal koordinazzjoni tal-istrateġiji u l-oġġettivi li għandu jkun hemm bejn il-Pilastru Soċjali u l-Fond Soċjali Ewropew;

Rakkomandazzjonijiet speċifiċi

14. jikkondividi l-oġġettiv tal-Kummissjoni li jiżdied l-impjeg u li jitħeġġu l-kundizzjonijiet tajba għan-negozji biex joħlqu aktar impjegji ta' kwalità fl-Ewropa;
15. itenni s-sejħa tiegħu għat-tisħiħ tad-dimensjoni soċjali tal-UE u tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja; jittama li proposta leġislattiva għal Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ser tippermetti li jiġu indirizzati d-drittijiet tal-ħaddiema u l-mobilità tal-ħaddiema f'suq tax-xogħol li qed jinbidel filwaqt li jiġi rispettata il-prinċipju tas-sussidjarjetà ⁽¹⁶⁾;
16. itenni l-importanza ta' Aġenda soċjali Ewropea b'saħħitha, li fiha l-kompetittività u l-ġustizzja soċjali jikkomplementaw lil xulxin ⁽¹⁷⁾, biex tiġi evitata kwalunkwe forma ta' dumping soċjali u jiġu ggarantiti rati ogħla ta' impjeg;
17. itenni li kwalunkwe intervent pubbliku jew privat, għandu jqis il-karatteristiċi speċifiċi lokali u reġjonali, l-isfidi demografiċi u l-qgħad persistenti fost iż-żgħażaġh, fil-każ ta' liema jenfasizza l-importanza li l-benefiċċji tal-"Garanzija għaż-Żgħażaġħ" jiġu estiżi għall-persuni li għandhom sa 30 sena ⁽¹⁸⁾, u li l-iskema ssir karatteristika permanenti tal-politiki Ewropej tal-impjeg, b'fondi sostenibbli u adegwati kemm minn fondi Ewropej kif ukoll minn daww nazzjonali;
18. jinnota li l-bidliet rapidi u profondi, li jvarjaw mix-tixjiħ tal-popolazzjoni għal mudelli ġodda ta' ħajja familjari, mid-diġitalizzazzjoni għal forum ġodda ta' xogħol, u l-impatt tal-globalizzazzjoni u tal-urbanizzazzjoni, jirrikjedu l-insewiment tal-oġġettiv ta' aktar taħriġ fuq bażi kontinwa, it-titjib tal-ħiliet u appoġġ attiv għat-talent, il-politiki għat-tixjiħ attiv u politiki dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata. Dawn tal-aħħar jistgħu jiġu indirizzati permezz ta' politiki adatti dwar il-familja ⁽¹⁹⁾, l-edukazzjoni u l-impjeg;
19. itenni l-importanza li l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, li għandhom dimensjoni soċjali, jitqabblu mal-kompetenzi u, f'dan ir-rigward, jagħmel enfasi fuq ir-rwol li għandhom l-awtoritajiet lokali u reġjonali fejn jidhru l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-appoġġ għall-intraprendituri żgħażaġh b'mod partikolari ⁽²⁰⁾;
20. għalhekk jappoġġja t-tinqix fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ta' dritt għall-edukazzjoni u t-taħriġ bħala dritt fundamentali soċjali u tal-bniedem;
21. barra minn hekk, itenni li, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi nazzjonali, reġjonali u lokali u r-riżorsi disponibbli, u filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li l-investimenti fil-kapital uman jista' jiġi ttrattat bħala investment soċjali, l-Istati Membri għandhom jiġu appoġġjati fl-implimentazzjoni tal-Garanzija tal-ħiliet għat-titjib tal-oportunitajiet ta' impjeg u l-parteċipazzjoni sħiħa fis-soċjetà għal adulti b'livell baxx ⁽²¹⁾;
22. iqis li, biex ikun hemm suq tax-xogħol ibbilanċjat u rregolat, huwa importanti li tittieħed inkunsiderazzjoni l-bidla fir-realtajiet tax-xogħol (4.0) flimkien mal-protezzjoni tal-ħaddiema u, inkluż id-dritt għal skonezzjoni. Għal dan l-għan huwa meħtieġ li jitwaqqaf grupp ta' livell għoli permanenti bejn il-Kummissjoni, il-Kunsill, il-Parlament u l-Kumitat tar-Reġjuni għall-iżvilupp ta' riflessjoni Ewropea dwar l-impatt tad-diġitalizzazzjoni u t-teknoloġiji ġodda u għall-promozzjoni ta' politiki ekonomiċi u soċjali meħtieġa anke b'rabta mal-azzjonijiet territorjali li se jirriżultaw neċessarji;

⁽¹⁵⁾ Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-futur tal-politika ta' koeżjoni wara l-2020 (CDR 1814/2016).

⁽¹⁶⁾ Riżoluzzjoni dwar il-prijoritajiet tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni Ewropea tal-2018 (2017/C 272/01).

⁽¹⁷⁾ Opinjoni tal-KtR dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (CdR 2868/2016).

⁽¹⁸⁾ Opinjoni tal-KtR dwar il-pakkett dwar l-impjegji taż-żgħażaġh (CDR 789/2013).

⁽¹⁹⁾ Opinjoni tal-KtR dwar ir-reazzjoni tal-UE għall-isfida demografika (CDR 40/2016).

⁽²⁰⁾ Opinjoni tal-KtR dwar il-Linji Gwida tal-politika tal-Istati Membri għall-impjegji (CDR 1419/2015).

⁽²¹⁾ Opinjoni tal-KtR dwar Aġenda Ġdida għall-ħiliet għall-Ewropa (COR-2016-04094).

23. jinnota li, fid-dawl tal-evoluzzjoni tar-realtajiet tax-xogħol ⁽²²⁾, huwa essenzjali li l-kwalifiki tal-professionisti mobbli ħafna jkunu rikonnoxxuti b'mod rapidu, sempliċi u affidabbli ⁽²³⁾;
24. huwa tal-opinjoni li forom ġodda ta' impjieg, jew id-definizzjoni ta' standards minimi komuni Ewropej ġodda, għandhom dejjem jieħdu inkunsiderazzjoni livell xieraq ta' protezzjoni soċjali;
25. jitlob li tingħata attenzjoni akbar lill-integrazzjoni effettiva tar-refuġjati, tal-minorenni mhux akkumpanjati u tal-migranti residenti legalment, anke permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali;
26. jitlob li tingħata attenzjoni speċjali lill-atti legali li huma marbutin mal-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE bħall-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni, il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali, il-fondi tal-UE relatati mal-politiki soċjali u dwar l-impjieg ⁽²⁴⁾;
27. jitlob l-użu tal-għodod l-aktar adatti għall-valutazzjoni tal-inugwaljanzi fil-livell subnazjonali, bħala data aktar affidabbli dwar kwistjonijiet soċjali fil-livell lokali u reġjonali;
28. jipproponi li tingħata attenzjoni immedjata lill-faqar u l-esklużjoni soċjali irrispettivament mill-kawża tagħhom jew il-grupp tal-popolazzjoni milquta, u jenfasizza li huma meħtieġa aktar inizjattivi għall-appoġġ tal-familji, biex jiġi ggarantit li l-persuni joħorġu b'mod permanenti minn forom ta' esklużjoni soċjali, u biex jiżded il-finanzjament għall-protezzjoni soċjali; barra minn hekk iqis bħala Prattika tajba l-istabbiliment ta' dħul minimu garantit, approvat minn bosta awtoritajiet lokali u reġjonali;
29. jenfasizza li l-pilastru soċjali għandu jindirizza l-kwistjoni tal- marġinalizzazzjoni u l-esklużjoni soċjali, billi tingħata prijorità lill-politiki għall-persuni b'diżabbiltà u daww għall-unitajiet domestiċi b'għadd ta' tfał;
30. jiddeplora l-fatt li l-pilastru jindirizza l-abitazzjoni bħala aspekk tas-servizzi soċjali biss. Jemmen li abitazzjoni adegwata u konvenjenti għal kulħadd għandha tkun prerekwiżit, li tista' twassal għal aktar koeżjoni soċjali u tgħin sabiex jinħolqu komunitajiet reżiljenti għas-segregazzjoni soċjali, ekonomika u ġeografika;
31. jinnota l-ħtieġa li tiġi żgurata l-aċċessibilità ta' netwerk wiesa' ta' servizzi mhux biss essenzjali, iżda wkoll ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, inklużi s-servizzi soċjali, li jkunu ta' kwalità tajba u aċċessibbli, f'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet lokali u reġjonali;
32. jiddispjaċih li l-pilastru ma jsemmix l-aċċess għall-arti u l-kultura, li huma fundamentali għall-koeżjoni soċjali u għall-ġlieda kontra l-marġinalizzazzjoni u l-faqar ⁽²⁵⁾;
33. iħeġġeġ bil-qawwa lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jintroduċu miżuri ta' inċentiv għall-pajjiżi li jimplementaw riformi strutturali li għandhom l-għan li jwasslu l-oġġettivi soċjali tal-Ewropa 2020 u li jiġġieldu l-iżbilanċi soċjali;
34. jissottolinja l-fatt li l-progress soċjali tal-Ewropa jista' jwassal għal distribuzzjoni uniformi anke fil-pajjiżi mhux membri tal-euro ⁽²⁶⁾ u li għalhekk fil-bidu ma jirċevux benefiċċji mill-pilastru soċjali; Il-KtR jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill ifittxu strumenti adatti għal dan l-għan;
35. jenfasizza l-bżonn li jkunu ċċarati l-modi ta' kif il-fondi Ewropej jistgħu jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-pilastru ⁽²⁷⁾ u jostni wkoll il-bżonn li riżorsi adegwati jkunu pprovduti mill-Unjoni Ewropea u mill-Istati Membri biex jintlaħqu l-oġġettivi previsti mill-pilastru;
36. jistieden lill-Kummissjoni tfassal pjan għal programm ta' azzjoni tal-politika soċjali li jħares 'il quddiem u li jinkludi miżuri speċifiċi;

⁽²²⁾ Ewrobarometru Speċjali 417, Żona Ewropea tal-Ħiliet u l-Kwalifiki.

⁽²³⁾ L-immodernizzar tad-Direttiva dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali (2013/55/UE).

⁽²⁴⁾ Grupp ta' Ħidma tal-Kumitat EMPL tal-PE – "fil-preżent, madwar 670 att tal-UE (inklużi atti leġislattivi, delegati u ta' eżekuzzjoni) huma fis-seħħ fil-qasam tal-impjieg, tal-moviment liberu tal-ħaddiema u tal-politiki soċjali".

⁽²⁵⁾ Alleanza Ewropea għall-kultura u l-arti.

⁽²⁶⁾ Konfederazzjoni Ewropea tat-Trade Unions Indipendenti.

⁽²⁷⁾ Network Soċjali Ewropew.

37. itenni t-talba li l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jappoġġja l-isforzi tal-awtoritajiet lokali u reġjonali li għandhom l-għan li jimplimentaw politiki soċjali u dwar l-impjeg adatti ⁽²⁸⁾;
38. jafferma li għandhom jiġu introdotti għodod adatti biex jitkejjel u jiġi mmonitorjat il-progress miksub ⁽²⁹⁾ u jappella għal Protokoll tal-Progress Soċjali fi kwalunkwe tibdil futur fit-Trattat, bl-għan li d-drittijiet soċjali jitqiesu fuq l-istess livell mad-drittijiet ekonomiċi ⁽³⁰⁾;
39. jenfasizza l-hteġa li jissaħħa il-valur soċjali u ċivili tal-volontarjat bħala mezz ta' żvilupp u promozzjoni tat-territorju, u bħala strument ta' responsabbiltà soċjali u parteċipazzjoni diretta miċ-ċittadini.

Brussell, l-10 ta' Ottubru 2017.

Il-President
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni
Karl-Heinz LAMBERTZ

⁽²⁸⁾ Opinjoni tal-KtR dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (CdR 2868/2016).
⁽²⁹⁾ <http://www.esn-eu.org/news/925/index.html>
⁽³⁰⁾ https://www.etuc.org/press/trade-unions-fight-stronger-european-pillar-social-rights#.Wb_76WepWUm

Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Politika Ewropea dwar l-adattament antisismiku tal-istokk tal-bini u tal-infrastruttura

(2018/C 054/11)

Relatur: Is-Sur Vito Santarsiero (IT/PSE) Membru tal-Kunsill Reġjonali ta' Basilicata**RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA****IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI,**

1. josserva li studji reċenti dwar il-periklu sismiku fl-Ewropa (jiġifieri l-proġett SHARE iffinanzjat fl-FP7 ⁽¹⁾), minkejja li jikkonfermaw li l-oġġetti ta' periklu jirrigwardaw pajjiżi bħall-Italja, il-Greċja u r-Rumanija jindikaw livelli moderati anke għal ċerti żoni f'pajjiżi bħal Franza, il-Ġermanja, il-Belġju, Spanja u l-Portugall, inkluż ir-riskju minn tsunamis;
2. josserva li fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (UE) tinsab kwantità kbira ta' bini u infrastrutturi li jirrikjedu interventi ta' manutenzjoni b'mod regolari minħabba l-kundizzjonijiet strutturali tagħhom, it-tibdil fil-kundizzjonijiet ambjentali, u r-regoli li jirregolaw is-settur tal-kostruzzjoni; b'mod partikolari, f'dak li għandu x'jaqsam mal-istokk tal-bini, id-data tal-EUROSTAT u tal-Building Performance Institute Europe (BPIE) ⁽²⁾ tindika li minn madwar 25 biljun m² ta' superfiċje utli li jinsabu fil-pajjiżi tal-UE27 (flimkien mal-Iżvizzera u n-Norveġja), madwar 40 % minnhom inbnew qabel l-1960;
3. josserva li xi pajjiżi tal-UE, b'mod partikolari fiż-żona tal-Mediterran, matul l-istorja reċenti tagħhom intlaqtu minn avvenimenti sismiċi bi ħsara qawwija ħafna kemm mill-perspettiva soċjali kif ukoll dik ekonomika; il-bilanċ huwa partikolarment serju fl-Italja fejn, matul dawn l-aħħar 50 sena, seħħew diversi terremoti li b'kolloxx ikkawżaw il-mewt ta' aktar minn 5 000 persuna u ħsara ekonomika stmata għal madwar EUR 150 biljun;
4. josserva li, mill-analiżi tal-avvenimenti sismiċi tal-passat li saret fuq livell dinji, in-numru ta' mwiet u d-distribuzzjoni tal-ħsara huma aktar marbuta mal-vulnerabbiltà tal-bini u man-nuqqas ta' preparazzjoni tal-komunitajiet l-aktar milquta milli mal-intensità tal-avvenimenti;
5. jenfasizza li, meta wieħed janalizza l-effetti ta' terremot fuq is-sistemi lokali u fuq in-nisġa residenzjali, infrastrutturali kif ukoll in-nisġa ekonomika u produttiva, spiss huwa evidenti tnaqqis notevoli fir-ritmu jew imblukkar proprju fil-proċessi ta' tkabbir territorjali;
6. jenfasizza li l-iżgurar tas-sikurezza tal-istokk tal-bini u tal-infrastruttura jitlob interazzjoni b'mod pożittiv, anke mal-politiki reġjonali u ta' koeżjoni u mal-oġġettivi ta' tkabbir urban u rurali tal-Unjoni Ewropea;
7. huwa tal-fehma li politika Ewropea dwar l-adattament antisismiku tal-istokk tal-bini u tal-infrastruttura għandha tkun ibbażata fuq approċċ ta' governanza f'diversi livelli b'koordinazzjoni tal-kompetenzi rilevanti fil-livell Ewropew, nazzjonali u reġjonali, f'konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità u b'analoġija mal-metodu segwit fl-Aġenda Urbana tal-UE. Ifakkar, f'dan il-kuntest, li l-livell tal-UE huwa fil-biċċa l-kbira kompetenti għall-issettjar ta' standards tekniċi filwaqt li l-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali huwa kompetenti b'mod partikolari għall-liġi tal-kostruzzjoni kif ukoll għall-ippjanar urban;
8. jinnota li sforz komprensiv ta' prevenzjoni tar-riskju sismiku jirrappreżenta hteġa primarja għall-UE sabiex tippoteġi s-sikurezza taċ-ċittadini tagħha, tippoteġi l-wirt storiku u kulturali tagħha, trażżan l-ispejjeż li jirriżultaw mill-ħsara lill-persuni u l-oġġetti, u tippoteġi l-kondizzjonijiet għall-iżvilupp tat-territorji u tal-investiment għat-tkabbir;

⁽¹⁾ www.share-eu.org.⁽²⁾ BPIE, 2011. *Europe's buildings under the microscope. A country-by-country review of the energy performance of buildings.*

9. jenfasizza li, b'mod partikolari, l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom ir-responsabbiltà politika u istituzzjonali biex jipproteġu liċ-ċittadini tagħhom, kemm minħabba li dawn l-entitajiet jirrappreżentaw l-ewwel livell ta' governanza biex jiġu żgurati l-operazzjonijiet ta' assistenza u għajna lill-popolazzjoni matul emerġenza, kif ukoll minħabba li għandhom rwol importanti fil-fażi li tal-ippjanar għall-emerġenzi u fl-iżvilupp ta' azzjonijiet ta' prevenzjoni strutturali (interventi) u mhux strutturali (informazzjoni);

10. jenfasizza wkoll, li l-entitajiet lokali u reġjonali, minħabba li huma istituzzjonijiet eqreb għaċ-ċittadini, jistgħu jkunu aktar konxji dwar id-dritt/dmir li jipprevjenu r-riskji u l-iżvilupp sussegwenti ta' mġiba attiva għall-mitigazzjoni.

AZZJONIJIET TA' MITIGAZZJONI TAR-RISKJU SISMIKU

11. iqis li, fid-dawl tal-kwantità enormi ta' bini pubbliku u privat, u ta' infrastruttura li jrid isir intervent fuqhom, abbażi ta' kriterji uniformi Ewropej (inklużi Eurocodes), għandha tiġi definita klassifikazzjoni tal-vulnerabbiltà sismika tal-bini u l-infrastruttura;

12. jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tħeġġeġ it-tnejja ta' djalogu mas-settur tal-assigurazzjoni fuq livell pan-Ewropew, sabiex jinstab inċentiv finanzjarju fil-forma ta' tnaqqis tal-primjums waqt il-proċess ta' tiġdid, u jqis li jkun utli li jiġi eżaminati fil-fond is-sostenibbiltà ekonomika u l-benefiċċji mistennija mit-tiġib tas-sistema ta' kopertura tal-assigurazzjoni, billi jiġu provduti miżuri għall-mutwalizzazzjoni tar-riskju;

13. iqis li bil-għan li jiġi promoss l-iżvilupp ta' azzjonijiet ta' mitigazzjoni permezz ta' sensibilizzazzjoni akbar tal-komunitajiet, ikun utli li jiġu ddefiniti u kkomunikati b'mod ċar kemm il-konsegwenzi ta' avvenimenti sismiki possibbli kif ukoll, b'mod partikolari, il-vantaġġi li jirriżultaw mit-tweqqif ta' interventi ta' adattament f'termini ta' tnaqqis tal-impatt soċjali (b'mod partikolari telf ta' ħajjiet) u ekonomiku;

14. josserva li, peress għad m'hemmx disponibbli metodi preċiżi u riżultati li jstgħu jiġu ttrasferiti b'mod ċar lill-partijiet ikkonċernati mhux tekniċi (amministratturi, ċittadini, eċċ) dwar il-vantaġġi kbar li jstgħu jirriżultaw mit-tweqqif ta' interventi preventivi ta' adattament, jidher li huwa importanti li dan is-suġġett jiġi analizzat aktar fil-fond permezz tal-finanzjament ta' attivitajiet ta' studju speċifiċi;

15. iqis li huwa essenzjali, sabiex jiġu ottimizzati u mmirati kif xieraq l-isforzi tekniċi u finanzjarji li għandhom l-għan li jnaqqsu r-riskju sismiku għal bini eżistenti, li jiġi promoss l-għarfien u l-analiżi tal-vulnerabbiltà ta' bini eżistenti bħala punt ta' tluq għal iktar miżuri u inizjattivi pubbliċi u privati ewlenin. Biex isir dan, il-kampanji ta' ġbir tad-data għandhom jiġu promossi għall-finijiet ta' evalwazzjoni statistika u jiddeskrivu l-prijoritajiet u l-metodoloġiji kondiviżi, flimkien ma' bidla regolatorja fis-settur u l-miżuri ta' finanzjament u ta' inċentiv;

16. josserva li l-esperjenza ta' xi Stati Membri, bħall-Italja, tindika n-nuqqas ta' interess min-naħa ta' sidien anzjani jew ta' dawk li għandhom residenzi sekondarji biex jinvestu riżorsi għal interventi; għaldaqstant jidher li huwa utli li jiġu implimentati proċessi ta' sensibilizzazzjoni għal dawn il-kategoriji, kif ukoll forum ta' inċentiv li mhumiex limitati biss għall-"ewwel djar". Jirrikonoxxi l-hteġa li l-miżuri maħsubin għall-analiżi u l-adattament tal-bini eżistenti jiġu adattati anke fuq il-bażi ta' studji u esperjenza li jkopru l-bini individwali fil-qafas ta' valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà aggregata jew ta' agglomerazzjoni urbana, u b'hekk jiġu identifikati xi nuqqasijiet potenzjali prevalenti fil-kundizzjonijiet tal-użu effettiv tal-bini.

17. josserva li fil-pajjiżi Ewropej diġà għaddejja attività ta' adattament estensiva tal-istokk tal-bini pubbliku u privat biex tiġi żgurata ż-żieda fl-effiċjenza fl-enerġija, iffinanzjata wkoll permezz ta' fondi Ewropej, iżda li dawn l-interventi b'mod ġenerali ma jindirizzawx it-tema tas-sigurtà strutturali u sismika;

18. jenfasizza, għall-kuntrarju, il-hteġa li titwettaq attività ta' adattament effikaċi permezz ta' interventi integrati u sostenibbli li jstgħu jwasslu, b'mod parallel u bl-anqas mod invażiv possibbli, kemm għal tnaqqas fil-vulnerabbiltà sismika kif ukoll għal żieda fl-effiċjenza fl-enerġija;

19. iqis essenzjali li, flimkien ma' interventi ta' prevenzjoni strutturali, jiġu żviluppati azzjonijiet ta' prevenzjoni "mhux strutturali" li, b'mod ġenerali, għandhom l-għan li jtejbu l-għarfien dwar ir-riskju sismiku u, b'mod partikolari, li jżidu s-sensibilizzazzjoni u l-imġiba attiva taċ-ċittadini;

20. iqis li l-attività ta' prevenzjoni strutturali, minbarra li tnaqqas ir-riskju, tista' toħloq impatt pożittiv fuq l-ambjent, billi ttawwal iż-żmien tal-utilità tal-bini u bit-tnaqqis li jirriżulta fit-twaqqiġ u r-rikostruzzjoni wara terremot, objettiv li huwa enfasizzat ukoll fir-Regolament (UE) Nru 305/2011 dwar il-prodotti għall-bini (CPR 305/2011/UE) li, meta mqabbel mal-verzjoni preċedenti, id-Direttiva 89/106/KEE, introduċa s-seba' rekwiżit "użu sostenibbli tar-riżorsi naturali", li huwa essenzjali għall-bini;

21. jirrikonoxxi li programm ta' adattament sismiku, minkejja li jorrikjedi riżorsi sostanzjali u huwa partikolarment ta' piż għar-reġjuni u l-Istati Membri b'livelli ogħla u mxerrda ta' riskji sismiċi, jikkontribwixxi f'kull qasam għall-ħolqien tal-impjiegi u għat-tkabbir ekonomiku b'mod partikolari għall-irkupru tas-suq tal-kostruzzjoni;

22. iqis importanti li l-interventi ta' adattament sismiku jiġu rregolati minn sett ta' standards tekniċi fil-kuntest Ewropew, li jindirizzaw ukoll il-kwistjoni tal-adattament sismiku tal-bini eżistenti, fuq il-bażi ta' approċċ olistiku orjentat biex jiżgura s-sigurtà, is-solidità u d-durabbiltà;

23. iqis li jkun siewi li titnieda pjattaforma tal-UE għall-iskambju tat-tagħrif, tal-esperjenza u tal-aħjar prattiki fid-diversi livelli tal-pajjiżi tal-UE.

POLITIKA EWROPEA ĠDIDA GĦALL-MITIGAZZJONI TAR-RISKJU SISMIKU

24. jaqbel u jtenni dak li ġie enfasizzat fl-Opinjoni dwar il-qafas ta' Sendai ⁽³⁾, jiġifieri li l-proġetti kollha tal-UE marbutin mal-kostruzzjoni ta' infrastruttura ġdida għandhom jiżguraw kapaċità għal reżistenza xierqa għad-diżastri, filwaqt li fl-istess ħin, jenfasizzaw li dan l-objettiv jista' jwassal għal spejjeż akbar;

25. jipproponi li l-parametru deskrittiv tar-riskju sismiku ta' territorju, u b'analoġija tar-riskji minn diżastri naturali oħra, li huma vvalutati skont kriterji definiti tajjeb, jistgħu jiġu kkunsidrati bħala wħud minn dawk ta' riferiment għat-tqassim tal-Fondi SIE bejn ir-reġjuni tal-Ewropa; jenfasizza li l-UE trid teħtieġ li l-infrastrutturi kollha mibnija permezz tal-fondi SIE jew kwalunkwe fond ieħor tal-UE ieħor ikunu reżistenti għad-diżastri;

26. jipproponi li r-regolamenti tal-UE jkunu jistgħu jipprevedu l-użu ta' Fondi SIE għall-adattament sismiku ta' proprjetà kemm pubblika kif ukoll privata, kif ukoll ta' dawk l-infrastrutturi, kemm ta' trasport bit-triq kif ukoll ta' servizzi, li huma strateġiċi għall-pajjiżi tal-UE;

27. jipproponi li l-pjan ta' azzjoni jipprevedi l-adattament tal-bini kollu, inkluż dak residenzjali, kif ukoll l-ispazju pubbliku, mhux biss bħala post ta' sigurtà f'każ ta' emerġenza, iżda wkoll bħala strateġija urbana fit-tul li tipprevedi l-possibbiltà li l-popolazzjoni residenti tiġi rilokata għal spazji pubbliċi fejn l-individwi jistgħu jiġu protetti;

28. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea biex, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u, fejn rilevanti mal-awtoritajiet lokali u reġjonali, pian ta' azzjoni għall-adattament antisismiku tal-istokk tal-bini u tal-infrastruttura skont l-Artikolu 5(5)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1301/2013 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali; jitlob ukoll lill-Istati membri u lill-awtoritajiet lokali u reġjonali jagħmlu użu sħiħ tal-għajjnuna mogħtija għal din il-prijorità ta' investiment fil-programmi operattivi tal-iżvilupp reġjonali;

29. jipproponi li dan għandu jibgħat sinjal b'saħħtu favur l-investimenti, inkluż permezz tal-kooperazzjoni bejn is-settur pubbliku u privat, għall-adattament sismiku ta' bini u infrastrutturi, b'enfasi partikolari fuq il-konservazzjoni tal-wirt kulturali u storiku, fuq l-infrastrutturi strateġiċi u fuq il-bini u l-infrastrutturi agrikoli u industrijali;

30. jitlob li tiġi appoġġjata żieda fl-investimenti marbutin mar-riċerka u l-innovazzjoni fil-qasam tal-protezzjoni sismika tal-binjiet, inkluż l-iżvilupp ta' programmi estensivi ta' informazzjoni u taħriġ;

31. jistieden lill-Istati Membri u r-reġjuni kkonċernati biex jinkludu l-adattament sismiku tal-bini eżistenti bħala priyorità fil-programmi operattivi tagħhom għall-iżvilupp reġjonali, filwaqt li jenfasizza l-ħtieġa li jiġu allokati riżorsi finanzjarji anke permezz ta' strumenti adatti ta' inċentivi għall-attivitajiet ta' prevenzjoni tar-riskju sismiku;

⁽³⁾ Ara l-Opinjoni dwar Pjan ta' Azzjoni dwar il-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri 2015-2030, NAT-VI/015, relatur: is-Sur Adam Banaszak (KRE/PL).

32. huwa tal-fehma li, sabiex ikun hemm l-aqwa riżorsi u riżultati possibbli, għandhom jitqiesu l-mapep tal-periklu u tar-riskju sismiku għal kull pajjiż u/jew reġjun meta jkunu qed jiġu implimentati l-proposti msemmija fil-punti preċedenti; jipproponi li l-attivitajiet ta' riċerka jittrawmu bil-għan li jiġu żviluppati dawn il-mapep jew jiġu aġġornati jekk diġà jeżistu;
33. iqis li pjan ta' azzjoni propost mill-KE jista' jkun strument adatt biex jitħeġġeġ aktar l-adattament sismiku tal-bini eżistenti bħala prijorità fil-programmi operattivi għall-iżvilupp reġjonali fl-Istati Membri;
34. josserva li l-azzjonijiet konġunti f'dan il-qasam jistgħu potenzjalment ikunu aktar effikaċi minn miżuri frammentati introdotti minn Stati Membri individwali, u jitlob għaldaqstant sforz magħqud u kkoordinat b'rabta mal-protezzjoni u l-adattament sismiku tal-binjiet;
35. jirrakkomanda l-promozzjoni u l-appoġġ tal-inizjattivi ta' sensibilizzazzjoni u ta' informazzjoni liċ-ċittadini, li jitwettqu kemm fil-livell lokali kif ukoll nazzjonali, li għandhom l-għan li jippromovu t-tixrid tal-kultura ta' prevenzjoni, b'mod konformi mal-oġettivi stabbiliti fil-Prijorità 1 tal-qafas ta' Sendai;

Brussell, il-11 ta' Ottubru 2017.

Il-President
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni
Karl-Heinz LAMBERTZ

Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Strateġija spazjali għall-Ewropa

(2018/C 054/12)

Relatur:	Andres Jaadla (EE/ALDE), Membru tal-Kunsill tal-Belt ta' Rakvere
Dokument(i) ta' referenza:	Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Strateġija Spazjali għall-Ewropa
	COM(2016) 705 final

RAKKOMANDEZZJONIJIET TA' POLITIKA

1. Kif indikat fid-dokument "Strateġija Spazjali għall-Ewropa", l-ispazju huwa importanti għall-Ewropa. L-Ewropa kisbet suċċess kbir fit-teknoloġiji spazjali, osservazzjoni tad-Dinja u kapaċitajiet ta' pożizzjonament globali uniċi, u missjonijiet ta' esplorazzjoni. It-teknoloġiji, id-data u s-servizzi spazjali saru parti mill-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini Ewropej u jistħoqqilhom li jiġu żviluppati aktar b'mod sistematiku.
2. Għandha tiġi enfasizzata l-importanza strateġika tal-ispazju għall-Ewropa. Huwa jsaħħaħ ir-rwol tal-Ewropa bħala attur globali aktar b'saħħtu u huwa ta' vantaġġ għas-sigurtà u d-difiża tagħha. Il-politika spazjali tista' tgħin biex tingħata spinta lill-impjegji, it-tkabbir u l-investment fl-Ewropa. L-investment fl-ispazju jespandi l-konfini tax-xjenza u r-riċerka. Għalhekk, il-KtR jappoġġja bil-qawwa t-talba tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾ għal Strateġija komprensiva ta' Komunikazzjoni dwar il-benefiċċji tat-teknoloġiji spazjali għaċ-ċittadini u n-negozji.
3. Jeħtieġ li jinstabu soluzzjonijiet konkreti sabiex it-teknoloġija, id-data u s-servizzi spazjali jkunu jistgħu jappoġġjaw bosta miżuri u prijoritajiet politiċi ewlenin tal-UE f'oqsma bħalma huma l-kompetittività tal-ekonomija Ewropea, il-migrazzjoni, it-tibdil fil-klima, is-suq uniku diġitali u l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali.
4. Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Unjoni Ewropea u l-Aġenzija Spazjali Ewropea ħadmu flimkien biex titressaq 'il quddiem il-kooperazzjoni Ewropea fl-ispazju billi fis-26 ta' Ottubru 2016 iffirmaw id-Dikjarazzjoni Konġunta bejn l-UE u l-ESA dwar viżjonijiet u objettivi komuni. Filwaqt li l-ESA għandha l-għanijiet tagħha stess, il-kooperazzjoni mal-Istati Membri tal-UE u l-istituzzjonijiet tal-UE toħloq sensiela ta' sinerġiji. Huwa apprezzat ħafna l-fatt li l-UE u l-ESA setgħu jfasslu pożizzjonijiet komuni fir-rigward ta' viżjonijiet u objettivi ⁽²⁾ fit-tul, u dan joffri lit-tnejn li huma qafas koerenti għall-implimentazzjoni tal-istrateġiji rilevanti. Il-kooperazzjoni timplika l-bżonn li jiġu evitati akkost ta' kollox id-duplikazzjonijiet u l-kompetizzjoni dannuża.
5. Il-Kumitat tar-Reġjuni jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Ewropa u l-Istati Membri għandhom Aġenzija Spazjali Ewropea b'aktar minn ħamsin sena esperjenza fil-bini ta' kapaċitajiet Ewropej fl-iżvilupp tat-teknoloġiji u l-applikazzjonijiet spazjali fl-oqsma kollha tal-attivitajiet spazjali. Jeħtieġ li dan ir-rwol jinżamm u jissaħħaħ aktar għall-iżvilupp soċjoekonomiku tar-reġjuni u, fost affarijiet oħra, għall-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti.
6. Il-KtR huwa konvint li l-istrateġija spazjali tal-UE tista' taħdem fit-tul biss permezz tal-involviment attiv tal-Istati Membri kollha, u li huwa hekk biss li l-industrija spazjali Ewropea tista' toħloq tkabbir u impjegji. Dan jista' jinkiseb permezz ta' azzjonijiet konkreti u mmirati, b'fokus partikolari fuq il-bini tal-kapaċità u l-involviment ta' dawk l-Istati Membri li qegħdin jagħmlu l-ewwel passi f'dan is-settur.

⁽¹⁾ Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2017 dwar Strateġija Spazjali għall-Ewropa.

⁽²⁾ http://www.esa.int/About_Us/Welcome_to_ESA/Joint_statement_on_shared_vision_and_goals_for_the_future_of_Europe_in_space_by_the_EU_and_ESA.

7. It-taħriġ tal-inġiniera, it-tekniċi u r-riċerkaturi huwa ta' importanza kruċjali għall-industrija Ewropea. Il-ħolqien ta' ċentri ta' kompetenza u ta' eċċellenza u ta' ċentri ta' taġħlim tul il-ħajja jikkontribwixxi, permezz tat-tiħiħ tas-suq tax-xogħol Ewropew u l-iżvilupp ta' infrastruttura għall-esperimenti, testijiet u kapaċità ta' kalkolu u ta' analiżi, sabiex jespandu kontinwament l-għarfien u l-ħiliet fl-oqsma tax-xjenza spazjali u s-setturi marbutin ma' dawn. L-istrategġja spazjali Ewropea għandha tkun ibbażata fuq dan.

8. L-involviment taż-żgħażaġħ kif ukoll l-entużjażmu u l-motivazzjoni taġħhom huma investiment fil-futur tal-Ewropa. Għandu jkun hemm aktar investiment fl-għarfien u l-ħolqien ta' stejjer ta' suċċess li juru r-rwol taċ-ċittadini Ewropej fl-iżvilupp ta' sistemi kumplessi (fuq l-art, kif ukoll bl-iżvilupp ta' satelliti). Is-soċjetà tikseb benefiċċji mill-ispazju b'ħafna modi, pereżempju permezz tat-teknoloġiji ta' komunikazzjoni, il-possibbiltà ta' skambju tal-informazzjoni f'ħin reali, is-sistemi ta' sorveljanza li joperaw b'mod kontinwu u b'riżoluzzjoni għolja, reazzjoni rapida għal diżastri naturali, l-appoġġ għall-agrikoltura, il-forestrija, is-sajd u t-trasport marittimu, it-tiħiħ tal-kontroll tal-fruntieri u tas-sigurtà u ħafna aktar applikazzjonijiet.

9. Il-ħtieġa ta' satelliti żgħar kosteffettivi għal skopijiet ta' komunikazzjoni u ta' sorveljanza kull ma jmur qed tiżdied. L-applikazzjonijiet u s-servizzi fis-settur tal-Osservazzjoni tad-Dinja għaddejjin minn titjib rapidu tal-kapaċitajiet tekniċi tasatelliti żgħar u l-iżvilupp ta' applikazzjonijiet ġodda, kemm għall-monitoraġġ u l-ġestjoni tal-art agrikola kif ukoll għat-tbassir tat-temp, notevolment permezz tal-progress fit-teknoloġiji ġodda tar-radar. Għalhekk anke l-UE teħtieġ li tiffoka l-attenzjoni taġħha fuq il-kontinwità ta' Copernicus u Galileo, b'tali mod li tkun tista' tipparteċipa fl-iżvilupp ta' dan is-suq fil-livell dinji.

10. F'għadd ta' diskussjonijiet saret referenza għall-ħtieġa ta' kooperazzjoni⁽³⁾ internazzjonali f'livell għoli fl-oqsma tal-ekonomija, is-soċjetà u d-diplomazija sabiex jiġu garantiti l-aċċess tal-Istati Membri tal-UE għall-ispazju u s-sigurtà tal-infrastruttura spazjali. Dan l-aspett jikkonċerna mhux biss ir-residwu spazjali u l-bżonn ta' orbiti ħielsa iżda wkoll il-ftehim dwar il-ġestjoni tal-frekwenza u t-traffiku spazjali. Il-kwistjonijiet spazjali għandhom ikunu regolati minn ftehimiet internazzjonali. L-awtoritajiet lokali u reġjonali huma intermedjarji ideali bejn il-komunitajiet individwali (gruppi tas-soċjetà, il-konsumaturi, in-negozji u r-riċerkaturi).

11. Is-suċċess u s-sostenibbiltà tal-industrija spazjali Ewropea jiddependu mill-użu u l-ipproċessar ta' volumi kbar u sorsi ta' data u ta' informazzjoni (Big Data). Is-soluzzjonijiet innovattivi, il-prattiki ġodda, is-sigurtà aħjar u l-protezzjoni aħjar kontra l-attakki ċibernetiċi jistgħu jiġu żgurati biss jekk in-negozji jkollhom aċċess aħjar għad-data u jikkollaboraw b'mod ispirat max-xjentisti, l-universitajiet u s-settur pubbliku.

Kummenti ġenerali

12. Dan id-dokument dwar l-Istrategġja Spazjali Ewropea jqis, u sa ċertu punt jibni fuq, opinjonijiet preċedenti relatati tal-KtR, inklużi l-Opinjoni "Lejn strategġja tal-ispazju tal-Unjoni Ewropea għas-servizz taċ-ċittadini" u l-Opinjoni "Il-politika industrijali spazjali tal-UE", kif ukoll għadd ta' dokumenti fosthom ir-rapport mill-Kumitat tal-Parlament Ewropew għall-Affarijiet Barranin dwar kapaċitajiet fil-qasam tal-ispazju għas-sigurtà u d-difiża Ewropea, ir-reviżjoni tal-Iżvilupp tas-Suq Spazjali fl-Ewropa, ir-rakkomandazzjonijiet dwar li tiżdied id-dimensjoni reġjonali għall-Istrategġja Spazjali Ewropea ppubblikati minn NEREUS f'April 2016, u l-Grupp Konsultattiv dwar l-Ispace tal-Orizzont 2020 "Konsulenza dwar prijoritajiet potenzjali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fil-programm ta' ħidma 2018-2020".

13. L-Istrategġja Spazjali għall-Ewropa tindirizza b'mod konkret l-iżviluppi internazzjonali fis-settur, fejn qed tiżdied il-kompetizzjoni minħabba l-mudell ta' "Spazju Ġdid" li nibet fl-Istati Uniti fis-snin 80 bil-ħruġ fid-dieher ta' intrapriżi li xtaqu li jilħqu l-ispazju. It-teknoloġiji diġitali u d-diġitalizzazzjoni qed jiftħu modi ġodda kif isir in-negozju, filwaqt li bidliet teknoloġiċi ewlenin qed ifixxlu r-relazzjonijiet tradizzjonali industrijali u l-mudelli tan-negozju użati għall-aċċess u l-użu tal-ispazju.

⁽³⁾ Forum ta' Livell Għoli – L-ispazju bħala mutur għal żvilupp soċjoekonomiku sostenibbli. Dubai, 24 ta' Novembru 2016.

14. Il-kooperazzjoni hija neċessarja bejn l-istituzzjonijiet kollha, peress li s-settur tal-ispazju huwa kkaratterizzat minn ċikli ta' żvilupp twil; dan iżid ir-riskji tas-suq, peress li l-potenzjal tas-suq tal-applikazzjonijiet ġodda jeħtieġ li jiġi vvalutat ħafna minn qabel waqt li huwa diffiċli li tiġi aġġustata s-sitwazzjoni eżistenti. Dan ifisser li għall-intraprendituri li jixtiequ jidħlu fis-settur spazjali, jista' jkun diffiċli li jsibu investituri minħabba li huwa diffiċli ħafna li s-suq ċikliku u s-sitwazzjoni eżistenti jinbidlu għat-tibdil fid-domanda.

15. L-UE u l-ESA għandhom jintensifikaw il-kooperazzjoni tagħhom bil-għan li l-Istati Membri jiġu appoġġjati fl-attivitatiet ta' riċerka u żvilupp fil-qasam spazjali tagħhom fil-livell Ewropew, biex jiżied l-użu ta' programmi innovattivi ta' akkwist u jingħata aktar impetus lill-investiment privat u s-sħubijiet mal-industrija u jitravwem l-iżvilupp ta' minisatelliti u nanosatelliti.

16. L-UE u l-ESA jridu jiżviluppaw miżuri konġunti ta' sensibilizzazzjoni u pjani għall-adozzjoni tat-teknoloġija sabiex jkunu jistgħu jiġu implimentati b'mod effettiv ir-riżultati miksuba f'diversi oqsma permezz tar-riċerka u l-iżvilupp. L-isfidi globali kkawżati mill-popolazzjonijiet li qed jikbru, iż-żieda fid-domanda għal riżorsi u t-tibdil fil-klima jirrikjedu informazzjoni dwar il-pjaneta tagħna li tista' tiġi pprovduta biss b'mod faċli permezz ta' soluzzjonijiet b'bażi spazjali.

17. Il-KtR identifika l-prijoritajiet speċifiċi li ġejjin:

- it-fassil proattiv ta' miżuri politiċi, li bl-għajjn tagħhom l-SMEs jiġu involuti aktar, il-promozzjoni tal-ħolqien ta' negozji ġodda (spin-offs u negozji ġodda) u l-ħolqien ta' impjiegi fis-setturi li jużaw teknoloġiji spazjali;
- l-appoġġ tal-programmi tar-riċerka u l-iżvilupp, inklużi programmi edukattivi fil-livelli kollha fl-oqsma tal-IT, ix-xjenza, il-matematika, l-inġinerija u x-xjenzi soċjali;
- l-investiment fis-settur spazjali, filwaqt li jiġi enfasizzat ir-rwol ta' fondi ta' investiment u l-faċilitajiet ta' investiment kif ukoll l-involviment ta' investituri privati;
- l-iżvilupp ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet Ewropej, nazzjonali u reġjonali u bejn l-industrija u l-utenti permezz ta' appoġġ strutturat mill-Kummissjoni Ewropea, b'mod partikolari sabiex jiġi żgurat li l-kapaċità tat-traffiku tal-informazzjoni tkun kompatibbli mal-isfidi attwali li huma riżultat ta' teknoloġiji ta' detezzjoni mill-bogħod;
- titjib sinifikanti tat-tmexxija u l-amministrazzjoni tas-settur spazjali, kemm fl-Istati Membri kif ukoll fil-livell Ewropew, u l-promozzjoni ta' kooperazzjoni bejn l-UE u l-ESA, b'enfasi fuq l-utenti u r-reġjuni, filwaqt li jitqies il-potenzjal tagħhom f'dan il-qasam;
- il-kofinanzjament tal-ħolqien tal-Aġenzija Spazjali Ewropea tal-inkubaturi tan-negozji fir-reġjuni li għandhom l-għan li jħeġġu l-intraprenditorija fis-settur spazjali;
- l-appoġġ ta' miżuri edukattivi u istituzzjonijiet pubbliċi li jħarrġu professjonisti fil-qasam ekonomiku, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet intraprenditorjali speċifiċi tas-settur spazjali.

Ir-rwol tar-“reġjuni tal-ispazju” fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija Spazjali Ewropea

18. Il-KtR jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Istrateġija Spazjali għall-Ewropa tikkunsidra l-importanza tal-parteċipazzjoni reġjonali fl-implimentazzjoni tagħha, b'mod partikolari permezz ta' miżuri konkreti mill-Kummissjoni Ewropea flimkien mal-Aġenzija GSA, li hija responsabbli għall-EGNOS u l-programmi Galileo, kif jixhdu n-netwerks Copernicus Relays u l-Akkademja Copernicus, biex jappoġġjaw il-promozzjoni tal-użu tad-data ta' telerilevament (remote sensing data) u l-applikazzjonijiet tagħhom;

19. Id-dimensjoni reġjonali hija essenzjali biex il-benefiċċji tal-ispazju jiġu eqreb tal-utenti u b'hekk ipoġġu lill-utenti fiċ-ċentru ta' strateġija spazjali Ewropea. L-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom il-kompetenza u r-rieda li jiġu involuti fl-implimentazzjoni ta' politika spazjali Ewropea, peress li din tappoġġja l-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti f'ħafna reġjuni.

20. jilqa' l-fatt li ħafna reġjuni nġhaqdu fin-netwerk NEREUS (Netwerk tar-reġjuni Ewropej li jużaw teknoloġiji spazjali) li juri l-importanza dejjem akbar tal-ispazju għall-ekonomija tar-reġjuni. L-għan ta' NEREUS huwa li jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tat-teknoloġija spazjali għar-reġjuni tal-Ewropa, f'termini kemm ta' R&Ż u kif ukoll kompetittività ekonomika, tiġi

enfasizzata d-dimensjoni reġjonali tal-politiki spazjali fil-livell politiku u jiġi promoss approċċ minn isfel għal fuq lejn l-attivitajiet spazjali Ewropej. Il-miżuri tar-reġjuni li nġhaqdu fin-NEREUUS għandhom jiġu enfasizzati. L-awtoritajiet reġjonali għandhom il-potenzjal u l-esperjenza fil-qasam tal-integrazzjoni tal-attivitajiet tal-operaturi fin-negozju u x-xjenza, l-istituzzjonijiet pubbliċi u s-soċjetà ċivili. Din għandha tiġi sfruttata sabiex jinbnew sħubiji għall-implimentazzjoni ta' attivitajiet taħt l-istrateġija spazjali.

21. Il-politika spazjali tal-UE teħtieġ viżjoni ċara ta' kif is-soċjetà, l-ekonomija u l-politika Ewropej jistgħu jiġu konvinti dwar il-potenzjal tal-ispazju. Il-politika spazjali għandu jkollha rwol aktar prominenti f'politiki reġjonali oħra tal-Unjoni Ewropea, inkluż billi jiġu pprovduti opportunitajiet fil-kuntest tal-Aġenda Urbana tal-Unjoni Ewropea u s-soluzzjonijiet tal-bliet intelliġenti, l-enerġija intelliġenti, l-ippjanar tal-bliet u l-oġettivi tal-politika dwar il-klima, eċċ.

22. L-awtoritajiet reġjonali li jwettqu d-dmir fundamentali tagħhom li jstimulaw kemm ix-xjenza kif ukoll it-teknoloġija, u l-iżvilupp soċjoekonomiku kif ukoll l-unitajiet territorjali tagħhom għandhom jitqiesu bħala koordinaturi reġjonali tal-politika spazjali. L-awtoritajiet reġjonali għandhom il-potenzjal u l-esperjenza fil-qasam tal-integrazzjoni tal-attivitajiet tal-operaturi fis-setturi tan-negozju u x-xjenza, l-istituzzjonijiet pubbliċi u s-soċjetà ċivili. Din għandha tiġi sfruttata sabiex jinbnew sħubiji għall-implimentazzjoni ta' azzjonijiet taħt l-istrateġija spazjali.

23. L-Aġenzija Spazjali Ewropea qed tiżviluppa numru ta' inizjattivi mar-reġjuni, inklużi l-uffiċċji Ewropej tar-riżorsi għall-esukazzjoni fil-qasam spazjali (European Space Education Resource Offices – ESERO). Għandu jkun hemm l-aqwa benefiċċji possibbli ta' dawn l-inizjattivi u għandu jitħeġġeġ l-iżvilupp tagħhom.

24. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa azzjonijiet ta' appoġġ iffukati fuq attivitajiet relatati ma' raggruppamenti reġjonali, l-uffiċċji ta' kuntatt, l-aġenziji, l-universitajiet u l-istituti ta' riċerka, sabiex jinkoraġġixxu l-adozzjoni ta' prodotti u servizzi spazjali f'industriji transsettorjali.

25. Hija għandha tistabbilixxi wkoll il-kriterji sabiex tiġi determinata l-utilità pubblika tas-servizzi spazjali fir-rigward tal-kompetenzi u l-ħtiġijiet tal-awtoritajiet pubbliċi, kriterji li l-Kummissjoni stess u l-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jużaw biex jevalwaw l-eliġibbiltà għall-appoġġ tal-applikazzjonijiet imressqa minn utenti potenzjali għas-sussidji għall-użu ta' servizzi u applikazzjonijiet.

26. Il-KtR jappoġġja l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' dan il-programm spazjali Ewropew komprensiv u ambizzjuż li jibni fuq il-kisbiet ta' qabel u li jippromovi u jiżviluppa l-oqsma ta' prijorità tal-monitoraġġ tal-ambjent, it-tibdil fil-klima, is-sigurtà, il-kompetittività u l-esplorazzjoni tal-ispazju.

27. Huwa previst li l-utenti, bħalma huma l-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-intrapriżi, ser ikomplu jeħtieġu inċentivi u appoġġ mill-UE u mill-Istati Membri. Fid-dawl tas-saħħa innovattiva tas-settur spazjali u l-importanza tiegħu għall-ekonomija, il-Kummissjoni jappella għal modi ġodda ta' finanzjament tal-iżvilupp u l-użu fuq skala kbira tal-applikazzjonijiet, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-fondi strutturali u l-banek kif ukoll il-kooperazzjoni mal-ESA. Fid-dawl tal-problemi tal-finanzjament tal-investment fil-proġetti ta' riċerka u żvilupp, huwa xieraq li tittejjeb il-possibbiltà li jiġu ffinanzjati proġetti ta' riċerka li jitwettqu bil-parteċipazzjoni ta' istituzzjonijiet tar-riċerka u tal-iżvilupp, kif ukoll atturi ekonomiċi;

Kontribut għall-programmi Ewropej ewlenin EGNOS u Galileo (navigazzjoni bis-satellita) u Copernicus (monitoraġġ tal-ambjent u s-sigurtà)

28. Il-KtR huwa konvint li l-UE teħtieġ li tigarantixxi finanzjament għall-faġi operattiva ta' Galileo (inklużi l-manutenzjoni u s-sostituzzjoni tas-satelliti, is-salvagwardja tal-integrità tas-sistema, l-operazzjonijiet fuq l-art u l-aċċess għad-data) peress li dan huwa l-uniku mod li jkun żgurat li l-effetti ekonomiċi mistennija jistgħu jkunu sostnuti.

29. Il-faġi operattiva ta' Copernicus hija kruċjali għall-iskoperta ekonomika ta' żviluppi teknoloġiċi ġodda, iżda l-appoġġ finanzjarju ser jibqa' meħtieġ sabiex jiġu koperti l-ispejjeż tal-bidu tan-negozju marbuta mal-użu tat-teknoloġija l-għdida minn diversi utenti.

30. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-finanzjament fit-tul għall-operat tal-infrastruttura ta' Copernicus huwa garantit billi jintuża l-baġit tal-UE fil-futur, sabiex tigarantixxi kemm il-vijabbiltà finanzjarja kif ukoll it-trasparenza u s-superviżjoni demokratika tal-finanzjament.

31. Hemm hteġa urġenti biex jiġu stabbiliti ċentri kbar tad-data għall-ipproċessar u l-ħżin tad-data mniżżla minn Copernicus. Il-kapaċità li tintuża data storika hija wkoll importanti ħafna għall-iżvilupp ta' servizzi u applikazzjonijiet ġodda f'dan il-qasam, kif ukoll il-kapaċità li jiġu trażmessi kwantitajiet kbar ta' data fi żmien propizju għall-użu tagħha.

32. Il-KtR jenfasizza r-rwol importanti tas-sistemi għall-monitoraġġ tal-ispazju u n-navigazzjoni bis-satellita, bħal Galileo u Copernicus, li jiżguraw rispons f'waqtu għal diżastri naturali bħat-terremoti, in-nirien fil-foresti, l-uqigħ tal-art u l-gharġhar; jitlob biex dan ikun rifless kif imiss fl-iżvilupp ta' servizzi downstream għall-awtoritajiet lokali u reġjonali. Strateġija spazjali effettiva hija element essenzjali tal-iżvilupp sostenibbli u reżiljenti, u tgħin biex jissalvaw il-ħajjiet kif ukoll biex jiġu protetti l-ambjent u l-proprjetà;

33. Sabiex tintuża d-data minn Copernicus u Galileo u jiġu żviluppatti servizzi ġodda fuq din il-bażi, hemm bżonn ta' bidliet legali li jiżguraw li dan isir f'konformità ma' miżuri oħra adottati fil-kuntest tal-politika reġjonali, tal-enerġija, ambjentali, agrikola u ta' monitoraġġ ambjentali, li jagħmlu użu mid-data territorjali. Huwa meħtieġ li jiġi żgurata li d-data miksuba minn dawn il-programmi tista' tintuża wkoll għar-rappurtar fil-livell tal-UE u li, fejn din il-proċedura hija possibbli, tista' tiġi implimentata skont il-liġi.

Użu doppju ta' data spazjali għas-sigurtà u d-difiża

34. Il-kapaċitajiet u s-servizzi relatati mal-ispazju għandhom rwol importanti fid-difiża u s-sigurtà Ewropea, peress li jippermettu l-implimentazzjoni konsistenti ta' politika komuni ta' sigurtà u difiża u jippermettu wkoll ir-rabta ma' politiki tal-UE f'oqsma bħall-azzjoni esterna, il-ġestjoni tal-fruntieri, is-sigurtà marittima, l-azzjoni klimatika, is-sigurtà tal-enerġija, il-ġestjoni tad-diżastri, l-ghajjnuna umanitarja u t-trasport. Is-sħubija strateġika ma' pajjiżi oħra li jwettqu programmi spazjali għandha tissaħħaħ sabiex tiġi żgurata l-indipendenza tal-Ewropa rigward it-teknoloġiji spazjali kruċjali u l-aċċess għall-ispazju.

Aktar involviment tal-Istati Membri u l-gruppi soċjetali f'attivitajiet differenti fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija Spazjali għall-Ewropa

35. L-Istati Membri kollha għandu jkollhom aċċess għas-servizzi spazjali u għall-opportunitajiet ġodda biex tiġi stimolata l-ekonomija u biex iwessgħu l-għarfien tagħhom. Is-sensibilizzazzjoni dwar kif l-ivvjaġġar fl-ispazju jista' jintuża b'mod effiċjenti fis-settur privat, inkluż fil-livell reġjonali, f'ħafna oqsma differenti għandha tissaħħaħ billi dawn ir-reġjuni jiġu appoġġjati kemm bil-bini tal-kompetenzi kif ukoll permezz ta' diversi mekkaniżmi ta' finanzjament.

36. It-teknoloġiji spazjali jistgħu jkunu utli fis-settur pubbliku, pereżempju biex ta' kuljum jiġi mmonitorjat territorju, biex jiġi ddeterminat l-istatus tar-riżorsi naturali (ilma ħelu, ilma tal-kosta, kwalità tal-arja, eċċ.) u tal-foresti, biex tiġi vvalutata l-ħażna tal-injam, biex tiġi ġestita l-art agrikola, biex tiġi vverifikata s-sistema ta' sussidji, biex ikun hemm identifikazzjoni bikrija u prevenzjoni ta' bini illegali, biex tintuża l-enerġija mix-xemx u mir-riħ, biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika tal-bini u f'ħafna każijiet oħra.

37. Hemm bżonn ta' passi ulterjuri biex titqajjem kuxjenza fis-soċjetà Ewropea tal-benefiċċji tal-ispazju. Għandna bżonn ukoll ta' speċjalisti u uffiċjali mħarrġa aħjar, u ta' aktar inġiniera u xjentisti, biex jinħoloq il-valur miżjud għas-soċjetà, kif ukoll sabiex tiġi żgurata kooperazzjoni iktar mill-qrib ma' organizzazzjonijiet pubbliċi u privati u n-negozji. L-ogħla prijoritajiet ta' politika spazjali ġdida mmirata lejn il-ħtiġijiet reali taċ-ċittadini għandhom ikunu l-inizjattivi lokali, l-iskambju reċiproku ta' esperjenzi, il-ħolqien ta' sinerġiji bejn oqsma funzjonali differenti, kif ukoll l-informazzjoni u s-sensibilizzazzjoni.

Id-definizzjoni ta' miżuri speċifiċi biex tingħibed l-attenzjoni tal-ġenerazzjonijiet taż-żgħażaġħ permezz tal-edukazzjoni u s-sensibilizzazzjoni

38. L-istrateġija spazjali teħtieġ sostenn qawwi u interess mill-ġenerazzjonijiet taż-żgħażaġħ. Il-ġenerazzjoni millenjali kibret f'dinja fejn applikazzjonijiet ġodda huma aċċettati bħala xi ħaġa ta' kuljum, mhux biss għal għanijiet kummerċjali, iżda wkoll għall-użu ta' kuljum. L-ideat u l-perspettivi l-ġodda li jgħibu magħhom iż-żgħażaġħ għandhom jitteġġu.

39. L-Istrateġija Spazjali għall-Ewropa l-ġdida mhijiex interessanti biżżejjed għall-ġenerazzjoni zaġħżuġħa. L-ispazju għandu jkun sors ta' motivazzjoni u ispirazzjoni u għandu jikkontribwixxi għat-titjib tal-ħajja tan-nies. L-istrateġija għandha tiffoka fuq kollox fuq il-promozzjoni tal-edukazzjoni u r-relazzjonijiet pubbliċi b'rabta mal-informazzjoni u d-data spazjali. L-inklużjoni ta' attivitajiet spazjali fil-kurrikuli tal-iskola, tal-università u istituzzjonijiet li jikkontribwixxu għat-tixrid tal-għarfien xjentifiku fil-qafas tal-edukazzjoni informali, għandha tikkontribwixxi ħafna biex tingħibed l-attenzjoni tan-nies lejn dan il-qasam importanti.

Il-passi li jmiss tal-KtR għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-Istrateġija Spazjali għall-Ewropa

40. Il-KtR jappella lill-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jiddiskutu u jappoġġjaw din l-istrateġija u biex jagħmlu progress fl-implimentazzjoni effettiva tagħha f'kooperazzjoni mill-qrib mal-bliet u r-reġjuni, kif ukoll mal-partijiet interessati rilevanti kollha.

41. Sabiex tiġi enfasizzata l-importanza tas-settur spazjali fil-livell reġjonali u sabiex jiġu sfruttati l-opportunitajiet offruti lill-bliet u lir-reġjuni mill-politika Ewropea dwar l-ispazju, fi ħdan il-Kummissjoni tal-KtR għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Enerġija se jiġu organizzati laqgħat apposta li jiffokaw fuq il-kwistjonijiet tal-ispazju. Dan huwa b'mod partikolari neċessarju fid-dawl tar-reviżjoni ta' nofs it-term tal-programmi tal-UE dwar l-ispazju skedata għall-2017.

42. Il-KtR jkun jista' jappoġġja aktar l-implimentazzjoni u l-eżekuzzjoni tal-programm Copernicus fil-livell lokali u reġjonali kieku jkun membru permanenti sħiħ tal-forum tal-utenti tal-Programm Copernicus u jkun jista' jibgħat rappreżentant uffiċjali għal dak il-forum. B'hekk tiġi kkunsidrata l-importanza tal-atturi lokali fl-użu tad-data ta' Copernicus.

43. Sabiex l-Istrateġija Spazjali Ewropea tiġi implimentata b'suċċess, għandhom jiġu promossi sħubijiet bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri, l-ESA, l-EUMETSAT, l-awtoritajiet, il-partijiet interessati, l-industriji, l-akkademiċi u komunitajiet ta' utenti f'oqsma oħra. Il-KtR jista' jkun imsieħeb importanti f'dan il-kuntest.

Brussell, il-11 ta' Ottubru 2017

Il-President
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni

Karl-Heinz LAMBERTZ

Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Ir-riforma tar-riżorsi proprji tal-UE fi ħdan il-QFP li jmiss wara l-2020

(2018/C 054/13)

Relatur: Isabelle BOUDINEAU (FR/PSE), Viċi President tal-Kunsill Reġjonali ta' Nouvelle-Aquitaine**RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA**

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

Opportunità storika ta' riforma tas-sistema tar-riżorsi proprji

1. ifakkar li l-Artikolu 311 tat-TFUE jistipula li “l-Unjoni għandha tipprowdi lilha nnifisha l-mezzi meħtieġa biex tilħaq l-oġettivi tagħha u twestaq il-politiki tagħha u li, mingħajr preġudizzju għal dħul ieħor, il-baġit għandu jkun iffinanzjat kollu kemm hu mir-riżorsi proprji”;
2. jenfasizza l-isfidi li ser jiffaċċja l-baġit tal-UE wara l-2020 biex jindirizza d-diffikultajiet li kulma jmur qed jinbidlu f'oqsma li jipprovdu valur miżjud Ewropew, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħtieġa li jissaħħu l-politiki fil-qasam tad-difiża u ta' kontra t-terroriżmu, il-ġestjoni tal-migranti u tar-refuġjati, il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u l-indirizzar tal-isfidi demografiċi, flimkien ma' prijoritajiet oħrajn li diġà huma appoġġjati fi ħdan il-finanzjarju pluriennali (QFP);
3. jinnota li l-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE ser ikollu impatt fuq il-futur tal-baġit wara l-2020, speċjalment bit-tnaqqis ta' madwar EUR 10 biljuni fis-sena ⁽¹⁾ u bid-dewmien fuq l-iskeda taż-żmien tan-negozjati tal-QFP li jmiss li diġà huwa pospost għas-sajf tal-2018;
4. ifakkar li l-KtR diġà adotta pożizzjoni favur riforma sostanzjali tar-riżorsi proprji ⁽²⁾;
5. jilqa' b'sodisfazzjon il-pubblikazzjoni tar-rapport finali tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar ir-Riżorsi Proprji (ir-rapport ta' Monti), b'mod partikolari r-rakkomandazzjonijiet dwar il-prinċipju tal-valur miżjud Ewropew u l-prinċipju tas-sussidjarjetà, iżda huwa diżappuntant li dan ir-rapport ma jindirizzax id-daqs tal-baġit Ewropew fid-dawl tal-prijoritajiet stabbiliti mill-UE;
6. iqis li l-kuntest speċifiku tal-kriżijiet, il-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE u l-proċess ta' riflessjoni dwar il-futur tal-Ewropa, kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet tar-rapport ta' Monti jservu ta' opportunità sabiex tinħoloq viżjoni ta' Ewropa li tinkludi liema prijoritajiet għandhom jiġu ffinanzjati fil-baġit tal-UE fuq perjodu medju u twil ta' żmien, u sabiex tiġi riformata s-sistema attwali ta' finanzjament tiegħu;
7. Il-KtR jilqa' l-pubblikazzjoni tad-dokument ta' riflessjoni tal-Kummissjoni dwar il-futur tal-finanzi tal-UE, b'mod partikolari fit-taqsima dwar id-dħul li jfinanzja l-politiki tal-Unjoni. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-referenza, fl-ittra ta' intenzjoni tal-Kummissjoni li ntbagħtet lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fit-13 ta' Settembru 2017, bl-għan li tinkiseb riforma tar-riżorsi proprji. Madankollu, il-KtR jistenna li proposti konkreti għandhom jiġu ppreżentati fl-istess ħin jew bħala parti mill-proposta tal-QFP (sa Mejju 2018). Barra minn hekk, il-KtR jistieden kemm lill-Kunsill kif ukoll lill-Istati Membri biex jipparteċipaw fl-ambizzjoni ta' riforma kompleta tas-sistema attwali tar-riżorsi proprji billi tagħmilha aktar sempliċi, ġusta u trasparenti;

Baġit tal-UE mifni mil-loġika ta' “redditu ġust”

8. ifakkar li għal dawn l-aħħar għexieren ta' snin, il-kontribuzzjonijiet nazzjonali bbażati fuq l-introjtu nazzjonali gross (DNG) saru r-riżorsi prinċipali tal-baġit tal-UE ⁽³⁾;
9. iqis li s-sistema attwali hija subottimali, b'mod partikolari peress li hija dipendenti żżejjed mill-kontribuzzjonijiet nazzjonali u tinkoraġġixxi lill-gvernijiet biex jaċċettaw biss l-arranġamenti ta' nfiq li jimmassimizzaw il-qliġh nett tagħhom smat mil-lat tat-teżor pubbliku. Dan l-approċċ iwassal biex jintesew il-benefiċċji tas-suq uniku jew ta' ċerti politiki Ewropej

⁽¹⁾ “Brexit and the EU Budget: Threat or Opportunity?” <http://www.delorsinstitute.eu/media/brexitbudget-haasrubio-jdi-jan17.pdf>.

⁽²⁾ L-Opinjoni CdR 2016/0009 dwar “Reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP)”

⁽³⁾ Fir-rigward tal-baġit tal-2017, 69,63 % tad-dħul ġej mill-kontribuzzjonijiet nazzjonali.

u ssir enfasi biss fuq ir-rata ta' ritorn. Joħloq ukoll diviżjoni bejn l-Istati Membri "kontributori netti" u "benefiċjarji netti", li tidher waħda artifiċjali peress li l-kalkolu jqis biss il-kontijiet pubbliċi u mhux l-effetti pożittivi esterni għall-ekonomija reali tal-Istati Membri. Dan l-approċċ ma jhux inkunsiderazzjoni lanqas l-ispiża tan-"non-Ewropa";

10. jinnota li fil-kuntest tal-proċedura ta' adozzjoni annwali tal-baġit, il-kompromessi bejn l-istituzzjonijiet spiss iwasslu għal tnaqqis fil-baġit meta mqabbel mal-ambizzjonijiet stabbiliti fl-QFP. Dan joħloq diskrepanza dejjem akbar bejn l-impenji u l-pagamenti, li tikkawża kriżi fil-pagamenti;

Riforma għal aktar trasparenza, simplifikazzjoni u rabta maċ-ċittadin

11. jinnota li l-kumplessità tal-istruttura tal-baġit tal-UE u tas-sistema ta' finanzjament tiegħu, ikkaratterizzata b'mod speċjali mill-mekkaniżmi ta' skontijiet u korrezzjonijiet, tnaqqas mil-leġġibilità tal-azzjoni tal-UE u tħarrax il-kriżi ta' fiduċja taċ-ċittadin fir-rigward tal-Ewropa; għalhekk jitlob li l-korrezzjonijiet u skontijiet jitneħħew għal kollox;

12. jemmen li n-nuqqas ta' fiduċja fost iċ-ċittadini, l-Istati Membri u l-Istituzzjonijiet Ewropej jispjega parzjalment il-kumplessità eċċessiva marbuta mal-ġestjoni tal-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment. Għal perċezzjoni aħjar tal-UE miċ-ċittadini tal-UE, il-politiki tal-UE, b'mod partikolari l-politika ta' koeżjoni, għandhom bilfors jiġu ssimplifikati wara l-2020;

13. ifakkar fin-nuqqas ta' armonizzazzjoni u trasparenza dwar kif hija ppreżentata l-kontribuzzjoni tal-Istati Membri għall-baġit tal-UE. Sal-lum erba' Stati Membri biss iddikjaraw il-kontribuzzjoni tagħhom għall-baġit tal-UE fil-kontijiet nazzjonali tagħhom, iżda bħala spiża u mhux bħala investiment;

Lejn żieda fir-riżorsi proprji awtentiċi, u baġit aktar prevedibbli u bbilanċjat

14. jemmen li riforma bħala din għandu jkollha l-għan li toħloq baġit aktar leġġibbli, prevedibbli u bbilanċjat, li jindirizza l-isfidi Ewropej, u li jiddependi minn sehem akbar mir-riżorsi proprji ġodda u t-tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet nazzjonali filwaqt li jnaqqas kemm jista' jkun possibbli l-piżijiet addizzjonali għall-kontribwenti. L-għan ewlieni huwa li jiġi propost tqassim tar-riżorsi proprji li jkun aktar trasparenti u jinftiehem miċ-ċittadini u baġit aktar awtonomu u aktar demokratiku b'involvement akbar tal-Parlament Ewropew, anke f'dak li jirrigwarda d-dħul baġitarju tal-UE. Barra minn hekk, din ir-riforma għandha tinvolvi lill-KtR u tikkunsidra d-dimensjoni territorjali fid-dibattiti dwar il-baġit tal-UE;

15. iqis li din ir-riforma għandha tindirizza l-kwistjoni tad-daqs tal-QFP. Fil-kuntest tar-riforma, hemm bżonn ta' koerenza bejn il-prijoritajiet tal-UE u adozzjoni ta' QFP tal-istess kalibru ta' dawn l-ambizzjonijiet;

16. jenfasizza li l-qafas finanzjarju pluriennali wara l-2020 għandu jkun kemm iffukat fuq l-isfidi futuri kif ukoll li jkollu dispożizzjoni għal riskji stabbiliti fi ħdan il-baġit. Dan huwa importanti sabiex ikun jista' jżomm il-fokus strateġiku tiegħu u ċ-ċertezza tal-ippjanar tiegħu għall-awtoritajiet lokali u reġjonali kif ukoll li jindirizza kriżijiet potenzjali u jiġi evitat il-ħolqien ta' fondi ad hoc barra mill-QFP;

17. iqis li rabta bejn it-taxxi miġbura u ċerti politiki Ewropej prijoritarji jkollha valur pedagoġiku li jippermetti aktar aċċettazzjoni. Il-KtR huwa favur li jinżamm il-prinċipju tal-universalità tal-baġit Ewropew⁽⁴⁾. Madankollu, jista' jiġi analizzat approċċ aktar flessibbli tar-regola ta' "tan-nuqqas ta' assenjazzjoni";

18. iqis li kwalunkwe proposta dwar il-baġit wara l-2020 għandha tinvolvi riformi dwar l-aspett tal-infiq, sabiex jitqiesu l-prijoritajiet ġodda Ewropej, jiġi żgurat użu iżjed effiċjenti tal-fondi tal-UE iżda anke sabiex jitjiebu r-rati ta' assorbiment, u dwar l-aspett tad-dħul, sabiex jiżiedu r-riżorsi proprji ġodda; Taħt kull ċirkustanza, dawn ir-riformi għandhom jiżguraw allokazzjonijiet suffiċjenti biex jitkomplew dawk il-politiki li l-iżjed li kkontribwixxew għall-kostruzzjoni Ewropea, jiġifieri: politika agrikola u alimentari komuni, il-politika ta' koeżjoni u tal-iżvilupp rurali, u aġenda soċjali bbażata fuq il-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità għaċ-ċittadini tal-UE;

19. jenfasizza li l-prinċipju tas-sussidjarjetà u l-kunċett ta' valur miżjud Ewropew għandhom jiġu kkunsidrati fir-riforma. Il-KtR jitlob li jiġu analizzati t-"testi dwar is-sussidjarjetà" proposti fir-rapport ta' Monti. Minkejja dan, se jkun hemm bżonn jiġi żgurat li s-sussidjarjetà ma tintużax għal skopijiet ta' rinazzjonalizzazzjoni tal-politiki Ewropej, u li ma jsirux aktar trasferimenti ta' fondi lill-Istati Membri li jstgħu jdgħajfu l-politiki li kkontribwixxew l-aktar għall-integrizzjoni Ewropea, jiġifieri l-politika agrikola komuni, il-politika ta' koeżjoni u tal-iżvilupp rurali, u aġenda soċjali bbażata fuq il-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità tajba għaċ-ċittadini tal-UE;

⁽⁴⁾ http://ec.europa.eu/budget/financialreport/2011/overview/budget_management/index_fr.html.

20. jenfasizza l-grad tad-dipendenza tal-ġbir tar-riżorsi proprji “tradizzjonali” bħad-dazji doganali jew id-dħul li jirriżulta mill-ġlieda kontra l-frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni fir-rigward tal-kooperazzjoni leali tal-Istati Membri;

21. jišhaq dwar il-fatt li r-riforma tar-riżorsi proprji għandha tkun imfassla fir-rigward tal-possibbiltà li tinħoloq kapaċità fiskali għall-Istati Membri taż-żona tal-euro;

22. madankollu, jikkunsidra li fid-dawl tar-rekwiżiti stretti imposti fuq l-Istati Membri fil-kuntest tas-Six Pack, it-Two Pack u l-Patt Fiskali (iż-żamma tal-bilanċ strutturali tal-baġit, it-twaqqif tal-infiq, it-tnaqqis tal-proporzjon tad-dejn tal-gvern ġenerali), huwa essenzjali li l-Istati Membri jkollhom biżżejjed flessibbiltà biex jiżguraw id-dħul (nazzjonali) meħtieġ, billi jkunu jistgħu jfasslu l-liġijiet fiskali tagħhom stess biex jissodisfaw l-impenji ta' nfiq li f'xi oqsma qed jiżdiedu b'mod sproporzjonat (pereżempju fil-qasam soċjali, dak tas-saħħa u tal-kura tas-saħħa).

Opinjoni dwar riżorsi proprji ġodda ppreżentati fir-rapport ta' Monti

23. jirrakkomanda li jiġu analizzati u proposti riżorsi proprji ġodda fil-forma ta' “pakkett” li jiġbor fih diversi taxxi b'mod li jibbilanċjaw l-effetti tar-riżorsi proprji ġodda fuq il-livelli kollha ta' gvern, negozju u ċittadin;

24. jilqa' b'sodisfazzjon l-alternattiva ta' taxxa Ewropea fuq id-dħul tal-kumpaniji permezz ta' bażi komuni konsolidata għat-taxxa korporattiva (BKKTK). F'opinjoni preċedenti, il-KtR laqa' tajjeb l-effetti pożittivi tal-BKKTK fuq it-tkabbir ekonomiku, l-impjiegi u l-ugwaljanza fiskali, kif ukoll fuq il-finanzi pubbliċi, inklużi dawk lokali u reġjonali. Barra minn hekk, flimkien ma' din it-taxxa, il-KtR jistieden lill-istituzzjonijiet biex jirriflettu dwar il-ħolqien ta' taxxa indirizzata lejn kumpaniji multinazzjonali. Huwa jappoġġja l-approċċ tal-Kummissjoni li, sar-rebbiegħa 2018, tressaq, b'segwitu tal-Komunikazzjoni tagħha tal-21 ta' Settembru 2017 dwar tassazzjoni ġusta fl-ekonomija diġitali, proposta għal direttiva li tistabbilixxi regoli ta' tassazzjoni tal-profitti tal-ekonomija diġitali fil-livell tal-UE. Ifakkar, madankollu, li l-armonizzazzjoni tat-taxxa fil-livell tal-UE hija, abbażi tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 113 tat-TFUE, limitata għall-elementi neċessarji għall-funzjonament tas-suq intern u għall-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ġusta, u li s-setgħa għall-impożizzjoni u l-ġbir tat-taxxi għadha aspett ċentrali tas-sovranià tal-Istati Membri;

25. iqis li l-VAT riformata tista' tikkontribwixxi biex jiżdiedu r-riżorsi proprji. Il-VAT kurrenti tbatu minn kumplessità eċċessiva u għandha tiġi riformata skont is-sistema proposta mill-Grupp ta' Livell Għoli, billi tiġi applikata rata uniformi Ewropea fuq bażi armonizzata u usa'. Madankollu, din ir-riforma m'għandhiex ikollha konsegwenzi negattivi għaċ-ċittadini u l-Istati Membri inqas żviluppati;

26. huwa favur imposta globali fuq it-transazzjonijiet finanzjarji (TTF). Din tippermetti lill-Istati Membri jnaqqsu l-kontribuzzjoni nazzjonali tagħhom⁽⁵⁾. Madankollu, l-għadd limitat ta' Stati Membri impenjati favur t-TTF u n-nuqqas ta' prevedibbiltà dwar id-dħul jillimita l-potenzjal tagħha;

27. iqis li tista' tiġi prevista riżorsa proprja bbażata fuq il-ħruġ tal-munita minkejja r-riskji assoċjati mal-volatilità u l-fatt li tikkonċerna biss lill-Istati Membri taż-żona tal-euro;

28. Huwa tal-fehma li t-taxxi tal-karbonju fil-livell nazzjonali, it-taxxa li tista' tiġi stabbilita fil-livell Ewropew u dik tal-iskema għan-negozjar ta' kwoti tal-emissjonijiet fil-livell tal-UE jinvolvu benefiċċji sinifikanti, b'mod partikolari billi jħeġġu t-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂, jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi u jistabbilixxu rabta iżjed b'saħħitha mal-għanijiet Ewropej ta' żvilupp sostenibbli, fil-qasam tal-klima u tal-ambjent. Madankollu, se jintlaqtu s-setturi tal-industrija u tat-trasport. Taxxi bħal dawn jistgħu wkoll joħlqu distakk ġdid bejn Stati Membri ekonomikament inqas żviluppati b'ekonomija b'użu iżjed intensiv tal-karbonju u l-Istati Membri aktar żviluppati, li l-ekonomiji tagħhom għandhom il-kapaċità ta' mezzi ta' produzzjoni ta' enerġija aktar nodfa. Barra minn hekk, l-introduzzjoni ta' tali taxxi tal-karbonju għandha tipprevedi mekkaniżmi ta' kumpens għall-gżejjer u r-reġjuni ultraperiferiċi, li huma totalment dipendenti minn modi ta' trasport bl-ajru u bil-baħar u li, minkejja kollox, huma involuti fit-tnaqqis tal-emissjonijiet;

29. iqis li t-taxxa fuq l-elettriku żgur ikollha l-vantaġġ li tkun “leggjibbli” u konformi mal-għanijiet tal-UE dwar l-effiċjenza enerġetika, iżda għandha r-riskju li ma tkunx popolari u ttippenalizza familji foqra. Għaldaqstant din għandha tiġi eliminata għall-unitajiet domestiċi;

⁽⁵⁾ Opinjoni tal-KtR dwar “Sistema Komuni għal Taxxa Fuq it-Tranżazzjonijiet Finanzjarji”, CdR 332/2011 fin

30. jipproponi li tiġi eliminata t-taxxa fuq il-karburanti. Minbarra l-problema ta' aċċettazzjoni fost iċ-ċittadini, din it-taxxa jkollha impatt negattiv fuq livell lokali. Fil-fatt, din tikkostitwixxi sors ta' dħul għal uħud mill-awtoritajiet lokali u reġionali;

31. iqis li t-taxxa fuq it-titjiriet proposta mill-Kummissjoni fl-2011 ⁽⁶⁾ tista' tiġi kkunsidrata mill-ġdid, u jitlob li tiġi applikata għal titjiriet intra-Ewropej;

32. jistieden lill-Kummissjoni tgħaddi għal valutazzjoni tal-impatt dettaljata dwar ir-riżorsi proprji ġodda u l-effett tagħhom fuq il-baġits nazzjonali u sottonazzjonali u fuq iċ-ċittadini;

Riforma integrata fil-qafas tal-iskeda tal-QFP ta' wara l-2020

33. jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta leġiżlattiva tal-QFP ta' wara l-2020 li tipprevedi riforma ambizzjuża tar-riżorsi proprji. Din ir-riforma għandha ssir gradwalment, skont it-trattati tal-UE, filwaqt li jinżammu l-kontribuzzjonijiet nazzjonali fi proporzjon iżgħar;

34. jinnota li l-iskadenzi tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE u tat-tiġdid tal-mandati tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni jistgħu jdewmu l-iskeda taż-żmien għall-proposti dwar il-baġit tal-UE wara l-2020. Jistieden lill-Kummissjoni biex, fil-każ ta' dewmien twil, tipproponi estensjoni tal-QFP skont l-Artikolu 312(4) tat-TFUE, sabiex jiġi evitat kwalunkwe preġudizzju għall-funzjonament tal-politiki pubbliċi Ewropej, b'mod partikolari l-politika ta' koeżjoni.

Brussell, il-11 ta' Ottubru 2017.

Il-President
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni

Karl-Heinz LAMBERTZ

⁽⁶⁾ Financing the EU budget: report on the operation of the own resources system (SEC(2011) 876 final) [Mhux dispoibbli bil-Malti].

Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Il-protezzjoni tat-tfal migranti

(2018/C 054/14)

Relatur: Is-Sinjura Renström (SE/PSE), Membru tal-Kunsill Muniċipali ta' Ovanåker

Dokument ta' referenza: Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – Il-protezzjoni tat-tfal migranti,

COM(2017) 211 final

RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA**Sfond**

It-tfal fil-migrazzjoni huma grupp partikolarment vulnerabbli. L-għadd ta' tfal f'tipi differenti ta' sitwazzjonijiet ta' migrazzjoni u li jaslul fl-UE z'died b'mod drammatiku. Ħafna minnhom ma jkunux akkumpanjati, jiġifieri mingħajr kustodji adulti. Fl-2015 u l-2016, madwar tletin fil-mija ta' dawk kollha li kienu qed ifittxu l-asil kienu tfal, li jfisser żieda b'sitt darbiet f'dawn l-aħħar snin.

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tittratta oqsma ta' titjib għall-protezzjoni tat-tfal fil-migrazzjoni. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħha huma bbażati fuq leġislazzjoni, proċessi u inizjattivi eżistenti. Iż-żieda tat-tfal fil-migrazzjoni għamlet pressjoni fuq il-mekkaniżmi tal-akkoljenza u s-sistema tal-protezzjoni tat-tfal. Billi tipproponi sett ta' azzjonijiet ewlenin li l-Unjoni Ewropea (UE) u l-Istati Membri, bl-appoġġ tal-Aġenziji rilevanti tal-UE (EASO, FRA u Frontex), għandhom jadottaw jew jimplimentaw b'mod aktar effettiv, il-Kummissjoni tixtieq tindirizza n-nuqqasijiet l-aktar urġenti fil-qasam tal-protezzjoni tat-tfal fil-migrazzjoni u l-bżonnijiet u d-drittijiet tat-tfal f'sitwazzjonijiet ta' migrazzjoni.

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

1. jilqa' b'sodisfazzjon il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fid-dawl tan-nuqqasijiet fi ħdan l-UE u l-Istati Membri fil-qasam tal-protezzjoni tat-tfal f'tipi differenti ta' sitwazzjonijiet ta' migrazzjoni. Hija ħaġa tajba li l-Kummissjoni identifika modi sabiex tittejjeb l-implimentazzjoni tal-miżuri sabiex ikun hemm azzjoni proporzjonata, koordinata u aktar immirata f'dan il-qasam;
2. jaqbel mal-Kummissjoni dwar l-importanza ta' approċċ integrat li jinvolvi kemm tfal mhux akkumpanjati kif ukoll tfal mal-familja tagħhom, irrispettivament mill-istatus tagħhom, u fl-istadji kollha tal-migrazzjoni. Il-Kumitat jilqa' b'sodisfazzjon ukoll il-fatt li l-miżuri proposti mill-Kummissjoni jvarjaw mir-raġunijiet fundamentali marbutin mal-vjaġġi perikolużi tat-tfal fi triqthom lejn l-UE u t-tisħiħ tas-sistemi għall-protezzjoni tat-tfal tul ir-rotot migratorji sal-miżuri biex jittejjeb l-kundizzjonijiet tal-akkoljenza, l-integrazzjoni u l-mekkaniżmi għar-ritorn u r-riunifikazzjoni tal-familja;
3. josserva li d-drittijiet fundamentali tat-tfal jiġu espressi b'mod ċar fl-Artikolu 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Id-drittijiet fundamentali tat-tfal huma kwistjoni orizzontali u li tmiss ħafna dimensjonijiet, u għaldaqstant għandha tiġi integrata fil-politiki Ewropej u nazzjonali rilevanti kollha ⁽¹⁾;
4. josserva li d-drittijiet tat-tfal jikkostitwixxu drittijiet tal-bniedem universali, indiviżibbli u magħġunin flimkien. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri, li kollha rratifikaw il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal (UNCRC), biex jiżguraw li jitħarsu d-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-Konvenzjoni. L-UNCRC għandha tiġi applikata bħala qafas, mhux biss meta jinkisru d-drittijiet, iżda tiġi applikata wkoll għall-promozzjoni tal-iżvilupp u l-opportunitajiet tat-tfal u z-zgħażaġh kollha ⁽²⁾;

⁽¹⁾ Opinjoni fuq inizjattiva proprja tal-KtR dwar "Il-kooperazzjoni lokali u reġjonali għall-ħarsien tad-drittijiet tat-tfal fl-Unjoni Ewropea" (CdR 54/2010).

⁽²⁾ Ara n-nota 1 f'qiegħ il-paġna.

5. josserva li l-UE tħaddan qafas istituzzjonali u legali għall-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal, fost l-oħrajn permezz tal-UNCRC, il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll ftehimiet internazzjonali ewlenin oħrajn konklużi mill-Istati Membri. L-isfida hija li dawn l-istrumenti legali jiġu implimentati fil-prattika, meta wieħed iqis is-sitwazzjoni fl-Ewropa b'żieda qawwija ta' tfal migranti fi bżonn ta' protezzjoni;

6. jenfasizza r-rabta bejn din l-Opinjoni u l-Opinjoni tal-KtR dwar proposti dwar ir-riforma tal-asil adottati fl-2016⁽³⁾, u jtenni t-talba tiegħu għal strateġija komprensiva u sostenibbli min-naħa tal-UE dwar il-migrazzjoni bbażata fuq is-solidarjetà u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi miżuri biex effettivament jiproteġu l-aktar grupp vulnerabbli – it-tfal;

7. huwa tal-fehma li l-Komunikazzjoni inkwistjoni hija kontribut addizzjonali importanti għas-Sistema Ewropea Komuni l-ġdida tal-Asil (SEKA) u jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE involuti fin-negozjati dwar is-sistema futura tal-asil biex jiżguraw li tħaddan perspettiva tad-drittijiet tat-tfal fl-aspetti kollha;

8. jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Kummissjoni tagħmel proposti għal miżuri fundamentali konkreti li jiċċaraw ir-responsabbiltà tal-UE u tal-Istati Membri fil-qasam tal-protezzjoni tat-tfal migranti. Jenfasizza l-importanza li d-drittijiet tat-tfal jitħarsu f'kull stadju tal-proċess ta' migrazzjoni;

9. jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Kummissjoni qed tħabrek favur il-konsistenza u standard ogħla ta' akkoljenza għat-tfal u ż-żgħażaġh fl-Istati Membri kollha, iżda jenfasizza li hija r-responsabbiltà kemm tal-UE kif ukoll tal-Istati Membri li jiżguraw li l-awtoritajiet reġjonali u lokali jkollhom il-kundizzjonijiet adatti biex jilqgħu fi ħdanhom il-migranti;

10. jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li ma tistax tiġi żgurata l-protezzjoni tat-tfal mingħajr sħubija wiesgħa bejn l-atturi kollha kkonċernati: l-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri, l-awtoritajiet lokali u reġjonali u s-soċjetà ċivili. Illum il-ġurnata, l-awtoritajiet lokali u reġjonali jaqdu rwol ewleni biex jiddeterminaw il-kundizzjonijiet prattiċi li jgħixu fihom it-tfal vulnerabbli fil-migrazzjoni, u jaqdu wkoll rwol ewleni fil-koordinazzjoni ma' atturi oħrajn;

11. huwa tal-fehma li l-Komunikazzjoni ma tqisx iċ-ċirkustanzi u l-kundizzjonijiet li jiffaċċjaw l-awtoritajiet lokali u reġjonali. Jenfasizza li l-esperjenzi u s-sitwazzjonijiet tal-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jiggwidaw il-proposti mressqa. Biex jiġu implimentati modi ġodda ta' ħidma, jeħtieġ li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jiġu involuti fi stadju bikri u matul il-proċess kollu. Jeħtieġ li l-UE u l-Istati Membri jiżviluppaw appoġġ immirat u adattat lokalment, fil-forma ta' finanzjament, sistemi legiſlattivi u regolatorji u hilit; huwa tal-fehma li l-politiki tal-migrazzjoni u l-iżvilupp huma marbutin mill-qrib.

12. Il-kooperazzjoni internazzjonali, nazzjonali, reġjonali u lokali hija kruċjali sabiex jintlaħaq livell komuni ta' protezzjoni għat-tfal migranti, b'konformità mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tal-Aġenda 2030;

L-aħjar interessi tat-tfal għandhom ikunu l-prinċipju gwida

13. huwa tal-fehma li l-prinċipju tal-aħjar interessi tat-tfal, b'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-UNCRC, għandu jiggwida d-deċizzjonijiet u l-miżuri tul il-proċess kollu tal-asil, u anke għat-tfal li ma jkunux qed ifittxu l-asil. It-tfal huma definiti bħala persuni taħt l-età ta' 18-il sena. Jemmen li sabiex jiġu vvalutati l-aħjar interessi tat-tfal għandhom jinkisbu l-opinjoni tagħhom, u dan ikun jeħtieġ li t-tfal ikollhom aċċess għall-informazzjoni rilevanti kollha dwar id-drittijiet tagħhom u l-proċess tal-asil. L-informazzjoni għandha wkoll tiġi adattata għall-età tat-tfal u ċirkustanzi oħra. Dan kollu għandu jiġi żgurat billi jinħatar rappreżentant legali għall-minorenni, jew, kif jista' jkun il-każ, akustodju ad litem;

14. jiġbed l-attenzjoni għan-nuqqas ta' kriterji biex jiġu identifikati u vvalutati l-aħjar interessi tat-tfal, u għalhekk jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Kummissjoni u l-aġenziji tal-UE ser jipprovdu gwida, taħriġ u għodda għal dan;

15. jemmen li l-vulnerabbiltà partikolari tat-tfal għandha tiġi rikonossuta u, għalhekk, il-każijiet li jinvolvu t-tfal għandhom jinġhataw prijorità. Għandha ssir investigazzjoni għal kull tifel jew tifla sabiex preċiżament jiġi stabbilit il-bżonn ta' dak it-tifel jew dik it-tifla partikolari għall-protezzjoni. Il-Kumitat tar-Reġjuni jilqa' b'sodisfazzjon il-linji gwida speċifiċi dwar l-istandards operazzjonali u l-kundizzjonijiet materjali tal-akkoljenza għat-tfal mhux akkumpanjati li l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (EASO) qed iħejji fl-2017;

⁽³⁾ COR-2016-05807-00-00-AC u COR-2016-03267-00-00-AC.

16. jaqbel mal-Kummissjoni li talbet lill-Istati Membri jiżguraw li dawk li jaħdmu mat-tfal migranti fis-sitwazzjonijiet kollha jkunu mħarrġin b'mod adegwat. Minbarra t-taħriġ, il-Kumitat iqis li hemm bżonn li jiġi ffinanzjat u appoġġjat l-iskambju ta' esperjenza u ta' prattika tajba;

It-tfal fil-migrazzjoni jeħtieġu protezzjoni

17. jaqbel li l-ewwel pass biex tissaħħaħ il-protezzjoni tat-tfal migranti huwa li jiġu indirizzati l-għeruf tar-raġuni għala t-tfal jimbarkaw fuq vjaġġi perikolużi fl-Ewropa. Dan effettivament ifisser li jiġu miġġielda l-faqar u d-deprivazzjoni, u l-inugwaljanzi fl-istandards tal-ġhajxien u l-indirizzar ta' kunflitti li jieħdu fit-tul u vjolenti. Huwa importanti wkoll li jiġu żviluppati sistemi integrati għall-protezzjoni tat-tfal fil-pajjiżi terzi;

18. josserva li t-tfal li qed jaħarbu jew qegħdin fil-migrazzjoni huma grupp partikolarment vulnerabbli u espost għal riskju, u spiss sabu ruħhom vittmi ta' forom estremi ta' vjolenza, sfruttament, traffikar, kriminalità u abbuż fiżiku, mentali u sesswali. Il-vulnerabbiltà tal-bniet u s-subien tista' tkun differenti. Il-bniet huma aktar suxxettibbli għall-vjolenza sesswali u sessista, u huma esposti għal riskju partikolarment għoli ta' żwieġ sfurzat filwaqt li s-subien, pereżempju, huma fil-periklu li jiġu attirati lejn attività kriminali. Għalhekk, dejjem għandha tiġi applikata perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-ippjanar, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-isforzi favur il-protezzjoni tat-tfal;

19. josserva li għandha tingħata attenzjoni partikolari lit-tfal li jaslu ma' adulti fejn ir-relazzjoni bejn l-adulti u t-tfal ma tkunx ċara, biex jiġi żgurat li jitħarsu saħħet u d-drittijiet tat-tfal;

20. josserva li f'dawn l-aħħar xhur kien hemm għadd rekord ta' mwiet fost ir-refuġjati u l-migranti, inklużi ħafna tfal, fil-Mediterran Ċentrali. Il-Kumitat jirreferi għall-pożizzjoni preċedenti tiegħu ⁽⁴⁾ u jaqbel mal-UNICEF li l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jimpenjaw ruħhom biex jiproteġu t-tfal li jiġu mġiegħla jħallu djarhom billi jimpedixxu l-isfruttament u t-traffikar tat-tfal, u billi jsaħħu l-programmi għall-protezzjoni tat-tfal fil-Libja;

21. jenfasizza l-importanza li f'kull ċentru ta' akkoljenza fejn jiġu rreġistrati u identifikati t-tfal ikun hemm ombudsman għall-protezzjoni tat-tfal. Din il-persuna għandha taġixxi bħala punt ta' kuntatt għall-kwistjonijiet kollha relatati mat-tfal u d-drittijiet tagħhom;

22. huwa tal-fehma li d-data miġbura għandha tkun komparabbli bejn l-Istati Membri u tiġi kklassifikata skont is-sess. Il-metodi għall-ġbir tad-data bijometrika u tal-marki tas-swaba' għandhom jikkunsidraw l-interessi u s-sess tat-tfal u ċ-ċirkustanzi speċifiċi tagħhom. Huwa wkoll kruċjali li jkun preżenti ombudsman għall-protezzjoni tat-tfal;

23. jemmen li l-UE jrid ikollha sistema għall-valutazzjoni tal-età operazzjonali u legalment ċerta. Huwa importanti mill-perspettiva tad-drittijiet tat-tfal u taċ-ċertezza legali li l-età tal-applikant tiġi vvalutata fi stadju bikri tal-proċess. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-EASO ser taġġorna l-linji gwida tagħha rigward il-valutazzjoni tal-età fl-2017 sabiex il-proċedura tittratta t-tfal b'mod iżjed ekwu;

24. jenfasizza li jeħtieġ li jittejbu l-kooperazzjoni, is-segwitu u l-azzjonijiet relatati mat-tfal, li jvarjaw fi ħdan l-UE. Qed jiżjed dejjem aktar il-proporzjon ta' tfal li jgħibu u huma biss ftit dawk li jinstabu. It-tfal migranti neqsin għandhom l-istess drittijiet bħal tfal oħra. Sabiex tiġi miġġielda s-sitwazzjoni ta' tfal neqsin, jinħtieġ metodu sistematiku f'qafas ta' ċertezza legali biex isir rapport u jkun hemm reazzjoni kull darba li jgħibu t-tfal;

25. jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li ċ-Ċentru ta' Għarfien dwar il-Migrazzjoni u d-Demografija tal-Kummissjoni ser jikkompila bażi tad-data b'informazzjoni dwar it-tfal migranti;

Tipi ta' akkomodazzjoni għal tfal fil-migrazzjoni

26. iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri biex jippromovu l-iżvilupp ta' tipi differenti ta' akkomodazzjoni għat-tfal mhux akkumpanjati. Dwan jistgħu jieħdu l-forma tat-tqegħid tat-tfal ffamilja, f'faċilitajiet speċjali għat-tfal jew akkomodazzjoni ma' qraba adulti. L-aħjar interessi tat-tfal għandhom jiġu eżaminati qabel tqegħid bħal dan;

⁽⁴⁾ Abbozz ta' opinjoni dwar "Il-Migrazzjoni fuq ir-Rotta tal-Mediterran Ċentrali", CIVEX-VI/023.

27. huwa kontra kull forma ta' detenzjoni tat-tfal abbażi tal-istatus ta' migrazzjoni tagħhom. L-impatt negattiv tad-detenzjoni fuq it-tfal ifisser li din għandha tintuża biss bħala l-aħħar alternattiva u f'każijiet eċċezzjonali, pereżempju meta jkun hemm periklu għall-ħajjet jew saħħet it-tfal, u għal perjodu qasir kemm jista' jkun u taħt l-ebda ċirkustanza ma għadha ssir taħt kundizzjonijiet simili għal dawk ta' ħabs. F'kull każ, din għandha tkun issorveljata matul l-istadji kollha mill-awtorità kompetenti u/jew mis-servizzi pubbliċi għat-tfal. Il-faċilitajiet tad-detenzjoni għandhom ikunu adattati speċifikament għat-tfal u mgħammra b'persunal b'taħriġ adegwat. Il-Kumitat jinnota b'sodisfazzjon li l-promozzjoni ta' alternattivi għad-detenzjoni hija waħda mill-kwistjonijiet ewlenin diskussi fil-Forum Ewropew dwar id-Drittijiet tat-Tfal mis-6 sat-8 ta' Novembru 2017;

Id-dritt tat-tfal għal kustodju

28. josserva li s-sistemi tal-kustodja jvarjaw minn Stat Membru għal ieħor, u dan inaqqas il-possibbiltà ta' kundizzjonijiet ekwi li t-tfal jiġu assenjati kustodju fi ħdan l-UE. It-tfal kollha mhux akkumpanjati li jaslu f'pajjiż huma intitolati għal kustodju professjonali li jkun jista' jtkellem f'isimhom dwar kwistjonijiet legali u jħares l-interessi tagħhom, irrispettivament mill-fatt ikunux qed ifittxu l-asil jew le. Il-kustodju huwa persuna importanti li trawwem sens ta' fiduċja mat-tfal u tippoteġihom minn tipi differenti ta' sfruttament. Relazzjoni tajba bejn it-tfal u l-kustodji tiffavorixxi l-integrazzjoni. Il-kustodji jistgħu jgħinu wkoll biex jiġi evitat li t-tfal jgħibu. Il-Kumitat jinnota b'sodisfazzjon li, b'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni attwali tal-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni, sar progress rapidu fil-livell tal-UE b'rabta mal-ħolqien ta' netwerk ta' kustodja Ewropea;

29. jiġbed l-attenzjoni għall-importanza li l-kustodji jirċievu taħriġ adegwat minn istituzzjoni jew awtorità pubblika kompetenti jew ikunu jistgħu jagħtu prova li rċevew dan it-taħriġ. Għandhom ikunu responsabbli għal numru limitat ta' tfal. Il-kustodji għandhom jiġu impjegati u mħallsa mill-Istati Membri, u għandhom ikunu jistgħu jaħdmu b'mod awtonomu minnhom;

30. jilqa' b'sodisfazzjon it-twaqqif ta' netwerk Ewropew tal-kustodja fejn jistgħu jinqasmu l-esperjenzi u jinħolqu l-linji gwida;

L-integrazzjoni tat-tfal fis-soċjetà u l-ħtieġa għal taħriġ

31. jenfasizza b'mod partikolari r-rabta mill-qrib bejn il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza għat-tfal u l-opportunitajiet biex jintegraw, jinnota li l-proċeduri u l-kundizzjonijiet ta' akkoljenza ma għandhomx idewmu jew jikkompromettu l-proċess tal-integrazzjoni, u jenfasizza kemm huwa importanti li jitnieda mill-ewwel il-proċess biex jinkiseb status amministrattiv legalizzat;

32. huwa tal-fehma li l-integrazzjoni bikrija tat-tfal hija ta' importanza kbira biex jiġi appoġġjat l-iżvilupp tagħhom f'età adulta. L-integrazzjoni tat-tfal fil-pajjiż il-ġdid hija investment soċjali li jhin biex jitnaqqas kemm jista' jkun ir-riskju ta' kriminalità u s-suxxettibbiltà tagħhom għar-radikalizzazzjoni. L-iżvilupp tat-tfal jista' jitħeġġeġ billi, minn età bikrija, jiġi żgurat aċċess għall-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa, attivitajiet ta' rikreazzjoni u appoġġ psikoloġiku;

33. jenfasizza, b'mod partikolari, li l-aċċess minn kmieni u affidabbli għall-edukazzjoni formali inklużiva, inkluzja l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, huwa wieħed mill-aktar modi importanti u b'saħħithom għall-integrazzjoni tat-tfal, peress li jippromovi l-ħiliet lingwistiċi, il-koeżjoni soċjali u l-fehim reċiproku;

34. jenfasizza l-importanza li t-tfal trawmatizzati jirċievu għajnuna psikosoċjali adatta li tiffaċilita l-proċess tal-integrazzjoni. Barra minn hekk, jinħtieġu servizzi speċifiċi – kif ukoll aċċess għas-servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva – għat-tfal li setgħu kienu vittmi ta' vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru;

35. jenfasizza l-importanza tal-isforzi kontinwi biex titrawwem attitudni pożittiva fil-konfront tad-diversità u tal-ġlieda kontra r-rażziżmu, il-kxenofobija u, fuq kollox, l-inkitament għall-mibegħda fil-konfront tat-tfal migranti;

36. jinnota li l-Kummissjoni tiġbed l-attenzjoni għall-problemi li jqumu meta t-tfal mhux akkumpanjati jagħlqu t-18-il sena u ma jibqgħux jitqiesu bħala tfal, għalkemm xorta jkollhom ħtiġijiet konsiderevoli ta' protezzjoni. It-tfal għandhom jitħejjew għal din il-fażi tat-tranżizzjoni għall-ħajja adulta permezz ta' konsulenza, appoġġ u l-kontinwazzjoni tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali;

37. jenfasizza l-importanza ta' soluzzjonijiet sostenibbli biex it-tfal jingħataw normalità u stabbiltà fit-tul. Għandhom jiġu kkunsidrati l-approċċi kollha: l-integrazzjoni, ir-ritorn, ir-risistemazzjoni u r-riunifikazzjoni mal-qraba. Huwa ta' importanza kbira li ssir valutazzjoni bir-reqqa tal-aħjar interessi tat-tfal f'kull każ;

Il-perspettiva Ewropea, nazzjonali, reġjonali u lokali

38. jisħaq li l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jitqiesu bħala msieħba importanti fl-implimentazzjoni u l-eżekuzzjoni tal-istrateġija tal-UE għall-protezzjoni tat-tfal fil-migrazzjoni. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tikkunsidra l-implikazzjonijiet għal-livelli lokali u reġjonali fil-proposti kollha tagħha, peress li l-akkoljenza tat-tfal li qed ifittxu asil isseħħ fil-livell lokali, u huwa f'dan il-livell li jingħata l-aċċess għal diversi servizzi soċjali u fejn tibda l-integrazzjoni bikrija fis-soċjetà;

39. ihegġegħ lill-Kummissjoni tkun ċara fil-komunikazzjonijiet tagħha mal-Istati Membri li għandhom jikkunsidraw l-esperjenza u l-għarfien tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, li għandhom bosta eżempji tajbin u għandhom esperjenza wiesgħa fil-qasam tal-protezzjoni u l-akkoljenza tat-tfal fil-migrazzjoni;

40. josserva li diversi forum ta' finanzjament u appoġġ tal-UE jiffaċilitaw il-protezzjoni u l-integrazzjoni tat-tfal migranti u jikkontribwixxu għalihom. Ihegġegħ lill-Kummissjoni ttejjeb l-informazzjoni dwar il-forom attwali ta' appoġġ u finanzjament għall-awtoritajiet lokali u reġjonali;

41. jaqbel mal-Kummissjoni li jinħtieġ segwitu ddeterminat, koerenti u kkoordinat tal-azzjonijiet ewlenin deskritti fil-Komunikazzjoni, fil-livell tal-UE u dak nazzjonali, reġjonali u lokali, u bil-kooperazzjoni tas-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet internazzjonali. L-aspetti rilevanti kollha tal-leġislazzjoni tal-UE għandhom jiġu ssorveljati bir-reqqa, b'mod partikolari l-konformità mal-obbligi marbutin mad-drittijiet fundamentali u s-salvagwardji relatati mad-drittijiet tat-tfal;

42. huwa tal-fehma li sistema koerenti ta' għanijiet komuni għall-akkoljenza tat-tfal fil-migrazzjoni fil-livell tal-UE u dak nazzjonali tiżgura li jittieħdu l-miżuri meħtieġa malajr kemm jista' jkun. Dan huwa essenzjali sabiex jiġu salvagwardjati l-opportunitajiet tat-tfal għall-integrazzjoni rapida, sabiex jirnexxu fl-iskola u jkollhom tħejjija tajba għas-suq tax-xogħol. Sabiex ikun żgurat li dawn l-għanijiet jintlaħqu, l-Istati Membri kollha jaqsmu r-responsabbiltà b'mod solidari għall-akkoljenza tat-tfal li jeħtieġu l-protezzjoni;

43. josserva li t-tfal huma l-ġejjieni tal-Ewropa, u josserva li, minħabba t-tibdil demografiku, qed jiżdied il-proporzjon ta' persuni mdaħħlin fl-età fil-popolazzjoni, u qed tikber id-domanda għax-xogħol fost il-popolazzjoni fl-età tax-xogħol. Hemm bżonn influż ta' żgħażaġh biex is-soċjetà tagħna tiżviluppa u timxi 'l quddiem. Bis-saħħa ta' kundizzjonijiet tajbin ta' akkoljenza u jekk jiġi introdott proċess effettiv ta' integrazzjoni, it-tfal u ż-żgħażaġh migranti jistgħu jingħataw ħajja ta' kwalità tajba u opportunitajiet għall-iżvilupp fis-soċjetà tagħna. Proċess tajjeb ta' akkoljenza u ta' integrazzjoni huwa għalhekk investiment fit-tul fil-benessri, id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem.

Brussell, il-11 ta' Ottubru 2017.

*Il-President
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni*

Karl-Heinz LAMBERTZ

III

(Atti preparatorji)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

IL-125 SESSJONI PLENARJA TAD-9, L-10 U L-11 TA' OTTUBRU 2017

Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Il-pakkett tas-servizzi: ekonomija tas-servizzi li taħdem favur l-Ewropej

(2018/C 054/15)

Relatur:	Jean-Luc Vanraes (BE/ALDE), Membru tal-Kunsill Muniċipali ta' Uccle
Dokumenti ta' referenza:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-introduzzjoni ta' e-Card Ewropea tas-servizzi u l-faċilitajiet amministrattivi relatati COM(2016) 824 final Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-qafas legali u operattiv tal-e-Card Ewropea tas-servizzi introdotta bir-Regolament [ir-Regolament tal-ESC] ... COM(2016) 823 final Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar test tal-proporzjonalità qabel l-adozzjoni ta' regolamentazzjoni ġdida tal-professjonijiet COM(2016) 822 final Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-infurzar tad-Direttiva 2006/123/KE dwar is-servizzi fis-suq intern, li tistabbilixxi l-proċedura ta' notifika għal skemi ta' awtorizzazzjoni u r-rekwiżiti relatati ma' servizzi, u li temenda d-Direttiva 2006/123/KE u r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern COM(2016) 821 final Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar rakkomandazzjonijiet ta' riforma għar-regolamentazzjoni tas-servizzi professjonali COM(2016) 820 final

I. RAKKOMANDEZZJONIJIET SABIEX JITRESSQU EMENDI

Emenda 1

Proposta għal Direttiva dwar l-infurzar tad-Direttiva 2006/123/KE dwar is-servizzi fis-suq intern, li tistabbilixxi il-proċedura ta' notifika għal skemi ta' awtorizzazzjoni u r-rekwiżiti relatati ma' servizzi, u li temenda d-Direttiva 2006/123/KE u r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern

COM(2016) 821 final

Premessa 7

Emenda

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
L-obbligu ta' notifika stabbilit minn din id-Direttiva għandu japplika għall-miżuri regolatorji tal -Istati Membri, bħall-iġijiet, regolamenti, dispożizzjonijiet amministrattivi ta' natura ġenerali jew kwalunkwe regola vinkolanti oħra ta' natura ġenerali, inklużi r-regoli adottati minn organizzazzjonijiet professjonali sabiex jirregolaw b'mod kollettiv l-aċċess għall-attivitàjiet tas-servizzi jew l-eżerċizzju tagħhom. Mill-banda l-oħra l-obbligu ta' notifika ma għandux japplika għal deċiżjonijiet individwali maħruġa mill-awtoritajiet nazzjonali .	L-obbligu ta' notifika stabbilit minn din id-Direttiva għandu japplika għall-miżuri regolatorji tal-Istati Membri, bħall-iġijiet, regolamenti, dispożizzjonijiet amministrattivi ta' natura ġenerali jew kwalunkwe regola vinkolanti oħra ta' natura ġenerali, inklużi r-regoli adottati minn organizzazzjonijiet professjonali sabiex jirregolaw b'mod kollettiv l-aċċess għall-attivitàjiet tas-servizzi jew l-eżerċizzju tagħhom. Mill-banda l-oħra l-obbligu ta' notifika ma għandux japplika għal deċiżjonijiet individwali maħruġa mill-awtoritajiet nazzjonali . <i>Emendi jew modifiki għall-abbozzi tal-miżuri introdotti permezz tal-assembleji leġislattivi jew il-parlamenti nazzjonali, reġjonali u lokali matul il-proċedura parlamentari m'għandhomx ikunu koperti mill-obbligu ta' notifika stipulat minn din id-Direttiva. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, l-obbligu tan-notifika għandu jitqies li jkun ġie ssodisfat meta l-abbozz ta' miżura jkun implimentat u finalment adottat fi tmiem il-proċedura parlamentari.</i>

Raġuni

Il-proposta ma tinkludix proċedura għal emendi jew modifiki għall-abbozz ta' miżuri introdott mill-assembleji leġislattivi.

Emenda 2

Proposta għal Direttiva dwar l-infurzar tad-Direttiva 2006/123/KE dwar is-servizzi fis-suq intern, li tistabbilixxi il-proċedura ta' notifika għal skemi ta' awtorizzazzjoni u r-rekwiżiti relatati ma' servizzi, u li temenda d-Direttiva 2006/123/KE u r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern

COM(2016) 821 final

Premessa 15

Ħassar il-punt

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<i>In-nuqqas ta' konformità mal-obbligu ta' notifika tal-abbozz ta' miżuri tal-inqas 3 xhur qabel l-adozzjoni tagħhom u/jew li ma tiġix adottata l-miżura notifikata matul dan il-perjodu, u skont il-każ, matul it-tliet xhur wara li tasal it-twissija, għandu jitqies bħala difett proċedurali sostanzjali ta' natura serja fir-rigward tal-effetti tiegħu fil-konfront ta' individwi.</i>	

Raġuni

Il-konsegwenza tal-proposta tal-KE hija li l-abbozz ta' miżuri li ma ġiex notifikat ma jkunx infurzabbli. Dan ser ikollu konsegwenzi serji għall-infurzar tal-miżuri lokali u reġionali peress li l-ambitu tad-Direttiva dwar is-Servizzi huwa wiesa' ħafna u xi drabi għadu qed jevolvi f'każistika tal-QĠE.

Emenda 3

Proposta għal Direttiva dwar l-infurzar tad-Direttiva 2006/123/KE dwar is-servizzi fis-suq intern, li tistabbilixxi il-proċedura ta' notifika għal skemi ta' awtorizzazzjoni u r-rekwiżiti relatati ma' servizzi, u li temenda d-Direttiva 2006/123/KE u r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern

COM(2016) 821 final

Artikolu 3(2)

Ibdel kif ġej

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>1. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe abbozz ta' miżura li tintroduċi rekwiżiti jew skemi ta' awtorizzazzjoni ġodda msemmija fl-Artikolu 4, jew li timmodifika tali rekwiżiti eżistenti jew skemi ta' awtorizzazzjoni.</p> <p>2. Meta Stat Membru jimmodifika abbozz ta' miżura notifikata bl-effett li jestendi b'mod sinifikanti l-kamp ta' applikazzjoni jew il-kontenut tagħha, jew iqassar l-iskeda ta' żmien oriġinarjament prevista għall-implimentazzjoni, jew iżid rekwiżiti jew skemi ta' awtorizzazzjoni, jew jagħmel dawk ir-rekwiżiti jew skemi ta' awtorizzazzjoni aktar restrittivi għall-istabbiliment, jew għall-forniment transfruntiera ta' servizzi, huwa għandu jerġa' jinnotifika l-abbozz ta' miżura modifikata notifikata qabel skont il-paragrafu 1, u jinkludi spjegazzjoni tal-objettiv u l-kontenut tal-modifiki. F'każ bħal dan, in-notifika preċedenti għandha titqies li ġiet irtirata.</p> <p>3. L-abbozz ta' miżuri msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni mill-anqas tliet xhur qabel l-adozzjoni tagħhom.</p>	<p>1. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe abbozz ta' miżura li tintroduċi rekwiżiti jew skemi ta' awtorizzazzjoni ġodda msemmija fl-Artikolu 4, jew li timmodifika tali rekwiżiti eżistenti jew skemi ta' awtorizzazzjoni.</p> <p>2.</p> <p>a) Meta Stat Membru jimmodifika abbozz ta' miżura notifikata bl-effett li jestendi b'mod sinifikanti l-kamp ta' applikazzjoni jew il-kontenut tagħha, jew iqassar l-iskeda ta' żmien oriġinarjament prevista għall-implimentazzjoni, jew iżid rekwiżiti jew skemi ta' awtorizzazzjoni, jew jagħmel dawk ir-rekwiżiti jew skemi ta' awtorizzazzjoni aktar restrittivi għall-istabbiliment, jew għall-forniment transfruntiera ta' servizzi, huwa għandu jerġa' jinnotifika l-abbozz ta' miżura modifikata notifikata qabel skont il-paragrafu 1, u jinkludi spjegazzjoni tal-objettiv u l-kontenut tal-modifiki. F'każ bħal dan, in-notifika preċedenti għandha titqies li ġiet irtirata.</p> <p>b) L-Istati Membri m'għandhomx ikunu obbligati jinnotifikaw il-bidliet li saru matul il-proċedura parlamentari għall-abbozz ta' miżura li diġà ġie notifikat. Madankollu, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw l-abbozz ta' miżura li fih dawk il-bidliet lill-Kummissjoni, ladarba dan ikun ġie adottat.</p> <p>3. L-abbozz ta' miżuri msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni mill-anqas tliet xhur qabel l-adozzjoni tagħhom.</p>

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>4. Il-ksur ta' wieħed mill-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 3 (1), (2) u (3) jew fl-Artikolu 6(2) għandu jikkostitwixxi difett proċedurali sostanzjali ta' natura serja fir-rigward tal-effetti tiegħu fil-konfront ta' individwi.</p> <p>5. Bħala parti minn kwalunkwe notifika, l-Istati Membri għandhom jipprovdu informazzjoni li turi l-konformità tal-iskema ta' awtorizzazzjoni jew tar-rekwiżit innotifikat mad-Direttiva 2006/123/KE.</p> <p>Dik l-informazzjoni għandha tidentifika r-raġuni aktar importanti relatata mal-interess pubbliku segwit u tagħti r-raġunijiet għaliex skema ta' awtorizzazzjoni jew rekwiżit innotifikati jkunu nondiskriminatorji abbażi tan-nazzjonalità jew ir-residenza u għaliex ikunu proporzjonati.</p> <p>Dik l-informazzjoni għandha tinkludi valutazzjoni li turi li ma jkunux disponibbli mezzi anqas restrittivi kif ukoll evidenza speċifika li tissostanzja l-argumenti ppreżentati mill-Istat Membru notifikanti.</p> <p>6. Fin-notifika, l-Istat Membru kkonċernat għandu jikkomunika wkoll it-test tad-dispożizzjoni leġislattiva jew regolatorja li fuqha jkun ibbażat l-abbozz tal-miżura notifikata.</p> <p>7. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkomunikaw il-miżura adottata fi żmien ġimagħtejn wara l-adozzjoni tagħha.</p> <p>8. Għall-iskop tal-proċedura ta' notifika stabbilita b'din id-Direttiva u sabiex ikun assigurat l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istat Membru notifikanti, Stati Membri oħra u l-Kummissjoni, għandha tintuża s-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern stabbilita fir-Regolament (UE) Nru 1024/2012.</p>	<p>4. Il-ksur ta' wieħed mill-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 3 (1), (2) u (3) jew fl-Artikolu 6(2) għandu jikkostitwixxi difett proċedurali sostanzjali ta' natura serja fir-rigward tal-effetti tiegħu fil-konfront ta' individwi.</p> <p>5. Bħala parti minn kwalunkwe notifika, l-Istati Membri għandhom jipprovdu informazzjoni li turi l-konformità tal-iskema ta' awtorizzazzjoni jew tar-rekwiżit innotifikat mad-Direttiva 2006/123/KE.</p> <p>Dik l-informazzjoni għandha tidentifika r-raġuni aktar importanti relatata mal-interess pubbliku segwit u tagħti r-raġunijiet għaliex skema ta' awtorizzazzjoni jew rekwiżit innotifikati jkunu nondiskriminatorji abbażi tan-nazzjonalità jew ir-residenza u għaliex ikunu proporzjonati.</p> <p>Dik l-informazzjoni għandha tinkludi valutazzjoni li turi li ma jkunux disponibbli mezzi anqas restrittivi kif ukoll evidenza speċifika li tissostanzja l-argumenti ppreżentati mill-Istat Membru notifikanti.</p> <p>6. Fin-notifika, l-Istat Membru kkonċernat għandu jikkomunika wkoll it-test tad-dispożizzjoni leġislattiva jew regolatorja li fuqha jkun ibbażat l-abbozz tal-miżura notifikata.</p> <p>7. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkomunikaw il-miżura adottata fi żmien ġimagħtejn wara l-adozzjoni tagħha.</p> <p>8. Għall-iskop tal-proċedura ta' notifika stabbilita b'din id-Direttiva u sabiex ikun assigurat l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istat Membru notifikanti, Stati Membri oħra u l-Kummissjoni, għandha tintuża s-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern stabbilita fir-Regolament (UE) Nru 1024/2012.</p>

Raġuni

Il-proposta ma tinkludix proċedura għal emendi jew modifiki għall-abbozz ta' miżuri introdott mill-assembleji leġislattivi.

Emenda 4

Proposta għal Direttiva dwar l-infurzar tad-Direttiva 2006/123/KE dwar is-servizzi fis-suq intern, li tistabbilixxi il-proċedura ta' notifika għal skemi ta' awtorizzazzjoni u r-rekwiżiti relatati ma' servizzi, u li temenda d-Direttiva 2006/123/KE u r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern

COM(2016) 821 final

Artikolu 3(4)

Ħassar il-punt

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<i>Il-ksur ta' wieħed mill-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 3(1), (2) u (3) jew fl-Artikolu 6(2) għandu jikkostitwixxi difett proċedurali sostanzjali ta' natura serja fir-rigward tal-effetti tiegħu fil-konfront ta' individwi.</i>	

Raġuni

Il-konsegwenza tal-proposta tal-KE hija li l-abbozz ta' miżuri li ma ġiex notifikat ma jkunx infurzabbli. Dan ser ikollu konsegwenzi serji għall-infurzar tal-miżuri lokali u reġjonali peress li l-ambitu tad-Direttiva dwar is-Servizzi huwa wiesa' ħafna u xi drabi għadu qed jevolvi f'każistika tal-QĠE.

Is-sanzjoni proposta twassal għal inċertezza legali kbira, peress li l-aktar ksur formali frivolu fin-notifika jipprevjeni l-implimentazzjoni ta' proġetti saħansitra bla problemi li jkunu materjalment konformi b'mod ċar mal-liġi tal-UE.

Emenda 5

Proposta għal Direttiva dwar l-infurzar tad-Direttiva 2006/123/KE dwar is-servizzi fis-suq intern, li tistabbilixxi il-proċedura ta' notifika għal skemi ta' awtorizzazzjoni u r-rekwiżiti relatati ma' servizzi, u li temenda d-Direttiva 2006/123/KE u r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern

COM(2016) 821 final

Artikolu 3(8)

Żid Artikolu għid wara l-Artikolu 3(8)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	<i>L-Artikolu 3(3) ma għandux japplika fejn Stat Membru jkun obligat jadotta miżuri li jintroduċu skemi ta' awtorizzazzjoni jew rekwiżiti ġodda jew jimmodifika skemi ta' awtorizzazzjoni eżistenti f'perjodu qasir ħafna ta' żmien għal raġunijiet urġenti kkawżati minn ċirkostanzi serji u mhux prevedibbli relatati mal-protezzjoni tal-politika pubblika, is-sigurtà pubblika, is-saħħa pubblika jew il-ħarsien tal-ambjent;</i>

Raġuni

Evidenti.

Emenda 6

Proposta għal Direttiva dwar l-infurzar tad-Direttiva 2006/123/KE dwar is-servizzi fis-suq intern, li tistabbilixxi il-proċedura ta' notifika għal skemi ta' awtorizzazzjoni u r-reqwiżiti relatati ma' servizzi, u li temenda d-Direttiva 2006/123/KE u r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern

COM(2016) 821 final

Artikolu 5(2)

Ibdel kif ġej

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Mid-data li fiha l-Kummissjoni tinforma lill-Istat Membru notifikanti dwar il-kompletezza ta' notifika li tkun irċeviet, għandha ssir konsultazzjoni ta' mhux aktar minn tliet xhur bejn l-Istat Membru notifikanti, Stati Membri oħra u l-Kummissjoni.	Mid-data li fiha l-Kummissjoni tinforma lill-Istat Membru notifikanti dwar il-kompletezza ta' notifika li tkun irċeviet, għandha ssir konsultazzjoni ta' mhux aktar minn tliet xhur bejn l-Istat Membru notifikanti, Stati Membri oħra u l-Kummissjoni. <i>Il-konsultazzjoni m'għandhiex timpedixxi lill-Istat Membru milli jadotta d-dispożizzjonijiet inkwistjoni, li madankollu, jistgħu ma jiġux implimentati sal-aħħar tal-perjodu ta' konsultazzjoni.</i>

Raġuni

Il-perjodu propost ta' imblukkar huwa wisq riġidu. Dan jista' jwassal għal dewmien bla bżonn fil-proċess. L-Istati Membri għandhom għalhekk ikunu liberi li jadottaw il-miżuri kkonċernati, iżda għandhom jiffriżaw kull eżekuzzjoni sa tmiem il-perjodu ta' konsultazzjoni.

Emenda 7

Proposta għal Direttiva dwar l-infurzar tad-Direttiva 2006/123/KE dwar is-servizzi fis-suq intern, li tistabbilixxi il-proċedura ta' notifika għal skemi ta' awtorizzazzjoni u r-reqwiżiti relatati ma' servizzi, u li temenda d-Direttiva 2006/123/KE u r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern

COM(2016) 821 final

Artikolu 6**Twissija**

Ibdel it-test kif ġej:

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
1. Qabel ma jingħalaq il-perjodu ta' konsultazzjoni msemmi fl-Artikolu 5(2), il-Kummissjoni tista' twissi lill-Istat Membru dwar it-tħassib tagħha rigward il-kompatibbiltà tal-abbozz ta' miżura notifikata mad-Direttiva 2006/123/KE u dwar l-intenzjoni tagħha li tadotta <i>Deċiżjoni</i> msemmija fl-Artikolu 7.	1. Qabel ma jingħalaq il-perjodu ta' konsultazzjoni msemmi fl-Artikolu 5(2), il-Kummissjoni tista' twissi lill-Istat Membru dwar it-tħassib tagħha rigward il-kompatibbiltà tal-abbozz ta' miżura notifikata mad-Direttiva 2006/123/KE u dwar l-intenzjoni tagħha li tadotta <i>Rakkomandazzjoni</i> msemmija fl-Artikolu 7. <i>Din in-notifika ta' twissija għandha tistabbilixxi r-raġunijiet għat-tħassib tal-Kummissjoni u, jekk xieraq, kwalunkwe tibdil għall-abbozz ta' miżura notifikata li l-Kummissjoni tqis li jkun jindirizza dan it-tħassib b'mod sodisfaċenti.</i>

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>2. Wara li jirċievi twissija bħal din, <i>l-Istat Membru notifikanti ma għandux jadotta l-abbozz ta' miżura</i> għal perjodu ta' tliet xhur <i>wara li jintemm</i> il-perjodu ta' konsultazzjoni.</p>	<p>2. Wara li tirċievi twissija bħal din, għal perjodu ta' tliet xhur <i>il-Kummissjoni għandha tidħol fi djalogu mal-korpi kompetenti rilevanti, inkluż fil-livell reġjonali u lokali. Twissija maħruġa mill-Kummissjoni lil Stat Membru m'għandhiex timpedixxi lil dak l-Istat Membru milli jadotta l-abbozz ta' miżura, li madankollu, jista' ma jiġix implimentat sakemm jingħalaq</i> il-perjodu ta' konsultazzjoni.</p>

Raġuni

Sabiex jiġi żgurat li l-korpi kompetenti fl-Istat Membru jkunu infurmati b'mod sħiħ dwar it-tħassib tal-Kummissjoni, u raġunijiet għal dan, u biex tiġi żgurata diskussjoni f'waqtha u soda ta' dan it-tħassib mal-korpi kompetenti fl-Istat Membru.

Emenda 8

Proposta għal Direttiva dwar l-infurzar tad-Direttiva 2006/123/KE dwar is-servizzi fis-suq intern, li tistabbilixxi il-proċedura ta' notifika għal skemi ta' awtorizzazzjoni u r-rekwiżiti relatati ma' servizzi, u li temenda d-Direttiva 2006/123/KE u r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern

COM(2016) 821 final

Artikolu 7

Deċiżjoni

Ibdel it-test kif ġej:

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Artikolu 7</p> <p>Deċiżjoni</p> <p>Meta l-Kummissjoni tkun ħarġet twissija skont l-Artikolu 6 (1), hija tista', fi żmien tliet xhur wara d-data tal-għeluq tal-perjodu ta' konsultazzjoni msemmi fl-Artikolu 5(2), tadotta Deċiżjoni li ssib l-abbozz ta' miżura bħala inkompatibbli mad-Direttiva 2006/123/KE u titlob lill-Istat Membru kkonċernat sabiex ma jadottax l-abbozz ta' miżura jew, jekk dik il-miżura tkun ġiet adottata bi ksur tal-Artikolu 3 (3) jew tal-Artikolu 6(2), biex iħassarha.</p>	<p>Artikolu 7</p> <p>Rakkomandazzjoni</p> <p>Meta l-Kummissjoni tkun ħarġet twissija skont l-Artikolu 6 (1), hija tista', fi żmien tliet xhur wara d-data tal-għeluq tal-perjodu ta' konsultazzjoni msemmi fl-Artikolu 5(2), tadotta Rakkomandazzjoni mhux vinkolanti li ssib l-abbozz ta' miżura bħala inkompatibbli mad-Direttiva 2006/123/KE u tinforma lill-Istat Membru kkonċernat dwar l-intenzjoni tagħha, jekk tiġi adottata l-miżura, li tressaq każ quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li titfa' dubju fuq il-kompatibilità tal-miżura mad-Direttiva 2006/123/KE.</p>

Raġuni

Il-proposta tal-Kummissjoni għal Deċiżjoni hija inaċċettabbli peress li tillimita bla bżonn il-libertà tal-leġislaturi fil-livell nazzjonali u reġjonali. Rakkomandazzjoni mhux vinkolanti li tinnotifika l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tikkontesta l-legalità tal-miżura jekk tiġi adottata tista', fil-kuntest ta' dispożizzjonijiet oħra tal-abbozz ta' legislażjoni, tipprovdi proċedura ta' notifika mtejba li hija effettiva filwaqt li tirrispetta wkoll il-prerogattivi tal-leġislaturi nazzjonali u reġjonali.

Emenda 9

Proposta għal Direttiva dwar test tal-proporzjonalità qabel l-adozzjoni ta' regolamentazzjoni ġdida tal-professjonijiet
COM(2016) 822 final/1

Premessa 9

Ibdel kif ġej

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
L-oneru tal-prova ta' ġustifikazzjoni u ta' proporzjonalità jinsab fuq l-Istati Membri. Ir-raġunijiet għar-regolamentazzjoni invokati minn Stat Membru permezz ta' ġustifikazzjoni jenħtieġ għalhekk li jiġu akkumpanjati minn analiżi tal-adeqwatezza u tal-proporzjonalità tal-miżura adottata mill-Istat u minn evidenza speċifika li tissostanzja l-argument tiegħu.	L-oneru tal-prova ta' ġustifikazzjoni u ta' proporzjonalità jinsab fuq l-Istati Membri. Ir-raġunijiet għar-regolamentazzjoni invokati minn Stat Membru permezz ta' ġustifikazzjoni jenħtieġ għalhekk li jiġu akkumpanjati minn analiżi tal-adeqwatezza u tal-proporzjonalità tal-miżura adottata mill- awtoritajiet rilevanti f'dak l-Istat u minn evidenza speċifika li tissostanzja l-argument tiegħu.

Raġuni

Dan jikkawża amministrazzjoni żejda sproporzjonata ħafna għar-risultati possibbli.

Emenda 10

Proposta għal Direttiva dwar test tal-proporzjonalità qabel l-adozzjoni ta' regolamentazzjoni ġdida tal-professjonijiet
COM(2016) 822 final/1

Premessa 12

Żid premessa ġdida wara l-punt 12

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	<p>Premessa ġdida</p> <p><i>huwa f'idejn l-awtoritajiet pubbliċi rilevanti fl-Istati Membri biex jivvalutaw il-proporzjonalità ta' miżura, abbażi ta' kriterji stabbiliti fid-Direttiva. Dawn il-valutazzjonijiet individwali jistgħu jwasslu għal riżultati leġittimi differenti fi Stati Membri differenti.</i></p>

Raġuni

Evidenti.

Emenda 11

Proposta għal Direttiva dwar test tal-proporzjonalità qabel l-adozzjoni ta' regolamentazzjoni ġdida tal-professjonijiet
COM(2016) 822 final/1

Premessa 18

Emenda

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
L-impatt ekonomiku tal-miżura, inkluża analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji , b'attenzjoni partikolari għall-grad ta' kompetizzjoni fis-suq u l-kwalità tas-servizz ipprovdut, kif ukoll l-impatt fuq id-dritt għax-xogħol u fuq il-moviment liberu tal-persuni u s-servizzi fl-Unjoni jenħtieġ li jkunu kkunsidrati kif xieraq mill-awtoritajiet kompetenti. Abbażi ta' din l-analiżi, l-Istati Membri jenħtieġ li jaraw, b'mod partikolari, jekk l-estent tar-restrizzjoni tal-aċċess għal jew l-eżerċitar ta' professjonijiet regolati fi ħdan l-Unjoni huwiex proporzjonat mal-importanza tal-oġġettivi segwiti u l-kisbiet mistennija.	L-impatt ekonomiku tal-miżura, b'attenzjoni partikolari għall-grad ta' kompetizzjoni fis-suq u l-kwalità tas-servizz ipprovdut, l-impatt f'termini ta' koeżjoni territorjali , kif ukoll l-impatt fuq id-dritt għax-xogħol u fuq il-moviment liberu tal-persuni u s-servizzi fl-Unjoni jenħtieġ li jkunu kkunsidrati kif xieraq mill-awtoritajiet kompetenti. Abbażi ta' din l-analiżi, l-awtoritajiet pubbliċi rilevanti fl-Istati Membri jenħtieġ li jaraw, b'mod partikolari, jekk l-estent tar-restrizzjoni tal-aċċess għal jew l-eżerċitar ta' professjonijiet regolati fi ħdan l-Unjoni huwiex proporzjonat mal-importanza tal-oġġettivi segwiti u l-kisbiet mistennija.

Raġuni

Evidenti.

Emenda 12

Proposta għal Direttiva dwar test tal-proporzjonalità qabel l-adozzjoni ta' regolamentazzjoni ġdida tal-professjonijiet
COM(2016) 822 final/1

Premessa 21

Emenda

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Huwa essenzjali għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern li jkun żgurat li l-Istati Membri jipprovdu informazzjoni liċ-ċittadini, lill-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi jew lill-partijiet ikkonċernati rilevanti l-oħra qabel l-introduzzjoni ta' miżuri ġodda li jillimitaw l-aċċess għal professjonijiet regolati jew l-eżerċitar tagħhom u li tingħatalhom l-oportunità jesprimu l-fehmiet tagħhom.	Huwa essenzjali għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern li jkun żgurat li l-awtoritajiet pubbliċi rilevanti fl-Istati Membri jipprovdu informazzjoni liċ-ċittadini, lill-awtoritajiet reġjonali u lokali, lill-imsieħba soċjali , lill-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi jew lill-partijiet ikkonċernati rilevanti l-oħra qabel l-introduzzjoni ta' miżuri ġodda li jillimitaw l-aċċess għal professjonijiet regolati jew l-eżerċitar tagħhom u li tingħatalhom l-oportunità jesprimu l-fehmiet tagħhom.

Raġuni

Evidenti.

Emenda 13

Proposta għal Direttiva dwar test tal-proporzjonalità qabel l-adozzjoni ta' regolamentazzjoni ġdida tal-professjonijiet

COM(2016) 822 final

Artikolu 6**Proporzjonalità**

Ibdel kif ġej

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>1. Qabel ma jiġu introdotti dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolatorji jew amministrattivi ġodda li jirrestrinġu l-aċċess għal professjonijiet regolati jew l-eżerċitar tagħhom, jew l-emendar ta' dawk eżistenti, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw jekk dawk id-dispożizzjonijiet humiex meħtieġa u xierqa sabiex jiggarrantixxu l-ksib tal-oġġettiv imfittex u ma jmorrux lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkiseb dak l-oġġettiv.</p> <p>2. Meta jkunu qed jivvalutaw il-ħtieġa u l-proporzjonalità tad-dispożizzjonijiet, l-awtoritajiet kompetenti rilevanti għandhom jikkunsidraw b'mod partikolari:</p> <p>(a) in-natura tar-riskji relatati mal-oġġettivi ta' interess pubbliku segwiti, b'mod partikolari r-riskji għall-konsumaturi, għall-professjonisti jew partijiet terzi;</p> <p>(b) l-adeqwatezza tad-dispożizzjoni, jiġifieri fir-rigward tal-adeqwatezza tagħha sabiex jinkiseb l-oġġettiv imfittex u jekk din verament tirriflettix dan l-oġġettiv b'mod koerenti u sistematiku u għaldaqstant, tindirizza r-riskji identifikati b'mod simili bħal l-attivitajiet komparabbli;</p> <p>(c) il-ħtieġa tad-dispożizzjoni u b'mod partikolari jekk ir-regoli ta' natura speċifika jew iżjed ġenerali, bħal-leġiżlazzjoni dwar is-sigurtà tal-prodotti jew il-liġi tal-protezzjoni tal-konsumatur eżistenti, humiex biżżejjed biex jiproteġu l-oġġettiv segwit;</p> <p>(d) ir-rabta bejn il-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet koperti minn professjoni jew riżervati għaliha u l-kwalifika professjonali meħtieġa;</p> <p>(e) ir-rabta bejn il-kumplessità tal-kompiti u l-pussess meħtieġ ta' kwalifiki professjonali speċifiċi, b'mod partikolari fir-rigward tal-livell, in-natura u t-tul tat-taħriġ jew l-esperjenza meħtieġa, kif ukoll l-eżistenza ta' rotot differenti biex tinkiseb il-kwalifika professjonali;</p>	<p>1. Qabel ma jiġu introdotti dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolatorji jew amministrattivi ġodda li jirrestrinġu l-aċċess għal professjonijiet regolati jew l-eżerċitar tagħhom, jew l'emendar ta' dawk eżistenti, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw jekk dawk id-dispożizzjonijiet humiex meħtieġa u xierqa sabiex jiggarrantixxu l-ksib tal-oġġettiv imfittex u ma jmorrux lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkiseb dak l-oġġettiv.</p> <p>2. Meta jkunu qed jivvalutaw il-ħtieġa u l-proporzjonalità tad-dispożizzjonijiet, l-awtoritajiet kompetenti rilevanti għandhom jikkunsidraw b'mod partikolari:</p> <p>(a) in-natura tar-riskji relatati mal-oġġettivi ta' interess pubbliku segwiti, b'mod partikolari r-riskji għar-riċevituri tas-servizzi, inklużi l-konsumaturi u riċevituri tas-servizzi mhux professjonali oħrajn, il-professjonisti, l-imsieħba soċjali, l-awtoritajiet lokali u reġjonali jew partijiet terzi;</p> <p>(b) l-adeqwatezza tad-dispożizzjoni, jiġifieri fir-rigward tal-adeqwatezza tagħha sabiex jinkiseb l-oġġettiv imfittex u jekk din verament tirriflettix dan l-oġġettiv b'mod koerenti u sistematiku u għaldaqstant, tindirizza r-riskji identifikati b'mod simili bħal l-attivitajiet komparabbli;</p> <p>(c) il-ħtieġa tad-dispożizzjoni u b'mod partikolari jekk ir-regoli ta' natura speċifika jew iżjed ġenerali, bħal-leġiżlazzjoni dwar is-sigurtà tal-prodotti jew il-liġi tal-protezzjoni tal-konsumatur eżistenti, humiex biżżejjed biex jiproteġu l-oġġettiv segwit;</p> <p>(d) ir-rabta bejn il-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet koperti minn professjoni jew riżervati għaliha u l-kwalifika professjonali meħtieġa;</p> <p>(e) ir-rabta bejn il-kumplessità tal-kompiti u l-pussess meħtieġ ta' kwalifiki professjonali speċifiċi, b'mod partikolari fir-rigward tal-livell, in-natura u t-tul tat-taħriġ jew l-esperjenza meħtieġa, kif ukoll l-eżistenza ta' rotot differenti biex tinkiseb il-kwalifika professjonali;</p>

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>(f) il-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet professjonali riżervati għal min ikollu kwalifika professjonali partikolari, jiġifieri jekk u għaliex l-attivitajiet riżervati għal ċerti professjonijiet jistgħu jew ma jistgħux ikunu kondiviżi ma' professjonijiet oħra;</p> <p>(g) il-grad ta' awtonomija fl-eżerċitar ta' professjoni regolata u l-impatt tal-arranġamenti organizzattivi u superviżorji fuq il-kisba tal-oġettiv segwit, b'mod partikolari meta l-attivitajiet relatati ma' professjoni regolata jkunu mwettqa taħt il-kontroll u r-responsabbiltà ta' professjonist kwalifikat kif suppost;</p> <p>(h) l-iżviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi li jistgħu jnaqqsu l-assimetrija tal-informazzjoni bejn il-professjonisti u l-konsumaturi;</p> <p>(i) l-impatt ekonomiku tal-miżura, b'attenzjoni partikolari għall-grad ta' kompetizzjoni fis-suq u l-kwalità tas-servizz ipprovdut, kif ukoll l-impatt fuq il-moviment liberu tal-persuni u s-servizzi fi ħdan l-Unjoni;</p> <p>(j) il-possibiltà li jintużaw mezzi inqas restrittivi sabiex jintlaħaq l-oġettiv ta' interess pubbliku;</p> <p>(k) l-effett kumulattiv tar-restrizzjonijiet għall-aċċess għal professjoni u l-eżerċitar tagħha, u b'mod partikolari kif kull wieħed minn daww ir-rekwiżiti jikkontribwixxi għal oġettiv ta' interess pubbliku u jekk huwiex neċessarju sabiex dan jintlaħaq.</p>	<p>(f) il-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet professjonali riżervati għal min ikollu kwalifika professjonali partikolari, jiġifieri jekk u għaliex l-attivitajiet riżervati għal ċerti professjonijiet jistgħu jew ma jistgħux ikunu kondiviżi ma' professjonijiet oħra;</p> <p>(g) il-grad ta' awtonomija fl-eżerċitar ta' professjoni regolata u l-impatt tal-arranġamenti organizzattivi u superviżorji fuq il-kisba tal-oġettiv segwit, b'mod partikolari meta l-attivitajiet relatati ma' professjoni regolata jkunu mwettqa taħt il-kontroll u r-responsabbiltà ta' professjonist kwalifikat kif suppost;</p> <p>(h) l-iżviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi li jistgħu jnaqqsu l-assimetrija tal-informazzjoni bejn il-professjonisti u l-konsumaturi;</p> <p>(i) l-impatt ekonomiku u soċjali tal-miżura, b'attenzjoni partikolari għall-grad ta' kompetizzjoni fis-suq u l-kwalità tas-servizz ipprovdut, kif ukoll l-impatt fuq il-moviment liberu tal-persuni u s-servizzi fi ħdan l-Unjoni;</p> <p>(j) il-possibiltà li jintużaw mezzi inqas restrittivi sabiex jintlaħaq l-oġettiv ta' interess pubbliku;</p> <p>(k) l-effett kumulattiv tar-restrizzjonijiet għall-aċċess għal professjoni u l-eżerċitar tagħha.</p>
<p>3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2(j), fejn il-miżuri jkunu ġustifikati bil-protezzjoni tal-konsumatur u fejn ir-riskji identifikati huma limitati għar-relazzjoni bejn il-professjonist u l-konsumatur mingħajr ma jaffettwaw b'mod negattiv partijiet terzi, l-awtoritajiet kompetenti rilevanti għandhom jevalwaw b'mod partikolari jekk l-oġettiv jistax jintlaħaq permezz ta' titolu professjonali protett mingħajr ma jirriżervaw l-attivitajiet.</p> <p>4. Għall-finijiet tal-paragrafu 2(k), l-awtoritajiet kompetenti rilevanti għandhom jevalwaw b'mod partikolari l-effett kumulattiv tal-impożizzjoni ta' kull wieħed minn dawn ir-rekwiżiti:</p> <p>(a) attivitajiet riżervati, li jeżistu flimkien mat-titolu professjonali protett;</p>	<p>Meta jiġu evalwati n-neċessità u l-proporzjonalità tad-dispożizzjonijiet, l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw il-kriterji 2 (a) sa u li jinkludi 2 (k), b'mod ikkunsidrat li jqis iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ individwali. Fejn huma jqisu li kwalunkwe kriterju partikolari mhux rilevanti, dawn jistgħu jeskluduh mill-evalwazzjoni iżda għandhom jipprovdū ġustifikazzjoni għal din l-esklużjoni.</p> <p>3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2(j), fejn il-miżuri jkunu ġustifikati bil-protezzjoni tal-konsumatur u fejn ir-riskji identifikati huma limitati għar-relazzjoni bejn il-professjonist u l-konsumatur mingħajr ma jaffettwaw b'mod negattiv partijiet terzi, l-awtoritajiet kompetenti rilevanti għandhom jevalwaw b'mod partikolari jekk l-oġettiv jistax jintlaħaq permezz ta' titolu professjonali protett mingħajr ma jirriżervaw l-attivitajiet.</p> <p>4. Għall-finijiet tal-paragrafu 2(k), l-awtoritajiet kompetenti rilevanti għandhom jevalwaw b'mod partikolari l-effett kumulattiv tal-impożizzjoni ta' kull wieħed minn dawn ir-rekwiżiti:</p> <p>(a) attivitajiet riżervati, li jeżistu flimkien mat-titolu professjonali protett;</p>

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
(b) rekwiżiti għal żvilupp professjonali kontinwu;	(b) regoli relatati mal-organizzazzjoni tal-professjoni, l-etika professjonali u s-supervizzjoni;
(c) regoli relatati mal-organizzazzjoni tal-professjoni, l-etika professjonali u s-supervizzjoni;	(c) sħubija obligatorja ma' kamra, skemi ta' reġistrazzjoni jew awtorizzazzjoni, b'mod partikolari fejn dawk ir-rekwiżiti jimplikaw il-pussess ta' kwalifika professjonali partikolari;
(d) sħubija obligatorja ma' kamra, skemi ta' reġistrazzjoni jew awtorizzazzjoni, b'mod partikolari fejn dawk ir-rekwiżiti jimplikaw il-pussess ta' kwalifika professjonali partikolari;	(d) restrizzjonijiet kwantitattivi, b'mod partikolari r-rekwiżiti li jillimitaw l-għadd ta' awtorizzazzjonijiet għall-prattika, jew li jiffissaw numru minimu jew massimu ta' impjegati, maniġers jew rappreżentanti li għandhom kwalifiki professjonali partikolari;
(e) restrizzjonijiet kwantitattivi, b'mod partikolari r-rekwiżiti li jillimitaw l-għadd ta' awtorizzazzjonijiet għall-prattika, jew li jiffissaw numru minimu jew massimu ta' impjegati, maniġers jew rappreżentanti li għandhom kwalifiki professjonali partikolari;	(e) rekwiżiti ta' forma legali speċifika jew rekwiżiti relatati mal-parteċipazzjoni azzjonarja jew il-ġestjoni ta' kumpanija, sa fejn dawn ir-rekwiżiti huma marbuta direttament mal-eżerċitar tal-professjoni regolata;
(f) rekwiżiti ta' forma legali speċifika jew rekwiżiti relatati mal-parteċipazzjoni azzjonarja jew il-ġestjoni ta' kumpanija, sa fejn dawn ir-rekwiżiti huma marbuta direttament mal-eżerċitar tal-professjoni regolata;	(f) restrizzjonijiet territorjali, b'mod partikolari fejn il-professjoni hija regolata f'partijiet tat-territorju ta' Stat Membru b'mod differenti;
(g) restrizzjonijiet territorjali, b'mod partikolari fejn il-professjoni hija regolata f'partijiet tat-territorju ta' Stat Membru b'mod differenti;	(g) rekwiżiti li jirrestrinġu l-eżerċitar ta' professjoni regolata b'mod konġunt jew bi sħab, kif ukoll regoli ta' inkompatibbiltà;
(h) rekwiżiti li jirrestrinġu l-eżerċitar ta' professjoni regolata b'mod konġunt jew bi sħab, kif ukoll regoli ta' inkompatibbiltà;	(h) rekwiżiti li jikkonċernaw il-koperatura tal-assigurazzjoni jew mezzji oħra ta' kopertura personali jew kollettiva li jirrigwardaw ir-responsabbiltà professjonali;
(i) rekwiżiti li jikkonċernaw il-koperatura tal-assigurazzjoni jew mezzji oħra ta' kopertura personali jew kollettiva li jirrigwardaw ir-responsabbiltà professjonali;	(i) rekwiżiti ta' għarfien tal-lingwa, sal-punt meħtieġ biex tiġi prattikata l-professjoni.
(j) rekwiżiti ta' għarfien tal-lingwa, sal-punt meħtieġ biex tiġi prattikata l-professjoni.	

Raġuni

Il-katalogu ta' kriterji stipulati fl-Artikolu 6 għandhom jitiqesu bħala indikattivi, peress li mhux il-kriterji kollha ser ikunu applikabbli jew tal-istess importanza f'kull każ individwali, u approċċ "wieħed tajjeb għal kulħadd" ikun eċċessiv u b'piż bla bżonn fuq l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri.

II. RAKKOMANDEZZJONIJET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

L-importanza u l-urġenza tat-tlestija tas-Suq Uniku fis-servizzi

- jenfasizza l-importanza tas-Suq Uniku biex tingħata spinta lit-tkabbir ekonomiku, jiżdied l-investment, jogħla l-livell ta' għajxien u jinħolqu l-impjiegi fir-reġjuni u l-bliet madwar l-UE;
- jenfasizza l-urġenza tat-tlestija tas-Suq Uniku għall-oġġetti u s-servizzi kif stipulat fl-Istrateġija tas-Suq Uniku u jinnota li ħafna mill-ostakli ekonomiċi l-aktar sinifikanti li fadal għadhom fil-qasam tas-servizzi;

3. jenfazizza li s-servizzi huma komponent ewlieni tal-ekonomija Ewropea, u jgħoddu għal madwar 70 % tal-PGD kif ukoll tal-impjiegi; jirrimarka, madankollu, li s-settur tas-servizzi tal-UE huwa kkaratterizzat minn tkabbir bil-mod fil-produttività u kompetizzjoni dgħajfa, li jżommu lura l-potenzjal tiegħu; jenfazizza li t-tneħħija tal-ostakli għall-provvista transkonfinali tas-servizzi b'riżultat ta' regoli u proċeduri nazzjonali diverġent tista' tagħti lill-fornituri tas-servizzi u lill-konsumaturi aktar opportunitajiet biex jagħmlu użu sħiħ tal-potenzjal tas-suq intern; għalhekk jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri biex ikomplu jadottaw miżuri li jgħaġġlu l-kompetittività fis-settur tas-servizzi, li jżidu l-kompetizzjoni bejn l-intrapriżi u li jeliminaw l-ostakoli legali u proċedurali li jxekklu l-forniment transkonfinali ta' servizzi;
4. jišhaq li s-servizzi huma input intermedju importanti fl-ekonomija u li s-servizzi kompetittivi, b'mod partikolari s-servizzi tan-negozju, huma kruċjali għall-produttività u l-kompetittività fl-ispejjeż f'setturi oħra bħal dik tal-manifattura li huma vitali għall-ekonomiji lokali u reġionali;
5. jinnota li, għaxar snin wara l-adozzjoni tagħha, il-potenzjal tad-Direttiva dwar is-Servizzi biex jittejjeb il-moviment ħieles tas-servizzi għadu ma ntlaħaqx b'mod sħiħ u li l-fornituri f'firxa ta' setturi tas-servizzi għadhom iħabbtu wiċċhom ma' firxa wiesgħa ta' ostakli meta huma jkunu jixtiequ jstabbilixxu ruħhom fi Stat Membru ieħor jew jipprovdi servizzi fuq bażi transkonfinali temporanja; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ikomplu jadottaw miżuri li jeliminaw dawn l-ostakoli; jinnota li l-istimi jindikaw li l-indirizzar tal-ostakli għall-kummerċ transkonfinali u l-investment fis-servizzi skont il-qafas diġà pprovdut mid-Direttiva dwar is-Servizzi jista' jżid 1,7 % mal-PDG tal-UE;
6. jilqa' t-tħassib tal-Kummissjoni li jiżżarmaw ostakoli burokratiċi mhux ġustifikati fil-provvista tas-servizzi u jemmen li l-proposti jistgħu jagħtu kontribut sabiex jinħoloq Suq Uniku ġenwin fis-servizzi, li jista' wkoll jagħti spinta lit-tkabbir ekonomiku, l-investment u l-impjiegi fir-reġjuni u l-bliet tal-Ewropa; jenfazizza, madankollu, il-ħtieġa li jiġu rrispettati l-prinċipji tal-proporzjonalità u s-sussidjarjetà meta jiġi implimentat il-pakkett tas-servizzi;
7. jenfazizza r-rabtiet li għandhom bejniethom id-diversi komponenti tal-pakkett u l-ħtieġa li jiġu kkunsidrati bħala parti minn sistema integrata sħiħa u li jiġu evalwati l-merti tal-proposti individwali f'dan il-kuntest;
8. iqis li l-proposta għall-proċedura ta' notifika għandha x'aktarx tiġi emendata fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja fil-Każ C-320/16 Uber France SAS li l-Avukat Ġenerali ta l-opinjoni preliminari tiegħu dwarha fl-4 ta' Lulju 2017, billi stqarr li "L-Istati Membri jistgħu jipprojbixxu u jikkastigaw l-eżerċizzju illegali ta' attività ta' trasport bħal UberPop mingħajr ma jkun hemm bżonn li tiġi notifikata l-Kummissjoni bl-abbozz ta' liġi bil-quddiem";

L-e-Card tas-servizzi

9. jindika li d-Direttiva dwar is-Servizzi tirrikjedi lill-Istati Membri jnaqqsu l-ostakli amministrattivi li jiskoraġġixxu lill-fornituri tas-servizzi milli joperaw b'mod transkonfinali iżda din ma kinitx effettiva bis-sħiħ f'dan ir-rigward;
10. jilqa' l-e-Card tas-servizzi l-ġdida bħala kontribut utli sabiex tiġi promossa l-mobbiltà tal-fornituri tas-servizzi, iżda jitlob kjarifika dwar sa liema punt l-e-Card tas-servizzi l-ġdida hija relatata ma' skemi li diġà jeżistu bħas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern u l-Karta Professjonali Ewropea. Jemmen li l-e-Card tista' tgħin biex jitnaqqsu l-kumplessità u l-ispejjeż amministrattivi għall-fornituri tas-servizzi transkonfinali meta jiġu sodisfati l-formalitajiet amministrattivi; l-SMEs, li huma s-sinsla tal-ekonomiji reġionali u lokali, jintlaqtu b'mod partikolari hawnhekk peress li huma l-aktar li jintlaqtu mill-kumplessità amministrattiva meta joperaw b'mod transkonfinali;
11. jopponi l-approċċ tat-trasferiment tar-responsabbiltà ewlenija għall-proċedura lill-awtoritajiet tal-Istat Membru tad-domiċilju safejn dan huwa f'kunflitt mal-prinċipju tal-Istat Membru ospitanti li jirregola d-Direttiva tas-Servizzi. Tabilħaqq, l-e-Card tas-servizzi ma għandhiex tipprevjeni jew tipperikola l-kontrolli li l-awtoritajiet pubbliċi rilevanti fl-Istat Membru ospitanti jrid iwettaq fuq l-attivitajiet ekonomiċi li jsiru fuq it-territorju tiegħu. Il-proposta dwar l-e-Card tas-servizzi kif ippreżentata mill-Kummissjoni tkun tippermetti lill-fornituri tas-servizzi biex jittrattaw esklussivament mal-Istat Membru ta' oriġini bħala intermedjarju u jiġi armonizzat l-iskambju ta' data abbażi tal-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini.

12. jistaqsi dwar l-impatt tal-proposta ta' e-Card Ewropea tas-servizzi fuq il-karti tal-identità soċjali settorjali li diġà qed jiġu implimentati fuq l-inizjattiva tal-awtoritajiet pubbliċi kompetenti fl-Istati Membri jew tal-imsieħba soċjali;
13. jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-proposta ma tispjefikax liema huma l-kriterji li l-Istat Membru ta' oriġini għandu jivvaluta sabiex jiddetermina li fornitur tas-servizzi huwa stabbilit legalment fit-territorju tiegħu filwaqt li d-Direttiva 2014/67/UE tinkludi elementi fattwali sabiex tiddetermina jekk impriża ġenwinament twettaqx attivitajiet sostanzjali fl-Istat Membru inkwistjoni;
14. ifakkar f'dan il-kuntest li l-ħruġ tal-formoli portabbli A1 b'rabta mal-istazzjonar tal-ħaddiema diġà xeħet dawl fuq ostakli potenzjali, marbuta ma' dipendenza esklużiva fuq l-Istat Membru ta' oriġini għall-validazzjoni tad-data dwar il-fornituri tas-servizzi li jidħlu, b'mod speċjali fil-każ ta' ħaddiema indipendenti foloz/fittizji. F'dan ir-rigward, il-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-proposta li temenda d-Direttiva 96/71/KE dwar l-istazzjonar ta' ħaddiema tiddikjara li: "Il-preċiżjoni tal-informazzjoni inkluża fid-dokumenti PD A1 ma tistax tiġi garantita minħabba fin-nuqqas ta' kontrolli formali mill-awtoritajiet fil-pajjiżi li jibgħatu, fost affarijiet oħra." ⁽¹⁾
15. jinnota li xi karatteristiċi tal-e-card tas-servizzi bħal pereżempju l-prinċipju "ta' darba biss" għas-sottomissjoni ta' informazzjoni, il-perjodu ta' validità indefinit tagħha, l-obbligu għall-Istati Membri biex jużaw l-informazzjoni li tinsab fl-e-card tas-servizzi mingħajr il-possibbiltà li tintalab prova tal-validità tal-informazzjoni pprovduta fi stadju aktar tard, u kif ukoll peress li proċeduri għal revoka restrittivi li jistgħu jirrikjedu deċiżjoni finali mill-qrati, jistgħu jxekklu l-kontroll tal-konformità mal-liġijiet nazzjonali u l-infurzar tad-drittijiet tal-ħaddiema u d-drittijiet tal-konsumaturi.
16. jinnota li l-e-Card Ewropea tas-servizzi għandha tinkludi l-informazzjoni dwar il-kopertura tal-assigurazzjoni. Madankollu, il-validità mingħajr limiti ta' żmien tal-card timplika li ser ikun meħtieġ li l-informazzjoni tiġi komunikata darba biss, u dan jirriskja li jipperikola l-effettività tal-ispezzjonijiet u tal-kontrolli fl-Istati Membri ospitanti.
17. jenfasizza l-fatt li l-e-Card tas-servizzi tkun disponibbli kemm għall-fornituri ta' servizzi li jipprovdu servizzi transkonfinali fuq bażi temporanja kif ukoll għal dawk li jipprovdu servizzi billi jistabbilixxu fergħa, aġenzija jew uffiċċju fi Stat Membru ieħor;
18. iqis li huwa importanti li, waqt li huwa obligatorju għall-Istati Membri li jaġhmluha disponibbli, l-e-Card hija volontarja għall-fornituri ta' servizzi, kemm jekk huma individwi li jaħdmu għal rashom, kif ukoll jekk huma kumpaniji;
19. jindika li, bħala strument volontarju, l-użu tal-e-Card tas-servizzi ser jiddependi fuq kemm turi li għgib valur miżjud għall-fornituri tas-servizzi kif ukoll fuq l-isforzi tal-komunità tan-negozju u tal-awtoritajiet rilevanti fl-Istati Membri, inklużi dawk fil-livell reġjonali u lokali, sabiex jippromovu kemm jista' jkun l-għarfien dwar l-e-Card u l-benefiċċji tagħha;
20. huwa kritiku tal-approvazzjoni taċita fil-każ li ma jkun hemm l-ebda tweġiba mill-awtorità tal-Istat Membru ospitanti għal applikazzjoni minn fornitur tas-servizzi għal e-Card fil-perjodi ta' żmien stabbiliti; awtorizzazzjoni ta' approvazzjoni korrispondenti għandha titħassar mingħajr sostituzzjoni jew għallinqas b'perjodi xierqa ta' eżami u ta' proċessar;
21. jiddispaċiħ li aspetti importanti tal-e-Card tas-servizzi, inklużi d-dettalji tal-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fil-formola standard ta' applikazzjoni u d-dokumenti li għandhom jiġu inklużi fl-applikazzjoni bħala evidenza, mhumiex inklużi fl-abbozz ta' leġislazzjoni, iżda huma intiżi li jiġu speċifikati mill-Kummissjoni b'atti delegati; jiġbed l-attenzjoni lejn il-fatt li dan jista' jeskludi lill-awtoritajiet reġjonali u lokali milli jgħidu l-fehma tagħhom dwar dawn il-kwistjonijiet importanti; jitlob li l-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni jirċievi d-dokumenti kollha relatati ma' dawn l-atti delegati fl-istess ħin li jirċievuhom l-esperti tal-Istati Membri, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill u jkollu aċċess għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jitrattaw it-tnejja tal-atti delegati rilevanti sabiex ikun jista' jressaq kwalunkwe kummenti neċessarji fi żmien xieraq;
22. jinnota li l-kamp ta' applikazzjoni tal-e-Card huwa limitat fl-ewwel stadju għas-servizzi tan-negozju u għas-servizzi tal-kostruzzjoni, setturi li huma ta' importanza ekonomika partikolari iżda li t-tnejn għandhom kummerċ u investimenti transkonfinali limitati u tkabbir baxx tal-produttività, u li għalhekk jisgħu jibbenefikaw minn żieda fil-kompetizzjoni transkonfinali;

⁽¹⁾ SWD(2016) 52 p. 8.

23. jenfasizza li l-funzjonament tajjeb tas-sistema tal-e-Card tas-servizzi ser jistrieħ fuq il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern, li tinkludi l-awtoritajiet lokali u reġjonali, u dan jirrikjedi aktar użu tal-pjattaforma mill-awtoritajiet pubbliċi u aktar investment fl-iżvilupp tagħha; waqt li jitqies ukoll li l-implimentazzjoni ta' elementi importanti oħra tal-pakkett tas-servizzi, b'mod partikolari l-proċedura ta' notifika, ser tiddependi mill-effikaċja tiegħu, jistieden lill-Kummissjoni biex tressaq pjan ta' azzjoni għall-adattament tal-pjattaforma biex jiġu appoġġjati l-proċeduri meħtieġa;

24. għaldaqstant jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li s-sistema li tipproċessa l-kards elettroniċi tas-servizzi tkun tikkonforma mas-sistemi eżistenti tal-ipproċessar elettroniku fl-Istati Membri u tkun iffaċilitata l-interoperabilità magħhom..

25. jappella lill-Kummissjoni Ewropea tkompli testendi l-ambitu tal-e-Card tas-servizzi, sabiex fil-ġejjieni tkun disponibbli għal varjetà wiesgħa ta' setturi, inklużi l-intrapriżi mikro u żgħar u kumpaniji innovattivi u b'rata għolja ta' tkabbir;

26. jappoġġja l-kunċett li l-fornituri tas-servizzi jintalbu jħallsu tariffa sabiex tinħarġilhom e-Card tas-servizzi abbażi li l-livelli tat-tariffa ma jkunux għoljin b'mod sproporzjonat; jirrakkomanda li l-Kummissjoni tissorvelja mill-qrib u tirrapporta dwar il-livelli tat-tariffi li jiġu ċċarġjati mill-Istati Membri minħabba li dawn jistgħu jkunu fattur determinanti importanti tal-użu tal-e-Card bħala strument volontarju;

27. iqis li karatteristika qawwija tal-e-Card tas-servizzi mill-perspettiva tal-fornituri tas-servizzi hija d-dispożizzjoni fejn l-awtoritajiet fl-Istati Membri m'għandhomx jirrikjedu li detentur tal-e-Card jipprovdi kwalunkwe informazzjoni li diġà tkun tinsab fl-e-Card, inkluż għall-għoti ta' kuntratt pubbliku, kompetizzjoni dwar id-disinn jew konċessjoni, ħolqien ta' sussidjarji jew reġistrazzjoni ta' ferġhat taħt il-liġi tal-kumpaniji jew reġistrazzjoni ma' skemi ta' assigurazzjoni soċjali obligatorja, peress li dan ser inaqqas l-ispejjeż amministrattivi ta' konformità tal-fornituri tas-servizzi b'mod ġenerali, u b'hekk il-Card tkun attraenti għalihom u tħeġġeġ l-użu tagħha;

28. jenfasizza li dan jista' jkollu implikazzjonijiet prattiċi għall-proċeduri organizzattivi u elettroniċi, eż. dawk għall-akkwist pubbliku fl-awtoritajiet reġjonali u lokali, u jista' jkun hemm bżonn perjodi transitorji biex jippermettu li s-sistemi jiġu adattati bla xkiel sabiex jilhq u r-ekwiżiti l-ġodda;

29. jappoġġja d-dispożizzjonijiet biex tiġi ffaċilitata l-konformità mal-formalitajiet amministrattivi relatati mal-istazzjonar tal-persunal u dawk li jiffaċilitaw il-kopertura ta' assigurazzjoni għal servizzi pprovduti minn naħa għal oħra tal-fruntieri hekk kif dawn ser iżidu l-attraenza tal-e-Card għall-fornituri tas-servizzi u jħeġġu l-użu tagħha;

30. jenfasizza li l-leġislazzjoni, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar is-Servizzi, ma taffettwax id-definizzjoni jew l-organizzazzjoni tas-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali u ma tapplikax għal servizzi mhux ekonomiċi ta' interess ġenerali, servizzi li huma spiss ipprovduti fil-livell lokali u reġjonali, u ma taffettwax il-liġi tax-xogħol jew il-kundizzjonijiet tal-impjiegi;

31. jistieden lill-Kummissjoni biex tintroduċi sistemi ta' monitoraġġ effiċjenti tal-e-Card tas-servizzi sabiex jiġi evitat li jkun hemm kompetizzjoni iġusta u frodi. L-infurzar strett ta' dawn il-verifiki, li mhumiex ibbażati biss fuq sempliċi monitoraġġ tad-data elettronika, inaqqas il-possibilità tad-dumping soċjali u r-rikors għal xogħol mhux iddikjarat;

32. huwa dubjuż jekk jinkisbx il-bilanċ ġust bejn il-benefiċċji assoċjati mal-introduzzjoni ta' e-Card tas-servizzi għall-fornituri tas-servizz u l-piż amministrattiv b'riżultat tagħha għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, inklużi dawk fil-livelli reġjonali u lokali. Dan huwa wkoll minħabba l-fatt li diġà hemm punt uniku ta' kuntatt fl-Istati Membri kollha għal kwalunkwe mistoqsija u problema dwar il-forniment transkonfinali tas-servizzi, u l-awtoritajiet tal-Istati Membri jistgħu jiskambjaw informazzjoni permezz tal-IMI. Jiddispijaċih, barra minn hekk, li l-proposta ma tispeċifikax b'mod ċar liema obbligi amministrattivi fuq il-fornituri tas-servizzi ser isiru superfluwi għad-detenturi ta' e-Card. F'dan l-isfond, il-KESE jemmen li l-e-Card tas-servizzi hija problematika mil-lat tal-prinċipju tal-proporzjonalità.

Proċedura ta' notifika għal notifika mtejba tal-abbozz ta' liġijiet nazzjonali dwar is-servizzi

33. jappoġġja l-prinċipji li r-regoli nazzjonali li jillimitaw il-libertà tal-istabbiliment u l-libertà tal-forniment ta' servizzi għandhom ikunu nondiskriminatorji fir-rigward tan-nazzjonalità jew ir-residenza, proporzjonati u ġustifikati minn raġunijiet aktar importanti relatati mal-interess pubbliku;
34. jappoġġja l-passi li għandhom l-għan li titjeb il-proċedura ta' notifika għas-servizzi hekk kif l-esperjenza bl-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi tindika li l-proċedura eżistenti hija ineffettiva peress li l-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligu ta' notifika mhuwiex ċar, u għalhekk hija indirizzata b'mod differenti mill-Istati Membri, u l-partijiet interessati ma għandhomx aċċess għan-notifiki;
35. iqis li kwalunkwe riforma għandha tirrispetta d-dritt tal-Istati Membri li jirregolaw is-servizzi fit-territorju tagħhom, soġġett għal konformità mal-prinċipji stabbiliti fid-Direttiva dwar is-Servizzi;
36. jinnota li l-problemi identifikati mill-Kummissjoni Ewropea, bħal pereżempju n-nuqqas ta' notifika tal-miżuri kollha, jistgħu jiġu evitati anke permezz tat-titjeb tas-sistema attwali ta' notifika taħt id-Direttiva dwar is-Servizzi. Il-valur miżjud tal-proċedura ta' notifika l-ġdida li timponi aktar restrizzjonijiet fuq il-leġislatur nazzjonali, inkluż fil-livell reġjonali u lokali, u li hija aktar ikkumplikata biex tiġi implimentata, għandu jiġi dubitat fid-dawl tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità;
37. jilqa' l-kjarifika dwar il-miżuri speċifiċi li l-Istati Membri huma obbligati li jinnotifikaw u l-informazzjoni li huma jridu jissottomettu f'dan ir-rigward;
38. jappoġġja iktar trasparenza iżda jaħseb li għandha ssir referenza iżjed espliċita għall-opportunitajiet speċifiċi li l-partijiet interessati jingħataw sabiex jikkontribwixxu kummenti matul il-perjodu ta' konsultazzjoni;
39. jitlob li atti leġislattivi b'rabtiet lokali biss ikunu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva;
40. huwa tal-fehma li l-konsultazzjoni m'għandhiex tfixkel lill-Istati Membri fl-adozzjoni tal-miżuri inkwistjoni;
41. huwa tal-fehma li t-twissija tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 6(1) għandha tistabbilixxi fid-dettall ir-raġunijiet għaliex tqis li l-abbozz tal-miżura inkwistjoni huwa inkompatibbli mad-Direttiva dwar is-Servizzi u kwalunkwe suġġeriment li jista' jkollha għal bidliet għall-abbozz ta' miżura li għandhom jegħlbu t-tħassib tagħha; jissuġġerixxi li l-abbozz ta' direttiva jkun emendat biex jipprovdi għal dan;
42. iqis li, wara li tinħareġ twissija, il-Kummissjoni għandha tkun meħtieġa tidħol fi djalogu mal-korpi kompetenti rilevanti, inkluż fil-livell reġjonali u lokali;
43. huwa mħasseb li d-Deċiżjoni proposta taħt l-Artikolu 7 tillimita bla bżonn il-libertà tal-leġislaturi fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali; iqis li din għandha tkun pjuttost Rakkomandazzjoni mhux vinkolanti li ma tipprevenix lil-leġislaturi nazzjonali u reġjonali milli jikkompletaw il-proċess leġislativ waqt li titqies ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni; jinnota li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tikkontesta l-legalità ta' leġislazzjoni fis-seħħ fil-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja u dan jirrappreżenta sanzjoni potenzjal importanti li l-leġislaturi nazzjonali u reġjonali, li jkunu rċevew notifika ta' twissija/Rakkomandazzjoni mingħand il-Kummissjoni fir-rigward l-inkompatibbiltà, ċertament iqisu;
44. iqis li l-kjarifiki li l-abbozz ta' direttiva jipprevedi fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri li għandhom jiġu notifikati u l-informazzjoni li għandha tiġi ppreżentata, flimkien ma' konsultazzjoni mtejba, mekkaniżmu ta' twissija u l-provvediment għal Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni rigward l-inkompatibbiltà, għandhom ikunu biżżejjed biex jipprovdu proċedura ta' notifika mtejba li hija effettiva fil-waqt li jiġu rrispettati l-prerogattivi tal-leġislaturi nazzjonali u reġjonali;
45. jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tħejji l-istimi ta' żieda annwali fl-għadd ta' notifikati li tistenna li tirċievi bħala riżultat tal-proċedura ta' notifika ġdida sabiex, jekk ikun meħtieġ, tkun tista' tippjana li jkollha l-kapaċità li twieġeb b'mod effettiv għall-volumi mistennija fil-perjodi taż-żmien previsti fl-abbozz ta' leġislazzjoni;

Test tal-proporzjonalità (valutazzjoni tal-proporzjonalità tar-regoli nazzjonali dwar is-servizzi professjonali)

46. jenfasizza li s-servizzi professjonali huma ekonomikament importanti ħafna, li jammontaw għal 22 % tal-persuni impjegati fl-UE kollha, jew 47 miljun impjeg;

47. jenfasizza li r-regolazzjoni tas-servizzi professjonali tibqa' prerogattiva tal-Istati Membri u li din hija kwistjoni għall-Istati Membri, jekk hux fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali, li jiddeċiedu jekk u kif għandhom jirregolaw professjoni fi ħdan il-limiti tal-prinċipji tan-nondiskriminazzjoni u tal-proporzjonalità;

48. jinnota li r-regolamentazzjoni tas-servizzi professjonali tista' tkun fil-forma ta' regolament tal-Istat jew awtoregolamentazzjoni mill-korpi professjonali u li, f'ħafna każijiet, ir-regolazzjoni hija mwettqa fil-livelli reġjonali u lokali fl-Istati Membri, u li dan iwassal għal xenarju kumpless u mifrux ħafna fejn l-Istati Membri jridu jissodisfaw l-obbligi tagħhom li jiżguraw valutazzjoni tal-proporzjonalità, inkluż f'dak li jikkonċerna l-involviment tal-partijiet kollha interessati li huma involuti direttament;

49. jirrikonoxxi li hemm skrutinju irregolari tar-regolamentazzjoni tal-professjonijiet madwar l-UE u li dan għandu impatt negattiv fuq il-forniment ta' servizzi u l-mobilità tal-professjonisti; jirrikonoxxi li huwa mixtieq li jiġi żgurat qafas legali aktar koerenti fil-livell tal-UE sabiex tiġi vvalutata l-proporzjonalità ta' rekwiżiti ġodda jew emendati dwar l-aċċess għal jew l-eżerċitar ta' professjoni regolata, li tinkorpora l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja;

50. iqis li huwa importanti li l-proposta tħalli d-deċiżjonijiet dwar x'għandu jiġu rregolat u kif f'idejn l-Istati Membri u l-korpi kompetenti tagħhom fil-livell reġjonali u lokali iżda għandu jiġi żgurat li dawn id-deċiżjonijiet huma bbażati fuq l-evidenza u magħmula wara valutazzjoni trasparenti u oġġettiva li tiġi applikata b'mod uniformi madwar l-Istati Membri u li tqis l-għanijiet identifikati ta' interess pubbliku;

51. huwa tal-fehma li s-sett komprensiv ta' kriterji stipulati fl-Artikolu 6 għandhom ikunu kkunsidrati bħala indikattivi, peress li mhux il-kriterji kollha jistgħu jiġu applikati jew għandhom l-istess importanza f'kull każ individwali; iqis li, filwaqt li l-valutazzjonijiet tal-proporzjonalità għandhom isiru bir-reqqa, ikunu oġġettivi u bbażati fuq l-evidenza, għandhom ikunu wkoll proporzjonati, peress li l-approċċ "wieħed tajjeb għal kulħadd" jista' jkun ta' piż bla bżonn f'ħafna ċirkustanzi. Ir-rekwiżiti tal-Artikolu 6 huma eċċessivi mil-lat tal-kamp ta' applikazzjoni u l-kumplessità tagħhom;

52. jilqa' b'sodisfazzjon id-dispożizzjonijiet biex tingħata opportunità lill-partijiet interessati biex jikkontribwixxu l-fehmiet tagħhom dwar id-dispożizzjonijiet leġislattivi, regolatorji jew amministrattivi ġodda li jillimitaw l-aċċess għal jew l-eżerċitar ta' professjonijiet regolati u jqis li t-trasparenza u l-involviment tal-partijiet interessati kollha huma vitali biex tiġi żgurata regolamentazzjoni xierqa;

53. jirrimarka li r-regoli l-ġodda dwar il-proporzjonalità, li jinvolvu l-monitoraġġ ta' dispożizzjonijiet legali, regolatorji u amministrattivi fuq bażi regolari u t-twettiq ta' testijiet tal-proporzjonalità bir-reqqa, oġġettivi u bbażati fuq l-evidenza, inkluż permezz tal-involviment ta' bordijiet indipendenti ta' skrutinju u b'involviment akbar tal-partijiet interessati, ser iżidu x-xogħol u l-ispejjeż tal-awtoritajiet tal-Istati Membri, anke fil-livell reġjonali u lokali. Dan japplika b'mod partikolari għall-Artikolu 4, li skontu mhux biss l-introduzzjoni ta' dispożizzjonijiet ġodda fir-regolamentazzjoni tal-professjonijiet, iżda wkoll l-emendi għad-dispożizzjonijiet eżistenti, ikollhom jiġu evalwati mil-lat tal-proporzjonalità tagħhom, li huwa rekwiżit li jista' jkun ikkunsidrat eċċessiv;

Gwida lejn ir-riforma u t-tnaqqis tal-għadd ta' professjonijiet regolati

54. jinnota l-isforzi tal-Kummissjoni biex tiżgura li r-regolazzjoni tal-professjonijiet hija adatta għall-iskop billi l-Istati Membri jitħeġġu jirrevedu jekk ir-rekwiżiti professjonali tagħhom humiex meħtieġa biex jiġu sodisfati l-għanijiet nazzjonali tal-politika pubblika;

55. jilqa' b'sodisfazzjon il-gwida għar-riformi nazzjonali fir-regolamentazzjoni dwar il-professjonijiet, li potenzjalment tista' tkun utli ħafna biex l-Istati Membri jiġu megħjuna jadattaw l-oqfsa regolatorji tagħhom għall-professjonijiet b'potenzjal għoli ta' tkabbir u impjeg, inklużi l-periti, l-avukati, il-kontabilisti, l-aġenti tal-brevetti, l-aġenti tal-proprjetà immobbli u l-gwidi turistiċi;

56. jinnota li l-gwida hija maħsuba biex tikkomplementa l-evalwazzjonijiet tas-Semestru Ewropew u iqis li jista' jkun hemm mertu fl-integrazzjoni tagħha fil-proċess tas-Semestru Ewropew;

Il-kwistjonijiet tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità

57. jikkunsidra li l-aspetti tal-proposti fil-pakkett tas-servizzi jqajmu kwistjonijiet importanti rigward is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità ⁽²⁾; jiġbed l-attenzjoni lejn il-fatt li diversi parlamenti nazzjonali u reġjonali ħarġu opinjonijiet motivati li jindikaw il-kwistjonijiet tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, inkluż tħassib dwar l-interferenza potenzjali fi proċeduri leġislattivi nazzjonali;

Implikazzjonijiet fuq il-piż amministrattiv u l-kapaċità amministrattiva

58. jinsab imħasseb li l-proposti għall-e-Card tas-servizzi, il-proċedura ta' notifika u t-test tal-proporzjonalità ser jimponu piżijiet amministrattivi addizzjonali fuq l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri, inklużi l-awtoritajiet reġjonali u lokali, b'konsegwenza fuq il-kapaċità amministrattiva u l-implikazzjonijiet baġitarji.

Brussell, il-11 ta' Ottubru 2017.

Il-President
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni
Karl-Heinz LAMBERTZ

⁽²⁾ Bosta parlamenti nazzjonali u reġjonali indikaw li l-miżuri proposti fid-direttivi li jikkonċernaw il-proċedura ta' notifika u t-test ta' proporzjonalità jmorru lil hinn minn dak li tippermetti l-bażi legali magħżula. Bosta parlamenti nazzjonali u reġjonali ħarġu opinjonijiet motivati li jindikaw kwistjonijiet tas-sussidjarjeta fir-rigward tal-proċedura ta' notifika, peress li l-Kummissjoni u Stati Membri oħra jistgħu potenzjalment jinterferixxu fil-proċeduri leġislattivi nazzjonali; it-test tal-proporzjonalità peress li l-miżuri proposti jmorru lil hinn mill-bażi legali indikata, jinterferixxu fil-kompetenza tal-Istati Membri u mhumiex meħtieġ; u l-e-Card tas-servizzi, peress li l-introduzzjoni tagħha fil-forma proposta ma tiġġenerax biżżejjed valur miżjud. Fir-rigward tal-proporzjonalità, diversi parlamenti nazzjonali u reġjonali jqisu li m'hemmx bżonn ta' direttiva dwar test tal-proporzjonalità u rakkomondazzjonijiet anqas riġorużi jkunu aktar xierqa, li l-katalgu ta' kriterji huwa eċċessiv u li l-proposta ma tagħtix biżżejjed lok għal deċiżjonijiet nazzjonali biex jinkisbu l-għanijiet maħsuba. Fir-rigward tal-e-Card tas-servizzi, il-parlamenti jqisu li x-xogħol amministrattiv sabiex tiġi żgurata konformità ma' proċedura kumplessa x'aktarx ser jiżdied b'mod konsiderevoli u li l-iskadenzi stretti huma sproporzjonati; li r-regoli proposti jwasslu sabiex jiġi introdott prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini; li l-e-Cards tas-servizzi jistgħu jinħarġu mingħajr ma jitwettqu kontrolli, fid-dawl tal-limiti qosra ta' żmien għall-valutazzjonijiet; u li l-proposti jmorru lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu l-għanijiet maħsuba.

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT